**QORTI KRIMINALI**

**ONOR. IMHALLEF EDWINA GRIMA LL.D.**

**Att ta' Akkuza Nru. 07/2019**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**George Degiorgio**

**Alfred Degiorgio**

**Vincent Muscat**

**Illum, 30 ta' Ottubru 2020**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 07 tas-sena 2019 kontra l-akkuzati George Degiorgio, Alfred Degiorgio u Vincent Muscat li bih huma gew akkuzati mill-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta:

> **Fl-Ewwel Kap talli fis-16 ta' Ottubru 2017 f'dawn il-Gzejjer u senjatament fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, ghal habta tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar (15:00hrs) dolozament, bil-hsieb li joqtlu lil**

**Daphne Caruana Galizia jew li jqieghdu l-hajja taghha f'periklu car, ikkagunawlha l-mewt;**
**U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, l-akkuzati George Degiorgio, Alfred Degiorgio u Vincent Muscat kienu nstabu hatja precedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Generali addebita lill-istess akkuzati bir-recidiva.**

**Fit-Tieni Kap talli fis-16 ta' Ottubru 2017, f'dawn il-gzejjer u senjatament fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs), dolozament b'sustanza esplosiva, ghamlu esplozjoni li setghet tqieghed f'perikolu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara lil hwejjeg haddiehor, b'dana illi effettivament persuna (is-sinjura Daphne Caruana Galizia) tilfet hajjitha.**
**U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, l-akkuzati George Degiorgio, Alfred Degiorgio u Vincent Muscat kienu nstabu hatja precedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Generali addebita lill-istess akkuzati bir-recidiva.**

**Fit-Tielet Kap talli nhar is-16 ta' Ottubru 2017 u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, ghamlu jew xjentement zammew jew kellhom ghandhom jew taht il-kontroll taghhom xi sustanza esplosiva, taht dawk ic-cirkostanzi illi jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb illi huma ghamluha, zammewha, jew kienet ghandhom ghal hsieb mhux lecitu.**
**U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, l-akkuzati George Degiorgio, Alfred Degiorgio u Vincent Muscat kienu nstabu hatja precedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Generali addebita lill-istess akkuzati bir-recidiva.**

**Fir-Raba Kap talli nhar is-16 ta' Ottubru 2017 u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel, f'Malta assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hem mil-piena ta' prigunerija.**
**U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, l-akkuzati George Degiorgio, Alfred Degiorgio u Vincent Muscat kienu nstabu hatja**

**precedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Generali addebita lill-istess akkuzati bir-recidiva.**

**Fil-Hames Kap talli nhar is-16 ta' Ottubru 2017, u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw, jew iffinanzjaw ghaqda bil-hsieb li jitwettqu reati kriminali soggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew aktar.**
**U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, l-akkuzati George Degiorgio, Alfred Degiorgio u Vincent Muscat kienu nstabu hatja precedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Generali addebita lill-istess akkuzati bir-recidiva.**

**Fis-Sitt Kap talli nhar is-16 ta' Ottubru 2017 u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel waqt li kienu jafu jew kellhom kawza ragjonevoli li jissusspettaw dwar l-ghan jew l-attivita' b'mod generali ta' ghaqda stabbilita bil-hsieb li jitwettqu reati kriminali soggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew aktar, ippartecipaw b'mod attiv fl-attvitajiet kriminali tal-ghaqda, inkluz izda mhux limitati ghall-ghoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutagg ta' membri godda.**
**U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, l-akkuzati George Degiorgio, Alfred Degiorgio u Vincent Muscat kienu nstabu hatja precedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Generali addebita lill-istess akkuzati bir-recidiva.**

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-akkuzati Alfred Degiorgio, George Degiorgio u Vincent Muscat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni limitatament sabiex tindaga dwar l-eccezzjonijiet li jridu jigu decizi.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-Avukat Generali fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzati jintentaw diversi eccezzjonijiet kollha diretti biex jattakkaw l-atti kumpilatorji, ix-xiehda u dokumenti hemmhekk imressqa, kif ukoll biex jattakkaw l-Att ta'l-Akkuza pprezentata mill-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta.

Illi l-Qorti ser tibda biex titratta l-eccezzjoniiet imqanqla mill-akkuzati ahwa Degiorgio flimkien billi dawn huma identici ghat-tnejn li huma.

**ECCEZZJONIJIET TA'L-AKKUZATI ALFRED U GEORGE DEGIORGIO:**

1. **In-nullita' ta'l-atti tal-kumpilazzjoni u konsegwentement in-nullita' tal-Att ta'l-Akkuza mahruga mill-Avukat Generali msejsa fuq l-atti kumpilatorji, ghar-raguni illi l-assenjazzjoni maghmula minn Magistrat ghal iehor fl-istadju inizjali tal-kumpilazzjoni ma saritx skont il-ligi billi l-artikolu tal-ligi li gie iccitat fl-ordni ta'l-assenjazzjoni bhala l-artikolu 11(9) tal-Kap.12 mhuwiex applikabbli ghal kaz. (Eccezzjonijiet numri 1 sa 3)**

Illi l-ewwel tlett eccezzjonijiet imressqa mill-akkuzati Degiorgio se jigu trattati flimkien billi jikkoncernaw l-istess mertu u cioe' in-nullita ta'l-atti kumpilatorji u konsegwenzjalment tal-Att ta'l-Akkuza ghaliex l-assenjazzjoni tad-doveri fl-istadju inizjali tal-kumpilazzjoni minn Magistrat ghal iehor, fiz-zewg istanzi fejn kien hemm ir-rikuza tal-gudikant sedenti, saret abbazi ta' disposizzjoni tal-ligi zbaljata.

Illi minn ezami tal-atti kumpilatorji jirrizulta illi l-istadju inizjali tal-kumpilazzjoni fil-konfront tat-tlett akkuzati ra r-rikuza ta' zewg magistrati li kellhom jippresjedu l-Qorti Istruttorja. Jidher illi wara l-prezentata bl-arrest tat-tlett akkuzati l-kawza giet assenjata bil-polza lil Magistrat Donatella Frendo Dimech. Gara izda li l-imsemmija Magistrat issenjalat lil partijiet li hija kellha konoxxenza ma' xi familjari tal-vittma u allura d-difensuri tal-akkuzati tallbu r-rikuza taghha, liema talba giet milqugha permezz ta' digriet datat 14 ta' Dicembru 2017[1].

Illi abbazi tal-poteri moghtija lilu bil-ligi, l-Agent Prim'Imhallef ghogbu jassenja l-kaz lil magistrat iehor, u cioe' lil Magistrat Charmaine Galea. Din l-assenjazzjoni saret fit-termini ta'l-artikolu 11(9) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta rez applikabbli ghal proceduri penali permezz ta'l-artikolu 520(1)(a) tal-Kodici Kriminali[2]. Gara izda illi anke fil-kaz ta' din il-gudikant kien hemm astenzjoni ohra b'digriet datat 18 ta' Dicembru 2017[3], biex b'hekk l-atti regghu gew trasmessi lill-Ufficju tal-Prim'Imhallef sabiex issir l-assenjazzjoni mill-gdid. Din l-assenjazzjoni saret ukoll fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-ligi surriferiti u finalment l-kawza bdiet tinstema mill-Qorti Istruttorja ippresjeduta mill-Magistrat Claire Stafrace Zammit[4].

Illi l-artikolu 11(9) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, disposizzjoni indikata fl-Ordni ta'l-Assenjazzjoni, jiddisponi testwalment illi:

> **"Meta tinqala' tilwima dwar jekk kawża jew att ġudizzjarju ieħor għandhom jiġu assenjati lil imħallef jew lil imħallef ieħor li jippresjedi fl-istess qorti jew fl-istess awla jew sezzjoni tal-qorti, jew meta tinqala' tilwima dwar liema awla jew sezzjoni ta' qorti**

[1] Digriet a fol.36 Volum 1 tal-atti kumpilatorji
[2] Ordni a fol.40 Volum 1 tal-atti kumpilatorji
[3] Digriet a fol. 46 Volum 1 tal-atti kumpilatorji
[4] Ordni fol.48 Volum 1 tal-atti kumpilatorji

**għandhom jittrattaw kawża partikolari jew att ġudizzjarju partikolari, il-kwistjoni għandha tintbagħat lill-Prim Imħallef li għandu, in camera, jiddeċiedi lil liema imħallef jew awla jew sezzjoni l-kawża jew l-att ġudizzjarju għandhom jiġu assenjati."**

Illi l-akkuzati Degiorgio jargumentaw illi kellu japplika ghal dan il-kaz s-sub-inciz (4) tal-artikolu 11 u mhux dak indikat fl-Ordni ta'l-Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef, liema disposizzjoni tal-ligi titratta s-sitwazzjoni fejn ikun hemm ir-rikuza jew l-astensjoni tal-gudikant li jkun qed jippresjedi l-kaz. Jargumentaw illi gjaldarba jirrizulta dan id-difett fl-assenjazzjoni tal-kawza, konsegwenzjalment l-atti kollha huma nulli kif inhi nulla ukoll allura l-Att ta'l-Akkuza li nharget abbazi ta' dawk l-atti.

Illi min naha tieghu, l-Avukat Generali, ghalkemm jikkoncedi illi fil-fatt kellu jigi indikat is-sub-inciz (4) u mhux (9) kif affermat mill-akkuzati, madanakollu huwa tal-fehma illi dan ma jwassalx ghan-nullita ta'l-atti kumpilatorji billi l-poter tal-Prim'Imhallef fl-assenjazzjoni tax-xoghol bejn il-membri tal-gudikatura hija kwistjoni purament amministrattiva u mhux funzjoni gudizzjarja u kwindi tali nuqqas fl-Ordni tal-Assenjazzjoni ma ggib maghha ebda nullita'.

Illi l-artikolu 11 tal-Kodici ta'l-Organizazzjoni u Procedura Civili gie sostitwit permezz ta'l-Att VII tal-2007 bil-ghan illi l-Prim'Imhallef jigi moghni b'poteri amministrattivi fejn allura gie moghti s-setgha jaghmel l-assenjazzjonijiet ta' xoghol lil membri tal-gudikatura u dan wara li ssir is-surroga mill-President ta' Malta dwar f'liema Qorti ser ipoggi l-gudikant.

Il-hsieb tal-legislatur huwa hekk imfisser:

**"Pass ieħor li qegħdin nagħmlu huwa dak li għandu x'jaqsam ma' tibdiliet fil-poteri, - jekk wieħed jista' jseħilhom poteri - tal-prim**

**imħallef. Hawnhekk qegħdin nagħmlu diversi pinzellati importanti li permezz tagħhom il-prim imħallef se jkollu ftit iktar liberta` għal kif jassenja ċertu xogħol intern fil-qorti. Kienet saret emenda f'din il-Kamra li fiha għedna li l-assenjazzjoni ta' x'jagħmel kull imħallef u kull maġistrat huma f'idejn il-prim imħallef, imbagħad il-prim imħallef iqassam ix-xogħol hu …**

**L-idea hija li l-prim imħallef, li huwa kkonsidrat bħala *primus inter pares* - ovvjament mhux fl-eżekuttiv bħalma hu l-prim ministru pero` fil-ġudikatura - jingħatawlu diversi drittijiet ta' kif jassenja aħjar ix-xogħol. Per eżempju meta ġudikant ma jkunx jista' jagħmel rikors, minflok il-prim imħallef joqgħod imur għand il-ministru biex japprova t-tibdil tal-ġudikant, jaqbad u jagħmel l-assenjazzjoni mill-ewwel. Jekk iqumu diffikultajiet fuq jekk rikors għandux imur għand ġudikant A jew għand ġudikant B ikun il-prim imħallef li jiddeċiedi[5]. "**

L-ghan tal-legislatur allura wara l-introduzzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-ligi kienet intiza sabiex il-Prim'Imhallef jinghata poteri amministrattivi fi hdan l-amministrazzjoni tal-gustizzja apparti ir-rwol tieghu ta' rapprezentant tal-organu gudizzjarju fejn huwa jippresjedi l-oghla qrati tal-pajjiz u cioe' il-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti ta'l-Appell. Il-Prim'Imhallef allura gie moghti l-poter jassenja l-kawzi bejn imhallfin u sezzjonijiet, fl-istess qorti u dan wara li il-President tar-Repubblika jkun issurroga l-imhallef jew il-magistrat f'liema qorti huwa/hija ghandu/ha jaqdi/taqdi d-doveri tieghu/taghha.

**"Ix-xogħol ġudizzjarju li qabel kien jiddeċidih il-ministru wara l-parir tal-prim imħallef, hawnhekk qegħdin ngħidu li jaqbad u jiddeċidih il-prim imħallef. Din hija miżura li biha qed tattakka l-indipendenza tal-ġudikatura? Anzi, qiegħda tissoda l-indipendenza tal-ġudikatura, qed tagħti aktar saħħa lill-ġudikatura biex ikun hemm inqas ċirkostanzi fejn il-ministru tal-ġustizzja jintervjeni fuq is-surrogi, jagħmel il-firma. Issa aħna se noqogħdu naraw x'inhi u x'mhix din il-kawża. Aħna noqogħdu fuq il-parir li jagħti l-prim imħallef. Allura d-deċiżjonijiet dwar**

[5]Onor. Carm Mifsud Bonnici – seduta parlamentari numru 438 tas-16/10/2006 it-tieni qari tal-abbozz

**liema tipi ta' rikorsi jsiru jew liema ġudikant jieħu ħsieb xiex, dak mhux f'idejn il-prim imħallef?"**

Illi gjaldarba allura l-assenjazzjoni tad-doveri saret bis-sahha tas-setghat moghtija lil Prim'Imhallef permezz ta'l-artikolu 11 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili din saret skont il-ligi u bil-fatt wahdu li l-Ordni jindika is-sub-inciz (9) minflok s-sub-inciz (4) ma jirrendiex tali ordni bhala nulla u bla effett f'ghajnejn il-ligi billi din id-disposizzjoni tal-ligi xortawahda taghti l-istess setgha lil President tal-Qorti li jiddeciedi hu min mill-gudikanti f'qorti partikolari ghandu jisma' l-kawza.

Illi bl-istess kejl allura lanqas ma jista jinghad illi l-Att ta'l-Akkuza hija nulla. Fuq kollox l-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali jiddisponi:

**"L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li, minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il-kawża ma tgħaddix ' il quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża, ħlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas għal kollox tar-rapport tal-uffiċjal tal-Pulizija jew tal-eżami tal-imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat; bla ħsara dejjem tal-jedd tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali li jopponi li jinġieb fil-kawża xi att li ma jkunx magħmul skont il-liġi, u li jkun irid jinġieb sabiex bih issir xi prova."**

Illi l-ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi ma hija ravvizata f'dan il-kaz biex b'hekk anke jekk *gratia argomenti* il-Qorti kellha tqies illi l-assenjazzjoni tad-doveri saret taht is-sub-inciz tad-disposizzjoni tal-ligi zbaljat dan ma jwassalx ghan-nullita' tal-atti kumpilatorji u konsegwentement tal-Att ta'l-Akkuza.

Illi b'analogija lanqas in-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti Istruttorja bejn dik ta' Malta u Ghawdex ma iggib maghha n-nullita' tal-Att ta'l-Akkuza u

allura wisq anqas l-allegat diffett ravvizat mill-akkuzati ma jista' iwassal ghal tali nullita'.

Illi finalment jinghad illi minn ezami li l-Qorti ghamlet tal-verbali tal-atti kumpilatorji, ma jihdirx illi f'xi stadju tal-kumpilazzjoni l-akkuzati oggezzjonaw ghal dan il-fatt jew qajjmu xi nullita' dwar il-mod kif kienet saret tali assenjazzjoni. Illi ghalkemm mill-verbal tas-seduta tad-19 ta' Dicembru 2017 jidher illi l-imputati oggezzjonaw ghal fatt illi l-gudikant li kellha tisma' l-kumpilazzjoni ma kenitx intghazlet bil-polza, izda kienet ghazla maghmula fid-diskrezzjoni tal-Prim'Imhallef, u anke tallbu li ssir referenza kostituzzjonali f'dan is-sens, kif ukoll kien hemm talba ghar-rikuza tal-gudikant sedenti Dr. Claire Stafrace Zammit, madanakollu qatt ma giet minnhom imqanqla ebda oggezzjoni ghar-raguni sollevata fil-prezenti eccezzjoni u cioe' illi l-assenjazzjoni tad-doveri saret abbazi ta' disposizzjoni tal-ligi zbaljata[6]. Illi l-imputati kollha ghazlu ghalhekk li joqghodu ghal gurisdizzjoni tal-Qorti Istruttorja kif ippresjeduta mill-Magistrat Claire Stafrace Zammit assenjata biex tisma' l-kumpilazzjoni permezz ta' Ordni li l-imputati illum qed isibu oggezzjoni ghalih. Kif tajjeb osservat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fil-kaz ta' *Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija*[7], ghalkemm "**akkuzat ghandu dritt ghal smiegh xieraq izda dan is-smiegh xieraq waqt li jipprotegi l-presunta innocenza tal-akkuzat, ghandu wkoll ikun fair mas-socjeta' li tkun giet oltraggata bid-delitt**". Illi certament ma huwiex konducenti ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja illi l-akkuzati, minflok ma gabu 'il quddiem l-oggezzjoni taghhom fi stadju opportun, hallew il-proceduri ghaddejjin bil-provi kollha jigu kkumpilati mill-Qorti Istruttorja, imbaghad ivventilaw

[6] Verbal a fol. 49 et seq. Volum 1 tal-atti kumpilatorji.
[7] Q.Kost., 22/5/91, Vol. LXXV.i.240, 263

tali oggezzjoni f'dan l-istadju inoltrat bit-tama illi ma jkunx jista' jinghata iktar rimedju.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-ewwel tlett eccezzjonijiet imressqa 'il quddiem mill-akkuzati George u Alfred Degiorgio qed jigu michuda.

**<u>2. L-isfilz ta' diversi siltiet moghtija fix-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud quddiem il-Qorti Istruttorja jew ta' xi dokumenti minnu esebieti billi l-istess xiehda u dokumenti huma inammissibbli skond il-ligi. (Eccezzjonijiet minn numru 4 sa 25 u numru 104)</u>**

Illi l-Ufficjal Investigatur u Prosekutur l-Ispettur Keith Arnaud xehed *in extenso* quddiem il-Qorti Istruttorja u dan sabiex jaghti l-*iter* li segwiet l-investigazzjoni pjuttost kumplessa minnu kondotta u minn diversi ufficjali ohra fil-Korp tal-Pulizija. Illi sabiex jaghti stampa aktar cara ta' dak li kien qed ighid fil-kors tax-xiehda tieghu, l-Ispettur Arnaud jaghmel uzu ta' diversi ritratti li juru x-xena tad-delitt u dokumenti ohra sabiex jaghti stampa ta' dak li kien qed ighid. L-akkuzati ahwa Degiorgio joggezzjonaw ghal diversi siltiet minn din ix-xhieda li l-Qorti ser titratta *serjatim* billi fil-fehma taghhom din hija inammissibbli ghar-ragunijiet moghtija fl-istess eccezzjonijiet.

Illi lmenti konsimili gew diversi drabi sollevati f'proceduri penali quddiem il-qrati taghna. Illi jibda biex jinghad illi l-akkuzati qed isibu oggezzjoni ghal xiehda li hija traskritta ta' xhud li iddepona fl-Istruttorja, dokument li solitament ma jigix imqassam lil gurati fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri, hlief li tista' ssir referenza ghal din ix-xiehda biss ghal fini ta' kontroll. Dan ghaliex l-Ufficjal Prosekutur u cioe' l-ispettur Keith Arnaud huwa mistenni li jixhed mill-gdid waqt il-guri bhal kull xhud iehor li xehed fil-kumpilazzjoni u ghalhekk huwa prematur ghall-akkuzati jilmentaw

dwar siltiet mid-deposizzjoni ta' dan ix-xhud u tax-xhieda ohra li jigu ndikati f'eccezzjonijiet ohra ghaliex hija x-xiehda li ser tinstema fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri li ghandha ikollha piz fuq id-decizjoni ahharija tal-imhallfin tal-fatt. Illi ghalhekk jinkombi fuq il-Qorti Kriminali li fl-istadju opportun tispjega lill-gurati l-piz li ghandha tinghata lix-xiehda u r-rilevanza ta'l-istess u dan skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt penali ghar-rigward tal-apprezzament tal-provi.

> **"Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l- ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużati fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skond il-liġi[8]."**

Issa meta l-Qorti tqies illi prova hija inammissibbli u ghalhekk tiskartaha, dik il-prova trid tkun tali illi tippresupponi xi disposizzjoni tal-liġi li teskludieha milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. Illi allura il-Qorti trid timxi b'cirkospezzjoni kbira sabiex tqies jekk il-prova li l-akkuzati qed ifittxu li jxejjnu tmurx kontra l-ispirtu tal-ligi li tirregola l-valur probatorju u l-ammissibbilita' taghha u mhux semplicement ghax huma jqiesuha bhala rrilevanti, kwistjoni din ta'l-ahhar li ghandha tigi rimessa biss ghal gudizzju tal-imhallfin tal-fatt u mhux lil din il-Qorti f'dan l-istadju tal-proceduri.

Illi l-Qorti terga' tigbed l-attenzjoni tal-akkuzati illi l-Ispettur Keith Arnaud huwa xhud indikat mill-Prosekuzzjoni bhala wiehed mix-xhieda li ser jiddeponu fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri. Kwindi dak kollu mistqarr

minn dan ix-xhud fil-kors tal-kumpilazzjoni ma ghandux ikollu ebda piz jekk mhux ikkonfermat mill-gdid bil-gurament quddiem il-gurija. Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti xortawahda ser tghaddi biex tikkonsidra l-ilmenti ventilati mill-akkuzati u dan sabiex anke tinghata direzzjoni lil partijiet kollha dwar il-procedura li mistennija tigi segwieta fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri u dan b'rispett u osservazzjoni skrupoluza lejn id-dritt penali fir-rigward.

Illi l-akkuzati jsibu oggezzjoni ghal diversi siltiet mix-xiehda tal-Ispettur Keith Arnaud li l-Qorti ser titratta *serjatim*, u dan fid-dawl tat-taghlim gurisprudenjzali surriferit:

**i. dik il-parti mix-xiehda tal-iSpettur Keith Arnaud moghtija waqt l-udjenza tad-19 ta' Settembru 2017 quddiem il-Qorti Istruttorja liema xiehda tinsab a fols. 167 sa 169 tal-atti processwali. (Eccezzjoni numru 4)**

Illi l-Ispettur Keith Arnaud beda jaghti d-deposizzjoni tieghu quddiem il-Qorti Istruttorja fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2017. Bhala preambolu huwa ghamel senjalazzjoni lil Qorti Istruttorja dwar xi allegat kumment li sar fil-konfront tieghu mill-akkuzat George Degiorgio fil-mument li kien diehel gewwa l-awla. Illi dik il-Qorti wissiet il-partijiet dwar l-imgieba taghhom u l-episodju waqaf hesrem.

Illi huwa pacifiku, kif anke jikkoncedi l-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu, illi din il-parti introduttorja tax-xiehda tal-Ispettur Arnaud ma ghandha ebda rilevanza ghal fatti tal-kaz u li l-Ispettur ghamel din is-senjalazzjoni sabiex jitlob il-protezzjoni tal-Qorti u ghall-ebda fini ulterjuri. Illi l-Qorti ghalhekk tidderigi lill-Ispettur Keith Arnaud sabiex fl-

[8] Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella et. App.Sup. 07/07/2015

eventwali deposizzjoni tieghu quddiem il-gurija, dan l-episodju ma ghandux jissemma, anke sabiex ma jinholoq ebda pregudizzju fil-konfront tal-akkuzati jew xi hadd minnhom.

**ii.** **<u>dik il-parti tax-xiehda tal-Ispettur Keith Arnaud li tinsab a fol.178 tal-atti kumpilatorji meta jixhed dwar il-funzjoni tac-*cell towers* li minnhom gie intercettat l-uzu tat-telefowns cellulari allegatament uzati mill-akkuzati fil-kummissjoni tar-reat. (Eccezzjoni numru 5)</u>**

L-akkuzati jilmentaw illi l-Ispettur Arnaud ma huwiex xi espert mahtur mill-qorti u lanqas ghandu xi sengha jew hila specjali fit-telefonija. Jinsistu illi fl-aghar ipotezi din ix-xiehda tikkostitwixxi dak maghruf bhala *hearsay evidence* u ghalhekk hija inammissibbli.

Illi kif diga inghad il-posizzjoni tal-Ufficjal Prosekutur u Investigattiv meta huwa jaghti x-xiehda tieghu sabiex jispjega il-kors li ha l-istharrig minnu kondott ai fini li jasal ghal malvivent, hija xi ftit jew wisq differenti minn dak tax-xhud ordinarju billi fix-xiehda tieghu huwa jrid necessarjament jaghti stampa ta' dak li wasslu sabiex jigu stitwiti l-proceduri penali fil-konfront tal-persuna akkuzata. Illi ghalhekk huwa jkun kiseb l-informazzjoni, li fil-maggior parti jixhed dwarha, minn ghand terzi persuni li jkunu gew mitkellma minnu fil-kors tal-istharrig minnu kondott, jew mill-esperti mahtura fl-*in genere*.

F'dan il-kaz l-ispettur jixhed u jghid illi huwa kiseb id-dettalji dwar l-uzu li sar fil-qasam tat-telefonija fil-kors tal-kummissjoni tad-delitt minn ghand is-*service providers* u mhux ghaliex huwa ghandu xi sengha u hila specjali fir-rigward. L-akkuzati jishqu illi jekk din l-informazzjoni nkisbet minn

terzi allura hija prova inammissibbli xortawahda ghaliex tikkostitwixxi 'l hekk imsejjah *hearsay evidence*.

Issa, l-artikoli relevanti dwar il-*Hearsay Rule* huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kapitolu 9 bl-artikolu 645:

> **"598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.**
>
> **"(2) Il-qorti tista', *ex officio*, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċhad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.**
>
> **"(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.**
>
> **"599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jistax jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, taż-żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta' servitu', ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd."**

Fis-sentenza taghha ta' l-24 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi**, il-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' inammissibilita` wara li kkunsidrat:

**"Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-*hearsay rule* f'kawżi ta' natura kriminali huwa *Subramaniam v. Public Prosecutor* fejn insibu dan il-kliem:**

***"'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'***

**"Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-*hearsay rule* fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il-każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.**

**"Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun *hearsay*, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi eskluża fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.** (sottolinjar tal-Qorti)

**"F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-*hearsay rule*. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja[9]). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:**

[9] Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja**, 26 ta' Mejju 2005: "Kwantu ghax-xiehda ta' Clarissa Cachia l-ewwel Qorti kienet ċara meta spjegat li l-kontenut ta' dak li qalet lill-Pulizija, fl-assenza tax-xiehda diretta tagħha, ma kienx jagħmel prova la kontra u lanqas favur l-akkużat. Mill-banda l-oħra spjegat korrettement li ċ-ċirkostanza li qalet ċertu diskors setgħet tittieħed bhala ċirkostanza li tikkorrobora dak li seta' qal ħaddieħor."

**"'Fil-limiti tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 ta' April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mis-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)."**

Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju 2012 fl-istess ismijiet, mbaghad, il-Qorti tal-Appell kienet ikkummentat hekk:

**"18. … Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li <u>din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża *a priori* iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess.</u> …..** (sottolinjar tal-Qorti)

**21. Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-**

**rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużat fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skont il-liġi."**

Huwa bil-wisq evidenti minn dan it-taghlim gurisprudenzjali illi sta ghall-Imħallef togat waqt il-ġuri biex jara illi ma jsirx abbuż fit-termini tas-sentenza precitata billi jikkontrolla x-xiehda u jispjega lill-ġurati r-regoli tal-*hearsay* kif indikat f'dik is-sentenza.

Issa minn qari ta' din l-ewwel parti tad-deposizzjoni tal-Ispettur Keith Arnaud jidher illi l-investigazzjoni fuq id-delitt kienet wahda wiesgha hafna fejn kienu involuti diversi ufficjali tal-pulizija. L-ispettur Arnaud ighid hekk fix-xiehda tieghu:

> **"..... Fl-istess gimgha ukoll konna bdejna .... qassamna x-xoghol. Min-naha tieghi jien kont iktar iffukajt fejn jidhol telefonija ..."**

Dan ifisser allura illi din il-parti tal-investigazzjoni giet fdata f'idejn Arnaud u allura huwa xehed fuq l-informazzjoni kollha li kiseb fil-kors ta' tali stharrig minn ghand il-provdituri tas-servizz, senjalatament is-socjeta *Vodafone*, kif ighid ripetutament l-Ispettur fil-kors tax-xiehda tieghu. Ma hemm xejn kwindi li f'dan l-istadju l-Qorti tista' tqies inammissibbli f'din il-parti tax-xiehda tieghu minn fejn huwa evidenti illi l-Ufficjal Investigattiv kiseb l-informazzjoni tieghu mill-provdituri tas-servizz li huma indikati bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni fil-lista tax-xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuza[10]. Dan oltre ghal dak li kkonstataw l-esperti tat-telefonija u nformatika nnominati fil-kors tal-*in genere,* liema esperti l-Ispettur Arnaud ukoll isemmi fil-kors ta' din il-parti tax-xiehda tieghu. Illi allura din ix-xiehda hija wahda inammissibbli biss jekk fil-kors tac-

[10] Inginier Mario Cordina - Vodafone

celebrazzjoni tal-guri il-Prosekuzzjoni tonqos milli tressaq dawk ix-xhieda pertinenti sabiex jikkonfermaw dak mistqarr mill-Ufficjal Investigattiv u l-informazzjoni minnu miksuba fil-kors tal-istharrig tieghu, b'dan illi l-Imhallef togat imbaghad ghandu jaghti dawk id-direzzjonijiet opportuni lil gurati dwar ir-regoli marbuta mal-valutazzjoni tal-provi, xiehda u dokumenti meta huma jaslu ghad-deliberazzjoni finali. Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**iii.** **dik il-parti tax-xiehda tal-ispettur Keith Arnaud li tinsab a fol. 182 tal-atti kumpilatorji fejn jixhed illi l-apparat marbut man-numru MSIDN 99683752 bl-IMEI number 861508036763140 ma kienx telefown cellulari izda GSM module u ukoll il-mod ta' kif jithaddem dan l-apparat, flimkien mal-fdalijiet li instabu fuq ix-xena tar-reat li wasslu ghal din il-konkluzjoni u n-numri tac-cellulari li kienu mqabbda ma' dan l-apparat. (Eccezzjonijiet numri 6, 7, 8, 24 u 25)**

Illi s-sitt, s-sebgha w t-tmien eccezzjoni imressqa mill-akkuzati jitrattaw l-istess parti tax-xiehda ta'l-ispettur Arnaud meta jispjega illi n-numru MSIDN 99683752 kien marbut ma' *GSM module* u mhux ma' apparat cellulari u wkoll kif jithaddem dan l-apparat u kif jigi attivat. Jindika wkoll kif l-esperti mahtura fl-*in genere* wasslu ghal din il-konkluzjoni meta jindika illi fuq ix-xena tar-reat gew misjuba xi fdaljijiet li jindikaw l-uzu ta' dan il-*GSM module*. Ighid ukoll illi ntallbet informazzjoni mill-provdituri tas-servizz sabiex jaraw x'messagg intbaghat min-numru li jispicca 4366 lin-numru marbut mal-*GSM module* sabiex giet attivata il-bomba. Illi Arnaud jaghmilha cara fix-xiehda tieghu illi din l-informazzjoni kienet inkisbet minnu fil-kors tal-istharrig tieghu minn ghand l-esperti mahtura mill-Inkwirenti u mhux ghaliex huwa xi espert fit-telefonija u l-informatika kif jallegaw l-akkuzati f'dawn l-eccezzjonijiet minnhom imqanqla. Illi allura ghas-skans ta' repetizzjoni il-Qorti taghmel

referenza ghal konsiderazzjonijiet maghmula fl-eccezzjoni precedenti rigward l-ammissibilita tax-xiehda tal-Ufficjal Investigattiv, ir-regola dwar il-*hearsay* u r-regoli li ghandhom jitharsu matul ic-celebrazzjoni tal-guri.

Jinghad biss, fir-rigward tal-oggezzjoni ventilata mill-akkuzati illi din il-parti tax-xiehda tikkoncerna oggett li ma huwiex esebiet in atti u li allura l-fatti hemmhekk imsemmija huma biss ipotetici u spekulattivi, illi fil-kors tal-*in genere* gew mahtura diversi esperti fil-qasam tat-telefonija u informatika, wkoll indikati bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni, li haddmu fuq informazzjoni li nkisbet minn ghand il-provdituri tas-servizz, is-socjeta Vodafone. Kwindi spetta ghal Imhallef togat jaghti direzzjoni lil gurija dwar ir-regoli li ghandhom jigu segwiti marbuta ma' liema huma dawk ix-xhieda kompetenti li jistghu jesprimu fehma jew opinjoni fil-kors tax-xiehda taghhom u c-cirkostanzi meta xhud jaghti opinjoni marbuta mas-sengha u hila specjali tieghu u x'piz ghandha tinghata lill-istess, fehma li fuq kollox min hu imsejjah biex jiggudika jista' fid-diskrezzjoni fdata lilu bil-ligi jaghzel li jiskarta[11].

Illi jerga' jigi puntwalizzat illi ma hemm xejn inammissibli fix-xiehda tal-Ispettur Keith Arnaud meta huwa qed jaghti din l-istampa generali ta' dak li hareg mill-investigazzjonijiet kondotti minnu u l-informazzjoni li huwa kiseb minn ghand terzi u minn ghand l-esperti, b'dan illi dak mistqarr minnu fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri ghandu jigi sostanzjati bix-xiehda bil-gurament ta' dawk ix-xhieda u esperti li ghaddew din l-informazzjoni lill-istess Spettur, u huwa biss jekk l-affermazzjonijiet

[11] Artikolu 656 tal-Kodici Kriminali

minnu maghmula ma jigux hekk ikkonfermati dawn ghandhom jigu skartati u l-imhallef togat ghandu jaghti direzzjoni lil gurija f'dan is-sens.

Illi l-istess jinghad fir-rigward ta'l-eccezzjonijiet immarkati bin-numri 24 u 25 fejn l-akkuzati Degiorgio qeghdin jitolbu l-isfilz tad-Dokumenti KA30 u KA32[12] esebieti mix-xhud Arnaud fis-seduta tal-20 ta' Dicembru 2017 liema dokumenti jindikaw numri MSISDN abbinati ma' apparat cellulari u min allegatament kien qieghed jaghmel uzu mill-istess.

Finalment jinghad biss fir-rigward tal-eccezzjonijiet kollha marbuta ma' informazzjoni dwar *data* u informatika, li l-investigaturi gew mghoddija tali informazzjoni mill-provdituri tas-servizz b'mod ewlieni minn ufficjali impjegati mas-socjeta Vodafone plc., kif kkonfermat mix-xiehda kemm ta' Jason Pavia kif ukoll tal-Inginier Mario Cordina[13] fejn hemm spjegat illi d-*data* kollha minnhom esebita matul il-kors tax-xiehda taghhom fil-kumpilazzjoni kienet l-istess *data* mitluba lilhom mill-pulizija waqt li kienu qed jinvestigaw il-kaz. Dan ifisser illi dak kollu mistqarr mill-Ispettur Arnaud, li kif inghad kien qed jiehu hsieb, fost ohrajn, din il-parti tal-investigazzjoni marbuta mal-informatika, u d-dokumenti minnu mhejjija abbazi ta' l-imsemmija informazzjoni, giet mghoddija lilu minn terzi li xehdu fil-kumpilazzjoni u li huma wkoll indikati bhala xhieda mill-Avukat Generali fil-lista tax-xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuza.

Ghal dawn il-motivi anke dawn il-hames eccezzjonijiet (6, 7, 8, 24 u 25) qed jigu michuda.

---

[12] Volum numru 1 tal-atti kumpilatorji fols. 318 u 383 tal-atti kumpilatorji

[13] Ara xiehda Volum numru 11 tal-atti kumpilatorji fols. 5603 sa 5675 datata 25 ta' Ottubru 2018 u xiehda Jason Pavia fol. 5708 Volum numru 12

**iv.** **<u>L-isfilz ta' dik il-parti tax-xiehda tal-Ispettur Arnaud fejn huwa jitkellem dwar l-informazzjoni miksuba minn ghand is-socjeta Vodafone fejn din tal-ahhar intallbet taghmel *decoding* ta' *smses* billi din il-prova giet miksuba illegalment, kif allura hija inammissibli ghall-istess mottiv fejn dawn ix-xhieda indikaw lill-investigaturi f'hiex kien jikkonsisti dan il-messagg li attiva il-bomba. Bl-istess mod l-akkuzati jitolbu l-isfilz u tnehhija ta' kull referenza ghall-allegat sms #REL1 =ON mit-traskrizzjoni tax-xiehda ta' l-esperti Richard Fennern u William Schute(Eccezzjoni numru 9, 50, 105 u 106)</u>**

Illi dawn iz-zewg eccezzjonijiet (numri 9 u 50) huma marbuta mal-eccezzjonijiet li igibu in-numri 105 u 106 fin-nota ta'l-eccezzjonijiet taz-zewg akkuzati ahwa Degiorgio fejn hemmhekk huma jaghtu r-raguni li fuqha qeghdin isejsu l-oggezzjoni taghhom ghal prova li temergi minn informazzjoni moghtija mill-provdituri tas-servizz u dan bis-sahha ta'l-Avviz Legali 198 ta'l-2008 u t-Taqsima II tar-Regolamenti Dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici (Legislazzjoni Sussidjarja 440.01) li bis-sahha ta'l-istess giet implimentata fil-ligi taghna d-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iz-zamma ta' *data* generata jew processata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' *networks* ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE.

Jishqu illi din id-Direttiva giet dikjarat invalida ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi b'sentenza moghtija nhar it-8 ta' April 2014 mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja fl-ismijiet *Digital Rights Ireland Ltd. v Minister for Communications Marine And Natural Resources*. Illi madanakollu din ma kenitx l-uniku decizjoni in materja u dan ghaliex l-Istati Membri wrew it-thassib taghhom fir-rigward ta' dan il-

pronunzjament stante illi b'tali decizjoni ser jkunu mchadda minn strument tant essenzjali u mehtieg sabiex tigi mharsa is-sigurta' nazzjonali u il-glieda kontra it-terrorizmu w il-kriminalita' organizzata. Ghalhekk wara din id-decizjoni kien hemm diversi Stati Membri li regghu irreferew il-materja lil Qorti tal-Gustizzja sabiex tigi kjarifikata l-interpretazzjoni taghhom b'diversi decizjonijiet ghalhekk isegwu dik iccitata mill-akkuzati, b'mod ewlieni dik deciza fil-21 ta' Dicembru 2016 fl-ismijiet *Tele2 Sverige and Watson and Others*, fejn il-Qorti tat interpretazzjoni ta'l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/EC, u dik moghtija fit-2 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet *Ministerio Fiscal*, fejn il-Qorti ikkonfermat l-interpretazzjoni moghtija ta' din id-disposizzjoni ta' dritt ewropew enkapsolata fid-Direttiva 2002/58. Wara dawn izda saru erba' rinviji ohra ghal decizjoni preliminari, bid-decizjonijiet fir-rigward jinghataw biss recentement u cioe' fis-06 ta' Ottubru 2020. (C-623/17 *Privacy International*, C-511/18 *La Quadrature du Net and Others*, C-512/18 *French Data Network and Others* u C-520/18 *Ordre des barreaux francophones et germanophone and Others*.)

Illi l-Avukat Generali jargumenta illi gjaldarba din hija trasposizzjoni ta' Direttiva u mhux implimentazzjoni ta' regolament, l-legislazzjoni nazzjonali ghadha fuq saqjaha u kwindi l-investigaturi setghu jagixxu bis-sahha ta' din il-ligi. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dina l-linja ta' argumentazzjoni u dan ghaliex meta l-Qorti ta' Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja tiddikajara direttiva nulla *ab initio*, l-Istati Membri huma obbligati li jaderixxu ma' din id-decizjoni fil-ligijiet nazzjonali. Dan maghdud, madankollu, ma jidhirx illi l-Istati membri accettaw dina l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti tal-Gustizzja tant illi kif inghad wara d-decizjoni *Digital Rights Ireland* kien hemm numru ta' rinviji ohra, fejn

il-Qorti intallbet tikkjarafika l-posizzjoni li kienet hadet u l-interpretazzjoni moghtija.

Illi jibda biex jinghad illi din id-direttiva maghrufa ahjar bhala *Data Retention Directive,* li tinneccessita z-zamma jew ritenzjoni ta' *data* u l-lokalizazzjoni u t-traffiku ta'l-istess mill-provduturi ta' servizzi elettronici u dan ghal perijodu definit ta' zmien li d-direttiva tindika li ghandu jkun bejn sitt xhur u sentejn, giet attakkata quddiem il-Qorti tal-Gustizzja fuq il-bazi li din kienet vjolattiva tad-drittijiet imhaddna fl-artikolu 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropeja u cioe' id-dritt ghar-rispett ghall-hajja privata u tal-familja u l-protezzjoni tad-*data* personali.

Id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza ġiet promulgata biex tiggarantixxi d-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Id-Direttiva teħtieġ lill-fornituri ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jiżguraw, *inter alia*, li d-*data* personali tista' tkun aċċessata biss minn persuna awtorizzat u ukoll biex jissalvagwardjaw *data* personali li hija maħżuna jew trasmessa kontra qerda jew telf aċċidentali jew illegali, jew aċċess, ipproċessar mhux awtorizzat, jew żvelar ta' *data*.

Illi inoltre l-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw il-kunfidenzjalità tat-telekomunikazzjonijiet u tat-traffiku ta' *data* permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Id-Direttiva telenka ċerti azzjonijiet li għandhom ikunu pprojbiti mill-Istati Membri, bħalma huma s-smigħ, it-*tapping*, il-ħażna, jew forom oħra ta 'interċettazzjoni minn individwi (minbarra l-utenti nfushom) mingħajr il-kunsens ta' l-utenti, ħlief f'każijiet fejn l-individwi huma legalment awtorizzati biex jagħmlu dan. Kwalunkwe restrizzjoni

imposta fuq id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti għandha tkun iġġustifikata bħala azzjoni meħtieġa, xierqa u proporzjonata f'soċjetà demokratika u sabiex sservi skopijiet speċifiċi ta 'ordni pubbliku, bħal sigurtà nazzjonali, difiża, jew sigurtà pubblika, u l-prevenzjoni, investigazzjoni, u prosekuzzjoni ta' reati kriminali.

Id-Direttiva timponi ukoll l-obbligu fuq il-fornituri ta '*networks* jew servizzi ta' komunikazzjonijiet pubbliċi li jħassru jew li jirrendu anonima l-informazzjoni dwar *data* tat-traffiku maħżuna tal-abbonati taghhom meta ma tkunx għada meħtieġa il-hazna ta'l-istess.

Fl-aħħarnett, id-Direttiva 2006/24/ KE, id-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Data, teħtieġ li żewġ kategoriji ta '*data* tinżamm minn operaturi ta' *network* fiss jew telefonija cellulari, jew posta elettronika bl-*Internet* u telefonija bl-*Internet*, għall-awtoritajiet inkarigati mill-infurzar tal-liġi: (a) *data* meħtieġa biex tiġi traċċata u identifikata s-sors ta 'komunikazzjoni, u (b) *data* meħtieġa biex tiġi identifikata d-destinazzjoni ta' komunikazzjoni. L-operaturi jkunu obbligati li jżommu din id-*data* għal perjodu ta 'sitt xhur sa sentejn biex jinvestigaw, jikxfu u jipproċedu kontra reati serji.

Fil-fatt l-artikolu 15 tad-Direttiva jiddisponi hekk:

> **"L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri leġislativi biex jirrestringu l-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi previsti fl-Artikolu 5, l-Artikolu 6, l-Artikolu 8(1), (2), (3) u (4), u l-Artikolu 9 ta' din id-Direttiva meta tali restrizzjoni tikkostitwixxi miżura neċessarja, xierqa u proporzjonata f'soċjeta' demokratika biex tiġi salvagwardjata s-sigurtà nazzjonali (i.e. is-sigurtà ta' l-Istat), id-difiża, is-sigurtà pubblika, u l-prevenzjoni, investigazzjoni, skoperta u prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew ta' użu mhux awtorizzat tas-**

**sistema ta' komunikazzjoni elettronika, kif imsemmi fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 95/46/KE. Għal dan l-iskop, l-Istati Membri jistgħu, inter alia, jadottaw miżuri leġislativi li jipprovdu għażżamma ta' l-informazzjoni għal perjodu limitat iġġustifikat għarraġunijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu. Il-miżuri kollha msemmija f'dan il-paragrafu għandhom ikunu skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja, inklużi dawk imsemmija fl-Artikolu 6(1) u (2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea."**

Bl-artikolu 1(3) li jitkellem dwar l-Iskop tad-Direttiva li jimplimenta din id-deroga u dan meta hemm dispost:

**"Din id-Direttiva ma tgħoddx għal attivitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bħal dawk koperti mit-Titoli V u VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u f' kull każ għal attivitajiet li jikkonċernaw is-sigurtà pubblika, id-difiża, is-sigurta ta' l-Istat (inkluż il-benessere ekonomiku ta' l-Istat meta l-attivitajiet jirrigwardaw affarjiet ta' sigurtà ta' l-Istat) u l-attivitajiet ta' l-Istat f'oqsma tal-liġi kriminali."**

Illi minn qari ta' dawn id-decizjonijiet tal-Qorti tal-Gustizzja jidher illi l-ligi dwar ir-Ritenzjoni tad-Data tmur kontra d-drittijiet imhaddna fl-artikolu 7 u 8 tal-Karta minhabba l-fatt illi:

**"tkopri b'mod ġeneralizzat l-abbonati u l-utenti rreġistrati kollha u li tkopri l-mezzi ta' komunikazzjoni elettronika kollha kif ukoll id-data kollha dwar it-traffiku, ma tipprevedi ebda distinzjoni, limitazzjoni jew eċċezzjoni skont l-għan segwit. Tali leġiżlazzjoni tikkonċerna b'mod globali l-persuni kollha li jużaw servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, mingħajr ma dawn il-persuni jinstabu, lanqas b'mod indirett, f'sitwazzjoni li tista' twassal għal prosekuzzjoni kriminali. Għaldaqstant, tali leġiżlazzjoni tapplika anki għal persuni li fir-rigward tagħhom ma jeżisti l-ebda indizju ta' natura li jagħti x'jifhem li l-aġir tagħhom jista' jkun marbut, anki jekk b'mod indirett jew distanti, ma' reati kriminali gravi. Barra minn hekk, hija ma tipprevedi ebda eċċezzjoni, b'tali mod li tapplika anki għal persuni li l-komunikazzjonijiet tagħhom huma suġġetti, skont id-dispożizzjonijiet legali nazzjonali, għas-sigriet**

**professjonali (ara, b'analoġija, fir-rigward tad-Direttiva 2006/24, is-sentenza Digital Rights, punti 57 u 58).”**

Tkompli hekk id-decizjoni *Tele2 Sverige AB (C-203/15):*

**106. Tali leġiżlazzjoni ma teħtieġ ebda rabta bejn id-data li ż-żamma tagħha hija prevista u theddida għas-sigurtà pubblika. B'mod partikolari, hija ma hijiex limitata għal żamma li tkopri jew data marbuta ma' perijodu temporali u/jew ma' żona ġeografika u/jew ma' grupp ta' persuni li jistgħu jkunu involuti, b'xi mod jew ieħor, f'reat gravi, jew data dwar persuni li jistgħu, għal raġunijiet oħra, jikkontribwixxu, permezz taż-żamma tad-data tagħhom, għall-ġlieda kontra l-kriminalità (ara, b'analoġija, fir-rigward tad-Direttiva 2006/24, is-sentenza Digital Rights, punt 59).**

**107. Għalhekk, leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tmur lil hinn mil-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju u ma tistax titqies li hija ġġustifikata, f'soċjetà demokratika, kif jeżiġi l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11, kif ukoll tal-Artikolu 52(1), tal-Karta.**

**108. Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11, kif ukoll tal-Artikolu 52(1), tal-Karta, ma jipprekludix li Stat Membru jadotta leġiżlazzjoni li tippermetti, b'mod preventiv, iż-żamma mmirata ta' data dwar it-traffiku u ta' data dwar il-lokalizzazzjoni, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità gravi, bil-kundizzjoni li ż-żamma tad-data tkun, fir-rigward tal-kategoriji ta' data li għandha tinżamm, tal-mezzi ta' komunikazzjoni koperti, tal-persuni kkonċernati kif ukoll tal-perijodu taż-żamma, limitata għal dak li jkun strettament neċessarju.**

**109. Sabiex tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, din il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha, fl-ewwel lok, tipprevedi regoli ċari u preċiżi dwar il-portata u l-applikazzjoni ta' tali miżura ta' żamma ta' data u għandha timponi rekwiżiti minimi, b'tali mod li l-persuni li d-data tagħhom tkun inżammet ikollhom garanziji suffiċjenti li jippermettulhom jipproteġu b'mod effikaċi d-data personali tagħhom kontra r-riskji ta' abbuż. B'mod partikolari, hija għandha tindika f'liema ċirkustanzi u taħt liema**

kundizzjonijiet tista' tittieħed miżura ta' żamma ta' data, b'mod preventiv, filwaqt li b'hekk tiggarantixxi li tali miżura tkun limitata għal dak li jkun strettament neċessarju (ara, b'analoġija, fir-rigward tad-Direttiva 2006/24, is-sentenza Digital Rights, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

110. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kundizzjonijiet materjali li għandha tissodisfa leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti, fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-kriminalità, iż-żamma, b'mod preventiv, ta' data dwar it-traffiku u ta' data dwar il-lokalizzazzjoni, sabiex jiġi ggarantit li din tkun limitata għal dak li jkun strettament neċessarju, għandu jiġi osservat li, għalkemm dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jvarjaw skont il-miżuri meħuda għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-investigazzjoni, tal-iskoperta u tal-prosekuzzjoni tal-kriminalità gravi, iż-żamma ta' data għandha xorta waħda tissodisfa, f'kull każ, kriterji oġġettivi, li jistabbilixxu rabta bejn id-data li għandha tinżamm u l-għan segwit. B'mod partikolari, tali kundizzjonijiet għandhom ikunu, fil-prattika, ta' natura li jiddefinixxu effettivament il-limiti tal-portata tal-miżura u, għalhekk, il-pubbliku kkonċernat.

111. Fir-rigward tad-definizzjoni tal-limiti ta' tali miżura fil-konfront tal-pubbliku u tas-sitwazzjonijiet potenzjalment ikkonċernati, il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jippermettu li jiġi kopert pubbliku li d-data dwaru jista' jkollha rabta, minn tal-inqas indiretta, ma' atti ta' kriminalità gravi, tista' tikkontribwixxi b'mod jew ieħor għall-ġlieda kontra l-kriminalità gravi jew tista' tevita riskju gravi għas-sigurtà pubblika. Tali definizzjoni tal-limiti tista' tiġi żgurata permezz ta' kriterju ġeografiku meta l-awtoritajiet nazzjonali jqisu, fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi, li, f'żona ġeografika waħda jew iktar, jeżisti riskju għoli ta' preparazzjoni jew ta' twettiq ta' tali atti.

112. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda fil-Kawża C-203/15 hija li l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11, kif ukoll tal-Artikolu 52(1), tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità, żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data kollha dwar it-traffiku u tad-data kollha dwar il-lokalizzazzjoni tal-abbonati u tal-

**utenti rreġistrati kollha fir-rigward tal-mezzi kollha ta' komunikazzjoni elettronika.**

Illi ghalhekk gie deciz hekk:

**Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:**

**1) L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Lulju 2002, dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11, kif ukoll tal-Artikolu 52(1), tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità, żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data kollha dwar it-traffiku u tad-data kollha dwar il-lokalizzazzjoni tal-abbonati u tal-utenti rreġistrati kollha fir-rigward tal-mezzi kollha ta' komunikazzjoni elettronika.**

**2) L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, kif emendata bid-Direttiva 2009/136, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11, kif ukoll tal-Artikolu 52(1), tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola l-protezzjoni u s-sigurtà tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni, b'mod partikolari l-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għad-data miżmuma, mingħajr ma tillimita, fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-kriminalità, dan l-aċċess għall-finijiet biss tal-ġlieda kontra l-kriminalità gravi, mingħajr ma tissuġġetta l-imsemmi aċċess għal kontroll minn qabel minn qorti jew minn awtorità amministrattiva indipendenti, u mingħajr ma teżiġi li d-data inkwistjoni tinżamm fit-territorju tal-Unjoni.**

Illi allura d-decizjonijiet tal-Qorti tal-Gustizzja huma fis-sens illi safejn il-ligi dwar ir-ritenzjoni tad-**data** tapplika b'mod generali u indiskriminat

ghal finijiet stabbilit fl-artikolu 15 tad-Direttiva din tmur kontra d-drittijiet stabbiliti fil-artikolu 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropeja. Madanakollu  l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiz jibqaghlhom dejjem il-jedd ta' access, ghalkemm mhux wiehed assolut, ghal tali informazzjoni u dan fil-glieda kontra l-kriminalita' gravi, liema access ghandu jkun soggett ghal kontroll ta' xi qorti jew awtorita' ohra amministrattiva indipendenti u dan dment ukoll li dawk il-mizuri jkunu "**mehtiega, xierqa u proporzjonata"** f'soċjeta' demokratika biex tiġi salvagwardjata s-sigurtà nazzjonali (i.e. is-sigurtà ta' l-Istat), id-difiża, is-sigurtà pubblika, u l-prevenzjoni, investigazzjoni, skoperta u prosekuzzjoni ta' reati kriminali.

Illi d-decizjoni moghtija fis-06 ta' Ottubru 2020 mill-Qorti tal-Gustizzja ***Privacy International*** *Case C-623/17* tispjega x'inhuma l-limitazzjonijiet tal-proporzjonalita' li jsemmi l-artikolu 15 tad-Direttiva:,

**62 Thus, the interpretation of Article 15(1) of Directive 2002/58 must take account of the importance both of the right to privacy, guaranteed in Article 7 of the Charter, and of the right to protection of personal data, guaranteed in Article 8 thereof, as derived from the case-law of the Court, as well as the importance of the right to freedom of expression, given that that fundamental right, guaranteed in Article 11 of the Charter, constitutes one of the essential foundations of a pluralist, democratic society, and is one of the values on which, under Article 2 TEU, the Union is founded (see, to that effect, judgments of 6 March 2001, *Connolly* v *Commission*, C-274/99 P, EU:C:2001:127, paragraph 39, and of 21 December 2016, *Tele2*, C-203/15 and C-698/15, EU:C:2016:970, paragraph 93 and the case-law cited).**

**63 However, the rights enshrined in Articles 7, 8 and 11 of the Charter are not absolute rights, but must be considered in relation to their function in society (see, to that effect, judgment**

of 16 July 2020, *Facebook Ireland and Schrems*, C-311/18, EU:C:2020:559, paragraph 172 and the case-law cited).

64 Indeed, as can be seen from Article 52(1) of the Charter, that provision allows limitations to be placed on the exercise of those rights, provided that those limitations are provided for by law, that they respect the essence of those rights and that, in compliance with the principle of proportionality, they are necessary and genuinely meet objectives of general interest recognised by the Union or the need to protect the rights and freedoms of others.

65 It should be added that the requirement that any limitation on the exercise of fundamental rights must be provided for by law implies that the legal basis which permits the interference with those rights must itself define the scope of the limitation on the exercise of the right concerned ( judgment of 16 July 2020, *Facebook Ireland and Schrems*, C-311/18, EU:C:2020:559, paragraph 175 and the case-law cited).

66 Concerning observance of the principle of proportionality, the first sentence of Article 15(1) of Directive 2002/58 provides that the Member States may adopt a measure derogating from the principle that communications and the related traffic data are to be confidential where such a measure is 'necessary, appropriate and proportionate … within a democratic society', in view of the objectives set out in that provision. Recital 11 of that directive specifies that a measure of that nature must be 'strictly' proportionate to the intended purpose.

67 In that regard, it should be borne in mind that the protection of the fundamental right to privacy requires, according to the settled case-law of the Court, that derogations from and limitations on the protection of personal data must apply only in so far as is strictly necessary. In addition, an objective of general interest may not be pursued without having regard to the fact that it must be reconciled with the fundamental rights affected by the measure, by properly balancing the objective of general interest against the rights at issue (see, to that effect, judgments of 16 December 2008, *Satakunnan Markkinapörssi and Satamedia*, C-73/07, EU:C:2008:727, paragraph 56; of 9 November 2010, *Volker und Markus Schecke and Eifert*, C-92/09 and C-93/09,

EU:C:2010:662, paragraphs 76, 77 and 86; and of 8 April 2014, *Digital Rights Ireland and Others*, C-293/12 and C-594/12, EU:C:2014:238, paragraph 52; Opinion 1/15 (*EU-Canada PNR Agreement*) of 26 July 2017, EU:C:2017:592, paragraph 140).

68 In order to satisfy the requirement of proportionality, the legislation must lay down clear and precise rules governing the scope and application of the measure in question and imposing minimum safeguards, so that the persons whose personal data is affected have sufficient guarantees that data will be effectively protected against the risk of abuse. That legislation must be legally binding under domestic law and, in particular, must indicate in what circumstances and under which conditions a measure providing for the processing of such data may be adopted, thereby ensuring that the interference is limited to what is strictly necessary. The need for such safeguards is all the greater where personal data is subjected to automated processing, in particular where there is a significant risk of unlawful access to that data. Those considerations apply especially where the protection of the particular category of personal data that is sensitive data is at stake (see, to that effect, judgments of 8 April 2014, *Digital Rights Ireland and Others*, C-293/12 and C-594/12, EU:C:2014:238, paragraphs 54 and 55, and of 21 December 2016, *Tele2*, C-203/15 and C-698/15, EU:C:2016:970, paragraph 117; Opinion 1/15 *(EU-Canada PNR Agreement)* of 26 July 2017, EU:C:2017:592, paragraph 141).

69 As regards the question whether national legislation, such as that at issue in the main proceedings, meets the requirements of Article 15(1) of Directive 2002/58, read in the light of Articles 7, 8 and 11 and Article 52(1) of the Charter, it should be noted that the transmission of traffic data and location data to persons other than users, such as security and intelligence agencies, derogates from the principle of confidentiality. Where that operation is carried out, as in the present case, in a general and indiscriminate way, it has the effect of making the exception to the obligation of principle to ensure the confidentiality of data the rule, whereas the system established by Directive 2002/58 requires that that exception remain an exception.

70 In addition, in accordance with the settled case-law of the Court, the transmission of traffic data and location data to a third party

constitutes interference with the fundamental rights enshrined in Articles 7 and 8 of the Charter, regardless of how that data is subsequently used. In that regard, it does not matter whether the information in question relating to persons' private lives is sensitive or whether the persons concerned have been inconvenienced in any way on account of that interference (see, to that effect, Opinion 1/15 *(EU-Canada PNR Agreement)* of 26 July 2017, EU:C:2017:592, paragraphs 124 and 126 and the case-law cited, and judgment of 6 October 2020, *La Quadrature du Net and Others*, C-511/18, C-512/18 and C-520/18, paragraphs 115 and 116).

71 The interference with the right enshrined in Article 7 of the Charter entailed by the transmission of traffic data and location data to the security and intelligence agencies must be regarded as being particularly serious, bearing in mind inter alia the sensitive nature of the information which that data may provide and, in particular, the possibility of establishing a profile of the persons concerned on the basis of that data, such information being no less sensitive than the actual content of communications. In addition, it is likely to generate in the minds of the persons concerned the feeling that their private lives are the subject of constant surveillance (see, by analogy, judgments of 8 April 2014,*Digital Rights Ireland and Others*, C-293/12 and C-594/12, EU:C:2014:238, paragraphs 27 and 37, and of 21 December 2016, *Tele2*, C-203/15 and C-698/15, EU:C:2016:970, paragraphs 99 and 100).

72 It should also be noted that the transmission of traffic data and location data to public authorities for security purposes is liable, in itself, to infringe the right to respect for communications, enshrined in Article 7 of the Charter, and to deter users of means of electronic communication from exercising their freedom of expression, guaranteed in Article 11 of the Charter. Such deterrence may affect, in particular, persons whose communications are subject, according to national rules, to the obligation of professional secrecy and whistle-blowers whose actions are protected by Directive (EU) 2019/1937 of the European Parliament and of the Council of 23 October 2019 on the protection of persons who report breaches of Union law (OJ 2019 L 305, p. 17). Moreover, that deterrent effect is all the more serious given the quantity and breadth of the data retained (see,

to that effect, judgments of 8 April 2014, *Digital Rights Ireland and Others*, C-293/12 and C-594/12, EU:C:2014:238, paragraph 28; of 21 December 2016, *Tele2*, C-203/15 and C-698/15, EU:C:2016:970, paragraph 101; and of 6 October 2020, *La Quadrature du Net and Others*, C-511/18, C-512/18 and C-520/18, paragraph 118).**

**73 Lastly, given the significant amount of traffic data and location data that can be retained continuously by a general retention measure and the sensitive nature of the information which that data may provide, the mere retention of that data by the providers of electronic communications services entails a risk of abuse and unlawful access.**

**74 As regards the objectives that may justify such interferences, and in particular the objective of safeguarding national security, at issue in the main proceedings, it should be noted, at the outset, that Article 4(2) TEU provides that national security remains the sole responsibility of each Member State. That responsibility corresponds to the primary interest in protecting the essential functions of the State and the fundamental interests of society and encompasses the prevention and punishment of activities capable of seriously destabilising the fundamental constitutional, political, economic or social structures of a country and, in particular, of directly threatening society, the population or the State itself, such as terrorist activities (judgment of 6 October 2020, *La Quadrature du Net and Others*, C-511/18, C-512/18 and C-520/18, paragraph 135).** (sottolinjar tal-Qorti)

**75 The importance of the objective of safeguarding national security, read in the light of Article 4(2) TEU, goes beyond that of the other objectives referred to in Article 15(1) of Directive 2002/58, inter alia the objectives of combating crime in general, even serious crime, and of safeguarding public security. Threats such as those referred to in paragraph 74 above can be distinguished, by their nature and particular seriousness, from the general risk that tensions or disturbances, even of a serious nature, affecting public security will arise. Subject to meeting the other requirements laid down in Article 52(1) of the Charter, the objective of safeguarding national security is therefore capable of justifying measures entailing more serious interferences with fundamental rights than those which might be justified by those**

other objectives (judgment of 6 October 2020,*La Quadrature du Net and Others*, C-511/18, C-512/18 and C-520/18, paragraph 136).

76 However, in order to satisfy the requirement of proportionality referred to in paragraph 67 above, according to which derogations from and limitations on the protection of personal data must apply only in so far as is strictly necessary, national legislation entailing interference with the fundamental rights enshrined in Articles 7 and 8 of the Charter must meet the requirements stemming from the case-law cited in paragraphs 65, 67 and 68 above.

77 In particular, as regards an authority's access to personal data, legislation cannot confine itself to requiring that authorities' access to the data be consistent with the objective pursued by that legislation, but must also lay down the substantive and procedural conditions governing that use (see, by analogy, Opinion 1/15 *(EU-Canada PNR Agreement)* of 26 July 2017, EU:C:2017:592, paragraph 192 and the case-law cited).

78 Accordingly, and since general access to all retained data, regardless of whether there is any link, at least indirect, with the aim pursued, cannot be regarded as being limited to what is strictly necessary, national legislation governing access to traffic data and location data must rely on objective criteria in order to define the circumstances and conditions under which the competent national authorities are to be granted access to the data at issue (see, to that effect, judgment of 21 December 2016, *Tele2*, C-203/15 and C-698/15, EU:C:2016:970, paragraph 119 and the case-law cited).

79 Those requirements apply, a fortiori, to a legislative measure, such as that at issue in the main proceedings, on the basis of which the competent national authority may require providers of electronic communications services to disclose traffic data and location data to the security and intelligence agencies by means of general and indiscriminate transmission. Such transmission has the effect of making that data available to the public authorities (see, by analogy, Opinion 1/15 *(EU-Canada PNR Agreement)* of 26 July 2017, EU:C:2017:592, paragraph 212).

**80** **Given that the transmission of traffic data and location data is carried out in a general and indiscriminate way, it is comprehensive in that it affects all persons using electronic communications services. It therefore applies even to persons for whom there is no evidence to suggest that their conduct might have a link, even an indirect or remote one, with the objective of safeguarding national security and, in particular, without any relationship being established between the data which is to be transmitted and a threat to national security (see, to that effect, judgments of 8 April 2014, *Digital Rights Ireland and Others*, C-293/12 and C-594/12, EU:C:2014:238, paragraphs 57 and 58, and of 21 December 2016, *Tele2*, C-203/15 and C-698/15, EU:C:2016:970, paragraph 105). Having regard to the fact that the transmission of such data to public authorities is equivalent, in accordance with the finding in paragraph 79 above, to access, it must be held that legislation which permits the general and indiscriminate transmission of data to public authorities entails general access.**

**81** **It follows that national legislation requiring providers of electronic communications services to disclose traffic data and location data to the security and intelligence agencies by means of general and indiscriminate transmission exceeds the limits of what is strictly necessary and cannot be considered to be justified, within a democratic society, as required by Article 15(1) of Directive 2002/58, read in the light of Article 4(2) TEU and Articles 7, 8 and 11 and Article 52(1) of the Charter.**

**82** **In the light of all the foregoing considerations, the answer to the second question is that Article 15(1) of Directive 2002/58, read in the light of Article 4(2) TEU and Articles 7, 8 and 11 and Article 52(1) of the Charter, must be interpreted as precluding national legislation enabling a State authority to require providers of electronic communications services to carry out the general and indiscriminate transmission of traffic data and location data to the security and intelligence agencies for the purpose of safeguarding national security.**

Illi anke il-gurisprudenza tal-qrati taghna li taghmel referenza ghaliha d-difiza titkellem fuq dawn il-limitazzjonijiet li ghandhom japplikaw fil-ligi u dan meta fis-sentenzi *Vodafone Malta Limited vs Kummissarju ghal*

*Protezzjoni tad-Data* u *Mobilse Communications Limited vs Kummissarju ghal Protezzjoni tad-Data* decizi fit-03 ta' Ottubru 2007 mill-Qorti tal-Appell (sede inferjuri)  dan l-element ta' proporzjonalita' meta l-awtoritajiet inghataw access ghal data b'mod generali tal-utenti mill-provdituri tas-servizz kien fil-qafas tal-hsieb ta' dik il-qorti fid-decizjoni taghha.

> **"In-necessita f' socjeta` demokratika li wiehed jiddevja mill-principju fundamentali tad-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-korrispondenza [Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni] jimplika li l-materja trid tigi evalwata f' termini konkreti fl-ambitu tac-cirkustanzi partikulari tal-kaz. Jekk xejn, ghal fini tar-raggungiment ta' dak il-bilanc bejn l-ezercizzju mill-individwu tad-dritt iggarantit lilu taht il-Konvenzjoni u nnecessita li l-komunikazzjonijiet privati tieghu jkunu assoggettati ghal skrutinju fl-interess generali**;"

B'dan ghalhekk illi l-Qorti kienet tal-fehma illi ghandu isir esercizzju biex tigi stabbilita r-"relazzjoni ta' proporzjonalita` bejn l-ghan legittimu konsegwit u l-interessi privati tal-bosta."

Illi allura imfassal dan il-qafas legislattiv dwar l-interpretazzjoni tal-ligi komunitarja kif implimentata fil-legislazzjoni nazzjonali, ghalkemm l-Legislazzjoni Sussidjarja 586.01 fid-definizzjoni taghha ta' reat gravi tindika dawk ir-reati li igorru piena ta' aktar minn sena prigunerija, li fil-fehma tal-Qorti ma hijiex in linja mal-fehma espressa mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja iccitata hawn fuq *in extenso*, madanakollu <u>meta applikat ghal kaz in dizamina u li issa jinsab taht il-lenti tal-Qorti</u>, ma jistax jinghad illi l-investigazzjoni tar-reat ta' omicidju ta' gurnalista investigattiva li kellha riperkussjonijiet serji fuq is-sigurta' nazzjonali fil-pajjiz, liema riperkussjonijiet inhassew kemm fuq bazi nazzjonali kif ukoll dak ewropew u internazzjonali, ma taqax fid-definizzjoni ta'

proporzjonalita' li l-ligi tfittex li thares bejn kif inghad min naha l-wahda il-harsien tas-sigurta nazzjonalita' u l-prevenzjoni u investigazzjoni ta' reati gravi u minn naha l-ohra l-harsien tal-jedd tal-individwu ghar-rispett lejn il-hajja privata u tal-protezzjoni tad-*data*. Dan ifisser illi ghalkemm huwa minnu illi llum l-access b'mod indiskriminat ghad-*data* tal-utenti ta' servizz ta' telekomunikazzjoni anke sabiex tithares is-sigurta' nazzjonali ghandu jigi pprojbit billi huwa leziv tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem kif hawn fuq imfisser, madanakollu f'dan il-kaz ghandha tapplika dik id-deroga mahsuba fid-dritt ewropew applikabbli ghal investigazzjoni bhal dak in dizamina ta' reat kriminali gravi fejn l-akkuzati jinsabu mixlija mhux biss bir-reat ta' omicidju izda ukoll b'dak tal-kriminalita' organizzata.

Dan ifisser illi l-akkuzati ma ghandhomx ragun fl-eccezzjonijiet minnhom ventilati marbuta mal-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li taghmel dwar l-intercettazzjoni tal-apparat cellulari u elettroniku li kien l-istrument li serva  ghal kommissjoni tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, biex b'hekk meta jitpoggew fuq il-mizien tal-gustizzja l-interessi tal-privat u l-interessi tas-socjeta, il-mizien certament, f'dan il-kaz, ser ixaqleb favur il-harsien tal-bosta mill-kummissjoni ta' reat gravi bhalma hu dak li jinsab issa taht il-lenti tal-Qorti u li qajjem mhux biss ghagha nazzjonali izda ukoll internazzjonali.

Illi finalment jinghad illi l-informazzjoni kollha miksuba minn ghand il-provdituri tas-servizz ghalkemm kienet wahda wiesgha kienet giet awtorizzata mill-Magistrat Inkwirenti permezz ta' diversi digrieti moghtija minnu u li jinsabu esebieti fil-*proces verbal*.

Il-Qorti ghalhekk ma tistax tikkondividi l-fehma tad-difiza illi l-prova hija wahda inammissibbli ghax miksuba illegalment u cioe’ abbazi ta’ ligi li giet iddikjarat invalida, billi l-interpretazzjoni kostanti moghtija ta’ din il-ligi hija wahda li tippermetti ir-ritenzjoni ta’ u l-access ghal *data* fil-kaz ta’ twettiq ta’ reat jew reati serji u gravi li jimminaw is-sigurta’ nazzjonali bhal dawk li dwarhom l-akkuzati jinsabu mixlija. Fuq kollox ghalkemm l-Inkwirenti kien hatar diversi esperti tal-informatika b’nomina wiesgha, u dan meta l-investigazzjoni bdiet tiffoka fuq l-uzu ta’ apparat cellulari bhala l-ghodda sabiex gie kommess id-delitt, jidher illi b’diversi digrieti dawn l-esperti gew awtorizzati jiksbu informazzjoni specifika sabiex b’hekk ma jistax jinghad li kien hemm dak l-access ġġeneralizzat, indiskriminat u mingħajr distinzjoni tad-*data* kollha dwar it-traffiku u tad-*data* kollha dwar il-lokalizzazzjoni tal-abbonati u tal-utenti rreġistrati fir-rigward tal-mezzi ta’ komunikazzjoni elettronika. Jinghad finalment illi kienu l-akkuzati Degiorgio stess li fil-kors tax-xiehda ta’ Jason Pavia (rapprezentant Vodafone) in kontro-ezami, tallbuh jindika n-numru ta’ utenti li qabbdu mac-*cell towers* li kienu ta’ interess fl-investigazzjoni[14] fil-hinijiet u d-dati li dwarhom saret din ir-ricerka b’mod indiskriminat. Jidher izda illi Pavia ma setax jaghti din l-informazzjoni ghaliex stqarr illi l-ipprocessar ta’ din id-*data* ta’ eluf ta’ nies mhux marbuta mal-kaz ma setatx issir minn naha tal-kumpanija. Kif jistghu allura l-akkuzati fl-istess nifs jistqarru illi l-ligi li abbazi ta’l-istess setghet tinkiseb din l-informazzjoni hija illegali?

Ghal dawn il-motivi dawn l-eccezzjonijiet (numri 9, 50, 105 u 106) qed jigu michuda.

---

[14] Ara xiehda ta’ Jason Pavia in kontro-ezami Vol.11 a fol.5682 fejns aret din id-domanda minn Dr. William Cuschieri

**v.** **L-oggezzjoni maghmula mill-akkuzati dwar dik il-parti tax-xiehda tal-Ispettur Keith Arnaud fejn jitkellem dwar il-messagg li intbaghat sabiex inxteghlet il-bomba. (Eccezzjoni numru 10)**

Fil-fehma tal-akkuzati din hija spekulazzjoni ipotetika dwar dak li sehh, tikkostitwixxi xiehda *hearsay* u fi kwalunkwe kaz ix-xhud ma ghandu l-ebda hila jew sengha specjali sabiex jaghmel din l-affermazzjoni. Kien ghalhekk illi quddiem il-Qorti Istruttorja l-akkuzati tallbu li ssir simulazzjoni ta' dak li sehh, liema talba madanakollu qatt ma giet iddekretata mill-Istruttur ghaliex l-Avukat Generali hareg l-Att ta'l-Akkuza.

Illi l-Ispettur Arnaud fil-kors tax-xiehda tieghu jispjega illi l-messagg li kien gie *decoded* mill-provdituri tas-servizz kien **#rel1=on**. Kienu l-esperti nominati fl-*in genere* li imbaghad indikawlu li dan il-messagg jintuza sabiex jintbaghat kmand lejn *module device* sabiex dak il-mezz jinxteghel u b'dan il-mod skattat l-bomba. Dak li qed jixhed allura Arnaud huwa informazzjoni li kiseb fil-kors tal-investigazzjoni u mghoddija lilu mill-esperti fl-*in genere*, informazzjoni li fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri trid tigi necessarjament ikkonfermata mill-imsemmija esperti. Illi a skans ta' repetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghal konsiderazzjonijiet maghmula iktar 'il fuq in materja u terga' ttenni illi finalment jispetta lill-Imhallef fl-indirizz finali sabiex jiggwida lil gurati kif ghandu jsir l-apprezzament tal-provi u l-ezami tax-xiehda migjuba 'il quddiem mill-esperti tal-qorti. Kwindi din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**vi.** **<u>L-oggezzjoni ghal dik il-parti tax-xiehda tal-iSpettur Keith Arnaud fejn huwa jitkellem dwar informazzjoni miksuba minn ghand is-servizzi tas-sigurta' dwar *intercepts* ta' telefonati maghmula minnhom u tal-provi kollha li nkisbu minn dawn l-intercettazzjonijiet telefonici. (eccezzjonijiet numri 11,12, 17 u 22)</u>**

B'mod ewlieni joggezzjonaw l-akkuzati ghal fatt illi din ix-xiehda hija nammissibbli mhux biss ghaliex tikkostitwixxi informazzjoni mghoddija lix-xhud Arnaud minn terzi, izda ukoll ghaliex din l-informazzjoni qatt ma giet ikkonfermata bil-gurament mill-persuna li ghaddieha lill-iSpettur u cioe' mill-membru tas-Servizzi ta' Sigurta li ghamel tali intercettazzjoni. Jikkontendu illi l-Prosekuzzjoni naqqset ukoll milli taghmel id-debita prova ta' tali intercettazzjonijiet telefonici fit-termini tal-Kapitolu 391 tal-Ligijiet ta' Malta u tressaq il-mandat li bis-sahha tieghu giet moghtija d-debita awtorizazzjoni sabiex isiru tali intercettazzjonijiet. Nieqsa il-prova ta' tali mandat, l-intercettazzjonijiet li saru u l-provi marbuta ma'l-istess huma nammissibli ghaliex ma jirrizultax jekk dawn sarux skont il-ligi. Fuq kollox jikkontendu illi hija inammissibbli dik il-parti tax-xiehda ta' Arnaud fejn huwa jishaq illi f'dawn l-intercettazzjonijiet tinstema' l-vuci tal-akkuzat George Degiorgio billi konferma ta' tali fatt qatt ma tista' tigi kkonstatata u kkonfermata gjaldarba qatt ma saret prova ta' *voice recognition* u di piu' lanqas ma gew indikati d-dati meta allegatament saru tali intercettazzjonijiet.

Illi l-Qorti ezaminat l-atti tal-kumpilazzjoni u x-xiehda marbuta ma' din il-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex illi tressaq 'il quddiem. Mix-xiehda tal-Ispettur Arnaud jidher illi fl-investigazzjonijiet minnu kondotti gie stabbilit illi n-numru MSISDN 9962 3741 kien irregistrat f'isem l-akkuzat George Degiorgio. Jidher li din l-informazzjoni giet mghoddija lilu mill-

provdituri tas-servizz. Jidher ukoll illi ghal xi zmien dan in-numru kien qed jigi intercettat mis-Servizzi tas-Sigurta'. Illi minn ezami ta' dawn l-intercettazzjonijiet mill-investigaturi, **liema intercettazzjonijiet qatt ma gew esebieti in atti**, rrizulta illi fil-jum tas-16 ta' Ottubru 2017 fid-disgha neqsin zewg minuti ta' fil-ghodu (08:58) kienet saret telefonata minn dan in-numru registrat f'isem l-akkuzat Degiorgio kif inghad, lil terza persuna fejn min kien qed jaghmel it-telefonata talab kreditu ta' 5 ewro *voucher* ghal cellulari registrat mas-socjeta Vodafone, izda ir-recipjent tat-telefonata ma setax jaghmel dan u idderiga lil din il-persuna li kienet qed iccempel x'kellha taghmel. L-iSpettur fil-kors ta-xiehda tieghu jindika li l-persuna li kienet qed taghmel it-telefonata kienet l-akkuzat George Degiorgio, kif wasal ghal din il-konkluzjoni izda ma jispjegax. Fid-disgha u minuta (09:01) saret telefonata ohra lil certu Miguel Caruana fejn dan Caruana jintalab mill-istess persuna 5 ewro *voucher* u dan tal-ahhar jaqdieh, tant illi dan it-*top up voucher* jigi kkreditat fuq in-numru MSISDN 9908 8824, li kien jidher lokalizzat fl-istess post fejn gie lokalizzat in-numru 9962 3741 registrat fuq Degiorgio.

Issa f'dan il-kaz dak li l-akkuzati qed isibu eccezzjoni ghalih huwa ghal dik il-parti tax-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv li fil-kors ta'l-investigazzjoni tieghu kif inghad wasal ghal persuna tal-akkuzat George Degiorgio allegatament minn intercettazzjonijiet telefonici li ma hemmx prova taghhom fl-atti u li anke jekk saru lanqas ma hemm prova meta saru u jekk dawn sarux skont il-ligi.

L-Ufficjal Investigattiv, sabiex jikkonduci l-investigazzjoni tieghu, jista' jikseb informazzjoni kunfidenzjali. F'dan il-kaz din l-informazzjoni inkisbet minn ghand is-Servizzi tas-Sigurta'. Il-persuna li ghaddiet din l-

informazzjoni lix-xhud, izda, qatt ma tingieb biex tixhed fil-kors tal-kumpilazzjoni u l-intercettazzjonijiet telefonici tal-konversazzjonijiet li saru u li jixhed dwarhom l-iSpettur qatt ma jigu kkonfermati minn min kisibhom. Fil-fatt fil-lista tax-xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuza ma jigi indikat ebda xhud mis-Servizzi tas-Sigurta'. Lanqas ma gie esebiet xi mandat li bis-sahha tieghu setghu isiru dawn l-intercettazzjonijiet a tenur tal-Kapitolu 391 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jinghad biss illi l-Att li jwaqqaf is-Servizz ta' Sigurta' (Kap 391 tal-Liġijiet ta' Malta) jistabbilixxi fl-artikolu 3(2) u (3) tieghu l-funzjonijiet tas-Servizz u ċioe li dan "jipproteġi s-sigurtà nazzjonali u, b'mod partikolari, kontra theddid mill-kriminalità organizzata, spjunaġġ, terroriżmu u sabutaġġ, l-attivitajiet ta' aġenti ta' potenzi barranin u kontra l-azzjonijiet maħsuba biex iwaqqgħu jew jissovvertu d-demokrazija parlamentari b'mezzi politiċi, industrijali jew vjolenti, kif ukoll **li** jagixxi fl-interess tal-benesseri ekonomiku ta' Malta u tas-sigurta pubblika, **in partikolari l-prevenzjoni jew kxif ta' delitti gravi**."

Illi l-istess Att fl-artikoli sussegwenti jipprovdi dwar il-ħruġ tal-mandati relattivi anke għall-interċettazzjonijiet telefoniċi fejn fost ohrajn hemm stabbilit illi l-mandati għall-interċettazzjonijiet ta' komunikazzjonijiet għandhom jinħargu biss bil-miktub mill-Ministru Responsabbli mis-Servizz jew f'każ ta' urġenza saħansitra jista' jinħareg bil-miktub mis-Segretarju Permanenti jew mis-Segretarju tal-Kabinett hekk awtorizzat mill-Ministru;

Illi l-Att jipprovdi illi kollox għandu jsir b'segretezza assoluta dwar l-operat u saħansitra l-kontrolli fuq l-operat tas-Servizz huma mill-inqas,

kważi ineżistenti, u jeskludu anke skrutinju saħansitra mill-Qorti anke meta tali interċettazzjonijiet jintużaw fi proċeduri penali (artiklu 18 ta'l-Att). Illi l-gurisprudenza in materja madanakollu ma teskludiex il-jedd tal-qrati illi tikkontrolla l-veracita' tal-fatti allegati.

> **"Il-qorti tifhem illi l-prinċipju ewlieni li għandu jirregola din il-vertenza essenzjalment huwa illi fi stat ta' dritt ma hemm ebda setgħa pubblika li ma hijiex ġejja mil-liġi, illi kull setgħa pubblika għalhekk għandha tiġi eżerċitata kif tgħid u trid il-liġi, u illi l-organu li huwa fdat mill-Kostituzzjoni bil-ġurisdizzjoni biex jara jekk il-liġi tħarsitx – u jekk setgħa ġietx effettivament eżerċitata kif tgħid u trid il-liġi jew le – hija l-qorti. Il-kelma ta' uffiċjal pubbliku li hu mexa kif trid il-liġi ma hijiex biżżejjed biex ixxejjen din il-ġurisdizzjoni tal-qorti u biex iċċaħħad lill-individwu mill-jedd ta' aċċess għall-qorti – jedd garantit taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Għalhekk kull dispożizzjoni ta' liġi li tagħti setgħa pubblika għandha tinqara u tinftehem fid-dawl ta' dan il-prinċipju kostituzzjonali u kull interpretazzjoni li tmur kontra dan il-prinċipju – fil-każ tallum, kull interpretazzjoni li żżomm lill-qorti milli tistħarreġ dwar jekk il-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' kellux mandat jew, għax ma kellux mandat, mexiex bi ksur tal-liġi – hija jew interpretazzjoni ħażina jew inkella interpretazzjoni tajba ta' liġi anti-kostituzzjonali. Billi l-preżunzjoni hija illi l-leġislatur ma jgħaddix liġijiet li jiksru l-Kostituzzjoni, il-qrati ordinarji għandhom dejjem ifittxu li jagħtu lil-liġi ordinarja interpretazzjoni konformi mal-Kostituzzjoni u, meta dan ma jkunx possibbli, għandhom jagħmlu referenza lill-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali. L-art. 6(2) tal-Kap. 391 igħid hekk: '6(2) Ebda interċettazzjoni ta' jew interferenza ma' komunikazzjonijiet fil-kors tat-trasmissjoni tagħhom bil-posta jew bi l-mezz ta' sistema ta' radjokomunikazzjoni jew ta' telekomunikazzjoni jew b'kull mezz ieħor ma għandu jkun kontra l-liġi jekk dan jiġi awtorizzat b'mandat maħruġ mill-Ministru bis-saħħa ta' dan l-artikolu.' A contrario sensu, kull interċettazzjoni bħal dik tkun kontra l-liġi jekk ma tkunx awtorizzata b'mandat maħruġ taħt il-liġi u, jekk dak il-mandat ma jintweriex, il-qorti ma tkunx tista' tgħid jekk l-interċettazzjoni tkunx kontra l-liġi jew le. Jekk il-qorti ma jkollhiex is-setgħa li tordna li jintwera l-mandat, u għalhekk li**

**tara jekk il-liġi tħarsitx jew le, il-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' jkun tqiegħed 'il fuq mil-liġi, ħaġa li żgur ma setgħetx tgħaddi minn moħħ leġislatur xewqan li jħares il-Kostituzzjoni, għax huwa assjomatiku illi fi stat ta' dritt ħadd ma hu 'l fuq mil-liġi. Interpretazzjoni tal-liġi f'dak is-sens tkun bilfors interpretazzjoni ħażina[15]."**

**Saret referenza ghal "Archbold" (Edit. 2008) li rrifera ghal opinjoni li kienu taw il-House of Lords fl-Ingilterra fl-2005 fis-sens li dik l-istituzzjoni irragunat li "*it would be absurd that there could be no inquiry as to whether an interception was lawfully authorised or not, and as to whether or not the interceptor's conduct was excluded from criminal responsibility*[16]".**

Dan maghdud, allura l-Qorti tosserva illi huwa fid-dmir tal-Prosekuzzjoni illi fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u dan billi jigu segwieti b'mod skrupoluz r-regoli ta'l-evidenza kif imfassla fil-Kodici Kriminali u li jigu mharsa skrupolozament il-jeddijiet fondamentali tal-persuna akkuzata f'process gudizzjarju ta' natura penali. Dan ifisser illi l-imhallfin tal-fatt ma jistghu qatt jistriehu fuq supposizzjonijiet jew kongetturi jew fuq xi evidenza li tigi mressqa quddiemhom bi ksur tar-regoli stabbiliti fil-ligi u wkoll li ma tista' tigi bl-ebda mod issindikata.

Issa huwa pacifiku u nkontestat illi fil-kors tal-kumpilazzjoni huwa biss l-Ufficjal Investigattiv Arnaud li jindika li sehhew dawn l-intercettazzjonijiet telefonici u jixhed dwar il-kontenut taghhom, minghajr ma jindika l-mod kif dawn gew fil-pussess tieghu u min ghaddielu l-informazzjoni minn naha tas-Servizzi tas-Sigurta'. Mhux biss izda lanqas giet imressqa prova li l-istess kienu debitament awtorizzati

[15] PA GCD 01/03/2011 Avukat Generali vs Kap tas-Servizzi tas-Sigurta et; ara ukoll PA JRM 09/12/2011 Avukat Generali vs Il-Kap tas-servizz tas-Sigurta et.
[16] App.Civ. 24/02/2012 – Avukat Generali vs Kap tas-Servizz tas-Sigurta et

skont il-ligi bil-hrug ta' mandat relattiv mill-Ministru responsabbli li bis-sahha tieghu saru tali intercettazzjonijiet. Dan ma jfissirx, madanakollu illi dak mistqarr minnu ghandu jitqies inammissibli *a priori* minn din il-Qorti billi dak li jemergi minn din ix-xiehda huwa relevanti ghal *facts in issue* u kwindi ma jistax jigi eskluz.

**"Fil-ktieb ta' HARRIS, O'BOYLE, BATES & BUCKELY intitolat "Law of the European Convention on Human Rights" (Oxfrod University Press, 2014; pp. 418–419) 5 jinghad hekk: "In Schenk v. Switzerland, the Court stated that Article 6 'does not lay down any rules on the admissibility of evidence as such, which is therefore primarily a matter for regulation under national law.' Accordingly, it 'is not the role of the Court to determine, as a matter of principle, whether particular types of evidence ... may be admissible ... The question for the Court instead is whether the proceedings as a whole, including the way in which the evidence was obtained, were fair. Accordingly, evidence may be admitted even if illegally obtained if this does not render the proceedings unfair. In the Schenk case, there was no breach of Article 6(1) when a tape recording of a conversation between the applicant and another person, P, that was obtained in breach of Swiss criminal and other laws, and that incriminated the applicant, was admitted in evidence. This was because the proceedings as a whole were not unfair, for the following reasons. First, the right of the defence had not been disregarded. In particular, the defence had the opportunity to challenge both the authenticity of the recording and its admission as evidence, and to examine both P and the police officer who had instigated the recording. Secondly, the recording was not the only evidence on which the conviction was based. The Schenk case was applied in Khan v. UK, in which again no breach of Article 6 was found. There, a conversation between the applicant and X on the latter's premises has been recorded by an electronic listening device secretly installed on the premises by the police. The recording was admitted in evidence at the applicant's trial for a drug trafficking offence. In contrast to the Schenk case, the installation and use of the device were not contrary to national criminal law, although it was obtained in breach of Article 8 of the Convention. The**

**recording was the only evidence on which the applicant's conviction was based, but this consideration was discounted by the Court on the basis that the recording had in fact also been important, possibly decisive evidence. Moreover, the applicant had, as in the Schenk case, been able to challenge the authenticity and admissibility of the recording and the national courts at three levels of jurisdiction had rejected claims that it should be excluded as rendering the proceedings unfair. As emerges from these cases, whether the use of evidence obtained in breach of Article 86 of the Convention renders a trial unfair in breach of Article 67 depends on the circumstances, including whether the rights of the defence have been respected and the strength of the evidence.[17]"**

Illi dan ifisser illi  l-Ufficjal Investigattiv ma huwiex prekluz mill isemmi dan il-fatt li sehh fil-kors tal-istharrig tieghu, prova li fl-essenza taghha ma tistax titqies illi hija nammissibbli. Madanakollu l-gurati ghandhom jigu ggwidati mill-Imhallef togat illi din ma hijiex prova diretta ta' dawn l-intercettazzjonijiet u tal-kontenut taghhom diment li dawn ma jigux esebieti u kkonfermati bil-gurament minn min gew intercettati u li dawn saru skont il-ligi, u dan sabiex ikun hemm il-kontroll shih u effettiv minn naha tad-difiza ta' dak mistqarr mill-imsemmi xhud, biex b'hekk nieqsa din il-prova x-xiehda tal-Ispettur fir-rigward ma tistax titqies li jkollha xi valur probatorju u l-gurati ghandhom jigu ggwidati biex jiskartaw tali evidenza.

Illi ghandu jinghad madanakollu illi l-prova dwar it-telefonati li saru min-numru MSISIDN 99623741 registrat fuq isem George Degiorgio sabiex jigi kkreditat in-numru MSISDN 9908 8824 ma tohrogx unikament mill-intercettazzjonijiet telefonici li l-Ispettur Arnaud ighid illi saru mis-Servizzi tas-Sigurta'. Hemm prova li kien hemm dan il-kuntatt telefoniku

[17] Tribunal ghal Talbiet Zghar (KCX) – Daniel Zammit vs Rocco Bartoluccio digriet moghti 03/02/2020

mix-xiehda ta' Miguel Caruana, li xehed fil-kumpilazzjoni u li huwa xhud tal-prosekuzzjoni. Dan ix-xhud jikkonferma illi kien l-akkuzat George Degiorgio li cempillu u tallbu *top up voucher* ta' 5 ewro. Illi ghalkemm ix-xhud Caruana ma jiftakarax id-data u l-hin tat-telefonata u liema cellulari gie akkreditat b'dan il-flus, madanakollu jirrizulta illi l-apparat cellulari tieghu gie elevat mill-pulizija u ezaminat forensikament. Jikkonferma fuq kollox illi kien l-akkuzat George Degiorgio li cempillu u tallbu din it-*top up voucher* u x'diskors inghad.

Illi allura dan ifisser illi l-Qorti ma tistax *a priori* tqies ix-xiehda tal-ispettur Arnaud f'dan ir-rigward bhala prova inammissibbli. Dan ghaliex, ghalkemm tikkoncedi illi l-prova dwar l-intercettazzjonijiet telefonici maghmula mis-Servizzi tas-Sigurta ma tirrizultax mill-provi kkumpilati u allura lanqas ser issir fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri, u jekk dan isehh allura kwalunkwe dikjarazzjoni fir-rigward maghmula mix-xhud ghandha tigi skartata, madanakollu kif inghad il-prova ta' tali telefonata temergi minn xiehda kemm diretta kif ukoll indiretta . Kif inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tad-19 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena*: **"fis-sistema taghna dik li hija komunement imsejjha bhala l-'Exclusionary Rule' fl-Amerika, ghad m'hijiex radikata u r-regola generali fis-sistema taghna hija li provi illi jkunu gew ottenuti b'mod censurabbli fuq skala kemm morali kif ukoll possibilment anke legali, xorta huma ammissibbli."**

Illi l-Qorti madanakollu tqies illi dan dejjem irid isir bis-salvagwardji kollha li taghti l-ligi fejn allura jerga' jinghad l-Imhallef togat ghandu jaghti id-direzzjonijiet opportuni lill-gurati in konnessjoni mar-regola tal-*hearsay evidence* u liema piz ghandha tinghata lil din ix-xiehda fejn allura

l-persuna li tkun tat l-informazzjoni ma tingiebx fil-qorti sabiex tixhed bil-konsegwenza li l-persuna akkuzata ma ikollhiex kontroll fuq dak mistqarr minnha u allura ma jkollha ebda mezz biex tipprova tissindika tali prova.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tistax taqbel ma'l-eccezzjoni sollevata mill-akkuzati illi *a priori* dik il-parti tax-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv tigi skartata ghaliex inammissibbli u dan ghaliex l-persuna li ghaddiet l-informazzjoni lill-pulizija ma tistax tingieb biex tixhed sabiex tikkonferma dak dikjarat mill-Ufficjal Investigativ. Din tista' tikkostitwixxi prova ai fini tal-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija izda mhux bhala prova diretta tal-kontenut taghha, kif inghad. Dan iktar u iktar ghaliex prova diretta tal-kontenut tat-telefonata tista' tohrog minn provi ohra li tista' tressaq il-Prosekuzzjoni u allura ma tistax tqies illi dak mistqarr mill-Ispettur Arnaud f'din il-parti tax-xiehda tieghu hija msejsa unikament fuq l-intercettazzjonijeit telefonici li saru mis-Servizzi tas-Sigurta u li ma hemmx prova dwarhom in atti. Kwindi din l-eccezzjoni qed tigi respinta b'dan illi fl-ewwel lok il-Prosekuzzjoni ghandha timxi skond id-direzzjoni moghtija mill-qorti iktar 'il fuq u fin-nuqqas, l-Imhallef togat ghandu jidderigi lil gurija x'piz ghandu jinghata lil dan l-estratt mix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv, liema parti minnha ghandha tigi skartata jekk mhux sostanzjata bi provi diretti u skont il-ligi, u liema ghandha tigi ammessa u dana fejn temergi l-katina tal-evidenza shiha li trid il-ligi.

**<u>vi. l-eccezzjonijiet marbuta ma' dik il-parti tax-xiehda moghtija mill-Ispettur Keith Arnaud fejn huwa jezebixxi ritratti li juru x-xena tad-delitt li huwa ksieb mis-sit elettroniku *Google Earth* u ritratti u dokumenti ohra redatti minnu li fuqhom hemm indikazzjonijiet ta' dak li rrizulta lill-investigaturi fl-</u>**

**<u>investigazzjonijiet inizjali minnhom kondotti. (L-eccezzjonijiet igibu n-numri 13, 14, 15, 16, 18, 19, 20, 21 u 104).</u>**

Illi l-Ispettur Keith Arnaud jibda x-xiehda tieghu tal-20 ta' Dicembru 2017 billi jipprezenta faxxikoli ta' ritratti, fejn jindika illi uhud minn dawn ir-ritratti nizzilhom u pprintjhom hu stess mis-sit elettroniku *Google Earth* u ohrajn ittiehdu minnu personalment minn fuq ix-xena tar-reat permezz tal-apparat cellulari tieghu. Ighid li dawn ir-ritratti jindikaw ir-residenza tal-vittma, ix-xena tar-reat, il-post fejn allegatament kienet ipparkeggjata l-vettura tal-vittma fil-lejl ta' bejn il-15 u is-16 ta' Ottubru 2017, il-post fejn sehhet l-ispluzjoni u wkoll il-lok minn fejn allegatament giet elevata l-loqma ta' sigarett li nstabet f'post ftit mbieghed mix-xena tar-reat u minn fejn allegatament kienet saret l-ghassa mill-malviventi fuq il-movimenti tal-vittma qabel ma din giet maqtula. Kull ritratt gie enumerat u ffirmat mix-xhud stess.

F'faxxikolu iehor ix-xhud jipprezenta ritratti wkoll mehuda mill-istess sit li juru l-lok fejn kienu jinsabu c-*cell towers* bis-*cell identification number* ndikat hdejhom ta' kull torri, liema torrijiet intercettaw u llokallizaw kull apparat cellulari allegatament uzat fil-kummissjoni tad-delitt. Jindika ukoll ix-xhud li l-kitba li tidher fuq dawn ir-ritratti saret minnu stess sabiex jaghti indikazzjoni jew ahjar jaghti dehra vizwali ta' dak mistqarr minnu. Jispjega ukoll illi din l-informazzjoni marbuta ma' dawn it-torrijiet giet moghtija lilu mill-provdituri tas-servizz u jispjega x'kienet din l-informazzjoni u l-mod kif jahdmu dawn it-torrijiet. Jikkonferma illi kien il-provditur tas-servizz u cioe' rapprezentanti mis-socjeta Vodafone li spjegawlu kif dawn jiffunzjonaw, u liema zona kull torri jkopri, dettalji li kollha ghandhom jigu kkonfermati fil-kors ta-celebrazzjoni tal-guri mill-imsemmi provditur tas-servizz. Dawn ir-ritratti jinsabu fid-dokumenti

KA7 u KA9 ipprezentati mix-xhud. Illi imbaghad fid-Dokument KA 11 u KA 12 ix-xhud jipprezenta zewg dokumenti kkumpilati f'forma ta' *charts* li jindikaw dehra vizwali ta' *sim card*, n-numru IMEI, taghhom, ma' liema apparat cellulari jew apparat iehor kienu wzati u l-lokalizazzjoni taghhom, wkoll sabiex jaghti dehra vizwali ghal dak li qed jixhed. Dawn id-dokumenti gew ikkumpilati mix-xhud u dan abbazi tal-informazzjoni li kienet qed tohrog mill-investigazzjoni kondotta minnu. Bl-istess mod isibu oggezzjoni ghal esebizzjoni tad' Dokumenti KA14, KA15, KA17 u KA18.

Issa l-akkuzati jsibu oggezzjoni wkoll ghal din il-parti tax-xiehda u ghal esebizzjoni tar-ritratti esebieti minnu ghal diversi ragunijiet, fosthom ghaliex ma jistax jigi ezercitat kontroll fuq is-sit minn fejn originaw dawn ir-ritratti biex b'hekk hija nieqsa dik il-katina tal-evidenza li trid il-ligi, illi x-xhud mhuwiex espert tat-telefonija u qatt ma giet ikkonfermata mill-provdituri tas-servizz l-informazzjoni kontenuta f'dawn id-dokumenti. Jishqu wkoll illi ma hemmx prova illi r-ritratti huma riproduzzjoni fidila ta' dak li hemm muri fihom. Illi fir-rigward tad-dokumenti marbuta mas-*sim card* u apparat cellulari li allegatament gie uzat fil-kummissjoni tad-delitt, jilmentaw illi dawn id-dokumenti jindikaw informazzjoni u xbihat ipotetici, huma kollha evidenza *hearsay* u li l-indikazzjoni tal-messagg li skatta l-bomba nkiseb kontra l-ligi.  Finalment jishqu illi x-xhud ma ghandu l-ebda hila jew sengha specjali fit-telefonija u allura x-xiehda tieghu ghandha tigi skartata.

Illi huwa id-dmir ewlieni tal-ufficjali investigattivi li jigbru u jezaminaw l-evidenza marbuta mal-kummissjoni ta' reat u dan bil-ghan illi jigi stabbilit min kien/u l-malvivent jew malviventi involuti fl-istess. Illi fix-

xiehda tal-investigatur quddiem il-Qorti trid necessarjament tinghata stampa ta' dan l-*iter* investigattiv. Illi tul id-deposizzjoni tieghu l-Ispettur Arnaud jispjega illi d-dokumenti w r-ritratti li huwa jezebixxi gew redatti kollha minnu u dan abbazi tal-informazzjoni li kien qed jigbor kemm direttament kif ukoll indirettament fil-kors tal-investigazzjoni. Fil-fatt meta mistoqsi mill-Prosekutur fost affarijiet ohra sabiex jispjega kif jahdmu c-*cell towers* li huwa jirreferi ghalihom fix-xiehda tieghu, ix-xhud stess jindika illi huma l-provdituri tas-servizz li ser jaghtu x-xiehda taghhom fir-rigward. Fuq kollox huwa jixhed fuq l-informazzjoni li giet mghoddija lilu kif inghad fil-kors tal-investigazzjoni tieghu.Fil-fatt fil-kors tax-xiehda tieghu b'referenza ghal uhud minn dawn id-dokumenti jikkonferma li l-informazzjoni nkisbet mill-esperti u ukoll ighid:

> **" .... din ghamiltha jien mid-data li gbart mill-phones, mis-CCTV footages, mic-cell towers ....[18]"**

Oltre li b'referenza ghar-ritratti l-ohra esebieti jghid illi dawn ghandhom jigu kkonfermati mill-ufficjali tax-xena tar-reat inkarigati mill-fotografija.

Dan l-*iter* wahdu ghalhekk ma jikkostitwixxi l-ebda prova diretta ta' dak li sehh u dan dment illi l-imsemmi ufficjal ma kisibx dak il-fatt jew dawk il-fatti personalment. Dan ifisser, kif diga inghad iktar 'il fuq, u issa b'referenza ghal faxxikolu ta' dokumenti esebieti mill-ufficjal investigattiv, illi dak kollu minnu mistqarr u dak kollu li johrog minn dawn id-dokumenti ma jistghu jikkostitwixxu ebda prova dment li din l-informazzjoni ma tigix ikkonfermata mill-esperti nominati fl-*in genere* b'mod ewlieni l-esperti dwar ix-xena tar-reat li ffotografaw u rregistraw ix-xena tar-reat anke digitalment, l-esperti tal-informatika li jistghu

[18] Fol.207

jixhdu dwar l-apparat cellulari allegatament uzat fil-kummissjoni tar-reat, Sim cards, lokalizzazzjoni u informazzjoni ohra migbura minnhom filwaqt li kienu qed jespletaw l-inkarigu lilhom moghti, xiehda diretta bhal provdituri tas-servizz rigward torrijiet cellulari, profili telefonici, fost affarijiet ohra, u rapprezentanti ta' Transport Malta. Dan ghaliex huma biss dawn ix-xhieda li jistghu jikkonfermaw dak li johrog minn din il-parti tax-xiehda tal-Ispettur Keith Arnaud meta jispjega dettaljatament dak li rrizulta fil-kors tal-investigazzjonijiet minu kondotti. Fuq kollox l-informazzjoni hemmhekk miskuba ma kenitx maghrufa direttament mix-xhud u nkisbet minnu meta avvicina lil dawk il-persuni pertinenti li setghu jipprovduh bl-imsemmija informazzjoni.

Illi ghalhekk jerga' jigi ribadit illi tali xiehda hija wahda ammissibbli skont il-ligi biss safejn taghti informazzjoni dwar l-*iter* li segwiet l-investigazzjoni kondotta mill-ufficjal investigatur. Dak mistqarr minnu, inkluz allura r-ritratti u d-dokumenti minnu redatti mill-informazzjoni miksuba fl-investigazzjoni, jrid imbaghad jigu kkonfermati minn xhieda ohra konsistenti kemm mix-xiehda tal-esperti nominati mill-Inkwirenti kif ukoll minn xhieda ohra li setghu jipprovdu l-informazzjoni lill-investigatur, kollha indikati bhala xhieda fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuza. Illi ghalhekk huwa id-dmir tal-Imhallef li jispjega lil gurati r-regoli tal-evidenza u l-piz li ghandha tinghata lil din ix-xiehda, b'dan allura illi la d-dokumenti u lanqas dak li jixhed fuqhom ix-xhud Spettur Keith Arnaud ma jistghu f'dan l-istadju jigu dikjarati mill-qorti bhala provi inammissibbli.

Ghal dawn il-motivi dawn l-eccezzjonijiet (numri 13, 14, 15, 18, 19, 20, 21 u 104) kollha qed jigu michuda, b'dan illi kif inghad ghandha tinghata id-direzzjoni opportuna mill-Imhallef togat lil gurati.

vii. **l-isfilz tad-Dokument KA28 konsistenti fid-dikjarazzjoni ta' rifjut ta' jedd ghal parir legali ta' l-akkuzat George Degiorigio billi tali rifjut ma sarx fil-presenza ta' zewg xhieda tant illi l-imsemmija dikjarazzjoni ma hijiex iffirmata minn PC442 Gary Scerri u dan bi ksur tal-artikolu 355AUA(6) tal-Kodici Kriminali. (Eccezzjoni numru 23)**

Illi l-akkuzat George Degiorgio f'din l-eccezzjoni minnu ntentata qieghed ifittex biex ixejjen dikjarazzjoni maghmula minnu qabel ma gie interrogat mill-awtoritajiet investigattivi fejn huwa rrinunzja ghal jedd tieghu skont il-ligi li jkollu l-assistenza legali filwaqt ta' tali interrogazzjoni. Illi huwa qieghed jinvoka dak dispost fl-artikolu 355AUA(6) tal-Kodici Kriminali meta jfassal dina l-oggezzjoni. Illi dan id-dispost tal-ligi mizjud fid-dritt penali permezz tal-Att LI tal-2016 li mplimenta d-dritt komunitarju fir-rigward jiddisponi illi:

> **"Meta l-persuna miżmuma tagħżel li ma tfittixx assistenza legali l-Pulizija Eżekuttiva, l-uffiċjal li jkun qiegħed jinvestiga jew kull awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja għandhom jirrekordjaw dan il-fatt bil-miktub fil-preżenza ta' żewġ xhieda u malli jsir dan tibda l-interrogazzjoni minnufih. M'għandux ikun ammissibbli li l-prosekuzzjoni tikkummenta waqt il-proċeduri quddiem il-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali fuq il-fatt li l-persuna suspettata jew akkużata ma għażlitx li tagħmel użu mill-assistenza legali waqt li kienet qed tinżamm taħt arrest."**

Illi huwa pacifiku illi r-rinunzja da parti tal-akkuzat George Degiorgio ghall-assistenza legali giet irregistrata u dan kif jixhed id-Dokument KA28 esebiet mill-Ispettur Keith Arnaud u li jinsab a fol. 380 tal-atti kumpilatorji. Illi ghalkemm dan id-dokument jindika illi tali dikjarazzjoni

saret fil-presenza ta' PS1152 Emanuel Saliba u PC442 Gary Scerri, dan ta'l-ahhar madanakollu jonqos milli jiffirma tali dikjarazzjoni. L-akkuzati ghalhekk jikkontendu illi dan ix-xhud ma kienx prezenti biex b'hekk tali dikjarazzjoni ma ghandha l-ebda validita' fil-ligi. Ma jidhirx madanakollu illi l-akkuzat George Degiorgio qieghed jikkontesta l-validita' tal-istqarrija sussegwentement rilaxxjata minnu fejn huwa ma kienx assistiet minn avukat u fejn ghazel illi ma jwiegeb ghall-ebda domanda li ssirlu.

Illi minn ezami tal-atti kumpilatorji u senjatament mix-xiehda ta' PC442 Gary Scerri moghtija quddiem l-Qorti Istuttorja fil-21 ta' Dicembru 2017, johrog illi huwa minnu illi x-xhud ma kienx prezenti filwaqt li d-dikjarazzjoni kienet ser tigi ffirmata u ghalhekk il-firma tieghu ma tirrizultax fuq id-dokument, izda jikkonferma illi kien prezenti meta t-twissija nghatat[19]. Issa l-artikolu 355AUG(2) tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi:

> **"Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew verbalment, għandha tkun reġistrata kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret ir-rinunzja, bl-użu ta' kwalunkwe proċedura ta' rekordjar permessa bil-liġi.**

Illi mit-traskrizzjoni esebieta fl-atti kumpilatorji tal-interrogazzjoni li giet irregistrata b'mod awdjo-viziv fil-5 ta' Dicembru 2017 l-Ispettur Keith Arnaud, fil-presenza ukoll tal-Ispettur Kurt Zahra, ighid hekk lill-akkuzat George Degiorgio u dan qabel ma tibda' l-interrogazzjoni tieghu:

> **" .... il-bierah anke tajnik id-dritt tal-avukat. Naqblu George li l-bierah offrejnilek id-dritt li tkun assistit minn avukat jew tikkonsulta ma' avukat qabel ma naghmlulek id-domandi?**

[19] Volum numru 1 fol.449 tal-atti kumpilatorji

**Tikkonferma jew le li offrejnielek id-dritt? Qabel nibdew id-domandi tixtieq li jkollok avukat, hawnhekk prezenti jew tkellmu qabel inkellmuk ahna?**
**Ha nsaqsik tal-ahhar George jekk tixtieqx ikollok avukat prezenti hawnhekk mieghek jew tkellmu qabel inkellmuk ahna. Ghadna ma staqsejnik l-ebda domanda s'issa mill-bierah sal-lum, sewwa, qed insaqsuk, intuk id-dritt, obbligati bil-Ligi jekk trid ikollok avukat prezenti mieghek u x'ha twiegeb ha jkollna nibdew naghmlu d-domandi minn naha taghna.[20]"**

U ghal dawn id-domandi, l-akkuzat jibqa' ma jirregistra ebda twegiba. Mhux biss, izda mill-atti tal-inkjesta jirrizulta illi fil-jum tal-05 ta' Dicembru 2017 fl-4:30 ta' wara nofs in-nhar il-Magistrat Inkwirenti zamm access fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn kienu prezenti t-tlett akkuzati, kif ukoll l-Assistent Kummissarju Dennis Theuma, l-Ispettur Kurt Zahra u l-Ispettur Charlot Casha bil-ghan illi jittiehed kampjun ai fini ta' ezamijiet forensici tad-DNA fejn rega' gie moghti lill-akkuzati il-jedd li jikkonsultaw ma' avukat tal-fiducja taghhom u dawn regghu rrifjutaw kull assistenza legali.

Dan ifisser illi huwa indubitat illi l-akkuzati ghal iktar minn darba gew moghtija l-jedd li jkunu assistiti minn avukat. Illi dan huwa l-jedd li tfittex li thares il-ligi meta persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat tkun ser tigi nterrogata mill-ufficjali investigattivi u dan sabiex jithares il-jedd taghha ghal smiegh xieraq billi hija ma tinkriminax ruhha bit-twegibiet li tista' taghmel, liema twegibiet ikunu jistghu jintuzaw fil-proceduri penali li sussegwentment jittiehdu fil-konfront ta' dik il-persuna.

Mhux biss hemm il-konferma li tali jedd gie moghti mix-xhud PC442 Gary Scicluna, li *del resto* huwa xhud indikat mill-Prosekuzzjoni u li ser jixhed

[20] Volum numru 2 fol. 2047 atti kumpilatorji

matul il-guri sabiex jikkonferma dan il-fatt, izda sahansitra dan il-jedd jinsab ukoll irregistrat mhux biss permezz tad-dikjarazzjoni bil-miktub li l-akkuzat Degiorgio qed ifittex li jxejjen, izda ukoll illi l-ghoti ta' dan il-jedd gie irregistrat u dan fit-termini tal-artikolu 355AUG(2) tal-Kodici Kriminali, hawn fuq iccitat. Finalment jerga' jigi ribadit illi l-akkuzat George Degiorgio ma qanqal l-ebda lment fir-rigward tal-validita' tal-istqarrija rilaxxjata minnu lil pulizija ghar-raguni illi huwa ma inghatax dan il-jedd imhares fil-ligi.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni (numru 23) qed tigi michuda.

3. **<u>L-isfilz ta' parti mix-xiehda tal-PS1152 Manwel Saliba u tad-Dokumenti minnu pprezentati Dokument MS1 u Dokument MS2. (Eccezzjonijiet bin-numri 26, 27 u 28)</u>**

Illi mix-xiehda tal-PS1152 Manwel Saliba jidher illi dan l-ufficjal tal-pulizija li kien qed jiehu sehem fl-investigazzjonijiet li kienu qed jigu kondotti mill-pulizija, wara li sehh l-omicidju, kien gie assenjat jiehu hsieb jigbor il-filmati CCTV li setghu gibdu x-xena tal-bahar fuq il-Belt Valletta u il-Port il-Kbir fejn allegatament kienet tinsab id-dghajsa bl-isem *Maya* fil-jum tas-16 ta' Ottubru 2017. Jispjega illi l-filmati inkisbu minn ghand l-ufficjali ta' Transport Malta u minn dawn il-filmati x-xhud ighid li nizzel ritratti jew ahjar *snap shots* li jindikaw it-tragitt li hadet id-dghajsa fil-jum indikat.

Illi jibda' biex jinghad allura illi l-filmat li huwa esebiet in atti u kkonfermat mill-ufficjali impjegati mat-Transport Malta jindika tragitt ta' dghajsa li tigi identifikata hierga mill-Port fit-tmienja neqsin minuta ta'

fil-ghodu (07:59) u diehla lura ghal habta tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar, fejn qabel tidhol lura ghal habta tat-tlieta neqsin tlettax-il minuta (14:47hrs) tigbed fid-direzzjoni taht il-Qanpiena tal-Assedju, hemm tibqa' ghal madwar minuta, imbaghad tkompli bit-tragitt taghha lura gewwa il-Port. Illi allura dak kollu li jghid dan l-ufficjal tal-pulizija fix-xiehda tieghu u r-ritratti minnu esebiti jistghu jigu kkonfermati fil-kors tal-guri meta jintwera dan il-filmat. Jikkonferma illi l-marki u l-kitba li jidhru fuq ir-ritratti esebieti li huma *stills* mill-filmat, ghamilhom hu stess fil-kors tal-investigazzjoni. Jikkonferma wkoll illi l-filmat shih jinsab ghand l-espert mahtur fl-*in genere* u li allura wkoll ser jixhed dwar il-kontenut tieghu u tal-immagini mehuda minnu.

Issa x-xhud imbaghad jixhed dwar ezercizzju iehor li sar mill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni fejn kien involut hu u l-PC442, liema ezercizzju sehh fit-23 ta' Novembru 2017 u ghalhekk madwar xahar wara li kien sehh l-omicidju. F'dan l-ezercizzju x-xhud ighid li ngibed filmat tad-dghajsa *Maya* diehla lura fuq il-bahar fid-direzzjoni tal-Marsa, fejn hemm it-tinda tal-patata, minn fejn fil-jiem sussegwenti gew arrestati l-akkuzati mill-pulizija. Ighid illi f'din l-okkazzjoni seta' jidentifika lill-akkuzat George Degiorgio qieghed isuq din id-dghajsa. Ighid illi dan l-ezercizzju sar minnu wara li gie moghti istruzzjonijiet sabiex josserva d-dghajjes dehlin u hergin mill-Marsa u jara jekk setax jidentifika xi wahda li kienet tixbah lil dik li dehret fil-filmat tas-16 ta' Ottubru 2017. Fil-fatt ighid illi fil-jum tat-23 ta' Novembru 2017 dehret din id-dghajsa, li identifika bhala l-*Maya,* misjuqa mill-akkuzat George Degiorgio li dehret li kienet simili ghad-dghajsa l-ohra li tidher fis-16 ta' Ottubru, u li kien ghalhekk li gibed il-filmat. Mhux biss izda wara li kien irrizultalu dan il-fatt regghu gew elevati l-filmati ufficjali migbuda mill-kameras tas-sigurta ta' Transport

Malta. Illi fil-fatt ix-xhud rapprezentant tat-Transport Malta, Patrick Pollacco, jikkonferma fix-xiehda tieghu quddiem l-Istruttur, illi huwa kien ghadda dawn il-filmati lil pulizija waqt li kienet ghaddejja l-investigazzjoni. Mhux biss izda jzid ighid illi dawn il-filmati marbuta mal-jum tas-16 ta' Ottubru 2017 gew mghoddija fil-presenza ukoll tal-espert mahtur mill-Inkwirenti Keith Cutajar. Ighid ukoll illi t-tieni talba li saritlu fir-rigward tal-filmati tat-23 ta' Novembru 2017 saru ukoll mill-espert Keith Cutajar. Finalment ix-xhud Pollacco, muri id-Dokument MS1, jikkonferma illi r-ritratti li jidhru fuq id-dokument huma *stills* mehuda mill-filmati migbuda mill-kameras ta' Transport Malta[21].

Illi spjanati dawn il-fatti kumpilatorji huwa evidenti illi dak li jaghmel ix-xhud fix-xiehda tieghu huwa li jispjega il-kors li hadet l-invetsigazzjoni u x-xoghol minnu kondott u ghalhekk il-Qorti tqies illi ma hemm xejn li jista' jitqies inammissibbli fil-kontenut tax-xiehda tieghu u d-dokumenti minnu esebieti fejn jaghti dehra vizwali tax-xoghol illi sar minnu. Illi fir-rigward tat-tqabbil li sehh bejn id-dghajsa li tidher fil-filmati tas-16 ta' Ottubru 2017 u dawk tat-23 ta' Novembru 2017, u dan bil-ghan li jigi stabbilit jekk id-dghajsa *Maya* li tappartjeni lill-akkuzat George Degiorgio setatx kienet l-istess wahda li tidher fil-filmati tas-16 ta' Ottubru 2017, dan l-ezercizzju sar mill-esperti nominati mill-Inkwirenti (Keith Cutajar u l-Kaptan Reuben Lanfranco) u allura huma dawn ix-xhieda li jistghu jikkonfermaw o meno dan il-fatt allegat u li kien qed jemergi mill-investigazzjonijiet, b'dan ghalhekk illi fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri, l-Imhallef togat ghandu jaghti dik id-direzzjoni opportuna lil gurati meta jigu biex iqiesu x'piz ghandha tinghata dina l-prova li qed issir permezz tax-xiehda tal-PS1152 Manwel Saliba.

---

[21] Ara xhieda ta' Patrick Pollacco Volum numru 3 pagna 2501 et seq. tass-eduta tal-20 ta' April 2018

Ghal dawn il-motivi dawn it-tlett eccezzjonijiet (numri 26,27 u 28) qed jigu michuda.

4. **<u>Eccezzjonijiet marbuta mal-*proces verbal* dwar spluzjoni gewwa Triq il-Bidnija, limiti tal-Mosta fejn tillfet hajjtiha peruna li kienet gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni QQZ668 tal-ghamla Peugeot 108, liema vettura garrbet hsarat estensivi nhar is-16 ta' Ottubru 2017, ezebit fl-udjenza tas-07 ta' Frar 2018 quddiem il-Qorti Istruttorja (Numri 29, 30 u 31)</u>**

Illi l-akkuzati Degiorgio f'dawn it-tlett eccezzjonijiet minnhom ventilati qeghdin jitolbu l-ewwel u qabel kollox l-isfilz tal-*proces verbal* u wkoll sussidjarajment jekk din it-talba ma tigix milqugha illi jigu sfilzati dawk il-partijiet minnu fejn hemm ipprezentati dokumenti minn terzi persuni li ma kenux gew nominati bhala esperti fl-*in genere* u cioe' certu Doris Eerhart, l-Inginier C.D. Kulten M. Kropff u Ir. C.A.Schot. Jitolbu ukoll l-isfilz ta' dik ix-xiehda mismugha mill-espert Dr. Martin Bajada billi fl-inkarigu lilu moghti mill-Inkwirenti isostnu illi huwa ma giex moghti s-setgha li jisma' x-xhieda bil-gurament.

Issa l-oggezzjoni tal-akkuzati ghal validita' tal-*proces verbal* tistrieh fuq zewg binarji. L-ewwelnett jilmentaw illi ghalkemm fil-verbal tal-udjenza tas-07 ta' Frar 2018 jirrizulta illi xehdet id-Deputat Registratur Susan Fenech u pprezentat bil-gurament l-imsemmi *proces verbal*, madanakollu minn imkien mill-atti ma tirrizulta traskrizzjoni ta' din ix-xiehda. Jishaq inoltre illi mill-ewwel pagna tal-*proces verbal* a fol.606 tal-atti hemm nota minn fejn johrog illi dan id-dokument gie ipprezentat minn Dr. Elaine Mercieca quddiem id-Deputat Registratur Melanie Sciberras.

Illi jibda' biex jinghad illi t-trasmissjoni tal-atti tal-*proces verbal* mill-Avukat Generali lura lil Qorti ghandha ssir fit-termini tal-artikolu 569 tal-Kodici Kriminali u dan permezz ta' nota li ghandha tigi pprezentat fil-Qorti tal-Magistrati minghajr il-htiega li l-Avukat Generali jigi ngunt biex jixhed u jezebixxi dan id-dokument fizikament. Li jigri huwa li sussegwentment l-atti tal-*proces verbal* jigu imbaghad ezebiti fil-qorti mid-Deputat Registratur u dan waqt il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja[22].

Issa minn ezami tal-atti kumpilatorji jidher car illi din il-procedura giet osservata skrupolozament, bl-Avukat Generali permezz ta' nota jittrasmetti l-atti lil Qorti Istruttorja, li imbaghad jigu esebieti tul il-kumpilazzjoni mid-Deputat Registratur Susan Fenech. Illi fil-verbal tas-seduta tas-07 ta' Frar 2018 hemm ivverbalizzat:

> **"Xehdet bil-gurament Susan Fenech li esebiet il-proces verbal immarkat bhala Dokument SF."**

Traskrizzjoni ta' din ix-xiehda in atti ma hemmx u din il-Qorti tazzarda tghid li lanqas kien hemm bzonn ta' tali traskrizzjoni billi f'din ix-xiehda ma nghad xejn ghajr li x-xhud esebiet id-dokument u kwindi l-verbal huwa xiehda cara ta' dak li sehh.

> **"Ir-regola hi li dak li jseħħ quddiem qorti u li hu, jew li jista' jkun, ta' importanza, jiġi registrat fil-verbal ta' dik l-udjenza. Sakemm ma jiġix pruvat li dak li ġie reġistrat fil-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2002 (fol. 5 tal-atti) ġie reġistrat b'mod żbaljat jew inkomplet – u proprjament jekk wieħed jaqra sew l-ewwel aggravju isib li ma jingħad assolutament xejn speċifikatament dwar dan il-verbal jew il-korrettezza tiegħu – din il-Qorti neċessarjament trid toqgħod fuq il-verbal jew verbali li jkunu.[23]"**

[22] Ara in tema The Republic of Malta vs Racheal Fred deciza App. Sup. 30/01/2019
[23] Il-Pulizija v. Stephen Chetcuti et: App.Inf 07/11/2003

Illi fis-sentenza *r-Repubblika ta' Malta vs Giovanna Pace u Christopher Mazzitelli*[24], fejn similment bhal fil-kaz odjern il-verbal tal-udjenza kien jindika illi Spettur tal-Pulizija xehed u ezebixxa dokument, izda ma kienx hemm traskrizzjoni tax-xiehda tieghu, gie deciz hekk:

> **".... l-fatt li ma hemmx traskrizzjoni ta' xiehda ta' l-Ispettur Josric Mifsud tal-mument li fih esebixxa d-dokumenti msemmija, ma jfissirx illi ma ġiex somministrat lilu l-ġurament qabel ma esebihom. Mhux kull ma jingħad fl-Awla jiġi traskritt."**

Fuq kollox l-artikolu 3 tal-Kapitolu 284 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi

> **"Minkejja kull disposizzjoni f'xi liġi oħra, kull qorti <u>tista'</u> tordna li l-proċedimenti tagħha jew xi parti minnhom jiġu reġistrati b'mezzi elettro-manjetiċi."**

Dan ifisser illi l-Qorti ma hijiex marbuta illi taghmel registrazzjoni tal-prociment li jkun qed isir quddiemha u li sussegwentement dawn jigu traskritti u ghalhekk tista' tirregistra kull haga li jsir matul l-udjenza bil-miktub, kif fil-fatt sehh f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni hija ghal kollox infondata u qed tigi michuda.

L-akkuzati jitolbu l-isfilz tal-*proces verbal* ukoll ghaliex dan ma giex kontro-ffirmat mill-Magistrat Istruttur u dan kif hemm mahsub fl-artikolu 396 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi hekk:

> **"Kull dokument miġjub matul il-kompilazzjoni għandu jiġi kontro-firmat mill-maġistrat, u notament ta' din il-produzzjoni għandu jitniżżel fuq id-dokument stess mir-reġistratur jew mill-uffiċjal li jagħmel floku."**

---

[24]App.Sup 13/06/2013

Issa l-ghan tal-legislatur wara din id-disposizzjoni tal-ligi hija li kull dokument li jigi pprezentat matul il-kumpilazzjoni jigi awtentikat u ccertifikat mill-Magistrat Istruttur. Illi l-*proces verbal* ma jistax jitqieghed fl-istess keffa tad-dokumenti l-ohra li jigu pprezentati minn xi parti jew ohra jew inkella minn xi xhud billi l-*proces verbal* fih innfisu, maghmul regolarment, huwa prova fis-smigh tal-kawza u dan kif dispost fl-artikolu 550 tal-Kodici Kriminali.

> **(1) Il-proċess verbal magħmul regolarment, jista' jingħata bħala prova fis-smigħ tal-kawża u x-xhieda, il-periti jew persuni oħra li jkunu dehru fl-aċċess jew xehdu matul l-inkjesta Maġisterjali ma jistgħux jinġiebu biex jagħtu xiehda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja matul il-kumpilazzjoni**
>
> **(5) Il-proċess verbal għandu jitqies li jkun magħmul regolarment jekk ikun fih fil-qosor ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, lista tax-xhieda mismugħa u l-provi miġbura, u paragrafu finali li jkun fih il-konklużjonijiet tal-maġistrat inkwirenti.**

Illi minn ezami tal-eccezzjonijiet imqanqla mill-akkuzati marbuta mal-*proces verbal* ma jidhirx illi huma qed jattakaw il-mod kif l-istess gie redatt. Dan ifisser allura illi l-fatt wahdu li l-imsemmi *proces verbal* ma giex iffirmat mill-Istruttur ma ghandu l-ebda piz fuq il-valur probatorji tad-dokument jew tal-evidenza hemmhekk kontenuta. Fuq kollox l-awtentikazzjoni tal-atti tieghu u tad-dokumenti hemmhekk esebiti huma kollha iccertifikati mill-Magistrat Inkwirenti li kkontro-ffirma kull folja tal-imsemmi *proces verbal*. Dan ghandu allura jgib mieghu n-nuqqas tal-bzonn illi dawn l-atti jergghu jigu awtentikati mill-Magistrat Istruttur ghall-istess ghan. Illi l-Professur Mamo meta jiccita fin-noti tieghu d-

decizjoni antika fl-ismijiet "**Regina vs C.Agius**" (deciza 16/04/1866), liema insenjament ghadu validu sal-lum, ighid hekk:

> ***"It was held that failure of the magistrate to counter-sign the document or of the registrar to record the production as aforesaid, does not affect the admissibility of the document as evidence. Such defect may be pleaded only when use is to be made of such document and the identity and production thereof if not proved by other evidence; <u>the legal proof concerning the production of documents before the judicial authorities is independent of the intrinsic probative value of the document itself</u> and the counter-signature of the magistrate and the certificate of production on such documents has no other purpose than that of proving the identity and production of the document, independently of and without the necessity of resorting to other means of evidence of such identity and production.[25]"***

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi sussidjarajament ghal dawn iz-zewg eccezzjonijiet, l-akkuzati imbaghad jitolbu l-isfilz ta' siltiet mill-atti tal-*proces verbal* u cioe' tas-segwenti:

i. korrispondenza, direzzjoni jew parir moghti minn certu Doris Eerhart, *NFI senior international forensics advisor and scientific support coordinator*, billi din qatt ma giet mahtura bhala espert fl-*in genere*.
ii. Kull dokument jew oggett iehor mghoddi lill-imsemmija Eerhart u ukoll minn certu Ing. C.D. Kul ten M. Kropff ghall-istess raguni.
iii. Kull dokument iffirmat minn certu Ir. C.A. Schot billi dan ukoll ma giex mahtur bhala espert.

---

[25] Notes on Criminal Procedure by Prof. Sir.A.J.Mamo

iv. Kull mistoqsija illi mit-traskrizzjonijiet ta' xhieda saret mill-espert Dr. Martin Bajada u r-risposta ghall-istess billi l-inkarigu ta' dan l-espert ma kienx li jisma' x-xhieda bil-gurament.

Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra il-Qorti terga' taghmel referenza ghal dak dispost fl-artikolu 550 tal-Kodici Kriminali hawn fuq iccitat li jiddisponi illi l-*proces verbal* regolarment maghmul jikkostitwixxi prova fl-atti minghajr il-htiega li l-periti u x-xhieda li jkunu dehru u hadu sehem fl-inkjesta jerghu jingiebu fil-qorti biex jixhdu. Dan ma jeskludiex, madanakollu il-jedd tal-Qorti jew tal-partijiet li jitobu il-produzzjoni tal-prova li tkun saret f'dik l-inkjesta u cioe' tax-xhieda li jkunu iddeponew jew tal-esperti li jkunu hejjew ir-rapporti taghhom, b'dan ghalhekk illi l-jedd tad-difiza li tezercita kontroll shih fuq din il-prova tibqa' mhux mittiefsa[26].

Issa fil-kors tal-*in genere* il-Magistrat Inkwirenti huwa tenut jaghmel dak kollu mehtieg ghat-tikxif tal-verita'. L-istharrig fl-inkjesta magisterjali allura ma huwiex biss limitat ghar-rapporti tal-esperti nominati mill-Inkwirenti sabiex jassistuh f'dan l-istharrig, izda kull prova ohra u dokument li jista' jkun relevanti u marbut ma' din l-investigazzjoni. Illi allura mhwiex eskluz illi l-Inkwirenti jircevi x-xiehda ta' terzi li mhumiex esperti, kif ukoll li jircevi kull dokument li jista' jkun rilevanti u marbut max-xoghol tieghu. Illi allura l-Qorti ma tistax tqies illi l-korrispondenza, oggett jew dokument li tressqu mill-persuni indikati mill-akkuzati f'din l-eccezzjoni huma inammissibbli, dment li tali prova ma tikkonsistiex f'parir jew opinjoni, billi dan ghandu jkun mholli unikament fis-setgha tal-esperti nominati mill-Inkwirenti f'dik l-inkjesta. Illi allura matul il-kors

[26] Ara sub-incizi 2, 3, u 4 ghall-artikolu 550

tac-celebrazzjoni tal-guri huwa l-Imhallef togat li ghandu jaghti id-direzzjoni opportuna lil gurati sabiex iwarrbu kull opinjoni moghtija minn xhieda li ma humiex nominati mill-Inkwirenti jew mill-Istruttur bhala esperti, liema xhieda madanakollu jistghu joffru d-deposizzjoni taghhom fuq il-fatti biss.

Illi finalment l-akkuzati joggezzjonaw ghal fatt illi l-espert nominat fl-*in genere* Dr. Martin Bajada ghamel xi mistoqsijiet lil xi xhieda li kienu qed jiddeponu fl-inkjesta, u dan ghaliex huwa ma giex moghti l-jedd li jisma' xhieda bil-gurament fid-digriet tan-nomina. Illi jibda' biex jinghad illi l-akkuzati ma jindikawx f'din l-eccezzjoni x'kienu dawn il-mistoqsijiet u lil liema xhud jew xhieda gew maghmula. Il-Qorti certament ma hijiex mistennija toqghod tfittex hi u tispigola mill-provi li hemm fl-atti pjuttost voluminuzi tal-*proces verbal,* sabiex tasal ghal dak li kellhom f'mohhom l-akkuzati meta fasslu din l-eccezzjoni. Fuq kollox ix-xhieda li ddeponew fl-inkjesta kollha regghu instemghu tul il-kumpilazzjoni u ser jerrghu jixhdu fil-guri biex b'hekk id-difiza ghandu jkollha kontroll shih fuq dak li inghad lill-espert.

Dan maghdud madanakollu l-Qorti tqies illi meta l-inkwirenti jahtar espert sabiex permezz tas-sengha u l-hila specjali tieghu jkun jista' jasal biex jistabbilixxi xi prova determinanti fil-kors tal-istharrig li jkun qed isir, huwa ghandu jaghti direzzjoni lil dak l-espert biss jekk ikun hemm il-htiega ghaldaqstant. Dan huwa stabbilit fl-artikolu 650(5) tal-Kodici Kriminali li jistabbilixxi d-direzzjonijiet li ghandhom jinghataw lil periti mill-qorti sabiex jespletaw l-inkarigu lilhom moghti, liema disposizzjoni ta' dritt hija applikabbli ukoll ghall-*in genere*[27]:

[27] Artikolu 548 Kodici Kriminali

**Il-qorti, <u>kull meta jkun hemm bżonn</u>, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa u ż-żmien li fih għandhom jagħmlu r-rapport tagħhom.**

F' dan il-kaz ma kienx jenhtieg illi l-espert jinghata din is-setgha b'mod specifiku u kif inghad fi kwalunkwe kaz ix-xhieda ser jergghu jiddeponu waqt is-smiegh tal-guri.

**"8. Din il-Qorti żżid tgħid, pero`, li l-Qorti (jew il-maġistrat fil-kors ta' l-inkjesta dwar l-in genere) li tinnomina espert fi branka ta' ħila jew sengħa speċjali m'għandhiex għalfejn tispeċifika bid-dettalji kollha dak kollu li dak l-espert għandu jagħmel. Infatti l-Qorti tagħti d-direttivi meħtieġa lill-esperti kull meta jkun hemm bżonn ("… whenever it is expedient …" fit-test Ingliż)(artikolu 650(5), Kap. 9). L-esperti hekk nominati, proprju minħabba l-expertise tagħhom, jibqagħlhom ukoll marġini ta' diskrezzjoni sabiex jagħmlu "ix-xogħol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengħa tagħhom (artikolu 653(1), Kap. 9).[28]"**

**24. Issa, l-eċċezzjoni ta' inammissibilita` tippresupponi xi disposizzjoni tal-liġi li teskludi dik il-prova milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. Fil-każ odjern in-nomina ta' l-esperti saret mill-Maġistrat Inkwirenti a tenur ta' l-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali. Imbagħad is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 650 – reż applikabbli għall-in genere mill-ewwel proviso ta' l-imsemmi artikolu 548 – jipprovdi li: "Il-qorti, <u>kull meta jkun hemm bżonn</u>, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa" (sottolinear ta' din il-Qorti). Naturalment sabiex ma jkunx hemm ekwivoċi hu desiderabbli li jkun hemm deskrizzjoni ta' l-inkarigu mogħti lill-esperti rispettivi fid-digriet tan-nomina. Fil-każ in eżami m'hemm l-ebda ekwivoku, peress illi kull wieħed mill-esperti ndika fir-relazzjoni tiegħu l-inkarigu speċifiku li kellu. Barra minn hekk, id-difiża jibqagħlha dejjem id-dritt li tikkontrolla dak li jiġi konstatat mill-esperti prodotti billi jekk hekk jidhrilha timpunja l-kompetenza, l-kredibilita` u l-affidabilita` tal-istess esperti u tal-konklużjonijiet tagħhom**

[28] Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech mogħtija fit-28 ta' Frar 2012 – App.Sup

Jizdied jinghad biss illi permezz ta' diversi digrieti fosthom dawk tas-17 ta' Ottubru 2017, 20 ta' Ottubru 2017, 6 ta' Novembru 2017, 7 ta' Novembru 2017 l-Inkwirenti kien awtorizza lill-espert jikseb kull informazzjoni mehtiega minn ghand il-provdituri tas-servizz, u ufficjali minn Transport Malta, li allura certament jinkludi l-ksib ta' tali informazzjoni anke billi jinghata gurament lil persuna jew persuni li jkunu qed jipprovdu tali informazzjoni. Illi ukoll jirrizulta mill-atti tal-inkjesta illi kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn l-Inkwirenti sema ghadd gmielu ta' xhieda fil-presenza tal-esperti minnu nominati bil-ghan illi dawn l-esperti jkunu jistghu joffrulu l-assistenza taghhom teknika meta jigi biex jaghmel dawk il-mistqosijiet pertinenti li jkunu qed isiru lix-xhieda hekk mismugha. Fil-fatt dan huwa indikat fir-rapport tal-espert Martin Bajada stess fejn hemm indikat testwalment illi fost l-inkarigu lilu moghti kien hemm "is-smiegh ta' xhieda **flimkien** mal-Magistrat Inkwirenti." Certament ghalhekk ma jista' qatt jinghad illi huwa ma kellux l-awtorizazzjoni mill-Inkwirenti biex jisma' x-xhieda bil-gurament.

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

5. **L-isfilz tar-relazzjoni ezebieta mill-espert il-Perit Richard Aquilina fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2018, Dokument RA1 u tax-xiehda moghtija minnu. (Eccezzjoni numru 32)**

Illi l-akkuzati essenzjalment jitolbu l-isfilz tar-relazzjoni u x-xiehda tal-Perit Richard Aquilina billi fil-fehma taghhom huwa ezorbita s-setghat moghtija lilu fid-digriet tan-nomina moghtija lilu mill-Inkwirenti meta gie biex jespleta l-inkarigu lilu moghti. Jikkontendu illi dan sehh fl-ewwel lok meta jiddikjara fir-relazzjoni u x-xiehda tieghu illi huwa kien gie mahtur mill-Inkwirenti '*sabiex jaghmel pjanta tal-post ta'l-incident u jirrelata*

*dwar dak rilevanti ghal kaz*', meta dan ma hux rifless fid-digriet tan-nomina tieghu mill-Inkwirenti, u fit-tieni lok ukoll meta fil-konkluzjonijiet tieghu huwa rrelata dwar il-post fejn sehhet l-ispluzjoni u l-vizwali kemm ta' min ikun qieghed isuq kif ukoll tal-post minn bnadi ohra. Dan ghaliex, jishqu, l-espert ma ghandu l-ebda hila u sengha specjali fir-rigward.

Illi huwa pacifiku illi l-Perit Richard Aqulina gie mahtur bhala espert tekniku u dan sabiex jaghmel dak ix-xoghol kollu mehtieg marbut mas-sengha tieghu bhala perit arkitett. Dan indubbjament jikkonsisti fir-redazzjoni ta' pjanti u ta' deskrizzjoni fizika u dettaljata b'referenza ghal qisien u fatturi ohra li jistghu jaghtu stampa teknika tax-xena tar-reat. Illi fil-fatt b'digriet tal-Magistrat Inkwirenti tas-17 ta' Ottubru 2017, il-Perit Richard Aquilina gie mahtur "***sabiex jinbena site plan tal-lok tal-incident bil-qisien relattivi, u kostatazzjonijiet ohra rilevanti ghal kaz.***"

Illi a skans ta' repetizzjoni, l-Qorti taghmel referenza ghal konsiderazzjonijiet maghmula iktar 'il fuq *in subiecta materia*. Tqies, wara li ezaminat id-digriet tan-nomina tal-Perit Richard Aquilina maghmul mill-Inkwirenti u r-rapport minnu imhejji u cioe' id-Dokument RA1, illi l-imsemmi espert ma ghamel xejn li mhux marbut mas-sengha u l-hila tieghu kif jikkontendu l-akkuzati, jew inkella li ezorbita l-inkarigu lilu moghti u hija tal-fehma illi l-akkuzati qeghdin jaqbbdu ma' dettalji li huma ghal kollox fiergha sabiex jippruvaw ixejjnu prova li hija ghal kollox valida u maghmula skont il-ligi.

Fuq kollox il-Qorti ma tistax ma taghmilx l-istess osservazzjoni maghmula mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif kollegjalment komposta:

**"Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li fil-kors ta' l-istruttorja meta kienu qed jigu kkonfermati jew nominati d-diversi esperti, l-akkuzat -- li kien dejjem legalment assistit -- f'ebda hin ma ghamel l-icken oggezzjoni ghal dawn il-konfermi u nomini. ....... Bhalma fissret ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fil-kaz ta' Harrington (supra), huwa ferm ingust u certament mhux konducenti ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja li meta qorti tkun innominat perit, minn ikollu xi oggezzjoni ghal dik in-nomina, flok ma jgib 'l quddiem dik l-oggezzjoni minnufih sabiex il-qorti tkun tista' tikkunsidrha u, jekk ikun il-kaz tappunta lil xi hadd iehor, ihalli kollox ghaddej, imbghad fi stadju inoltrat, meta possibilment lanqas ikun aktar possibbli jew utili li ssir perizja gdida, jivventila l-oggezzjoni tieghu. Kif tajjeb osservat dik il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kaz ta' Nicholas Ellul, ghalkemm "akkuzat ghandu dritt ghal smiegh xieraq izda dan is-smiegh xieraq waqt li jipprotegi l-presunta innocenza tal-akkuzat, ghandu wkoll ikun fair mas-socjeta' li tkun giet oltraggata bid-delitt[29]"**

Ghal dawn il-motivi anke din l-eccezzjoni (numru 32) qed tigi michuda.

6. **<u>L-isfilz mill-istqarrijiet tat-tlett akkuzati ta' dawk il-mistoqsijiet li jsirulhom mill-Ufficjal Investigatur marbuta mal-messagg #REL1=ON, mal-*GSM module* li allegatament skatta l-espluzjoni u ukoll dawk marbuta mal-intercettazzjonijiet telefonici maghmula mis-servizzi tas-Sigurta' u li allegatament gew marbuta mal-akkuzat George Degiorigio. (Eccezzjonijiet 33 sa 39)</u>**

Illi l-akkuzati joggezzjonaw unikament ghal dawk il-mistoqsijiet li isirulhom fil-kors tal-istqarrija rilaxxjata minnhom lil pulizija meta jigu interrogati u mhux ghat-twegibiet li jigu moghtija minnhom. Dan ghaliex it-tlett akkuzati jaghzlu, kif kellhom kull dritt li jaghmlu skont il-ligi, li ma iwiegbu ghall-ebda domanda li issirlhom. Joggezzjonaw ghal dawn il-mistoqsijiet billi fil-fehma taghhom l-allegazzjonijiet dwar il-messagg li skatta l-bomba, l-apparat utilizzat sabiex dan sehh, kif ukoll l-

[29] Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmelo Spiteri App. Sup. Deciza 19/04/2001

intercettazzjonijiet telefonici maghmula mis-Servizzi tas-Sigurta ma jikkostitwixxu ebda prova valida skont il-ligi u dan kif sottomess fl-eccezzjonijiet numri 9 sa 11 maghmula mill-akkuzati ahwa Degiorgio.

Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra, il-Qorti trid necessarjament tispjana kull kwistjoni legali marbuta mal-istqarrija rilaxxjata mill-persuna suspettata li kkomettiet reat u mal-mod kif issir l-interrogazzjoni mill-pulizija.

i. Illi l-akkuzati joggezzjonaw ghal dak mistqarr mhux biss fl-istqarrija maghmula minnhom izda ukoll fir-rigward ta' dak kontenut fl-istqarrijiet tal-ko-akkuzati. Illi huwa principju elementari ta' dritt penali sagrosant illi dak kollu ddikjarat minn ko-akkuzat f'kwalunkwe dikjarazzjoni minnu maghmula kemm matul l-interrogazzjoni kif ukoll fid-deposizzjoni tieghu fil-Qorti tiswa ghalih u ghalih biss u ma jista' jkollha l-ebda piz fuq dak dikjarat mill-ko-akkuzat. Jinghad illi kull stqarrija ta' ko-akkuzat tithalla li tingieb quddiem il-gurija fl-intjerezza taghha anki fejn issemmi jew taghmel riferenza ghal xi ko-akkuzat iehor, bis-salvagward pero' li l-Imhallef togat ikollu l-obbligu li jispjega sew lil gurija li dak li jghid ko-akkuzat fil-konfront ta' ko-akkuzat iehor ma jistax jitqies bhala prova kontra l-istess ko-akkuzat iehor u dan b'harsien shih lejn dak dispost fl-artikoli 661 u 636(b) tal-Kodici Kriminali.[30]

ii. Illi l-ufficjal investigattiv fil-kors tal-interrogazzjoni maghmula lil persuna suspettata jista' jutilizza dik it-teknika li jidhirlu xierqa u li tista' tghinu fit-tiftix ghal verita', dment li dawn il-mezzi jkunu

[30] ara sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "ir-Republika ta' Malta vs. Alfred Zammit et." deciza fl-10 t'Ottubru, 1979 u "ir-Republika ta' Malta vs. Zarena Calleja u Baskal Debono " deciza fis-17 ta' Gunju, 1987.

mezzi skont il-ligi, hielsa minn biza', theddid jew xi weghda ta' vantagg. Dan ifisser illi l-mistqosijiet li jsiru mill-investigatur mhux necessarjament ikunu ibbazati fuq fatti veritjieri u stabbiliti fl-investigazzjonijiet minnu kondotti. Illi fil-fatt l-artikolu 14 tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta ighid hekk dwar stratagemmi uzati fil-kors tal-interrogazzjoni: ***"L-użu ta' xi qerq bil-kliem biex iwassal persuna tagħmel stqarrija ma jkunx projbit (bħal "diġà nafu kollox dwar il-każ; sħabek diġà stqarrew kollox")."***

iii. Fil-fatt il-mistoqsijiet li jsiru qatt ma jistghu jikkostitwixxu prova fl-ebda process penali, izda huma biss it-twegibiet tal-akkuzat fl-istqarrija minnu rilaxxjata lil pulizija li jservu ta' prova kemm favurieh kif ukoll kontrieh. Illi l-imhallef togat dejjem iwissi lil-gurati f'dan is-sens u cioe' illi ghandhom jistriehu biss u unikament fuq it-twegibiet moghtija fl-istqarrija u mhux fuq il-mistoqsijiet bhala prova skont il-ligi.

Dan ifisser illi l-akkuzati George Degiorgio u Alfred Degiorgio ma jistghux fl-ewwel lok joggezzjonaw ghal dak mistqarr fi stqarrija tal-ko-akkuzat. Ma jistghux jitolbu l-isfilz ta' mistoqsijiet maghmula mill-Ufficjal investigattiv billi dawn ma jikkostitwixxu ebda prova skont il-ligi u gew maghmula legittimament fil-kors tal-istharrig li sar.

Ghal dawn il-motivi u a skans ta' repetizzjoni ghal motivi ukoll migjuba fl-eccezzjonijiet numri 9 sa 11, dawn l-eccezzjonijiet li igibu in-numri 33 sa 39 qed jigu kollha michuda.

**7. L-isfilz ta' dik il-parti tax-xiehda tal-Kaptan Matthew Sant moghtija tul il-kumpilazzjoni fl-udjenza tal-20 ta' April 2018 fejn**

**<u>huwa jispjega dak li jidher f'filmat li ma giex ipprezentat bhala prova billi l-SD card li fuqha kien irregistrat sehhilha l-hsara u ma setax jigi prodott kopja ta' din ir-registrazzjoni maghmula mill-ghaddasa tal-Forzi Armati ta' Malta. Dan ghaliex id-difiza b'hekk ma tista' tezercita ebda kontroll fuq il-kontenut ta'l-istess. (eccezzjoni numru 40)</u>**

Illi fl-4 ta' Dicembru 2017, il-Kaptan Matthew Sant, ikkordina operazzjoni fejn kienu involuti diversi ghaddasa, membri tal-Forzi Armati adetti mal-*Bomb Disposal Unit* sabiex jaraw jekk fiz-zona tal-Menqa vicin it-tinda tal-patata gewwa l-Marsa kienx hemm materjal li seta kien ta' interess ghall-investigazzjoni. Illi dawn l-ghaddasa rregistraw din l-operazzjoni permezz ta' *GOPRO camera* marbuta mal-polz taghhom. Jidher, illi ghalkemm ix-xhud Matthew Sant irnexxielu jnizzel dawn il-filmati fuq il-*lap top* tieghu tant illi anke ra x'kien il-kontenut ta'l-istess, madanakollu sussegwentment l-*SD card* li fuqha giet irregistrata din id-*data* giet *corrupted* tant illi ma setax jinhareg kopja tal-filmati li ingibdu. Din l-*SD card* giet sussegwentement mghoddija lill-espert tal-informatika Keith Cutajar sabiex jistabbilixxi jekk r-registrazzjoni ta' dan il-filmat setax jinhareg minnha.

Illi dan maghdud, minn qari tax-xiehda tal-Kaptan Matthew Sant, johrog illi huwa kien prezenti meta saret din it-tfittxija taht il-bahar u anke kien prezenti meta gew elevati l-oggetti li kienu rilevanti ghall-investigazzjoni. Ighid illi anke meta saru it-tfittxijiet mill-membri l-ohra tal-Forzi Armati u meta saret l-elevazzjoni tal-oggetti huwa kien dejjem prezenti. Dawn l-oggetti ighid li gew mghoddija lill-esperti tax-xena tar-reat u gew issigillati fil-boroz appoziti (*evidence bags*). Jikkonferma illi minn taht il-bahar ittella' apparat cellulari u wkoll xi *SD cards*. Jikkonferma illi l-filmat huwa rah ukoll personalment fejn dan l-esercizzju maghmul mill-

ghaddasa li elevaw l-oggetti u gew mghoddija lill-esperti, kif inghad, gie rregistrat. Ighid ukoll li ghalkemm il-qiegh tal-bahar kien konsistenti f'hama u allura il-vizibilita' setghet giet ostakolata minhabba dan il-fatt, madanakollu jghid li xortawahda l-filmat kien jindika l-oggett li jkun sab l-ghaddas u il-mument meta gie elevat l-oggett. Illi l-Kaptan Matthew Sant ghalhekk jiddeskrivi kemm dak li ra *ictu oculi*, meta kien hu personalment prezenti taht il-bahar, kif ukoll meta kien prezenti filwaqt li l-ghaddasa l-ohra ghaddew l-oggetti minnhom elevati lill-esperti, kif ukoll jixhed dwar dak li ighid li ra fuq il-filmat.

Illi fir-rigward ta' din l-ahhar parti tax-xhieda tieghu, ghalkemm il-filmat ma setax jidher billi l-*SD card* kienet "*corrupted*", madanakollu dawn il-fatti jistghu jigu kkonfermati mill-ghaddasa rispettivi adetti mal-Forzi Armati li jaghtu x-xiehda taghhom fuq ix-xoghol minnhom esegwiet.

Dan ifisser illi ghalkemm l-akkuzati jista' jkollhom ragun fl-eventwalita' illi huma ma jkunux jistghu jezercitaw ebda kontroll fuq dak li jista' jistqarr ix-xhud fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri ghar-rigward ta' dak li ix-xhud ighid li ra fil-filmat, jekk il-filmat ma jigix esebiet, madanakollu dan il-kontroll jista' jigi ezercitat jekk dak kollu li jixhed il-Kaptan Matthew Sant, biss fejn huwa jispjega x'ra fil-filmat meta ma kienx prezenti hu personalment, jigi kkonfermat minn xhieda ohra li kienu prezenti fejn allura ghandha tapplika r-regola tal-*hearsay evidence* kif hawn fuq imfissra. Il-Qorti, ma tistax *a priori* tqies din il-parti tax-xiehda bhala inammissibbli kif qed jikkontendu l-appellanti u fl-aghar ipotesi dak li ighid il-Kaptan li ra fuq il-filmat meta ma kienx prezenti hu ghal gbid tal-istess ma jistax jikkostitwixi prova li l-fatt sehh jekk mhux ikkonfermat mill-persuna jew persuni li kienu prezenti fuq il-post. Jerga'

jigi ribadit illi huwa l-Imhallef togat illi fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri, wara li jkunu nstemghu x-xiehda kollha kemm dawk imressqa 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni, kif ukoll mid-difiza, jaghti d-direzzjoni opportuna lil gurati dwar x'provi huma ghandhom iqiesu meta jigu ghad-deliberazzjoni finali u cioe' billi jigi lilhom indikat liema huma dawk il-provi maghmula skont il-ligi u dawk li mhumiex u ghalhekk ghandhom jigu minnhom imwarrba.

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni (numru 40) qed tigi michuda.

**8. L-isfilz ta' dik il-parti tar-relazzjoni tal-espert Keith Cutajar, esebieta bhala Dokument KC2, li tirreferi ghal filmati migbuda mill-*cameras* tas-sorveljanza ta' Transport Malta fil-jiem tat-23 u it-28 ta' Novembru 2017 u x-xiehda moghtija minnu fir-rigward, u dan ghaliex fl-ewwel lok huwa ma giex moghti awtorizazzjoni mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jeleva dawn il-filmati u fit-tieni lok billi d-dati ta' dawn il-filmati jirreferu ghal zmien wara il-kummissjoni tar-reat addebitat lill-akkuzati u ghalhekk la huma rilevanti u lanqas ammissibbli bhala prova. Ghal dawn il-motivi l-akkuzati jindikaw illi l-korrispondenza skambjata bejn Transport Malta u l-espert Cutajar esebieta mix-xhud Patrick Pollacco ghandha tigi sfilzata billi l-istess ma tistax titqies bhala digriet tal-Inkwirenti kif ukoll tax-xiehda moghtija minn Pollacco f'dan ir-rigward (eccezzjonijiet numri 41 u 42)**

Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra din il-Qorti tirribadixxi illi ghandha ssir distinzjoni bejn ir-rilevanza u l-ammissibilita ta' prova billi l-kwistjoni dwar ir-rilevanza tal-provi ghandha tigi imhollija unikament fid-diskrezzjoni tal-gurati u dan wara li l-istess jigu debitament iggwidati mill-Imhallef togat dwar il-punti ta' dritt li jsawwru l-valur probatorju tal-evidenza migjuba fil-process gudizzjarju, u ma ghandha qatt tkun imhollija ghad-decizjoni tal-Qorti li tiskarta prova li tkun ammissibbli ghalkemm tista' tkun irrilevanti.

Spjanat ghal darb'ohra dan it-taghlim legali u gurisprudenzjali, il-Qorti tosserva, b'referenza ghal din l-eccezzjoni issa in dizamina, illi n-nomina tal-espert tal-informatika Keith Cutajar maghmula mill-Magistrat Inkwirenti kienet wahda limitata ghal elevazzjoni w ezami forensiku ta' *cameras* ta' sorveljanza u sigurta'. Jirrizulta illi dan l-inkarigu, ghalhekk, kien ikopri kull xoghol li kellu jsir fir-rigward ta' dawn il-filmati hekk irregistrati mhux biss fiz-zona tal-Bidnija u x-xena tad-delitt, izda wkoll kienet tkopri diversi lokalitajiet f'Malta li setghu kienu ta' interess fl-investigazzjoni fosthom allura iz-zona tal-Port il-Kbir u postijiet ohra fuq il-bahar. Illi mir-rapport tal-espert Cutajar jidher illi huwa kien qieghed jinghata istruzzjonijiet kontinwi mill-Magistrat Inkwirenti tul il-kors tal-istharrig dwar l-*in genere* fejn fil-jum tas-27 ta' Novembru 2017 huwa gie moghti istruzzjonijiet sabiex jingabru filmati tal-portijiet ghal granet tat-23 ta'Novembru 2017 bejn it-8:00 u il-17:00 u tat-28 ta' Novembru 2017 bejn 13:00 u l-16:00. Illi ghalkemm huwa minnu illi minn ezami tal-atti tal-inkjesta digriet bil-miktub f'dan ir-rigward ma hemmx, madanakollu huwa ndubitat kif inghad illi bhala espert tal-informatika Cutajar kellu jaghmel dak kollu mehtieg sabiex tissokta l-*in genere* u l-istharrig fuq il-kaz, dan dejjem taht id-direzzjoni tal-Inkwirenti. Issa dan l-inkarigu kien jikkoncerna il-gbir ta' filmati dwar jumejn partikolari fejn kien qed isir stharrig marbut mad-dghajsa *Maya* u l-movimenti tal-istess.

Issa jekk din il-prova hekk migbura hijiex wahda rilevanti o meno, billi kif jikkontendu l-akkuzati din kienet tirreferi ghal zmien wara li kien sehh l-omicidju certament ma taqax fil-manzjoni risposta f'idejn il-Qorti, kif inghad, izda ghandha tithalla unikament ghad-decizjoni tal-imhallfin tal-fatt.

Illi minn ezami tal-attijiet kumpilatorji u anke dawk dwar l-*in genere* jirrizulta illi kienet qieghda issir sorveljanza mill-pulizija tad-dghajsa *Maya* allegatament proprjeta ta'l-akkuzat George Degiorgio. Fil-fatt fil-granet indikati tat-23 u it-28 ta' Novembru 2017 l-akkuzat jidher isuq din id-dghajsa kif johrog mill-filmati elevati u ezaminati mill-espert Cutajar kif ukoll mix-xiehda tal-ufficjali tal-pulizija li kienu qed jaghmlu din is-sorveljanza. Dan l-ezercizzju sar mill-investigaturi bil-ghan illi dawn il-filmati hekk migbuda jigu mqabbla ma' dak migbud fil-jum meta sehh l-omicidju sabiex potenzjalment jigi stabbilit jekk id-dghajsa u l-persuna li kienet qed issuq l-istess f'dan il-jum, u cioe' fis-16 ta' Ottubru 2017, setghux jigu identifikati bhala l-persuna tal-akkuzat George Degiorgio u d-dghajsa bl-isem *Maya*.

Illi jerga' jigi ribadit illi l-espert nominat mill-Inkwirenti ghandu jaghmel dak kollu marbut mal-arti u s-sebgha tieghu u jimxi skont id-direzzjonijiet moghtija lilu mill-Inkwirenti jew mill-qorti u dan skont il-bzonn. Madanakollu ma hemmx il-htiega illi l-Inkwirenti jispecfika bil-preciz il-mansjonijiet kollha mhollija f'idejn l-"expertise" tieghu kif inghad fis-sentenza "***Martin Dimech***[31]" hawn fuq iccitata.

Illi allura x-xoghol kollu ezegwiet mill-espert tekniku Keith Cutajar sar kollu fil-qafas tan-nomina tieghu li kien wiehed li jikkoncerna il-gbir u l-preservazzjoni tal-filmati migbuda mill-*cameras* tas-sorveljanza u li kienu mehtiega ghal fini tal-istharrig li kien qed jigi kondott marbut mal-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia. Ghal dan il-ghan kien jenhtieg illi ssir komunikazzjoni ma' dawk in-nies kollha li setghu jipprovdulu dawn il-

[31] Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech mogħtija fit-28 ta' Frar 2012 App.Sup.

filmati inkluz ghalhekk Patrick Pollacco rapprezentant ta' Transport Malta li xehed fil-kors tal-kumpilazzjoni u kkonferma li l-filmati esebieti kienu dawk mghoddija lill-espert Cutajar u li kienu ingibdu mill-*cameras* tas-sigurta ta' Transport Malta. Jinghad finalment illi kemm Keith Cutajar kif ukoll Patrick Pollacco huma xhieda indikati mill-Avukat Generali fil-lista tax-xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuza, fejn allura jista' jigi kkontrollat mid-difiza l-kontenut tad-deposizzjoni taghhom.

Ghal dawn il-motivi dawn iz-zewg eccezzjonijiet (numri 41 u 42) qed jigi michuda.

**9. L-isfilz tax-xhieda u ta' tnejn mir-relazzjonijiet esebieti mill-espert serologista Dr. Marisa Cassar fis-seduta tal-20 ta' April 2018 quddiem il-Qorti Istruttorja u dan sa fejn l-istess jezorbitaw l-inkarigu lilha moghti mill-Inkwirenti. (eccezzjonijiet numri 43 u 44)**

Illi minn ezami tal-atti kumpilatorji jirrizulta illi matul is-seduta tal-20 ta' April 2018, l-espert serologista Dr. Marisa Cassar xehdet u esebiet relazzjoni immarkata bhala Dokument MC1 fejn hemm imfisser illi dan ir-rapport gie imhejji abbazi ta' nomina maghmula mill-Inkwirenti lill-espert sabiex tigi kkonfermata l-identita tal-kadavru F212/17, x'aktarx ta' Daphne Caruana Galizia[32]. Fl-istess seduta gie minnha esebiet rapport iehor li mhux immarkat, imma jidher illi huwa formanti parti mid-Dokument MC1, fejn hemm imfisser illi dan issa gie imhejji in forza ta' nomina ohra sabiex taghmel l-analizi ghal presenza ta' demm u DNA fuq il-kampjuni lilha mghoddija[33]. Issa l-akkuzati jikkontendu wkoll illi fil-kors

[32] Ara rapport esebiet Vol 3, a fol 2453 u 2454 tal-atti kumpilatorji.
[33] Rapport esebiet Vol 3 a fol, 2455 sa 2499 tal-atti tal-kumpilazzjoni

tax-xiehda taghha Dr. Cassar esebiet rapport iehor immarkat Dokument MCA[34].

L-akkuzati ahwa Degiorgio jivventilaw l-ilment taghhom illi dawn l-ahhar zewg rapport, u cioe' d-dokument immarkat "MCA" u r-rapport l-iehor mhux immarkat, ghandhom jigu sfilzati flimkien max-xiehda moghtija mill-imsemmija espert billi l-istess jezorbitaw l-inkarigu specifiku lilha moghti mill-Magistrat Inkwirenti bhala serologista nominata biex "taghmel l-ezamijiet relattivi sabiex tigi identifikata l-identita' tal-persuna li nstabet mejta fil-vettura u tirrelata bil-miktub lil din l-Onorabbli Qorti fuq ir-rizultanzi taghha", u dan skont digriet tal-Inkwirenti esebiet a fol.27 tal-*proces verbal*.

Illi qabel kull konsiderazzjoni marbuta mal-hatra tal-espert serologista Dr. Marisa Cassar, il-Qorti tirrileva, u dan wara ezami tal-atti kumpilatorji, illi id-dokument MCA ma huwiex rapport imhejji minn Dr. Marisa Cassar kif jikkontendu l-akkuzati fl-eccezzjoni minnhom ivventilata. Dan id-dokument, flimkien mad-Dokument MCB, jikkonsistu unikament fil-lista ta'l-esebieti li fuqhom kien sar l-analizi u li gew irritornati mill-espert f'din l-udjenza tal-20 ta' April 2018. Dawn il-listi jidhru li kienu imwahhla fuq il-faccata ta'zewg boroz li go fihom kien hemm l-esebieti li sar l-analizi fuqhom. X'aktarx li bi zball din il-bicca tax-xiehda tal-espert serologista Dr. Marisa Cassar giet traskritta bhala parti mix-xiehda tax-xhud li gie warajha l-Ispettur John Spiteri billi mit-traskrizzjoni jidher illi r-registrazzjoni giet imwaqqfa, imbaghad tkompliet hekk kif ha il-pedana tax-xiehda l-Ispettur Spiteri.

[34] Ara rapport esebiet Vol.3 a fol. 2563 sa 2573

Illi sorvolata din il-kwistjoni dwar il-kontenut tad-Dokument MCA, il-Qorti ser tghaddi biex tindaga l-eccezzjoni sollevata mill-akkuzati marbuta mal-inkarigu ta' din l-espert. Illi l-Qorti ezaminat l-atti tal-*proces verbal* billi huwa minn dan id-dokument li johorgu t-termini tal-hatra tal-espert Dr. Marisa Cassar. Illi huwa pacifiku illi l-imsemmija espert ghandha l-hila u s-sengha specjali ta' serologista. Illi dawn il-hiliet tal-espert ma humiex disputati. Issa huwa minnu illi fil-jum tas-16 ta' Ottubru 2017 meta sehhet il-vicenda omicida l-Magistrat li kienet ghassa dak in-nhar, u cioe' il-Magistrat Consuelo Scerri Herrera, hatret lill-imsemmija espert sabiex l-ewwel u qabel kollox tigi determinata l-identita' tal-vittma ta' dan ir-reat makabru. Fil-fatt id-digriet li l-akkuzati jaghmlu referenza ghalih f'dawn iz-zewg eccezzjonijiet minnhom imqanqla jirreferi proprju ghal dak tas-16 ta' Ottubru 2017 u gustament jindikaw lil Qorti illi n-nomina kienet giet cirkoskritta ghal dan il-ghan uniku. Madanakollu wara li l-imsemmija Inkwirenti irrikuzat ruhha fil-proceduri dwar l-*in genere* u dan b'digriet moghti fis-17 ta' Ottubru 2017, l-inkjesta giet mill-Prim'Imhallef assenjata lil Magistrat Anthony Vella li mbaghad dahal fiz-zarbun tal-Magistrat Inkwirenti fejn l-istharrig dwar l-*in genere* tkompla twessa' bil-ghan illi jigu identifikati il-malviventi wara l-kummissjoni tad-delitt. Illi jirrizulta mill-atti tal-*proces verbal* illi l-Magistrat Vella b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2017 hatar ghadd gmielu ta' esperti sabiex ighinuh fl-istharrig li ghadda f'idejh minn fejn tirrizulta l-hatra mill-gdid tal-espert Dr. Marisa Cassar bhala "serologista". Illi huwa minnu illi f'dan l-istadju ma giex specifikat bil-precis x'kienu dawk il-manzjonijiet riposti f'idejn din l-espert u l-indagini li kellha taghmel, madanakollu jerga jigi ribadit, kif inghad iktar 'il fuq, illi meta l-Inkwirenti, jew il-Qorti, jahtru espert fil-branka tal-hila jew sengha specjali taghhom tonqos il-htiega li jigu specifikati fid-dettall dak kollu li

dak l-espert jenhtieglu jaghmel u ma hemmx ghalfejn jinghataw xi direttivi specifici[35].

Kwindi dan ifisser illi meta l-Magistrat Inkwirenti hatar lil Dr. Marisa Cassar bhala espert serologista dan kien ifisser illi l-imsemmija espert kellha taghmel dak ix-xoghol kollu marbut ma' analizi ta' demm u tad-DNA marbut mad-delitt li kien qed jigi investigat minghajr il-htiega li jigi lilha indikat ix-xoghol specifiku li kellu jsir fuq kull kampjun elevat mix-xena tad-delitt jew minn kampjuni ohra li setghu jkunu ta' rilevanza ghal fini ta'l-investigazzjoni. Illi kif gie superjorment deciz:

> **" .... in-nomina ta' l-esperti saret mill-Maġistrat Inkwirenti a tenur ta' l-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali. Imbagħad is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 650 – reż applikabbli għall-in genere mill-ewwel proviso ta' l-imsemmi artikolu 548 – jipprovdi li: "Il-qorti, kull meta jkun hemm bżonn, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa" (sottolinear ta' din il-Qorti). Naturalment sabiex ma jkunx hemm ekwivoċi hu desiderabbli li jkun hemm deskrizzjoni ta' l-inkarigu mogħti lill-esperti rispettivi fiddigriet tan-nomina. Fil-każ in eżami m'hemm l-ebda ekwivoku, peress illi kull wieħed mill-esperti ndika fir-relazzjoni tiegħu l-inkarigu speċifiku li kellu. <u>Barra minn hekk, id-difiża jibqagħlha dejjem id-dritt li tikkontrolla dak li jiġi konstatat mill-esperti prodotti billi jekk hekk jidhrilha timpunja l-kompetenza, l-kredibilita` u l-affidabilita` tal- istess esperti u tal-konklużjonijiet tagħhom</u>.[36]"**

Illi ma jidhirx illi l-akkuzati quddiem il-Qorti Istuttorja ivventilaw xi oggezzjoni marbuta mal-hatra ta'l-imsemmija espert jew max-xoghol minnha maghmul. Fuq kollox, kif imghallem fid-decizjoni iccitata, l-akkuzati ghandu dejjem kontroll shih fuq il-kostatazzjonijiet milhuqa mill-espert u jistghu jikkontestaw il-konkluzjonijiet minnha milhuqa fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri.

---

[35] Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech mogħtija fit-28 ta' Frar 2012 App.Sup.
[36] Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba App.Sup.02/05/2013

Ghal dawn il-motivi dawn iz-zewg eccezzjonijiet (numri 43 u 44) qed jigu michuda.

10. **<u>L-isfilz ta' diversi rapporti u dokumenti pprezentati fl-atti tal-kumpilazzjoni billi l-istess huma redatti bil-lingwa Ingliza u mhux bil-lingwa Maltija u la giet ordnata u lanqas saret traduzzjoni ghal lingwa Maltija. (Eccezzjonijiet numri 45 u 46.</u>**

Illi f'dawn l-eccezzjonijiet minnhom ventilati l-akkuzati jilmentaw illi ghalkemm il-proceduri pendenti fil-konfront taghhom huma bil-lingwa Maltija, madanakollu diversi xhieda pprezentaw ir-rapporti taghhom jew xi dokumenti ohra fil-lingwa Ingliza, minghajr ma giet ordnata li ssir traduzzjoni ta'l-istess ghal lingwa Maltija. Dan, fil-fehma tal-akkuzati, jirrendi l-prova li trid ssir permezz ta' dawn id-dokumenti hekk esebieti inammissibbli.

Illi qabel xejn ghandu jigi rilevat illi l-ligi thares b'mod holistiku d-drittijiet tal-persuna akkuzata u dan fit-Titolu VI tal-Kodici Kriminali, Titolu li gie mizjud permezz tal-Att IV tal-2014, b'dan ghalhekk illi fih hemm inkorporat d-dritt li l-persuna suspettata jew akkuzata b'reat quddiem il-Qorti jkollha d-dokumenti kollha f'idejha li fuqhom hija imsejsa l-akkuza migjuba fil-konfront taghha sabiex b'hekk tkun f'posizzjoni tiddefendi ruhha skont il-ligi. Jekk dawn id-dokumenti jkunu f'lingwa li dik il-persuna hekk akkuzata ma tifhimx, allura jekk dan id-dokument jitqies mill-qorti li huwa dokument essenzjali bhala prova, ghandha issir traduzzjoni ta'l-istess f'lingwa li l-persuna akkuzata tista' tifhem u dan kif hemm dispost fl-artikolu 534AD:

(1) Meta l-persuna suspettata jew l-akkużat ma jifhmux il-lingwa li tkun qed tintuża fil-proċeduri kriminali kkonċernati,huma għandhom, fi żmien raġonevoli, jingħataw bil-miktub traduzzjoni tad-dokumenti kollha essenzjali li jiżguraw li huma jistgħu jeżerċitaw id-dritt li jiddefendu ruħhom kif ukoll sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta.

(2) Id-deċiżjoni li tiddetermina x'jikkostitwixxi dokument essenzjali għandha tittieħed mill-Pulizija Eżekuttiva jew mill-Qorti skont ma jkun il-każ, u l-persuna suspettata jew l-akkużat jew l-avukat tagħhom għandhom jissottomettu talba raġonata għal dak il-għan:

Iżda d-dokumenti essenzjali għandhom jinkludu kull deċiżjoni li ċċaħħad il-libertà tal-persuna, kull imputazzjoni jew att ta' akkuża, u kull deċiżjoni:

Iżda wkoll ma jkunx hemm il-ħtieġa li jiġu tradotti l-passaġġi tad-dokumenti essenzjali li m'humiex rilevanti għall-finijiet li jippermettu lill-persuna suspettata jew l-akkużat ikunu jafu li hemm każ kontrihom.

(3) Xejn f'dan l-artikolu ma jiġi miftiehem bħala li jipprekludi li l-persuna suspettata jew lill-akkużat sabiex jitolbu li kull deċiżjoni li, f'kwalunkwe stadju tal-proċeduri kriminali, tgħid li m'hemmx bżonn traduzzjoni ta' dokumenti jew passaġġi tiegħu jkunu riveduti u, meta traduzzjoni tkun provduta, il-possibilità li wieħed jilmenta li l-kwalità tat-traduzzjoni mhijiex tajba sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan l-artikolu, tista' tiġi provduta traduzzjoni bil-fomm jew sommarju bil-fomm tad-dokumenti essenzjali minfok traduzzjoni bil-kitba, bil-kundizzjoni li din it-traduzzjoni bil-fomm jew sommarju bil-fomm ma jippreġudikawx il-proċedura ġusta.

(5) Meta l-persuna suspettata jew l-akkużat jirrinunzjaw għad-dritt għal traduzzjoni ta' dokumenti msemmija f'dan l-artikolu, din ir-rinunzja għandha tiġi imniżżla bil-miktub u biss wara meta, il-Pulizija Eżekuttiva jew il-Qorti, skont il-każ, tkun sodisfatta li l-persuna suspettata jew l-akkużat ikunu rċievew parir legali minn qabel jew xort'oħra kellhom għarfien sħiħ tal-konsegwenzi ta' din ir-rinunzja, u li r-rinunzja ma kenitx ekwivoka u mogħtija b'mod volontarju.

(6) It-traduzzjoni pprovduta taħt dan l-artikolu għandha tkun ta' kwalità biżżejjed li tissalvagwardja proċedura ġusta, b'mod partikolari billi tiżgura li l-persuni suspettati jew l-akkużati

**jkollhom għarfien tal-każ miġjub kontrihom u li jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt għal difiża.**

Illi fil-fatt id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 189 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar il-Proceduri Gudizzjarji) huma konsoni ma' din id-disposizzjoni tal-ligi meta hemm ipprovdut b'liema lingwa ghandhom isiru l-proceduri meta l-persuna akkuzata ma tkunx tifhem bil-lingwa maltija biex b'hekk il-proceduri ghandhom issiru bil-lingwa Ingliza b'dan illi anke r-Registratur ghandu jiehu hsieb jara li l-atti jigu nnotifikati lil dik il-persuna li ma tkunx tifhem bil-lingwa maltija bil-lingwa Ingliza, u jekk dan ma jsirx il-persuna akkuzata ghandha il-jedd titlob hi stess li ssir tali traduzzjoni. Illi huwa fir-rigward tad-deposizzjoni tax-xhieda biss li l-artikolu 3(e) tal-Kapitolu 189 tal-Ligijiet ta' Malta jimponi obbligu fuq ir-Registratur tal-Qorti li mill-iktar fis jara li titqieghed fl-inkartament it-traduzzjoni ta' dik id-deposizzjoni fl-ilsien li bih jkunu qed isiru l-proceduri, b'dan madanakollu li l-ligi ma tirraviza ebda nullita' fin-nuqqas li jsir dan.

Issa minn ezami tal-atti kumpilatorji ma jidhirx illi l-akkuzati f'xi zmien tallbu quddiem il-Qorti Istruttorja li ssir traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti. L-akkuzati kienu tul il-proceduri abbilment assistiti mid-difensuri taghhom sabiex b'hekk lanqas ma jista' jinghad illi id-dritt taghhom ghal smiegh xieraq gie b'xi mod lez minhabba f'dan in-nuqqas. Fl-ebda hin ma lmentaw illi huma ma kenux qeghdin jifhmu il-kontenut ta' dawn id-dokumenti jew ukoll li ma setghux ihejju d-difiza taghhom. Mhux biss izda, sahansitra wara n-notifika lilu maghmula ta'l-Att ta'l-Akkuza, l-akkuzat stess Alfred Degiorgio fil-Lista tad-Dokumenti minnu ippezentata, jipprezenta traduzzjoni ta' diversi deposizzjonijiet ta' xhieda

mill-lingwa Maltija ghal dik Ingliza, sabiex b'hekk il-Qorti tista' tasal biex tifhem illi l-akkuzati ahwa Degiorgio jifhmu bil-lingwa Ingliza.

Illi dan maghdud, madanakollu, ma hemm xejn fil-ligi li tirrendi tali rapporti u dokumenti inammissibbli stante illi l-akkuzati kellhom kull opportunita' li jitolbu li ssir it-traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti, haga li naqqsu milli jaghmlu u kwindi ma jistghux jippretendu li issa fi stadju inoltrat ta' dawn il-proceduri l-Qorti tordna l-isfilz ta'l-istess minhabba nuqqas minn naha taghhom. Fuq kollox, jerga' jigi ribadit illi l-akkuzati dejjem kienu abbilment assistiti mid-difensur taghhom u fuq kollox ix-xhieda li pprezentaw dawn ir-rapporti u d-dokumenti spjegaw il-kontenut ta'l-istess fil-kors tad-deposizzjoni taghhom quddiem il-Qorti Istruttorja. Ma jidhirx ghalhekk illi kien hemm xi nuqqas ta' osservanza ta' dak li jipprovdi l-artikolu 5(3) tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 516 u l-artikolu 534D, hawn fuq iccitat, tal-Kodici Kriminali biex b'hekk dan ma jista' qatt iwassal ghan-nullita' jew inammissibbilita' tal-prova li l-akkuzati qed ifitxxu biex ixejjnu.

> **"….. din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jinghad mill-awtur Karen Reid fit-tieni edizzjoni tal-ktieb taghha A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights:**
> ***"The ability to comprehend the proceedings in a criminal trial, guaranteed in Art. 6, para. 3(e), may be seen as another aspect of the importance for an accused to participate effectively in the proceedings. For the right to be effective, the obligation of the authorities is not limited to the provision of an interpreter, but may also extend to a degree of control over the adequacy of the interpretation provided. Issues as to the standard of the interpretation could arise if it could be established as damaging to the accused's effective participation in the proceedings. Although a failure to complain at the time may be fatal to claims before the Court as generally domestic courts must be given an opportunity to remedy any inadequacy, the onus is nontheless on the trial judge to treat an accused's interest with 'scrupulous care' and take steps to ensure his ability to participate where***

***problems are drawn to his attention…The requirement for interpretation must, however, be genuine and necessary to the fair conduct of the proceedings. Where an applicant has sufficient understanding of the language of the proceedings, he cannot claim a cultural or political preference for another. Once it is apparent that the applicant requires interpretation assistance, it is unlikely that informal and unprofessional assistance will be sufficient. Article 6, para. 3(e) has been held to cover documentary material and pre-trail matters, but it does not extend to requiring translations of all documents in the proceedings. It is sufficient if the applicant is assisted by interpreters, translations and the help of his lawyers so that he has knowledge of the case which enables him to defend himself, in particular by being able to put forward his version of events. If this standard is reached, a failure to provide all the translations an applicant might have wanted is not a problem. An applicant would presumably have to indicate that the untranslated documents were material to his ability to defend himself and that he was refused or not permitted the necessary facilities[37].”*** (sottolinjar tal-Qorti).

Ghal dawn il-motivi dawn l-eccezzonijiet (Eccezzjonijiet numri 45 u 46) qed jigu michuda.

**11. L-isfilz tar-relazzjoni esebieta mill-espert Dr. Saviour Formosa ghal diversi ragunijiet fosthom billi dak minnu maghmul ma kienx konformi mad-digriet tan-nomina lilu maghmula mill-Inkwirenti, illi d-dokumenti annessi mar-rapport tieghu ma humiex awtentikati. (Eccezzjonijiet numri 47 u 48).**

Illi huwa pacifiku illi l-espert Dr. Saviour Formosa gie mahtur mill-Inkwirenti bhala “espert tekniku”. L-imsemmi espert, imbaghad, xehed u pprezentat r-relazzjoni tieghu quddiem il-Qorti Istruttorja fl-udjenza tas-26 ta’ April 2018. Fix-xiehda tieghu l-espert jispjega x’inhi l-professjoni tieghu u allura l-hila u s-sengha specjali li ghandu. Huwa ggradwat fil-

[37] Qorti Appell Kriminali Il-Pulizija vs Andriy Petrovych Pashkov deciza 10/09/2009.

kriminologija u ghandu ukoll l-kwalifici sabiex ihejji hekk imsejjha *Geographical Spacial Analysis* u cioe' fi kliem semplici sabiex ihejji *crime scene reconstruction*. Id-dokumenti annessi mar-rapport tieghu huma fost ohrajn diversi ritratti mehudin b'*drone*, pjanti u videos li gew migbuda mill-ufficjali tax-xena tar-reat, kif indikat mill-espert fir-rapport minnu redatt, tant ghalhekk illi tonqos il-htiega li dawn id-dokumenti jigu awtentikati meta l-espert innifsu qed jaghti is-sors minn fejn ingiebu l-istess. Kwindi fid-dawl ukoll tal-konsiderazzjonijiet maghmula fil-paragrafu enumerat bin-numru 9 ta' din is-sentenza u a skans ta' repetizzjoni, l-eccezzjonijiet (eccezzonijiet numri 47 u 48) imqanqla mill-akkuzati marbuta mar-relazzjoni u x-xiehda ta'l-espert Saviour Formosa qed jigu michuda.

**12. L-isfilz tax-xiehda ta' Richard Fennern u William Schute u tad-dokumenti minnhom esebieti inkluz *compact disc* billi l-istess xiehda u dokumenti huma inammissibbli ghal diversi ragunijiet indikati fl-eccezzjoni. (Eccezzjoni numru 49).**

L-akkuzati qeghdin jitolbu l-isfilz tax-xiehda tal-esperti Richard Fennern u William Schute u tad-dokumenti minnhom esebieti billi fil-fehma taghhom il-prova maghmula minn dawn l-esperti hija wahda inammissibbli u dan ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok jargumentaw illi dawn iz-zewg esperti ma ghandhom ebda sengha u hila specjali u dan sabiex jespletaw l-inkarigu lilhom moghti mill-Inkwirenti.

Illi fil-bidu tax-xiehda ta' dawn iz-zewg esperti moghtija fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2018, huma jispjegaw illi jahdmu bhala ufficjali mal-*Federal Bureau of Investigation* Amerikan maghruf ahjar bhala l-*FBI*. Dawn l-ufficjali jispecjalizzaw f'dak li huma jsejjhu bhala ***Historical Cell Site Analysis*** u li ilhom jahdmu fuq din il-linja ta' xoghol ghal madwar ghoxrin

sena. L-ghan tal-inkarigu kien li tingabar l-informazzjoni generata mill-uzu ta' telefowns cellulari u l-lokalizazzjoni ta'l-istess li tittiehed mic-*cell towers* biex b'hekk jista' jigi stabbilit il-lok fejn intuza cellulari partikolari u ma' liema apparat sar kuntatt u x'tip ta' kuntatt sar[38].

Fil-parti inizjali tar-rapport huma jaghtu informazzjoni generali dwar kif jahdem apparat cellulari u t-torrijiet maghrufa bhala *cell towers* li jillokalizzaw kull telefonata li ssir. Fil-fatt id-dokumenti li jinsabu fil-bidu tar-rapport huma intizi unikament sabiex jispjegaw kif tahdem din is-sistema cellulari u allura kif tista' tinkiseb l-informazzjoni mill-istess. Ovvjament dawn ix-xhieda jispjegaw dan mill-ottika ta'l-*expertise* taghhom bhala esperti nominati biex jassistu lil Qorti, u aktar kmieni lill-Inkwirenti fl-istharrig li kien qed jigi minnu kondott. Illi sabiex ighinuhom fl-istharrig taghhom, u cioe' sabiex jistabbilixxu jekk il-bomba li tqieghdet fil-vettura tal-vittma kenitx originat minn xi apparat cellulari, huma kisbu informazzjoni mill-provdituri tas-servizz lokali. Ighidu wkoll li huma zaru personalment flimkien mal-ufficjali investigattivi iz-zoni fejn jinsabu dawn it-torrijiet u dan bil-ghan li jidentifikaw liema huma. Tallbu informazzjoni mill-provdituri tas-servizz dwar numri ta' cellulari li ghamlu kuntatt ma' dawn it-torrijiet fil-hin li ppreceda u f'dak li segwa d-detonazzjoni tal-bomba. Fir-rapport jindikaw informazzjoni dwar din l-attivita' mghoddija lilhom mis-socjeta Vodafone. Minn din l-informazzjoni identifikaw 53 apparat cellulari uzat fil-hin bejn 2:58pm, u 3:03pm. Kisbu informazzjoni ukoll dwar liema minn dawn il-53 apparat rega' intuza wara dan il-hin. Minn dawn il-53 setghu jistabbilixxu li wiehed minnhom ma rega' intuza qatt aktar wara il-hin indikat. Wasslu biex jistabbilixxu illi dan l-apparat cellulari kien abbinat man-numru

[38] Ara digriet nomina mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Anthony Vella tad-19 ta' Ottubru 2017 a fol. 715

MSISDN 9968 3752 meta dan irregistra *incoming text message* mibghut minn numru MSISDN 9968 4366 u dan fil-hin 2:58:55. Jispjegaw illi mill-istharrig taghhom dan in-numru gie uzat biss f'zewg okkazzjonijiet ohra qabel id-data tas-16 ta' Ottubru 2017 u cioe' f'Jannar u Awwissu 2017 u wara din id-data l-ebda wiehed minn dawn in-numri ma rega' intuza. Minn din l-indagini rrizultalhom ukoll illi l-apparat cellulari marbut mal-MSISDN 9968 3752 inxteghel fil-jum tas-16 ta' Ottubru 2017 ghas-siegha neqsin ghoxrin minuta ta' fil-ghodu. Wara li ntbaghat il-messagg ghal habta tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar dan l-apparat ma regax intuza aktar. Ighidu illi minn informazzjoni miksuba mill-provdituri tas-servizz Vodafone il-messagg gie *decoded* bhala #REL1=ON. Fir-rapport taghhom jispjegaw ukoll l-uzu ta' *SIM card* u ukoll xi jfisser numru IMEI li essenzjalment huwa n-numru serjali ta' apparat cellulari li huwa uniku. Jispjegaw fir-rapport taghhom ukoll kif *SIM card* tista' tinhareg minn apparat wiehed u titqieghed f'iehor jew inkella f' *GSM module*. Jindikaw kif dan il-*GSM module* jista' jigi operat jew ikkontrollat minn messaggi li jintbaghtu minn apparat cellulari. Jispjegaw ukoll fir-rapport taghhom l-attivita' li giet irregistrata f'Jannar u Awwissu 2017 fuq iz-zewg numri hawn fuq indikati. Gie minnhom stabbilit illi fil-jum tas-16 ta' Ottubru 2017 fil-hin li l-bomba giet detonata wiehed min-numri kien inqabad mit-torri tal-Bidnija u l-iehor dak tal-YMCA li jaghti ghal fuq il-bahar, b'dak marbut mal-*GSM module* ikun gewwa il-Bidnija. Fir-rapport taghhom hemm ukoll mappa li tindika it-torrijiet kollha rilevanti ghall-investigazzjoni u liema kienu dawk in partikolari marbuta mad-detonazzjoni tal-bomba. Ir-rapport ikompli jispjega l-attivita' li giet irregistrata fuq in-numri MSISIDN 9908 8820, 9908 8823 u 9908 8824. Minn stharrig ulterjuri li sar ta' numri ohra li setghu kellhom konnessjoni ma'dawn il-hames numri gie stabbilit numru wiehed MSISDN 9962 3741

registrat fuq isem l-akkuzat George Degiorgio li kellu l-istess lokalizazzjoni u movimenti registrati fil-jum tal-omicidju bhal dak bin-numru 9968 4366 li permezz tieghu giet detonata l-bomba.

Illi hija l-fehma tal-Qorti illi f'dan l-istadju tal-proceduri hija prekluza milli tindaga dan l-ilment ventilat mill-akkuzati u cioe' jekk l-esperti Fennern u Schute mill-*FBI* humiex persuni li ghandhom il-kwalifikazzjonijiet kollha fil-branka tas-sengha u hila specjali fil-qasam tal-informatika. Dan ghaliex din hija kwistjoni ta' fatt illi ghandha tigi mhollija unikament f'idejn il-gurati fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri.

Jinghad biss illi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment li: "Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali [fit-test ingliz: special knowledge or skill], ghandha tigi ordnata perizja."

> **"Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'Blackstone's Criminal Practice 20011 ,**
> ***"whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both".***
>
> **Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet R. v. Bonython (1984) 38 S.A.S.R. 45, citat f'Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 20032 , King C.J. qal*:***
> ***"Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the voir dire of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies…. Generally speaking, once the qualifications are established, <u>the methodology will be relevant to the weight</u>***

***<u>of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion</u>....***
***If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the voir dire in order to make a finding as to those qualifications...."***

**Fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzula mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) izda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l fuq mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li ghandu, jekk ghandux verament 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1)) hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il-kaz ghall-gurati. Hu proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l-gudikant tal-fatt "mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu" (Art. 656)[39].**

Dan ifisser illi mhux bizzejjed ghall-akkuzati illi jghidu li l-esperti ma humiex ikkwalifikati biex jaghtu il-fehma taghhom. Tali nuqqas irid jigi determinat mill-provi, liema kwistjoni ghandha finalment tigi rimessa ghal gudizzju ta' min hu imsejjah biex jiggudika li imbaghad huwa mholli fid-diskrezzjoni tieghu jistriehx fuq il-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert abbazi tal-provi mismugha. Dan ifisser illi x-xiehda u r-rapport ta' dawn l-esperti ma jistax *a priori* jitqies inammissibbli, kif qed jippretendu l-akkuzati, izda din il-kwistjoni ta' fatt ghandha tigi rimessa ghall-gurati, u dan wara li huma jigu ben indirizzati mill-Imhallef li jippresjedi l-guri.

Illi l-akkuzati jargumentaw ukoll illi dak konkluz minn dawn l-esperti huwa msejjes unikament fuq xiehda *hearsay* li hija inammissibbli u dan ghaliex jistriehu fuq informazzjoni mghoddija lilhom mill-provdituri tas-servizz, li r-rapprezentanti taghhom qatt ma kkonfermaw bil-gurament dina l-informazzjoni fl-Istruttorja.

---

[39] App.Sup. Ir-Repubblika vs John Borg deciza 13/07/2006

Illi qabel xejn ghandu jigi rilevat, kif diga' gie sottolinjat aktar 'il fuq, illi r-rapprezentanti tas-socjetajiet Vodafone, Go plc u Melita Limited huma indikati bhala xhieda mill-Avukat Generali fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuza fosthom Amelie Abela, Dr. Anthony Bonnici, Jason Pavia u l-Inginier Mario Cordina. Mhux biss izda fil-kors ta'l-*in genere* gew mahtura diversi esperti ohra tal-informatika u cioe' Dr. Martin Bajada u Dr. Keith Cutajar li wkoll ipprezentaw ir-rapporti taghhom marbuta ma' *call profiles* u lokalizazzjoni ta' *cell towers*.

Illi dan maghdud jerga' jigi ribadit illi anke jekk *gratia argomenti* huwa minnu li l-informazzjoni miksuba mill-esperti titqies bhala *hearsay*, madanakollu din it-tip ta' xiehda 'ma tistax tiġi eskluża *a priori* iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess.' Dan ifisser illi huwa mholli f'idejn min hu imsejjah biex jiggudika sabiex iqies jekk l-informazzjoni miksuba minn dawn l-esperti hijiex imsejsa fuq prova ta' fatt stabbilit fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri. Kwindi l-akkuzati ma ghandhomx ragun f'din l-eccezzjoni minnhom imqanqla.

Jargumentaw l-akkuzati ukoll illi l-*mapping software* utilizzat mill-esperti biex jaghmlu l-analizijiet taghhom mhuwiex awtentikat u ma hemmx indikat mill-imsemmija esperti l-origini ta' dan is-*software*, u li fuq kollox l-akkuzati ma ghandhomx kontroll fuqu. L-akkuzati stess f'din l-eccezzjoni jindikaw illi qeghdin isejsu dan l-ilment fuq id-dritt li ghandhom sabiex jikkontrollaw tali prova u li jistaqsu u jikkontestaw l-

awtenticita' ta'l-istess. Illi b'dak li jikkontendu l-akkuzati stess huwa evidenti illi x-xiehda u r-rapport tal-esperti, ghalhekk ma jistax jitqies illi huwa inammissibbli, izda soggett ghall-iskrutinju tad-difiza li ghandha il-jedd tikkontesta l-konkluzjonijiet minnhom raggunti u l-metodologija adoperata sabiex l-espert jilhaq dawk il-konkluzjonijiet.

Illi l-espert ihejji r-relazzjoni tieghu abbazi tas-sengha u l-hila specjali li ghandu. Sabiex jaghmel dan huwa jista' jutilizza l-ghodod kollha mehtiega biex ighinuh jasal ghal konkluzjonijiet tieghu. Dan ma jfissirx illi dak minnu konkluz ma jistax jigi kkontestat. Kif inghad, min hu imsejjah biex jiggudika jista' jitbieghed mill-konkluzjonijiet ta'l-espert. Fuq kollox l-persuna akkuzata ghandha dejjem il-jedd tikkontrolla dak mistqarr mill-espert billi jigu mistharrga l-kwalifiki tieghu, u l-mezzi minnu adoperati sabiex jasal ghal konkluzjonijiet tieghu. Ma jidhirx illi dan l-ezercizzju sar mill-akkuzati quddiem il-Qorti Istruttorja, kif lanqas ma jidher illi rregistraw xi oggezzjoni ghal kwalifiki ta'l-esperti jew il-metodologija minnhom utilizzata konsistenti f'dan il-*mapping software*. Dan ma jfissirx illi huma ma ghandhomx il-jedd jezercitaw dan il-kontroll fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri meta allura ghandu jithalla f'idejn l-imhallfin tal-fatt sabiex, wara li jigu diretti mill-Imhallef togat fl-indirizz finali, jistghu fid-diskrezzjoni taghhom jiskartaw l-konkluzjonijiet milhuqa mill-esperti fir-rapport u x-xiehda taghhom. Illi allura jekk ix-xiehda u r-rapport imhejji minn dawn l-esperti jistabbilixxi o meno xi fatt jew opinjoni konklussiva hija kwistjoni li ghandha tigi rimessa unikament lil gurati u ma tista' qatt tigi deciza f'dan l-istadju mill-Qorti billi dan ikun jezorbita is-setghat moghtija lilha bil-ligi.

Illi finalment ir-ritratti inkluzi fir-rapport Dokument RF1 u Dokument RF2 fosthom dawk ta' *cell towers*, *mobile phones* u *GSM module,* gew esebieti mill-esperti unikament sabiex ikunu f'posizzjoni jispjegaw kif is-sistema tal-informatika tahdem u mhux ghaliex dawn ir-ritratti jikkostitwixxu xi prova. Dan jigi spjegat car u tond fix-xiehda taghhom, fatt illi ghandu jigi indikat lil gurati u l-piz li ghandu jinghata lill-istess mill-Imhallef togat. Dan jeskludi madanakollu l-inammissibilita' ta' din il-prova kif jikkontendu l-akkuzati u kwindi din l-eccezzjoni (eccezzjoni numru 49) qed tigi michuda.

**13. L-isfilz tar-relazzjoni u ix-xiehda ta'l-espert Mario Cmarec ghal diversi ragunijiet elenkati fl-eccezzjoni numru 51.**

***i. L-espert mar ultra vires l-inkarigu lilu moghti u dan meta huwa gie meghjun minn nies li ma kenux mahtura bhala esperti u allura ma kenux awtorizzati jahdmu ma'l-espert.***

Illi mix-xiehda tal-espert Mario Cmarec jirrizulta illi huwa mpjegat mal-Europol fil-*European Counter Terrorism Centre* adett mal-*CBRN Explosive Team*. Ilu f'dan ix-xoghol ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin sena. Jikkonferma illi huwa ma kienx mahtur bhala ufficjal tax-xena tar-reat izda l-hatra tieghu grat wara u cioe' bil-ghan li jigu ezaminati l-oggetti elevati minn fuq x-xena tar-reat b'mod ewlieni l-vettura tal-vittma u xi materjal iehor li seta' kien rilevanti ghall-investigazzjoni. Fil-fatt b'digriet tal-Magistrat Inkwirenti datat 13 ta' Novembru 2017, l-imsemmi espert Cmarec, gie mahtur f'termini wesghin bhala "*post blast explosives expert*.[40]" Jikkonferma li ma kienx hu li eleva dawn l-oggetti, bl-inkarigu tieghu jkun wiehed sabiex jigi determinat n-natura tal-espluzzjoni, fejn kien imqieghed l-apparat esplussiv, ghall-identifikazzjoni

[40] Fol.1219 tal-kumpilazzjoni

mill-materjal elevat ta' xi komponent appartenenti lil dan l-apparat u biex jigu determinati l-effetti tal-apparat esplussiv li ntuza fil-kommissjoni tal-omicidju.

Illi jibda' biex jinghad illi l-akkuzati ma jindikawx min huma dawn in-nies li ghandhom oggezzjoni ghalihom u ghal fatt illi dawn hadmu ma'l-espert meta ma kenux hekk awtorizzati. Illi l-Qorti ghalhekk ezaminat ir-rapport ta'l-espert u x-xiehda minnu mghotija *ai fini* biex jigi mistharreg dan l-ilment. Jidher illi fl-14 ta' Novembru 2017 saret laqgha mal-Magistrat Inkwirenti fejn hemmhekk gie mahtur *team* ta' nies li hu jiddeskrivieh bhala "*post blast investigation team*" konsistenti f'tlett pulizija mit-taqsima tal-forensika u tlett membri tal-Forzi Armati ta' Malta formanti parti mill-*EOD team* tal-armata. Dawn huma PC1331 Darren Dabattista, PC813 Clinton Vella, PC1184 Patrick Grech mit-taqsima tal-forensika, kollha nominati mill-Inkwirenti bhala *scene of crime officers* u WO2, Alexander Smith bhala espert tal-esplussiv. Dawn kollha huma indikati bhala xhieda fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuza. Huma biss Sammy Mallia u Patrick Vella mis-sezzjoni EOD tal-armata li ma humiex hekk indikati, izda kif inghad huwa indikat Alexander Smith mahtur bhala espert li jista' jixhed u jispjega n-natura tax-xoghol li sar minn dawn l-ufficjali u jekk l-istess ghandux ikollu xi piz fuq il-konkluzjoniiet milhuqa mill-espert fir-rapport tieghu.

Fil-fatt fix-xiehda moghtija minn PC813 u PC1331 fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2018 fl-Istruttorja jinghad hekk:

> *"Gejna mahturin mill-Magistrat Dr. Anthony Vella fejn gejna mitluba sabiex naghmlu xi ezamijiet forensici fuq il-vettura Peugeot 108 bin-numru ta' registrazzjoni QQZ668 gewwa St. Andrews Police Compound, St. Andrews fejn ix-xoghol inqasam fuq*

*tlett ijiem …. fejn hemmhekk ahna assistejna lill-espert tal-Europol is-sur Mario Cmarec.*[41]"

Dan huwa ikorroborat ukoll mix-xiehda tal-imsemmi espert Cmarec. Ighidu li elevaw xi *swabs* u materjal iehor kif indikat fir-rapport taghhom. L-espert Clinton Vella fl-udjenza tat-03 ta' Settembru 2018 imbaghad jikkonferma illi kien gie mahtur ukoll bhala espert tal-fotografija, liema hatra estendiet ruhha ghal varji stadji tal-investigazzjoni fejn huwa assista lill-espert Mario Cmarec u hemm ir-rapport tieghu esebiet flimkien ma' din ix-xiehda fejn jaghti id-dettalji tax-xoghol minnu maghmul[42]. L-istess jista' jinghad ghall-espert PS1184 Patrick Grech li jikkonferma illi gie mahtur bhala *scene of crime officer* bl-inkarigu ukoll li jghaddi l-esebiti lill-esperti kemm barranin kif ukoll lokali fejn fl-imsemmi rapport u specifikatament a fol. 3977 u 3978 (Vol. 7) tal-atti kumpilatorji jsemmi li ghadda xi esebieti lill-espert Mario Cmarec sabiex jigu minnu ezaminati.

***ii. l-isfilz tar-ritratti esebieti mar-rapport billi ma jigix indikat min ha dawn ir-ritratti u allura lanqas gew ikkonfermati bil-gurament minn min hadhom.***

Illi mix-xiehda ta' Mario Cmarec jirrizulta illi dawn ir-ritratti gew mehuda mill-pulizija mit-taqsima tal-forensika li kienu qed jassistuh, kif inghad, u kwindi minn dawk il-pulizija indikati fir-rapport tieghu li huma ukoll indikati mill-Avukat Generali bhala xhieda u kwindi jistghu jikkonfermaw ix-xoghol minnhom espletat. Illi fil-fatt dawn l-ufficjali tax-xena tar-reat jiddokumentaw mhux biss l-mghoddija tal-esebiti lill-espert ghall-ezamijiet forensici, izda l-istess jigi dokumentat permezz tal-fotografija. Fi kwalunkwe kaz dawn il-fatti iridu jigu ippruvati mill-Prosekuzzjoni fil-

[41] Ara xiehda a fol. 4713 u 4714 tal-atti tal-kumpilazzjoni (Vol.10)

kors tac-celebrazzjoni tal-guri, u l-gurati ghandhom jigu iggwidati fl-indirizz finali dwar il-piz li ghandha tinghata lil din il-prova jew nuqqas taghha.

*iii.* ***it-tnehhija mix-xiehda u mir-rapport ta' kull referenza li ssir ghal GSM module u r-ritratti esebieti marbuta mal-istess.***

Illi l-espert wasal ghal konkluzjoni mill-materjal elevat minn fuq ix-xena tar-reat x'tip ta' apparat seta' intuza sabiex tqieghed l-esplussiv taht is-sedil tas-sewwieq fil-vettura tal-vittma. Din hija l-opinjoni tieghu bbazata fuq l-evidenza migbura kemm permezz tal-vettura kif ukoll ta' materjal iehor li gie stabbilit li kien estranju ghal vettura. Illi ghalhekk ghar-ragunijiet diga' mfissra f'din is-sentenza, l-Qorti ma tistax *a priori* tiskarta din l-opinjoni ta'l-espert ghaliex hija biss fis-setgha ta'l-imhallfin tal-fatt l-ghazla jekk joqghodux fuq din l-opinjoni jew inkella jekk ghandhomx jiskartawha u dan dejjem wara li jkunu gew debitament indirizzati dwar il-livell u n-natura tal-provi mehtiega ai fini ta' sejbien ta' htija.

Illi ghal motivi elenkati din l-eccezzjoni (numru 51) qed tigi michuda.

**14. L-isfilz tad-dokumenti u ezebiti ipprezentati mix-xhieda Konstantinos Petrou, Sami Harmoinen u Israel Gordillo Torres, u x-xiehda relattiva moghtija minnhom fl-udjenza tal-04 ta' Lulju 2018, kif ukoll l-isfilz tar-rapporti u xhieda tal-espert Marco Tolli li xehed fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2018 (Eccezzjonijiet numri 52, 53 u 70.).**

Illi f'dawn it-tlett eccezzjonijiet kwazi identici l-akkuzati joggezzjonaw ghar-rapporti pprezentati mill-esperti tal-*Europol,* u cioe' id-Dokumenti SH1 sa SH4 u Dokumenti MT1 sa MT8 flimkien mal-oggetti esebieti mal-

[42] Ara xiehda a fol.3907 et. seq. Vol. 7 atti tal-kumpilazzjoni

istess rapporti, kif ukoll id-Dokumenti MT9 u MT10 ipprezentati dawn it-tnejn ta'l-ahhar mill-espert Marco Tolli u dan ghal diversi ragunijiet.

Fl-ewwel lok jilmentaw illi sabiex jespletaw l-inkarigu lilhom moghti l-esperti ezorbitaw id-digriet tan-nomina li kien cirkoskritt sabiex "*jassisti lill-Inkwirenti fil-gbir ta' data elettronika fuq 'mobile telephony' u jaghmlu l-analizi teknici fuq 'data traffic' cellulari, kif ukoll ghal 'data extraction' minn kull apparat elettroniku iehor elevat fl-inkjesta*." Dan meta huma assistew lill-pulizija fit-tfittxijiet li saru fi proprjetajiet privati u anke taw istruzzjonijiet lil pulizija liema oggetti kellhom jigu elevati meta ma kenux awtorizzati jaghmlu dan permezz ta' mandati relattivi ta' arrest u tfittxija. Jilmentaw ukoll li fir-rigward tal-esebieti ezaminati minn dawn l-esperti ma giex osservata 'l hekk imsejha *chain of custody*, u finalment jitolbu l-isfilz tar-rapporti billi dawn gew ipprezentati bil-lingwa Ingliza, u mhux bil-lingwa Maltija u ma saritx traduzzjoni ta'l-istess.

Illi jibda' biex jinghad illi l-arresti u tfittxijiet li saru dak in-nhar tal-04 ta' Dicembru 2017, gew ezegwiti in forza ta' mandati ta' arrest u tfittxija mahruga mill-Magistrat Inkwirenti fit-02 ta' Dicembru 2017 u li kopja taghhom hija esebieta fil-*proces verbal*. Illi dawn l-esperti adetti mal-*Europol* gew mahtura mill-Inkwirenti sabiex jassistuh, fost affarijiet ohra, sabiex jaghmlu analizi fuq apparat elettroniku elevat fil-kors tal-inkjesta. Mix-xiehda tal-espert Konstantinos Petrou jirrizulta illi ghalkemm l-esperti kienu fizikament prezenti meta saru it-tfittixjiet relattivi gewwa it-tinda tal-Marsa u l-madwar, kif ukoll gewwa vetturi u residenzi appartenenti lill-akkuzati fil-jum tal-04 ta' Dicembru 2017, madanakollu kienu l-pulizija li identifikaw l-oggetti rilevanti ghall-investigazzjoni, liema

oggetti gew iffotografati u elevati mill-ufficjali tat-taqsima tal-forensika. Ighid hekk ix-xhud:

> *"First the police force was going inside the house and then the forensic, we were going with this, with the personnel of the forensic lab together and they were identifying items and they were report – seeing the items and we were seeing that probably that is an item that can contain digital evidence."*

Mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur Arnaud min kien qed jeleva dawn l-oggetti, huwa jwiegeb li dawn kienu qed jigu elevati mill-membri tal-iskwadra tal-forensika, li imbaghad kienu qed jissiggilaw kull oggett gewwa *evidence bag* u jiddokumentawhom b'numru u kodici. Dawn l-ezebiti gew imbaghad ikkonsenjati lil dawn l-esperti l-ghada mill-ufficjali tal-forensika fejn huma bdew l-ezamijiet taghhom fuq l-istess gewwa post allokat ghalihom f'Malta. Wara ezami preliminari dawn gew maqsuma fi tlett kategorji, regghu gew issigillati u kkonsenjati lill-ufficjali tal-forensika. L-ewwel kategorja kienu gew minnhom ezaminati gewwa Malta, it-tieni kategorja ma kenux rilevanti ghall-investigazzjoni u t-tielet kategorja gew ezaminati minnhom fl-ufficji tal-*Europol* gewwa the Hague. Dawn tal-ahhar gew lilhom ikkonsenjati personalment mill-ufficjal tal-forensika, Spettur Charlot Casha u l-espert Dr. Martin Bajada[43] u thallew f'idejn l-espert Marco Tolli gewwa l-ufficji tal-Europol. Ighid illi dawk l-esebieti minnhom ezaminati gewwa the Hague regghu gew imbaghad issiggilati u ikkonsenjati minnhom direttament[44] u dan meta xehdu quddiem il-Qorti Istruttorja. Illi fir-rigward tal-esebiti indikati fid-Dokumenti MT9 u MT10 dawn huma dokumenti li jindikaw illi l-espert Tolli ghadda lill-espert Kostantinos Petrou r-rapporti tieghu flimkien mal-ezebiti li fuqhom saru l-analizjiet u dan fis-26 ta' Gunju 2018 u dan bhala

[43] Ara xiehda tal-iSpettur Charlot Casha a fols. 3873 et seq. Vol.7 tal-atti tal-kumpilazzjoni
[44] Ara xiehda tal-esperti Petrou, Harmoinen u Gordillo Vol. 5 fol. 3211 et seq. flimkien mar-rapporti taghhom u ta' Tolli.

prova illi l-katina tal-evidenza baqghet shiha. Fil-fatt ir-rapporti u l-esebieti gew sussegwentement ipprezentati l-Qorti mill-imsemmi Petrou fis-seduta tal-04 ta'Lulju 2018 quddiem l-Istruttorja u mmarkati bhala dokumenti MT1 sa MT8, liema rapporti gew imbaghad ikkonfermati mill-esperti Tolli meta huwa gie Malta sabiex jixhed fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2018[45]. Id-Dokumenti MT9 u MT10, li huma essenzjalment ricevuti tal-konsenja tar-rapport u esebiti minn Tolli lil Petrou, huma iffirmati kemm minn Tolli kif ukoll minn Petrou, liema fatt jista' jigi kkonfermat fil-guri.

Illi imbaghad bhala *exhibits officer* kien gie mahtur PS1184 Patrick Grech li kellu l-inkarigu jircevi u jikkustodixxi l-esebieti kollha mghoddija lilu mill-ufficjali tax-xena tar-reat. Dwar l-esebieti mertu ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet ighid hekk:

> *" ... gew mghoddija lili 93 esebit minn Ufficjali tal-Europol. Kienu fil-pussess tieghi minn Dicembru 2017 sa Marzu 2018. F'Marzu 2018 jiena ghaddejthom lill-Ispettur Charlot Casha fejn minn naha tieghu mbaghad ghaddiehom xi esperti barra minn Malta.[46]"*

Illi minn ezami li l-Qorti ghamlet tad-dokumenti ndikati mill-akkuzati f'din l-eccezzjoni jirrizulta illi:

a. Dokument SH1 jitratta oggetti elevati mill-fond Bayview Court, Triq it-Tonn, San Pawl il-Bahar bl-ufficjali tal-forensika involuti jkunu PS122 Arthur Borg u PS1147 Antoine Fenech
b. Dokument SH2, Dokument SH3 u Dokument SH4, jitrattaw oggetti elevati mill-fond Flat 10, Anoushka Flats, Triq il-Ghabex, San Pawl il-Bahar minn PS336 Francesco Imbroll u PC1525 Patrick Farrugia.

---

45 Ara verbal u xieda ta' Marcdo Tolli Vol.10 a fols.4480 et seq.
46 Ara xiehda PS Patrick Grech a fol. 3970 Vol. 7 tal-kumpilazzjoni

c. Dokument MT1 jitratta oggetti elevati mit-tinda tal-Marsa, mill-postijiet indikati fis-*submission forms,* mill-ufficjali tal-forensika PC813 Clint Vella u PS586 Mario Azzopardi.
d. Dokument MT2, Dokument MT3 u Dokument MT4, jitrattaw oggetti elevati minn taht il-bahar gewwa il-Marsa fl-04 ta' Dicembru 2017 mill-membri tal-armata. Dawn l-oggetti gew mghoddija lill-ufficjali tal-forensika PC813 Clint Vella u PC1331 Darren Debattista.
e. Dokument MT5 jikkoncerna oggetti elevati minn vettura tal-ghamla Mercedes li kienet ipparkjata vicin it-tinda tal-Marsa minn WPS293 Michelle Camilleri u PS586 Mario Azzopardi fil-presenza ta' Alfred Degiorgio.
f. Dokument MT6 jikkoncerna oggetti elevati minn vettura tal-ghamla Audi gewwa il-Marsa ukoll mill-ufficjali Camilleri u Azzopardi fil-presenza ta' George Degiorgio.
g. Dokument MT7 huwa rapport dwar oggetti elevati mill-fond 81, Triq Mons Mikiel Azzopardi gewwa s-Siggiewi. Jidher li dan gie elevat mill-iSpettur Joseph Mercieca u mghoddi lil PC1331 Darren Debattista.
h. Dokument MT8 jikkoncerna oggetti elevati mill-fond 109, Triq Bordini gewwa l-Marsa fil-presenza ta' Ms. Abigail Muscat mill-ufficjali WPS 293 Michelle Camilleri u PS586 Mario Azzopardi.

Illi dawn l-ufficjali tax-xena tar-reat huma kollha indikati bhala xhieda fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuza u allura ser jaghtu d-deposizzjoni taghhom fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri dwar ix-xoghol minnhom maghmul, kif gew elevati l-oggetti, minn min gew iffotografati, fil-presenza ta' min, min issiggilla din l-evidenza materjali, lil min giet

mghoddija u finalment min ghamel l-ezamijiet forensici fuqha, sabiex b'hekk il-katina tal-evidenza tigi determinata mill-provi li ser jingiebu mill-prosekuzzjoni u mhollija ghad-decizjoni tal-gurati dwar il-validita ta' l-evidenza hekk migjuba u dan wara li l-istess jigu indirizzati mill-Imhallef togat u moghtija d-direzzjoni opportuna.

Jirrizulta ukoll mill-verbal tal-udjenza tal-04 ta' Lulju 2018 illi l-Prosekuzzjoni stqarret, u dan wara li d-difiza qanqlet il-kwistjoni dwar il-legalita' o meno tal-mod kif saru l-arresti u tfittxijiet u jekk l-istess sarux skont il-ligi, illi l-esebieti elevati mit-tinda tal-Marsa u l-inhawi tal-vicin saru kollha fil-presenza tal-akkuzati. It-tfittxija fir-residenza ta' George Degiorgio saret fil-presenza tas-siehba tieghu u dik mir-residenzi taz-zewg akkuzati l-ohra kienu prezenti huma stess. Anke meta saru it-tfittxijiet fil-vetturi rispettivi ghal dawn kienu prezenti ukoll l-akkuzati[47].

Fil-fatt l-Ispettur Kurt Zahra, l-ufficjal investigattiv u prosekutur jiddokumenta dak li sehh fir-*raids* li saru mill-pulizija gewwa it-tinda tal-Marsa fil-jum tal-04 ta' Dicembru 2017. Dak in-nhar jassistu lill-ufficjali tax-xena tar-reat kien hemm ukoll l-esperti in kwistjoni ufficjali tal-*Europol* li kienu gew mahtura mill-Inkwirenti. Jikkonferma ukoll illi t-tfittxjiet fil-vetturi u fid-dghajjes dak in-nhar saru kollha fil-presenza tat-tlett akkuzati[48].

Esposti dawn il-fatti probatorji jerga' jigi ribadit illi jinkombi fuq il-Qorti Kriminali li fl-istadju opportun tispjega lill-gurati l-piz li ghandha tinghata lix-xiehda u ir-rilevanza ta'l-istess u dan skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt penali ghar-rigward tal-apprezzament tal-provi. Mhux biss izda meta tigi

[47] Ara verbal tal-udjenza tal-04 ta' Lulju 2014 a fol. 3207 tal-atti kumpilatorji Vol5
[48] Ara xiehd atal-Ispettur Kurt Zahra a fol. 426 Vol. 1 tal-atti tal-kumpilazzjoni

mnehdija l-inkjesta mill-Magistrat Inkwirenti jigu mahtura l-esperti tax-xena tar-reat u esperti ohra fl-*in genere* li l-manzjoni taghhom hija li jippreservaw dawk il-provi u indizzji li jistghu jinstabu mhux biss fuq ix-xena tar-reat, izda li jelevaw kull dokument li jkun rilevanti ghal fini ta'l-inkjesta magisterjali li tkun ghaddejja. Dawn ghandhom jindikaw fid-dettall anke permezz ta' fotografji il-post, data u hin meta issir l-elevazzjoni u dan ai fini ta' kontroll u biex ma tinkisirx l-hekk imsejjha "*chain of evidence*". Illi imbaghad xejn ma josta lill-esperti kollha nominati fl-*in genere* illi jassistu fl-istharrig billi l-ghan tan-nomina taghhom hija proprju dik li bil-hila u s-sengha specjali taghhom jgharrfu jisiltu dik l-evidenza rilevanti ghal fini ta' tfittxija tal-verita'.

Illi allura meta l-Inkwirenti kien qed jahtar lill-esperti sabiex jassistuh fil-gbir u l-analizi tal-apparat u *data* elettroniku, dan kien qed jaghtihom s-setgha li jassistu lill-ufficjali tax-xena tar-reat fit-tfittxijiet li kienu qed isiru. Ovvjament l-elevazzjoni ma ssirx mill-esperti infushom, izda ghandha ssir, kif sehh f'dan il-kaz mill-ufficjali tax-xena tar-reat li kif inghad, il-manzjoni taghhom tkun dik li jippreservaw u jiddokumentaw l-evidenza anke permezz tal-fotografija, jissiggillaw l-istess biex imbaghad dawn jigu mghoddija lill-esperti ghal-ezamijiet forensici.

Stabbiliti kwindi dawn ir-risultanzi processwali, ma jidhirx illi l-akkuzati ghandhom ragun fl-oggezzjoni minnhom imressqa f'dawn it-tlett eccezzjonijiet u dan ghaliex l-esperti tax-xena tar-reat, flimkien mal-esperti mahtura tal-*Europol,* skont l-inkarigu lilhom moghti, elevaw dawk id-dokumenti kollha li kellhom x'jaqsmu mal-'*in genere*' u hejjew ir-rapport taghhom guramentat fejn spjegaw fid-dettall ix-xoghol minnhom maghmul u dan taht l-awtorita' tal-Magistrat Inkwirenti. L-

artikolu 357 tal-Kodici Kriminali iqies illi huwa dmir tal-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva li jikxef armi, dokumenti, traċċi jew sinjali jew ħaġ'oħra li jkollha x'taqsam mar-reat, li jfittex li jistabbilixxi u jiżgura l-eżistenza tagħhom u li jżommhom fl-istat li jkun sabhom, sakemm jagħmel ir-rapport tiegħu lill-Qorti tal-Maġistrati, u, jekk ma jkunx jista' jistabbilixxi u jiżgura din l-eżistenza jew jekk ma jkunx jista' jżommhom, għandu josserva l-istess proċedura li hemm għar-"reperti ". Ma jidhirx illi f'dan il-kaz l-esperti tbieghdu mit-termini tal-hatra taghhom li iddelinjat il-manzjonijiet riposti fuqhom mill-Inkwirenti.

Kwindi kienet fis-setgha tal-Ufficjali Investigattivi, flimkien mal-esperti nominati fl-*in genere* li jikkonducu dak l-istharrig mehtieg ghat-tikxif tal-verita', minghajr il-htiega li l-esperti nfushom jigu muniti b'mandati ta' arrest u tfittxija, haga li skont il-ligi hija fdata f'idejn il-pulizija ezekuttiva bil-poteri moghtija lilhom bil-ligi. Dan dejjem bis-salvagwardji li trid il-ligi u cioe' illi dak kollu mistharreg jigi dokumentat u li l-holoq fil-katina tal-evidenza ma jigux miksura.

Illi finalment fir-rigward tal-oggezzjoni mqanqla mill-akkuzati marbuta mal-fatt illi r-rapporti huma kollha redatti bil-lingwa Ingliza meta l-proceduri kienu qed jinzammu bil-lingwa Matija, a skans ta' repetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghal konsiderazzjonijiet minnha maghmula aktar kmieni f'din is-sentenza fil-paragrafu numru 10, liema konsiderazzjonijiet ghandhom japplikaw ukoll fir-rigward.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, dawn it-tlett eccezzjonijiet (numri 52, 53 u 70) qed jigu michuda.

**15. L-isfilz tad-dokumenti u ezebiti kollha ipprezentati mix-xiehda Marcel Van Beest, Martin Roos, Johannes Martinus Jacobus Verzijlbergh u Hinderikus Woortmeijer u x-xiehda relattiva moghtija mill-imsemmija esperti. (Eccezzjonijiet numri 54 u 55)**

Illi b'digriet tal-Magistrat Inkwirenti tas-17 ta' Ottubru 2017, l-imsemmiija persuni addetti mal-Istitut Forensiku gewwa l-Olanda gew mahtura bl-inkarigu illi "*jassisitu lill-Inkwirenti fil-gbir tal-provi fuq ix-xena tad-delitt, b'mod partikolari fl-inhawi fejn sehhet l-ispluzjoni u fil-madwar immedjat, inkluz li jigbru il-fdaljijiet rizultat tal-istess spluzjoni u jippreservawhom ghal aktar ezamijiet forensici ulterjuri*.[49]"

L-akkuzati jilmentaw illi l-imsemmija esperti fir-rapporti minnhom imhejjija marru *ultra vires* dan l-inkarigu billi x-xoghol li kellu jsir minnhom kien wiehed limitat ghal gbir tal-evidenza u xejn izjed. Jirrizulta ukoll, izda, illi fid-digriet imbaghad tal-Inkwirenti tat-18 ta' Ottubru 2017 jigi indikat illi l-esperti mill-Istitut Forensiku gewwa l-Olanda kienu qed jigi mahtura bhala esperti teknici.

Illi kif jirrizulta mix-xiehda u r-rapport ta' dawn l-esperti l-ghan tal-inkarigu taghhom kien sabiex issir tfittxija ghal evidenza materjali, u gbir ta'l-istess, li setghet twassal sabiex jigi determinat min kien l-awtur jew awturi ta'l-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia u l-mod kif sehh l-qtil ta'l-imsemmija vittma, kif ukoll sabiex isiru xi ezamijiet ulterjuri fuq din l-evidenza hekk migbura. Illi f'din it-tfittxija metikoluza li saret mill-esperti fuq ix-xena tad-delitt u fil-madwar, kien hemm l-assistenza tal-ufficjali tax-xena tar-reat immexxija mill-Ispettur Charlot Cahsa flimkien ma'

[49] Ara digriet nomina afol.686 tal-kumpilazzjoni

membri tal-armata. Jidher illi din it-tfittxija giet fotografata u ukoll kien hemm filmat li gie migbud mill-pulizija anke permezz ta' "*drone*" li gibbdet l-immagini mill-gholi. Jidher illi l-esebieti li gew elevati kienu mghoddija lil *exhibits officer* li kien gie mahtur PS1184 Patrick Grech li kellu l-inkarigu jircevi u jikkustodixxi l-esebieti kollha mghoddija lilu mill-ufficjali tax-xena tar-reat u mill-esperti. Jinghad hekk fir-rapport:

> *" .... all exhibits were handed over to P.Grech, Malta Police Force Crime Scene Officer, responsible for the administration of exhibits and chain of custody. Under his supervision the exhibits specification and numbering were checked and an official section number of the Malta Police force was added to the item…. On Friday 20th October 2017 all collected exhibits were crosschecked with the exhibits list and the information on the exhibits package. This vetting was conducted in the storage facilities of the Forensic Department of the Malta Police Force."*

Illi huwa indubitat illi l-ghan wara l-hatra ta' dawn l-investigaturi forensici kien unikament sabiex bl-*expertise* taghhom tigi identifikata dik l-evidenza materjali fuq ix-xena tad-delitt li kienet rilevanti ghal fini tal-investigazzjoni tal-omicidju. Illi sabiex jasslu ghal din l-evidenza l-esperti neccessarjament ghamlu rikostruzzjoni tas-sekwenza ta' fatti mill-mument li sehhet l-ispluzjoni. Dan setghu jaghmluh billi josservaw l-indizzji materjali li kienu qed jemergu minn fuq ix-xena tad-delitt. Illi fir-rapport taghhom fil-fatt huma jaghmlu kostatazzjoni ta' fatti li setghu josservaw li x'aktarx sehhew mill-mument tal-ispluzjoni, u cioe' il-hsara li kien hemm fuq l-asfalt fit-triq u t-trajjetorja li hadet il-vettura minn dan il-mument sakemm waqqfet f'ghalqa madwar mitt metru 'l isfel. Minn dawn l-osservazzjoniiet ghalhekk huma setghu jasslu biex jistabbilixxu liema kienet dik l-evidenza li setghet tigi migbura minn fuq ix-xena kif inghad.  Minn hawn beda l-ezercizzju metikoluz ta' tfittxija u gbir ta' evidenza. Fir-rigward tal-gisem tal-vittma u xi fdaljijiet umani ohra li kien

hemm fuq il-post, din l-evidenza giet migbura bl-assistenza tal-espert mediko legali Dr. Mario Scerri u mehuda lejn il-kamra mortwarja fis-17 ta’ Ottubru 2017. L-esperti ghamlu tfittxijiet ukoll fil-madwar ghal xi evidenza materjali li setghet thalliet mill-malvivent jew malviventi li kkomettew ir-reat, fosthom fiz-zona fejn il-vettura tal-vittma kienet thalliet ipparkeggjata fil-lejl ta’qabel sehh l-omicidju u fl-ghodwa li ipprecediet id-delitt, kif ukoll f’area ohra fejn gie stabbilit minn xi xhieda okulari li fil-jiem li pprecedew l-kummissjoni tar-reat kien hemm vettura li kienet qed tidher spiss f’din iz-zona. Wara t-tnehhija tal-vettura tal-vittma minn fuq il-post, imbaghad, saret tfittxija fil-hamrija sottostanti minn fejn gie elevat *smartphone* mahruq u xi evidenza materjali ohra.

Apparti din it-tfittxija ghal evidenza indizjarja l-esperti elevaw kampjuni minn fuq ix-xena tar-reat kemm ta’ frak ta’ tarmac fejn sehhet l-ispluzjoni u fejn kienet qed tirrizulta hsara fit-triq, kif ukoll minn fuq il-vettura. Illi dawn il-kampjuni gew elevati bil-ghan li jsiru ezamijiet forensici fuqhom ghal presenza ta’ xi tracci ta’ splussiv. Ghal dan il-ghan l-kampjuni gew mehuda lejn il-laboratorja tal-Istitut Forensiku tal-Olanda sabiex jigu ezaminati ghal dawn it-tracci. Dawn gew imwassla gewwa l-Olanda mill-esperti tax-xena tar-reat PS122 Arthur Borg u WO2 Alexander Smith. Wara ezamijiet li saru irrizultat l-presenza ta’ TNT fuq il-maggior parti tal-kampjuni elevati.

Illi allura bl-inkarigu wiesgha moghti bhala ‘esperti teknici’ fl-*in genere* sabiex ighinu fl-istharrig li kien qed isir mill-Inkwirenti dwar il-qtil ta’ Daphne Caruana Galizia, huwa indubitat illi dawn l-esperti li gew imsejjha mill-Istitut Forensiku tal-Olanda sabiex jassisstu l-investigaturi Maltin kellhom, proprju minħabba l-*expertise* tagħhom, “*jibqagħlhom ukoll marġini ta’ diskrezzjoni sabiex jagħmlu “ix-xogħol u l-esperimenti li*

*titlob il-professjoni jew is-sengħa tagħhom (artikolu 653(1), Kap. 9).*"[50]" Dan ifisser allura illi l-inakrigu ta'l-esperti ma kienx wiehed unikament limitat ghal gbir tal-evidenza, kif jikkontendu l-akkuzati, ghallkemm jidher illi l-maggior parti tax-xoghol minnhom maghmul kien f'dan is-sens, kif hawn fuq imfisser, izda ukoll li jaghmlu dak l-istahrrig kollu mehtieg sabiex fis-sengha u l-hila specjali taghhom jassistu lil Magistrat Inkwirenti jasal ghal perpetraturi tar-reat.

Illi jerga' jigi ribadit illi id-difiza ghandha dejjem id-dritt tikkontrolla l-kompetenza ta' dawn l-esperti u l-affidabbilita ta'l-istess fl-istadju tac-celebrazzjoni tal-guri sabiex b'hekk l-imhallfin tal-fatt fil-gudizzju finali taghhom jistghu jaghzlu li jistriehu jew jiskartaw il-konkluzjonijiet u l-fhemiet milhuqa minn dawn l-esperti

Illi l-akkuzati jilmentaw ukoll illi hemm nuqqas fil-katina ta'l-evidenza ghaliex ma jirrizultax min ghadda l-ezebiti lil dawn l-esperti. Illi jibda' biex jinghad illi kienu l-esperti stess li elevaw l-esebieti minn fuq ix-xena tar-reat u ghaddewhom lil *exhibits officer* Patrick Grech biex dawn jigu ikkustoditi, kif gie imfisser iktar 'il fuq. Jirrizulta madanakollu li xi kampjuni li gew elevati, kif indikati fir-rapporti Dokumenti MV1 u MV2, kif ukoll id-dokument HW1,ipprezentat dan ta'l-ahhar mill-espert Hinderikus Woortmeijer, twasslu gewwa l-Istitut Forensiku gewwa l-Olanda mill-PS122 Arthur Borg fejn saru xi analizjiet fuqhom. Kemm PS1184 Patrick Grech, kif ukoll PS122 Arthur Borg huma xhieda ndikati mill-Prosekuzzjoni u ser jiddeponu waqt il-guri u kwindi jistghu jispjegaw kif, minn min u meta gew elevati l-esebieti, min ikkustodiehom u fejn, u min ghaddiehom lill-esperti mahtura sabiex isiru l-analizijiet fuqhom. Il-

[50] Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech – 28/02/2012 App.Sup

prova dwar il-kontinwita' tal-evidenza ghandha tohrog minn dak li se jghidu x-xhieda quddiem il-gurati – mhux qabel. Dawn ix-xhieda huma l-ufficjali tal-pulizija kollha li kienu nvoluti fl-investigazzjonijiet wiesgha li saru li wasslu sabiex l-akkuzati jkunu mixlija bil-kongura kriminali sabiex jitwettaq id-delitt mertu ta' dawn il-proceduri.

Issa fir-rigward tar-rapport Dokument HW1 u x-xiehda ta' Hinderikus Woortmejjer li jikkoncerna l-ezamijiet maghmula fuq il-kampjuni elevati u indikati f'dan ir-rapport bil-ghan li tigi stabbilita il-presenza ta' esplussiv u jekk fl-affermattiv il-kwalita' u t-tip ta' esplussiv utillizzat fil-kummissjoni tar-reat, jirrizulta illi din l-analizi saret mill-analisti fi hdan l-Istitut Forensiku gewwa l-Olanda li isimhom jibqa' mhux maghruf ghalkemm ir-risultanzi ta' dawn l-ezamijiet saru taht l-istruzzjonijiet ta' dan l-espert, u gew mghoddija lilu sabiex finalment seta' ihejji r-rapport tieghu.  L-akkuzati jargumentaw illi din tikkostitwixxi evidenza "*hearsay*" u ma tikkostitwixxi ebda prova li jista' jixhed dwarha direttament l-espert. Illi l-Qorti terga tirribadixxi illi x-xiehda fuq kliem haddiehor mhijiex inammissibli a prijoristikament izda tista tikkostitwixxi prova ta' fatt dwar dak li ntqal lix-xhud, izda mhux prova diretta ta' dak li verament sehh. Maghdud dan, madanakollu, jibqa' il-fatt illi, kif gustament tirrileva d-difiza, il-persuni li effettivament analizzaw il-kampjuni elevati mhux biss ma gewx mahtura mill-Inkwirenti ghal dan il-ghan, izda sahansitra jibqghu mhux maghrufa bl-espert lanqas jindika min huma dawn l-analisti li ghamlu l-ezamijiet fuq il-kampjuni mghoddija lilhom u dan fil-kors tax-xiehda tieghu quddiem l-Istruttur.  Madanakollu l-Qorti ma tistax *a priori* tiskarta x-xiehda u r-rapporti ta'l-esperti ndikati f'dawn iz-zewg eccezzjonijiet fl-intier taghhom bhala xiehda nammissibbli billi, fl-ewwel lok l-inkarigu taghhom kien wiehed iktar

estensiv u mhux unikament limitat ghall-analizi ta’ dawn il-kampjuni elevati minn fuq ix-xena, izda fuq kollox dawn l-esperti ser jergghu jaghtu d-deposizzjoni taghhom mill-gdid fil-guri fejn jistghu jiddeponu fattwalment dwar il-mod kif saru dawn l-analizijiet u jekk kenux prezenti ghall-istess. Issa jekk l-prova li ser issir hija wahda li tistrieh fuq analizi maghmula minn terzi u li ma humiex imsejjha biex jiddeponu fil-guri sabiex jispjegaw ix-xoghol minnhom maghmul, l-gurati ghandhom fl-indirizz finali jinghataw direzzjoni dwar il-piz li ghandha tinghata lil din il-prova u jekk din ma tilhaqx il-grad mistenni u ma saritx skont ir-regoli tal-procedura, allura il-gurati ghandhom jigu diretti sabiex jiskartawha u ma jistriehux fuqha fil-gudizzju taghhom.

Illi finalment fir-rigward tal-oggezzjoni mqanqla mill-akkuzati marbuta mal-fatt illi r-rapporti huma kollha redatti bil-lingwa Ingliza meta l-proceduri kienu qed jinzammu bil-lingwa Matija, a skans ta’ repetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghal konsiderazzjonijiet minnha maghmula aktar kmieni f’din is-sentenza fil-paragrafu numru 10, liema konsiderazzjonijiet ghandhom japplikaw ukoll fir-rigward.

Ghal dawn il-motivi, prevja kwalunkwe direzzjoni li ghandha tinghata mill-Imhallef togat lil gurati fl-indirizz finali, dawn iz-zewg eccezzjonijiet (numri 54 u 55) qed jigu michuda.

**16. <u>L-isfilz tax-xiehda ta’ Doris Eerhart Waslander moghtija fl-udjenza tal-04 ta’ Lulju 2018 quddiem il-Qorti Istruttorja</u>. (Eccezzjoni numru 56).**

Illi ghal darb’ohra il-Qorti trid bil-fors tigbed l-attenzjoni tad-difiza kull meta tigi ventilata oggezzjoni ghal xiehda li hija traskritta ta’ xhud li

ddepona fl-Istruttorja, illi dan hu dokument li solitament ma jigix imqassam lil gurati fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri, hlief li tista' ssir referenza ghal din ix-xiehda biss ghal fini ta' kontroll. Dan ghaliex kull xhud li ddepona fil-kumpilazzjoni huwa mistenni li jixhed mill-gdid waqt il-guri. Hija x-xiehda li ser tinstema' fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri li ghandha ikollha piz fuq id-decizjoni ahharija tal-imhallfin tal-fatt. Illi ghalhekk jinkombi fuq il-Qorti Kriminali li fl-istadju opportun tispjega lill-gurati l-piz li ghandha tinghata lix-xiehda u r-rilevanza ta'l-istess u dan skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt penali ghar-rigward tal-apprezzament tal-provi.

Dan maghdud jidher illi l-akkuzati qeghdin jitolbu ghall-isfilz ta' dan id-dokument mill-Istruttorja bl-oggezzjoni taghhom tkun dik illi x-xhud Doris Eerhart hija xhud inammissibbli u dan ghaliex hija qatt ma giet mahtura bhala espert fl-*in genere* u ghalhekk ix-xoghol kollu minnha maghmul ma jistax jigi meqjus li ghandu valur probatorju gjaldarba hija qatt ma giet awtorizzat tikkordina x-xoghol li kellu jsir mill-Istitut Forensiku gewwa l-Olanda u li tircevi l-esebieti u tghaddiehom lill-esperti ghall analizijiet. Joggezzjonaw ukoll ghal fatt illi d-deposizzjoni taghha hija bil-lingwa Ingliza meta l-proceduri kienu qed jinzammu bil-lingwa Maltija.

Illi fir-rigward ta' din l-ahhar lanjanza, il-Qorti terga' tghid illi ma ghandha xejn aktar x'izzid mal-konsiderazzjonijiet diga' maghmula fir-rigward ta' dan il-punt ta' dritt. (ara konsiderazzjonijiet punt numru 10).

Illi ix-xhud Eerhart iddeponiet fl-udjenza tal-04 ta' Lulju 2018[51] fejn taghti d-dettalji dwar ix-xoghol li sar min naha taghha mill-mument li sar kuntatt mal-Istitut mill-pulizija maltija u sussegwentement mill-Magistrat Inkwirenti meta hija giet mitluba tikkordina l-assistenza mal-esperti Olandizi fi hdan l-Istitut sal-mument illi l-kampjuni elevati mill-esperti tal-Istitut mahtura imbaghad fl-inkjesta ghaddew ghandha gewwa l-Olanda sabiex isir l-analizi fuqhom.

Illi minn ezami tal-atti tal-*proces verbal* jirrizulta illi l-ewwel kuntatt li sar ma' Eerhart kien mill-Ispettur Charlot Casha dak in-nhar stess tal-omicidju fis-16 ta' Ottubru 2017[52]. Illi wara dan imbaghad sar kuntatt kif inghad mill-Inkwirenti stess ma' din ix-xhud tant illi ghal-*Crime Conference* imsejjha mill-Inkwirenti nhar il-20 ta' Ottubru 2017 fis-1:00p.m. gewwa Awla numru 26 fil-bini tal-Qorti tal-Familja kienet prezenti l-imsemmija Doris Eerhart[53] fejn f'dik il-laqgha, skond dak indikat fir-rapport tal-Ispettur Charlot Casha, li kien ukoll prezenti ghal laqgha, din Eerhart deskritta bhala *NFI Senior international forensic advisor and scientific support coordinator* "**giet apposta Malta dak in-nhar stess sabiex tkun partecipi u tiddiskuti fir-rigward tal-*way forward* ta'l-assistenza u l-kollaborazzjoni minn naha tal-NFI vis-à-vis l-ezamijiet u l-investigazzjonijiet forensici li ghandhom jitkomplew fit-tieni fazi tal-process, cioe' dak ix-xoghol kollu necessarju li jinkludi ezamijiet u analizi fuq l-evidenza migbura mix-xena tar-reat**." Din il-laqgha, kif gie puntwalizzat, kienet saret fuq ordni tal-Magistrat Inkwirenti u taht id-direzzjoni tieghu.

[51] Xiehda a fol. 3498 Vol.5 tal-atti tal-kumpilazzjoni.
[52] Ara rapport preliminari tal-Ispettur Charlot Cashaipprezentat lil Magistrat Inkwirenti a fol.742 et seq tal-atti
[53] Ara fol.724 tal-atti kumpilatorji

Jidher illi x-xhud fl-ebda mument ma giet mahtura bil-ghan illi taghti xi fehma jew opinjoni, lanqas biex taghmel xi ezamijiet forensici, u fl-ebda hin ma kienet involuta fl-istharrig li sar dwar l-omicidju mertu ta' dan il-kaz. Hija tixhed unikament fuq fatti, u cioe' fuq dak li sehh fejn kienet prezenti hi u x-xoghol li sar minnha bhala "intermedjarju" bejn il-Magistrat Inkwirenti, l-esperti u l-Istitut gewwa l-Olanda. Kwindi ma jidhirx illi hija ppartecipat b'mod attiv fl-inkjesta. Issa l-fatt li rceviet xi esebieti meta ma kenitx awtorizzata taghmel dan, hija kwistjoni ta' fatt li trid tigi rimessa ghal gudizzju finali tal-gurati u dan wara li jitqies jekk il-prova li l-Prosekuzzjoni qed tifittex illi taghmel permezz ta' din ix-xhud ghandhiex xi piz probatorju u jekk issegwiex ir-regoli tal-procedura. Jinghad biss illi x-xhud, bhala kordinatrici fi hdan l-Istitut Forensiku gewwa l-Olanda, kellha komunikazzjoni mal-Magistrat Inkwirenti, u anke kien hemm skambju ta' *e-mails*, fir-rigward tal-ghazla tal-esperti fi hdan l-Istitut li gew maghzula sabiex jaghtu din l-assistenza, il-mod kif kellu jigi kkordinat ix-xoghol mal-esperti u l-Istitut. Dan ifisser illi ghalkemm kienet tonqos il-htiega li Eerhart tigi mahtura bhala espert, billi kif inghad, hija ma kenitx involuta fl-istharrig maghmul fil-kors tal-*in genere*, madanakollu jidher li din kienet il-persuna li kienet f'kuntatt mal-Inkwirenti sabiex ix-xoghol li kellu jsir mill-esperti fi hdan l-Istitut Forensiku gewwa l-Olanda seta' jigi esegwiet. Dan ifisser allura illi x-xhud ma tistax titqies bhala xhud inammissibbli ghar-ragunijiet indikati mill-akkuzati f'din l-eccezzjoni billi hija ser tixhed fuq kwistjonijiet fattwali u ma hijiex imsejjha biex taghti xi fehma jew opinjoni. Gie deciz:

> **"Fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali ghandha tiddeciedi fit-termini ta' l-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali hija l-ammissibilita` ta' prova bhala kontrapposta ghar-rilevanza ta' l-istess prova, b'dan li indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tigi regolata jew**

**addirittura eskluza bhala irrilevanti fl-istadju tas-smigh tal-provi, l-istess m'ghandhiex tigi preventivament u aprioristikament eskluza jekk tista' tirrizulta rilevanti ghall- 'facts in issue"[54].**

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni (numru 56) qed tigi michuda.

**17. L-isfilz tal-kopji tas-sentenzi mmarkati bhala Dok. VM u Dok GD2 esebieti fil-kumpilazzjoni billi minhabba t-trapass taz-zmien minn meta dawn gew moghtija ma jistghu qatt jikkostitwixxu prova dwar recediva fit-termini ta'l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. (Eccezzjoni numru 57)**

Illi l-addebitu tar-recidiva tal-persuna akkuzata, ma jistax jingieb a konjizzjoni ta` l-gurati fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri, billi dan il-gudizzju jigi mholli f'idejhom biss wara li jinghata l-verdett fuq l-akkuzi migjuba 'il quddiem fl-Att ta'l-Akkuza. Allura kull kwistjoni jew prova ta' fatt marbut ma' dan l-addebitu ghandu jigi imressaq ghad-decizjoni tal-gurati wara li jinghata tali verdett li necessarjament irid ikun wiehed ta' htija, sabiex b'hekk wara li jitressqu provi fir-rigward, u mbaghad jigu iggwidati mill-Imhallef li jkun qed jippresjedi l-guri, huma jindirizzaw dina l-akkuza finali.

Fil-fatt l-artikolu 489 tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi:

**"Meta l-liġi, minħabba r-reċidiva, tkabbar il-piena għar-reat li jsir wara, il-kawża għandha titmexxa bħallikieku fl-att tal-akkuża ma kienx hemm miġjub li, qabel, l-akkużat kien ġie misjub ħati u ikkundannat; u m'għandux jingħad lill-ġuri li l-akkużat kien ġie qabel misjub ħati u ikkundannat, ħlief wara u jekk il-ġuri jkun iddikjara l-akkużat ħati ta' dan l-aħħar reat."**

[54] App.Sup. Ir-Repubblika ta' Malta vs Ibrahim Elhamshi Elghaoud et. deciza 09/01/2003

Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament tramandat fil-provvediment li tat il-Qorti Kriminali fis-27 ta' April 2009 fil-kawza Ir-Repubblika ta' Malta vs Gamil Abu Bakr fejn inghad hekk:

**"Id-decizjoni jekk l-akkuzat - una volta misjub hati - hux recidiv jew le ghall-fini tal-artikolu 49 u 50 jew xi wiehed biss minn dawn l-artikoli, hija decizjoni ta' fatt li tispetta biss lill-gurija w dana wara li jkunu taw verdett ta' htija kontra l-akkuzat u b' verdett separat, stante li kif jiddisponi l-artikolu 489 tal-Kodici Kriminali, meta l-ligi, minnhabba r-recidiva, tkabbar il-piena ghar-reat li jsir wara, l-kawza ghandha titmexxa bhallikieku fl-att ta' l-akkuza ma kienx hemm migjub li, qabel, l-akkuzat kien gie misjub hati w ikkundannat u m'ghandux jinghad lill-guri li l-akkuzat kien gie qabel misjub hati w ikkundannat, hlief wara u jekk il-guri ikun iddikjara l-akkuzat hati tal-ahhar reat. In osservanza ta' din id-dispozizzjoni l-prassi minn dejjem kienet li l-Imhallef li jippresjedi l-guri, wara verdett ta' htija w wara li jinqara lill-gurati l-addebitu tar-recidiva ghall-ewwel darba w jingiebu l-provi dwar ir-recidiva - fejn dan l-addebitu ikun kontestat mill-akkuzat - u wara sottomissjonijiet mill-avukati, jindirizza mill-gdid lill-gurati w "inter alia" jispjegalhom il-punti ta' dritt li jkunu jirregolaw l-applikazzjoni tar-recidiva, mbaghad jitlobhom jirtiraw mill-gdid biex jaghtu verdett ulterjuri dwar l-addebitu tar-recidiva kontenut fl-Att ta' l-Akkuza.**

**Ghalhekk jekk il-Qorti, kif issa komposta, b' Imhallef togat biss, tiddeciedi hi jekk l-addebitu tar-recidiva jirrizultax f' dan il-kaz, tkun qed tuzurpa l-funzjoni tal-gurija li hi biss kompetenti li tiddeciedi dan wara li tigi "properly addressed" mill-Imhallef togat fl-istadju oportun u cioe' wara li u jekk ikun hemm verdett ta' htija kontra l-akkuza.**

**Konsegwentement f' dan l-istadju din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tesprimi ruha w tiddeciedi jekk it-termini kontemplat fl-artikolu 50 skadiex jew le f' dan il-kaz u tista' tirrizerva li taghmel dan biss waqt xi indirizz ulterjuri lill-gurati fl-istadju opportun jekk u wara li jkun hemm xi verdett ta' htija."**

Illi l-Qorti m'ghandha xejn x'izzid ma dan it-taghlim gurisprudenzjali u kwindi jekk is-sentenzi li gew esebieti fil-kors tal-kumpilazzjoni humiex

ser jigu esebieti ukoll fl-istadju tal-guri ghandha tigi mhollija f'idejn il-Prosekuzzjoni mmexxija mill-Avukat Generali u imbaghad spetta lill-Imhallef togat jiggwida lil gurati dwar il-piz tal-prova hekk migjuba 'il quddiem u jekk l-istess twassalx ghar-recediva tal-persuna akkuzata fit-termini ta'l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi din l-ececzzjoni (numru 57) qed tigi michuda.

**<u>18. L-isfilz tar-relazzjoni tal-espert Dr.Mario Scerri Dokument MS u l-*compact disc* immarkat bhala Dokument MS2 flimkien max-xiehda relattiva moghtija minnu. (Eccezzjoni numru 58)</u>**

Illi l-akkuzati jsibu diversi oggezzjonijiet ghax-xiehda u rapport imhejji minn Dr. Mario Scerri u cioe':

i. Illi huwa kien mahtur bhala espert mediku, izda mhux kif indikat fir-relazzjoni tieghu u cioe' "*sabiex jezamina, jaghmel kostatazzjonijiet forensici relevanti u jirrelata dwar l-omicidju ta' Daphne Anne Caruana Galizia li kienet fil-karozza li splodiet fil-Bidnija nhar is-16 ta' Ottubru 2017.*"

ii. Illi ma kienx mahtur bhala espert biex jirrelata dwar il-kundizzjoni tal-vettura.

iii. Illi ma kienx mahtur biex jeleva il-*buccal swabs* ghal finijiet ta' ezami ta' DNA minn fuq il-persuna ta' Paul Caruana Galizia u jikkonduci ezamijiet sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-vittma

iv. Billi Paul Caruana Galizia ma xehedx matul il-kumpilazzjoni dak li jindika l-espert fir-relazzjoni tieghu dwar diskors li nghad lilu minn din il-persuna jikkostitwixxi *hearsay*. Lanqas ma hemm kontinwita' tant illi mid-dokument a fol. 3606 jidher illi lanqas kopja tal-karta ta'l-identita tal-imsemmi Paul Caruana Galizia ma ttiehedet.

Illi l-espert Dr. Mario Scerri gie mahtur bhala "espert mediko-legali" kemm b'digriet tal-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera tas-16 ta' Ottubru 2017, kif ukoll b'digriet iehor tal-Magistrat Anthony Vella tas-17 ta' Ottubru 2017. Dan ifisser illi l-hatra tieghu li kienet wahda wiesgha kienet tinkludi kull kostatazzjoni medika u ta' fatti li setghu jwasslu lill-espert jasal sabiex jaghmel dak kollu li s-sengha u l-hila specjali li ghandu tirrikjedi. Illi a skans ta' repetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghal konsiderazzjonijiet diga' minnha maghmula *in subiecta materia* f'din is-sentenza u li ghandhom japplikaw ukoll fil-konfront tal-inkarigu moghti lil dan l-espert u x-xoghol minnu espletat.

Illi l-Qorti ezaminat ir-rapport tal-espert mediko-legali u minnu jirrizulta li saru kostatazzjoni ta'fatt *in situ* li setghu iwassluh sabiex jiddetermina l-kawza tal-mewt tal-vittma u sabiex ukoll jasal biex jistabbilixxi l-identita' ta'l-istess stante illi l-kadavru kien mahruq u ma setax jintgharaf. Illi allura meta l-espert jiddeskrivi l-kundizzjoni li fiha huwa sab il-vettura li go fiha kien hemm il-vittma, huwa kien qed jiddeskrivi dak li kien qed jara *ictu oculi,* u li certament ma hijiex xi kwistjoni ta' fehma jew opinjoni, fatti li, kif inghad, necessarjament bhala espert mediko-legali jrid jikkonstata biex ikun jista' jasal biex jistabbilixxi l-kawza tal-mewt u jekk din kenitx wahda accidentali jew doluza.

Illi ukoll bhala espert mediko-legali kellu jaghmel dak ix-xoghol kollu sabiex ighin biex jigi identifikat il-kadavru misjub fil-vettura mahruqa u ghalhekk ma jistax jinghad illi huwa ma kellux awtorizazzjoni illi jeleva il-kampjuni orali ta' iben il-vittma Paul Caruana Galizia unikament ghal dan il-fini, liema kampuni gew mghoddija lill-espert serologista sabiex taghmel l-analizjiet mehtiega u tohrog profili ta' DNA ai fini ta'

identifikazzjoni. Bl-istess mod l-espert mediko-legali ghandu jippartecipa fl-awtopsja u jara illi jigu elevati dawk il-kampjuni kollha mill-kadavru li jistghu jghinu lill-investigaturi jasslu sabiex isolvu il-kaz taht il-lenti taghhom. Illi l-allegazzjoni maghmula mill-akkuzati illi hemm xi parti minn dan ir-rapport fejn gew elevati l-imsemmija kampjuni orali li jistghu jikkostitwixxi xi '*hearsay evidence*' hija ghal kollox frivola stante illi Paul Caruana Galizia fl-ebda hin ma xehed quddiem l-espert u l-identita ta'l-imsemmi Paul Caruana Galizia, apparti li tista' tigi kkonfermata mill-espert innifsu, tista' tigi kkonfermata ukoll mir-ritratt li ttiehed u li jifforma parti integrali mir-rapport.

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni (numru 58) qed tigi michuda.

**<u>19. L-isfilz tar-relazzjoni tal-espert PL Mario Buttigieg immarkata bhala Dokument MB1 u x-xiehda moghtija minnu. (eccezzjoni numru 59)</u>**

Illi l-akkuzati bl-istess mod joggezzjonaw ukoll ghar-rapport imhejji mill-espert tekniku Mario Buttigieg ukoll ghal diversi ragunijiet:

- **i.** L-espert ghalkemm mahtur fl-inkjesta ma nghata ebda inkarigu specifiku u zgur mhux l-inkarigu indikat minnu fil-parti introduttorja tar-relazzjoni tieghu.
- ii. ma ghandux il-hila u s-sengha specjali biex jirrelata dwar dak minnu kkonstatat.
- iii. Ma kellu l-ebda fakulta' li jisma' x-xhieda bil-gurament.

Illi ghal darb'ohra l-akkuzati jressqu eccezzjoni ohra minghajr bazi u dan meta b'digriet tal-Magistrat Inkwirenti ts-17 ta' Ottubru 2017, l-espert

Mario Buttigieg gie mahtur bhala "*espert mekkaniku, sabiex jezamina il-vettura, il-lok tal-incident, u jekk ikun il-kaz, jisma' x-xhieda bil-gurament.*"

Jerga jigi ribadit:

> **"Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'Blackstone's Criminal Practice 20011 , "*whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both*".**

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni (numru 59) qed tigi michuda.

**<u>20. L-isfilz tar-rapport esebiet mill-esperti Profs. Marie Therese Camilleri Podesta' u Dr. Ali Safraz u t-traskrizzjoni tax-xiehda tal-imsemmija esperti. (Eccezzjoni numru 60)</u>**

Illi l-oggezzjoni li jsibu l-akkuzati ghal dan id-dokument u x-xiehda moghtija mill-esperti patologi hija unikament marbuta mal-fatt illi dawn xehdu bil-lingwa Ingliza u li r-rapport minnhom redatt huwa ukoll bil-lingwa Ingliza. Illi a skans ta' repetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghal konsiderazzjonijiet maghmula aktar kmieni f'din is-sentenza, li ghandhom bl-istess qies japplikaw ghal dina l-eccezzjoni (punt numru 10). Jizdied illi minn ezami tal-verbal tas-seduta tad-19 ta' Lulju 2018 ma jidhirx illi l-akkuzati sabu oggezzjoni ghal fatt illi l-esperti kienu qed jixhdu bil-lingwa Ingliza. Illi fl-istess seduta l-Qorti Istruttorja kienet hatret lil Dr. Yanika Camilleri sabiex taghmel traduzzjoni mill-Ingliz ghal Malta tar-rapport Dok.MTP1. Illi jerga' jigi ribadit inoltre illi dawn ix-xhieda ser jergghu jiddeponu fl-istadju tac-celebrazzjoni tal-guri sabiex

b'hekk jistghu jispjegaw il-kontenut kollu tar-relazzjoni taghhom f'lingwa li l-akkuzati jistghu jifhmu anke jekk hemm bzonn bil-hatra ta' interpretu biex jassistiehom f'dan is-sens. Dan sabiex huma jkollhom kontroll shih fuq dak li ser jigi mistqarr minn dawn l-esperti.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda (Eccezzjoni numru 60)

**21. L-isfilz tad-dokument u l-*compact disc* ezebiti matul ix-xiehda ta' Amelie Abela (Melita plc) u Dr. Anthony Bonnici (GO plc) u ix-xiehda relattiva, kif ukoll dawk ta' Jason Pavia u l-Inginier Mario Cordina (Vodafone). (Eccezzjonijiet numri 61, 62 u 74)**

L-akkuzati jsibu diversi oggezzjonijiet ghax-xiehda u d-dokument esebieti mix-xhud Amelie Abela u bl-istess qies ta' Dr. Anthony Bonnici li xehdu in rappresentanza tas-*service providers* Melita plc u Go Malta plc, kif ukoll ta' Jason Pavia u l-Inginier Mario Cordina rapprezentanti tas-socjeta Vodafone, billi d-dokumenti minnhom esebieti huma bil-lingwa Ingliza, billi ma jirrizultax mix-xiehda taghhom min hu l-awtur ta' dawn id-dokumenti, liema dokumenti la huma awtentikati u lanqas ffirmati, li l-informazzjoni moghtija minn dawn ix-xhieda tikkostitwixxi evidenza fuq kliem haddiehor u cioe' 'l hekk imsejjha *hearsay*, id-dokumenti inoltre ma jistghux jitqiesu illi huma prova ammissibbli billi fil-qiegh taghhom hemm '*disclaimer notice*' b'dawn il-provdituri tas-servizz jiddikjaraw illi ma jistghux jiggarantixxu l-korrettezza tal-informazzjoni fihom mahzuna.

Illi kemm Amelie Abela[55] kif ukoll Anthony Bonnici[56] u Pavia flimkien mal-Inginier Cordina[57], rapprezentanti s-socjetajiet Melita plc, GO plc u Vodafone rispettivament, jixhdu dwar *cell tower data* li tinkludi

[55] Ara xiehda ta' Amelie Abela Vol..7 a fol. 3815 tal-kumpilazzjoni
[56] Ara xiehda ta' Dr,. Anthony Bonnici Vol.7. fol.3822 tal-kumpilazzjoni

rendikont ta' telefonati u *sms's* li saru fil-jiem ta' bejn il-15 u is-16 ta' Ottubru 2017 u *coverage maps*, kif indikat lilhom mill-espert Dr. Martin Bajada u mill-pulizija. Inoltre huma gew mitluba ukoll jipprovdu informazzjoni fuq sett ta' numri IMEI u jekk dawn l-istess numri kellhomx xi rabta mas-servizzi provduti mis-socjetajiet minnhom rapprezentati.

Jidher illi kemm Amelie Abela kif ukoll Anthony Bonnici haddmu fuq l-estrazzjoni ta' din id-*data* huma personalment debitament assistiti minn inginier impjegat mal-kumpanija rapprezentata minnhom. Jason Pavia hadem, imbaghad id f'id mal-Inginier Mario Cordina. Dan sar fuq rikjesta lilhom maghmula kemm mill-espert Dr. Martin Bajada kif ukoll mill-pulizija. Dawn ix-xhieda jaghtu dettalji fid-deposizzjoni taghhom fil-Qorti tax-xoghol minnhom maghmul u tal-mod kif saret l-estrazzjoni tad-*data*. Billi d-*data* hekk mitluba kienet wahda piuttost voluminuza, din giet ipprezentata fuq *compact disc*. Dan ifisser, allura, illi ma jistax jinghad illi l-prova maghmula minn dawn ix-xhieda tista' tikkostitwixxi xi forma ta' '*hearsay evidence*' billi kienu dawn ix-xhieda stess li hadu hsieb l-estrazzjoni tad-*data,* fil-kaz ta' Abela u Bonnici bl-assistenza ta' Inginier. Dan ukoll iwassal ghan-nuqqas ta' htiega li d-dokument jigi awtentikat jew iffirmat gjaldarba, kif inghad, dawn ix-xhieda qeghdin jikkonfermaw *viva voce* li l-estrazzjoni saret minnhom.

Illi fix-xiehda tieghu Dr. Anthony Bonnici jispjega illi ghalkemm l-informazzjoni hemmhekk kontenuta ma tista' qatt tkun wahda preciza mija fil-mija, madanakollu jidher li inezatezzi mhumiex daqshekk komuni.

---

[57] Ara xiehda ta' Pavia u Cordina Vol.11 tal-atti kumpilatorji minn fols.5603 et seq

Illi allura ghalkemm l-akkuzati isibu oggezzjoni ghal fatt iddikjarat minn dawn il-provdituri tas-servizz illi l-informazzjoni minnhom moghtija tista' ma tkunx wahda preciza u jista' jkun fiha " *a margin of error*", jinghad biss illi kwalunkwe dubbju dejjem ghandu jimmilita favur il-persuna akkuzata u kwindi n-nuqqas ta' precizjoni tal-informazzjoni moghtija minn dawn ix-xhieda ma twassalx ghall-inammissibilita' taghha, u jekk l-istess tikkostitwixxi xi prova dubbjuza dan in-nuqqas huwa certament wiehed tal-Prosekuzzjoni billi hija ghandha dejjem tara li tressaq l-ahjar prova li l-kaz jipprovdi. Issa jekk il-prova ma tilhaqx dak il-grad mistenni mil-ligi din ma tkunx wahda b'sahhitha sabiex il-gurati jistghu jistriehu fuqha meta jigu sabiex jaghmlu l-gudizzju ahhari taghhom. Dan dejjem billi huma jigu hekk iggwidati mill-Imhallef togat. Il-Qorti, izda, f'dan l-istadju preliminari tal-proceduri ma ghandhiex is-setgha tordna li titwarrab xi prova ghar-raguni illi din ma hijiex wahda b'sahhitha bizzejjed billi din il-kwistjoni ghandha tigi determinata unikament fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri u mhux qabel.

Illi, ukoll, ghalkemm id-dokumenti li permezz taghhom saret it-talba mill-pulizija lil Go plc ghal-informazzjoni dwar *data*, kif hemm kontenut fl-imsemmija rikjesti, ma humiex iffirmati mill-mittenti ta'l-istess, madanakollu jidher illi din it-talba temani mill-iSpettur Keith Arnaud li xehed estensivament dwar il-fatt illi huwa kien inkarigat mill-qasam tal-investigazzjoni marbuta mal-informatika, u dan hekk kif sehh l-omicidju, u huwa ukoll f'posizzjoni jikkonferma bil-gurament it-talba minnu hekk maghmula fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri.

Finalment ghar-rigward tal-oggezzjoni maghmula ghal darb'ohra mill-akkuzati illi d-dokumenti esebieti huma bil-lingwa ingliza, l-Qorti terga'

taghmel referenza ghal konsiderazzonijiet maghmula aktar kmieni fis-sentenza (numru 10) u tiddikjara li m'ghandha xejn x'izzid mal-istess.

Ghal dawn il-motivi dawn it-tlett eccezzjonijiet qed jigu michuda (Eccezzonijiet numri 61, 62 u 74).

### 22. L-isfilz tar-rapportipprezentat mill-esperti konguntivament PS122 Arthur Borg u WO2 Alexander Smith, Dokument AB1. (Eccezzjoni numru 63)

L-akkuzati hawn ukoll isibu diversi oggezzjonijiet ghax-xoghol maghmul minn dawn l-esperti u r-rapport minnhom redatt. Dan ghaliex jishqu li ghalkemm huma gew mahtura bhala ufficjali tax-xena tar-reat, ma gewx inkarigati sabiex jittrasportaw kampjuni lejn l-Istitut Forensiku gewwa l-Olanda sabiex isiru l-analizijiet fuqhom u lanqas ma setghu ighaddu dawn il-kampjuni lil Doris Eerhart Waslander billi din ma gietx mahtura mill-Inkwirenti biex tircevi dawn il-kampjuni. Jilmentaw inoltre illi l-katina tal-evidenza giet miskura billi mhux indikat minn dawn l-esperti minn fejn u minn ghand min gabu dawn il-kampjuni. Finalment jergghu iressqu l-ilment taghhom illi s-*submission forms* huma redatti bil-lingwa Ingliza.

Illi b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2017, il-Magistrat Inkwirenti hatar lil PS122 Arthur Borg bhala ufficjal tax-xena tar-reat u ukoll lil WO2 Alexander Smith bhala espert tal-isplussiv. Illi min ezami tal-atti kumpilatorji jirrizulta illi l-esperti mill-Istitut forensiku fl-Olanda mahtura mill-Inkwirenti kienu elevaw xi kampjuni minn fuq ix-xena tar-reat. Flimkien maghhom jassistuhom kien hemm l-Ispettur Charlot Casha li kien qed imexxi it-tim forensiku malti. Dawn l-esebieti jidher li gew

mghoddija lil PS122 u WO2 mill-imsemmi Spettur Casha li nkarighom iwasslu dawn il-kampjuni gewwa l-Olanda fejn l-istess thallew f'idejn Doris Eerhart li ghaddiethom lill-esperti ghal analizi. Jidher illi meta din l-analizi tlestiet, dawn imbaghad gew mibghuta permezz ta' courier DHL mill-imsemmija Eerhart fejn gie indikat *tracking number* li permezz tieghu l-Ispettur Casha jghid li seta' isegwi t-tragitt li ha il-pakkett sakemm wasal Malta. Meta dan infetah kien hemm prezenti Dr. Martin Bajada, l-imsemmi Spettur Casha u PS813 Clinton Vella li ha hsieb jiffottografa l-process u l-esebieti li wasslu lura Malta. Dan ifisser illi huwa possibbli ghad-difiza tikkontrolla l-katina tal-evidenza ta' dawn l-esebieti kif inghad.

Illi ukoll ghalkemm PS122 Arthur Borg u WO2 Alexander Smith ma gewx mahtura specifikatament sabiex jittrasportaw dawn il-kampjuni gewwa l-Olanda, madanakollu l-Qorti hija tal-fehma illi gjaldarba dawn in-nies kienu mahtura bhala esperti fl-*in genere* biex jaghmlu ix-xoghol kollu mehtieg marbut mal-*in genere* u dan dejjem f'dak il-qasam marbut mas-sengha u l-hila taghhom, allura ma kien hemm xejn x'josta milli dawn l-esperti jiehdu hsieb li dawn il-kampjuni jigu ttrasportati ghal fini sabiex isiru ezamijiet ulterjuri fuqhom. Fuq kollox meta l-evidenza materjali tigi elevata minn fuq ix-xena tar-reat dawn l-ufficjali ma jinghatawx inkarigu ulterjuri ghat-trasport tal-imsemmija esebieti minn lok ghal lok iehor gewwa Malta u allura l-istess argument ghandu japplika meta it-trasport isir lejn pajjizi fl-esteru. Issa huwa palezi illi PS122 Arthur Borg gie mahtur bhala ufficjal tax-xena tar-reat li xogholu fost ohrajn hu li jeleva, jiddokumenta u jikkustodixxi l-esebieti hekk elevati. Illi allura ma kien hemm ebda htiega li dan jigi awtorizzat jittrasporta dawn l-esebieti gjaldarba kien jifforma diga parti mit-tim ta'esperti involuti fl-inkjesta

magisterjali. L-istess jista' jinghad fuq l-espert WO2 Alexander Smith mahtur bhala espert tal-isplussiv u dan meta t-trasport tal-kampjuni u oggetti sar bil-ghan li jsir ezami ghal tracci ta' splussiv fuqhom.

Fuq kollox l-ghan li l-esebieti jigu ttrasportati u dokumentati minn dawn l-ufficjali mhuwiex sabiex huma jaghtu xi parir jew opinjoni jew biex jaghmlu xi analizi, izda unikament sabiex ikunu xhieda tal-fatt illi l-katina tal-evidenza marbuta ma' dawn l-esebieti ma tigiex miksura jew mbaghbsa bil-ghan illi din l-evidenza ma tigix ikkontaminata u ghalhekk ikollha tigi mwarrba fil-qorti.

Illi fir-rigward tal-oggezzjoni imqajjma rigward il-fatt li l-esebieti thallew f'idejn Doris Eerhart kordinatrici fi hdan l-Istitut Forensiku fl-Olanda u dik li titratta l-validita' tas-*submission forms* billi dawn huma bl-Inglizi, l-Qorti diga' trattat dawn il-punti (numru 10 u 16 supra) u tiddikjara li m'ghandha xejn aktar x'izzid mal-istess.

Illi ghal dawn il-motivi l-akkuzati ma ghandhomx ragun f'dan l-ilment minnhom ventilat u kwindi din l-eccezzjoni qed tigi michuda. (Eccezzjoni numru 63).

**<u>23. L-isfilz tar-rapport u xiehda moghtija mill-Ispettur Charlot Casha u PC813 Clinton Vella Dokument CC2, u r-rapport imhejji minn Dr.Martin Bajada u dan limitatament ghal dak l-inkarigu lilhom moghti wara li l-inkjesta magisterjali fil-konfront ta'l-akkuzati kienet giet maghluqa. (Eccezzjoni numru 64)</u>**

Illi qabel kull konsiderazzoni marbuta ma' din l-eccezzjoni, il-qorti qabel xejn tirrileva illi l-espert PC813 Clinton Vella ma ghandu xejn x'jaqsam

mal-inkarigu espletat mill-Ispettur Charlot Casha u l-espert Dr. Martin Bajada kif imfisser fid-Dokument CC2. Issa huwa pacifiku illi l-Ispettur Charlot Casha u PC813 Clinton Vella, flimkien ma' Dr. Martin Bajada gew lkoll mahtura bhala esperti sabiex jassisstu lil Magistrat Inkwirenti fl-istharrig li kien qed isir marbut mal-*in genere* fil-kaz tal-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia u dan b'kull wiehed minnhom jaghmel dak ix-xoghol marbut mas-sengha jew hila tieghu. Jidher illi fil-kors ta' dan l-istharrig, li kien wiehed kumpless u metikoluz, l-Inkwirenti kien jikkomunika mal-esperti minnu mahtura sabiex jaghtihom dawk id-direzzjonijiet mehtiega fil-kors tal-investigazzjoni li kienet qed titmexxa. Dan jirrizulta mix-xiehda ta' diversi esperti li xehdu tul il-kumpilazzjoni bl-Inkwirenti sahansitra isejjah diversi laqghat sabiex dawn jinghataw id-direzzjonijiet mehtiega.

Issa id-Dokument CC2 li ghalih tirreferi din l-eccezzjoni mqanqla mill-akkuzati tirreferi ghal xoghol maghmul mill-esperti Spettur Casha u Dr. Martin Bajada marbut ma' tehid u konsenja ta' esebiti gewwa l-ufficji tal-Europol f' The Hague. Ighidu illi din il-konsenja saret in forza ta' ordni moghtija mill-Inkwirenti nhar is-07 ta' Marzu 2018[58] u allura meta l-atti tal-inkjesta fil-konfront tal-akkuzati kienet inghalqet u giet esebieta in atti. Jidher madanakollu illi l-istharrig dwar l-*in genere* ma kienx ghadu konkluz mhux biss ghaliex l-esperti ma kenux lahhqu ezegwew x-xoghol li kellu jsir minnhom, izda ukoll, u fuq kollox, ghaliex l-investigazzjonijiet komplew ghaddejjin billi kien hemm is-suspett illi xi nies ohra, apparti l-akkuzati, setghu kienu involuti fil-qtil ta' Caruana Galizia. L-inkjesta magisterjali ghalhekk kellha tissokta, bl-esperti jibqghu jircievu

[58] Vol.7 a fol. 3867

istruzzjonijiet mill-Inkwirenti sabiex ighinuh fl-istharrig li kien ghadu ghaddej.

L-inkarigu li gew moghtija dawn l-esperti kien, kif inghad, sabiex jittrasportaw xi esebieti gewwa The Hague ghall-aktar analizjiet. Dawn l-ezebieti jidher illi l-esperti mahtura minn naha tal-*Europol* kienu elevawhom fil-kors tal-istharrig maghmul minnhom meta kienu gewwa Malta u allura fiz-zmien meta l-inkjesta fil-konfront tal-akkuzati kienet ghadha miftuha. L-Ispettur Casha ighid illi irtira madwar 93 esebiet li kienu mizmuma taht l-awtorita tal-*exhibits officer* PS1184 Patrick Grech li kienu ippakkjati gewwa *evidence bags* li kienu gew issiggilati mill-esperti tal-Europol innifishom. Ighid hekk PS1184 Patrick Grech:

> *" ... gew mghoddija lili 93 esebit minn Ufficjali tal-Europol. Kienu fil-pussess tieghi minn Dicembru 2017 sa Marzu 2018. F'Marzu 2018 jiena ghaddejthom lill-Ispettur Charlot Casha fejn minn naha tieghu mbaghad ghaddiehom xi esperti barra minn Malta.[59]"*

Jirrizulta illi mal-wasla taghhom gewwa The Hague, Casha u Bajada gew milqugha hemmhekk mill-Ispettur Michael Mallia li wassalhom gewwa l-ufficji tal-*Europol* u l-esebieti thallew f'idejn l-espert Marco Tolli. Dawn l-esperti kollha gew ikkonfermati mill-Qorti Istruttorja fil-kors tal-kumpilazzjoni. Fil-fatt mill-verbal tas-seduta tas-07 ta' Frar 2018[60], gie esebiet il-proces verbal mid-Deputat Registratur Susan Fenech. Wara dan Dr. Phlip Galea Farrugia ghal Prosekuzzjoni talab li ssir vera kopja tal-atti tal-inkjesta sabiex din tkun tista' tigi rinvijata lil Magistrat Inkwirenti sabiex jissokktaw l-investigazzjonijiet. Wara dan il-verbal ikompli hekk:

> **"Il-Qorti wara li rat l-atti tal-inkjesta esebita llum qieghda tikkonferma n-nomina tal-esperti.**

[59] Ara xiehda PS Patrick Grech a fol. 3970 Vol. 7 tal-kumpilazzjoni
[60] Vol.2 a fol-603 u 604 tal-atti tal-kumpilazzjoni

**Il-Prosekuzzjoni qed titlob estensjoni tal-inkarigu tal-Ispettur Charlot Casha sabiex ikun jista' jtella' lill-esperti tal-Europol l-affarijiet li gew elevati waqt l-operazzjoni li saret in konnessjoni ma' din l-investigazzjoni.**
**Il-Qorti tilqa' t-talba.**
**Id-difiza qed tirriserva li jsru l-kontro-ezamijiet tal-esperti."**

Il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn aktar dwar din l-eccezzjoni ventilata mill-akkuzati. Jinghad biss illi ghalkemm l-akkuzati joggezzjonaw minghajr ebda motiv validu la fil-fatt u lanqas fid-dritt ghax-xoghol esegwiet minn dawn l-esperti jibqa' l-fatt illi huma fl-ebda stadju qabel jew wara x-xiehda ta'l-Ispettur Casha ma ressqu xi oggezzjoni ghal dan ir-rapport u x-xoghol minnu esegwiet. Il-Qorti taqbel mal-hsieb ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta meta inghad:

**"..... ghalkemm hu minnu li l-akkuzat ghandu dritt ghal smiegh xieraq, izda dan is-smiegh xieraq, waqt li jipprotegi l-prezunta innocenza tal-akkuzat, ghandu ukoll ikun 'fair' mas-socjeta' li tkun giet oltraggata bid-delitt . Il-Qorti tifhem li ma tistax u ma ghandhiex tinfatam mir-realtajiet tas-socjeta' li fiha topera , u li ghalhekk irid jinholoq bilanc gust bejn l-interess suprem tal-Gustizzja u l-interessi tas-Socjeta' li tipprotegi ruhha kontra r-reati ta' certa gravita' . Fl-ispirtu ta' dan l-insenjament, din il-Qorti thoss li bil-fatt li l-akkuzat f'ebda stadju tal-kumpilazzjoni ma kien qajjem xi forma ta' oggezzjoni ghan-nomina tal-persuni msemmija fl-eccezzjoni tieghu , hu gie akkwiexxa ghan-nomina taghhom u ergo gie tilef id-dritt li jaghmel dan f' dan l-istadju hekk inoltrat tal-process.**

**Di fatti , mill-ezami tal-atti processwali, jidher li l-akkuzat, ghalkemm kien dejjem abilment assistit minn "team" ta' difiza tul il-kors kollu tal-kumpilazzjoni u , minkejja li d-difensuri tieghu kienu kontinwament u regolarment jaghmlu talbiet fuq haga jew fuq ohra quddiem il-Qorti tal-Magistrati, dawn qatt ma lissnu l-icken oggezzjoni ghan-nomini, depozizzjonijiet jew relazzjonijiet tal-esperti tal-inkjesta li umbaghad gew konfermati bhala esperti fil-kors tal-kumpilazzjoni.[61]**."

[61] Ir-Repubblika ta' Malta vs John Camilleri Qorti Kriminali – 14/09/2004

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet u gjaldarba l-espert Spettur Charlot Casha kien debitament awtorizzat mill-Qorti Istruttora sabiex jittrasporta l-esebieti lejn l-ufficji tal-*Europol* gewwa The Hague, dina l-eccezzjoni (numru 64) qed tigi michuda.

**<u>24. L-sifilz tar-rapport esebiet konguntivament mill-Ispettur Charlot Casha u minn PC813 Clinton Vella, Dokument CC3 u tax-xiehda relattiva. (Eccezzoni numru 65)</u>**

Illi l-fatti li sehhew kif indikat fir-rapport Dokument CC3 esebiet mill-Ispettur Charlot Casha isegwu l-*iter* ta' fatti marbuta mat-trasport ta'esebiti lejn l-Istitut Forensiku gewwa l-Olanda fejn fuqhom saru xi analizjiet, liema esebiti gew imbaghad mibghuta lura minn Doris Eerhart, kordinatrici gewwa l-Istitut permezz tal-*courier DHL* lejn Malta. Mal-wasal ta' dawn l-esebiti gewwa Malta, il-pakkett li fihom kienu gew trasportati gie miftuh mill-espert tal-forensika Spettur Charlot Casha fil-presenza ta' Dr. Martin Bajada, liema process gie iffotografata minn PC813 Clinton Vella. Jidher li dan il-process ta' ftuh tal-pakkett sar gewwa il-bini tal-Qorti stess gewwa kamra numru 17, fil-Qorti tal-Familja. Hemmhekk kien hemm prezenti **fuq kollox** il-Magistrat Inkwirenti li quddiemu sar il-ftuh tal-pakkett mill-Ispettur Casha. Dan il-process gie iffotografat, kif inghad, minn PC813 Clinton Vella.

Ill wara li sar dan il-process ta' ftuh tal-pakkett fejn l-esebieti gew mahruga kif hemm spjegat fir-rapport ta'l-Ispettur Casha, b'ordni tal-Magistrat Inkwirenti, li jerga' jinghad kien presenti tul dan il-process, l-espert gie ordnat jeleva din il-kaxxa jew pakkett sabiex izommu fil-

pussess tieghu f'post sikur gewwa il-Laboratorju tax-Xjenza Forensika. Flimkien mar-rapport hemm imbaghad esebit dokument li juri it-*tracking data* tal-pakkett mill-*courier DHL*.

Dan ifisser kwindi illi l-akkuzati ma ghandhomx ragun f'din l-eccezzjoni minnhom imqanqla billi jidher illi l-esperti, li kienu diga' nominati fl-inkjesta, kif inghad, ircevew l-istruzzjonijiet taghhom direttament mill-Magistrat inkwirenti li kien il-hin kollu prezenti tul il-process kollu. Illi allura lanqas l-ilment taghhom li il-katina tal-evidenza giet b'xi mod miksura ma tista' tregi billi jidher illi it-tragitt li hadu l-esebieti mill-mument li gew elevati, imbaghad ikkonservati, sakemm ittiehdu sabiex jigu ezaminati l-Olanda u lura gewwa Malta huwa process li huwa dokumentat fl-intier tieghu, tant illi jista' anke isir tqabbil bejn kull esebiet li gie elevat u dak li gie irritornat lura minn gewwa l-Olanda sabiex jigi garantit li dan huwa l-istess dokument. Fi kwalunkwe kaz dan il-process huwa kwistjoni ta' fatt li ghandu jigi mholli ghad-decizjoni tal-gurati fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri bix-xhieda kollha jridu jiddeponu, bl-esperti jispjegaw il-kariga minnhom moghtija, l-*expertise* taghhom u x-xoghol minnhom esegwiet.

Illi fir-rigward tal-oggezzjoni imqanqla mill-akkuzati ghar-rigward tax-xhud Doris Eerhart, il-Qorti diga' ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha aktar kmieni (numru 16) f'din is-sentenza u tiddikjara li m'ghandha xejn aktar x'izzid ma' l-istess. Jigi ribadit madanakollu illi kien il-Magistrat Inkwirenti stess illi ghamel kuntatt f'iktar minn okkazzjoni wahda mal-imsemmija Eerhart sa mil-bidunett li sar il-kuntatt mill-investigaturi mal-Istitut Forensiku gewwa l-Olanda u kwindi l-akkuzati ma jistghux

jilmentaw illi dak elevat fl-inkjesta kien sigriet ghaliha meta kien l-Inkwirenti stess li kien qed jikkomunika maghha dwar dan l-istharrig.

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni qed tigi michuda (eccezzjoni numru 65).

**25. L-isfilz tar-rapport tal-Ispettur Charlot Casha immarkat bhala Dokument CC1 u tax-xiehda moghtija minnu quddiem il-Qorti Istruttorja. (Eccezzjoni numru 66).**

Illi wara l-arrest tal-akkuzati, jidher illi kien hemm il-htiega li jigu elevati xi kampjuni orali ghal fini ta' analizi u dan bil-ghan li jinhareg il-profil genetiku taghhom. Jidher illi dawn il-kampjuni gew elevati mill-espert Spettur Charlot Casha fil-presenza tal-Magistrat Inkwirenti innifsu u l-Assistent Kummissarju Dennis Theuma. Illi wara li gew elevati dawn il-kampjuni orali, l-espert jikkonferma illi dawn gew mghoddija lill-espert serologista Dr. Marisa Cassar mill-*exhibits officer* mahtur fl-inkjesta ukoll PS1184 Patrick Grech. Fil-fatt kien PS1184 innifsu li ttrasporta dawn id-dokumenti lejn il-Laboratorju BioDNA gewwa San Gwann fejn dawn gew minnu kkonsenjati lil certu Brian Borg ghan-nom ta' Dr. Marisa Cassar.

Illi qabel xejn jerga' jigi rilevat illi l-Ispettur Charlot Casha gie mahtur bhala espert forensiku tul il-kors tal-*in genere*. Mhux biss izda meta gew elevati dawn il-kampjuni orali minn fuq il-persuna tal-akkuzati, il-Magistrat Inkwirenti kien prezenti u ghalhekk certament ma jistax jinghad illi l-espert ma kienx awtorizzat jespleta dan l-inkarigu li gie lilu moghti. Illi fil-fatt gie vverbalizzat hekk u dan kif jirrizulta mill-atti tal-*proces verbal*:

**“Il-Magistrat Inkwirenti;**
**Kien prezenti ghat-tehid tal-kampjuni tad-DNA ta’ persuni arrestati in konnessjoni ma’ din l-investigazzjoni.**

**Vincent Muscat inghata d-dritt li jikkonsulta ma’ avukat tal-ghazla tieghu, liema dritt gie rrifjutat minnu. Intalab jaghti l-kunsens tieghu ghat-tehid tal-kampjuni ta’ DNA permezz ta’ buccal swab, izda dan irrifjuta.**

**Alfred Degiorgio inghata d-dritt li jikkonsulta ma’ avukat tal-ghazla tieghu, liema dritt gie rrifjutat minnu. Intalab jaghti l-kunsens tieghu ghat-tehid tal-kampjuni ta’ DNA permezz ta’ buccal swab u dan accetta. Hu ghazel li jiffirma d-dokument relattiv.**

**George Degiorgio inghata d-dritt li jikkonsulta ma’ avukat tal-ghazla tieghu, liema dritt gie rrifjutat minnu. Intalab jaghti l-kunsens tieghu ghat-tehid tal-kampjuni ta’ DNA permezz ta’ buccal swab u dan accetta. Hu ghazel li ma jiffirmax d-dokument fejn gie indikat li ta kampjun ta’ DNA tieghu.**

**L-access intemm fid-9:00p.m.”**

Dan ifisser illi l-oggezzonijiet kollha ventilati mill-akkuzati f’din l-eccezzjoni huma infondati. L-espert Casha kien debitament awtorizzat mill-Inkwirenti jeleva il-kampjuni orali, liema kampjuni gew elevati fil-presenza tal-Magistrat Inkwirenti. Illi ma hemmx dubbju illi l-Ispettur Casha ser jixhed fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri fir-rigward tal-kwalifiki tieghu u allura id-difiza ser ikollu kull opportunita’ li tattakka l-kompetenza ta’ dan l-espert. Jinghad biss illi huwa jmexxi l-Laboratorju Forensiku gewwa Malta u kwindi ghandu dawk il-kwalifiki u dik l-esperjenza mehtiega biex jeleva kampjuni orali. Huwa ma kienx mahtur biex jaghmel l-analizi fuq l-istess izda biss biex jelevahom, liema analizi thalliet f’idejn l-espert serologista Dr. Marisa Cassar. Illi lanqas ma jidher illi inkissret l-katina tal-evidenza kif allegat billi x-xhud jixhed fid-dettall, kif hemm indikat fir-rapport tieghu stess, l-*iter* li segwew dawn l-esebiti

mill-mument li gew minnu elevati, imbaghad ikkustoditi, sakemm ghaddew f'idejn l-*exhibits officer* innominat ghal dan il-ghan fl-inkjesta sakemm sabu posthom ghand l-espert serologista li wara li ghamlet l-analizi taghha fuqhom irritornathom il-Qorti. Illi jirrizulta illi l-*evidence bags* kontenenti dawn l-kampjuni gew debitament issiggillati mill-espert Spettur Casha kif jirrizulta mir-ritratt esebiet a fols. 3857 u 3858 kontroiffirmati sahansitra mill-Magistrat Inkwirenti stess. Illi l-imsemmija *evidence bags* gew mghoddija lill-espert Dr. Marisa Cassar li imbaghad irritornathom flimkien mar-rapport taghha. Illi mil-lista ipprezentata mill-espert tal-esebieti minnha ipprezentati l-qorti flimkien mar-rappot taghha, liema lista giet immarkata bhala Dokument MCA[62], jirrizulta illi dawn l-kampjuni gew irritornati lura il-Qorti bid-dikjarazzjoni annessa u li tidher fir-ritratt li jinsab fir-rapport Dokument CC1. Dokument 20 f'din il-lista jindika li dan huwa mmarkat bhala 17CVP CC01, u cioe' in-numru kodici moghti mill-Ispettur Casha kif jirrizulta fir-rapport tieghu, fir-rigward tal-kampjun orali ta' Alfred Degiorgio fejn hemm immarkat hekk minn Dr. Cassar "*evidence bag issiggillata kontenenti zewg buccals swabs mehudin minn go halq il-persuna ta' Alfred Degiorgio (ID. 541264M) u formola ta' kunsens iffirmata minn Alfred Degiorgio. Evidence bag li kellha id-DNA kien gewwa fiha*". Dan id-dokument 20 kien jikkonsisti ukoll f'esebit immarkat 17CVP CC02 li huwa deskritt bhala "*evidence bag issiggillata kontenenti zewg buccal swabs mehudin minn go halq il-persuna ta' George Degiorgio (ID164963M); formola ta' kunsens li ghazel li ma jiffirmax; u evidence bag li kellha id-DNA kit gewwa fiha.*"

Dan ifisser illi l-katina ta' evidenza ma gietx miksura tant ghalhekk li l-fatt illi Brian Borg (addett mal-Laboratorju BioDNA li irceva dawn il-kampjuni

---

[62] Vol.3 minn Dokument MCA pagna 2570 u 2571

u ghaddiehom lil Dr. Marisa Cassar ghal analizi) ma xehedx fl-atti tal-kumpilazzjoni ma jista' qatt iwassal sabiex ixejjen ir-rapport redatt mill-espert Spettur Charlot Cahsa jew jirrendieh b'daqshekk inammissibbli. Fuq kollox jerga' jinghad li d-difiza ghandha l-jedd tikkontrolla din is-sekwenza ta' fatti fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri meta dawn l-esperti ser jiddeponu quddiem il-gurija.

L-ahhar lanjanza hija ghal kollox frivola u dan meta l-akkuzati jilmentaw li ma nghatawx il-jedd li jkunu assistiti minn avukat billi l-verbal tal-access hawn fuq iccitat jindika illi huma gew moghtija dan il-jedd ghall-assistenza legali mill-Magistrat Inkwirenti, liema jedd huma rrifjutaw.

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni (numru 66) qed tigi michuda.

**26. L-isfilz tal-loqma tas-sigarett li fuqha gie allegatment misjub id-DNA tal-akkuzat Alfred Degiorgio u dan ghaliex inkissret ic-*chain of custody*.(Eccezzjoni numru 67)**

Illi mill-atti tal-kumpilazzjoni jirrizulta illi giet elevata loqma ta' sigarett minn fuq ix-xena tar-reat u precisament minn post fl-gholi fil-vicinanzi tad-dar ta'l-abitazzjoni tal-vittma minn liema post fil-jiem ta' qabel l-omicidju giet osservata vettura li kienet qed tkun spiss ipparkeggjata fl-akwati. Il-Prosekuzzjoni tallega li dan il-lok seta' serva bhala *look-out post* mill-malviventi li kienu allegatament qed ighassu l-movimenti tal-vittma qabel ma inqatlet. Illi din il-loqma ta' sigarett giet elevata mill-ufficjal tax-xena tar-reat u mghoddija lill-espert serologista Dr. Marisa Cassar ghal analizi ta' DNA. Mir-rapport tal-imsemmija espert jirrizulta illi fuq din il-loqma instab il-profil genetiku tal-akkuzat Alfred Degiorgio.

L-akkuzati jallegaw illi il-katina tal-evidenza mill-mument illi giet misjuba din il-loqma giet miskura u dan meta il-PC501 Duncan Dimech li thalla ghassa maghha mill-Ispettur Keith Arnaud ighid fix-xiehda tieghu li huwa illarga minn fuq il-post u halla xi pulizija mill-ghassa tad-distrett ighassu din il-loqma sakemm wasslu l-esperti u l-ufficjali tax-xena tar-reat sabiex jelevawha. Dawn l-ufficjali tal-pulizija jibqghu mhux maghrufa u ma xedhux fil-kumpilazzjoni. Jikkontendu l-akkuzati illi lanqas ma jirrizulta min eleva din l-evidenza materjali, kif giet ippreservata u kif spiccat ghand PS1184 Patrick Grech u sussegwentment f'idejn l-espert Marisa Cassar.

Illi jerga' jigi ribadit illi din is-sekwenza ta' fatti hija wahda li ghandha temergi fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri. Dawn il-fatti probatorji u evidenzjarji ghandhom jingiebu a konjizzjoni tal-gurati li imbaghad ghandhom iqiesu jekk din il-prova hijiex wahda b'sahhitha bizzejjed u li fuqha jistghu jistriehu sabiex jasslu ghal gudizzju taghhom, dan dejjem wara li jigu debitament iggwidati mill-Imhallef togat fir-rigward tar-regoli tal-evidenza.

Jinghad biss illi mir-rapport ta' Dr.Marisa Cassar jirrizulta illi din il-loqma ta' sigarett giet elevata minn taht cint, taht sigra, minbarra is-*SOC (scene of crime) cordon area* u ikkodifikata bin-numru 17CL1101. Din giet mghoddija lilha minn PS1184 Patrick Grech, mahtur bhala *exhibits officer* fl-inkjesta. Mix-xiehda u ir-rapport ta' PS1184 Patrick Grech jirrizulta imbaghad illi huwa kien gie imsejjah fuq ix-xena tar-reat fit-18 ta' Ottubru 2017 fejn ha postu taht tinda li giet armata fi Triq il-Bidnija, Bidnija fejn hemmhekk huwa beda jircevi minn ghand l-esperti barranin u l-ufficjali tax-xena tar-reat mahturin fl-inkjesta, diversi esebieti

konsistenti f'evidenza materjali li kienet qed tigi elevata waqt tfittxijiet estensivi li kienu qed isiru fuq ix-xena u fil-madwar. Mis-*submission form* marbuta ma' din il-loqma ta' sigarett jidher illi l-ufficjal tax-xena tar-reat responsabbli mill-elevazzjoni dak in-nhar kien PC405 Jason Schembri li ha hsieb ukoll il-fotografija, b'zewg ritratti tal-imsemmija loqma jinsabu fil-faxxikolu ta' ritratti esebiti mill-imsemmi PC405 bir-referenzi 'FS 171647 17CLI JS 112' u 'FS 171647 17CLI JS 113'[63], liema ritratti jindikaw il-post preciz fejn giet misjuba din il-loqma, liema fatt jista' jigi kkonfermat mix-xhieda li sabuha u kienu ghassa maghha. PC405, imbaghad ghaddieha lil PS1184 Patrick Grech dak in-nhar tat-18 ta' Ottubru 2017 meta l-imsemmi *exhibits officer* kien jinstab fuq ix-xena tar-reat, kif ighid hu stess, jircevi dawn l-esebiti. Illi dan ix-xhud (indikat mill-Avukat Generali fil-Lista tax-Xhieda), kif ukoll ix-xhieda l-ohra involuti f'din il-katina ta'l-evidenza u cioe', L-Ispettur Keith Arnaud, PC501, PS1184, u Marisa Cassar ser jaghtu d-deposizzjoni taghhom fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri u ghalhekk ikunu f'posizzjoni jaghtu dettalji dwar il-lok fejn instabet din il-loqma, min kien ghassa mal-istess, min elevaha, kif giet ikkustodita u trasporata lejn l-espert, kif saret l-analizi u finalment meta sabet postha quddiem il-qorti, u dan meta jixhdu waqt il-guri.

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni (Eccezzjoni numru 67) qed tigi michuda.

### <u>27. L-isfilz tas-*submission forms* ezebiti matul ix-xiehda ta' PS1184 Patrick Grech waqt udjenza tat-03 ta' Settembru 2018 quddiem il-Qorti Istruttorja (Dokument CC1), dawk ezebiti minn PC813 Clinton Vella, PC1331 Darren Debattista, WPS293 Michelle Camilleri u PS586 Mario Azzopardi fl-udjenza tal-11 ta'</u>

[63] Vol. 15 BOX D Dok CCAB3 fol.6933

**<u>Ottubru 2018, kif ukoll dawk ipprezentati minn PC1525 Patrick Farrugia u PS336 Francesco Imbroll fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2018 billi dawn huma redatti bil-lingwa Ingliza. (Eccezzjoni numru 68, 71 u 72) u l-firem fuq l-istess ma gewx ikkonfermati mill-persuni li irredigewhom.</u>**

Illi a skans ta' repetizzjoni il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula aktar kmieni fis-sentenza (nurmu 10) fir-rigward tad-dokumenti pprezentati bil-lingwa Ingliza u mhux tradotti bil-Malti u tiddikjara li ma ghandha xejn aktar x'izzid ma'l-istess.

Illi fir-rigward tal-oggezzjoni maghmula minhabba in-nuqqas ta' firem jew konferma tal-istess fejn dawn saru mill-persuni li ghamluhom jinghad qabel xejn lli l-ufficjali tax-xena tar-reat u l-esperti indikati f'dawn il-formoli huma kollha indikati bhala xhieda fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuza ipprezentata mill-Avukat Generali u kwindi fil-kors tal-guri jistghu jikkonfermaw il-firem taghhom fuq dawn id-dokumenti. Illi fuq kollox il-prova li ssir permezz ta' dawn il-formoli hija unikament intiza sabiex tigi stabbilita l-katina tal-evidenza tal-esebiti elevati fil-kors tal-investigazzjoni u li minnhom jistghu jemergu xi provi indizzjarji rilevanti sabiex il-Prosekuzzjoni isahhah il-kaz taghha. Illi madanakollu din mhijiex l-unika u l-ahjar prova li tista' ssir billi kull persuna involuta fil-gbir, konservazzjoni, kustodja u analizi tal-evidenza materjali tista' taghti x-xiehda taghha b'mod dirett sabiex b'hekk il-prova li ssir permezz tal-imsemmija *submission forms* isservi unikament sabiex din l-evidenza diretta tigi kkorroborata minn din il-prova indiretta jew sekondarja. Dan ifisser illi f'dan l-istadju tal-proceduri l-Qorti ma tistax twarrab din l-prova.

Ghal dawn il-motivi dawn l-eccezzjoni (numru 68, 71 u 72) qed jigu michuda.

**<u>28. L-isfilz tar-ritratti mqieghda gewwa l-evidence bags ezebiti matul ix-xiehda kongunta ta' PS1184 Patrick Grech, PC813 Clinton Vella u PC 1331 Darren Debattista. (Eccezzjoni numru 69).</u>**

Illi din l-eccezzjoni hija marbuta ma' ghadd kbir ta' ezebieti li gewipprezentati l-Qorti mill-ufficjali tax-xena tar-reat PS1184, PC813 u PC1331 u dan wara ezercizzju li sar minnhom fuq istruzzjonijiet tal-espert Mario Cmarec, u taht is-sorveljanza tieghu, meta nfethu l-kaxex kontenenti l-evidenza materjali migbura minn fuq ix-xena tar-reat u l-madwar, sabiex l-istess jigu kategorizzati u ddokumentati. Dan sar anke permezz ta' ritratti li gew mehuda minn dawn l-esperti ta'l-esebieti. Ix-xoghol jidher li ha madwar sitt ijiem mit-18 ta' Novembru 2017 sat-23 ta' Novembru 2017 meta l-ufficjali kienu assistiti wkoll mill-membri tal-armata. Dan il-process jigi deskritt fid-dettall fir-rapport ezebit bhala Dokument DD1[64]. Issa fil-kors tax-xiehda ta' dawn is-*scene of crime officers,* u fil-mument meta kienu qeghdin jinfethu l-kaxxi ta'l-ezebieti fil-qorti, gew osservati xi ritratti gewwa xi *evidence bags* li d-difiza tallega li ma kellhom xejn x'jaqsmu mad-dehra fizika tal-ezebieti izda li x'aktarx tnizzlu minn fuq l-*internet*. Illi x-xhieda jiddikjaraw illi dawn ir-ritratti tpoggew fl-*evidence bags* mill-espert Mario Cmarec u li huma ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-istess. Li jirrizulta, madanakollu, minn din ix-xiehda huwa l-fatt li dawn l-ufficjali iffottografaw u iddokumentaw kull ezebiet li gie mghoddi lilhom mill-espert Cmarec, liema ritratti (li jammontaw ghal 808) jinsabu ezebieti fir-rapporti taghhhom.

L-akkuzati jallegaw illi dawn ir-ritratti huma *print outs* aktarx mis-sit *Google* jew minn xi sit iehor fuq l-*internet* illi allegatament tqieghdu mill-espert Mario Cmarec gewwa dawn l-*evidence bags* ezebiti mill-ufficjali tax-xena tar-reat, liema espert fix-xiehda tieghu fil-kors tal-Istruttorja ma ikkonfermax il-kontenut ta'l-istess. Din l-evidenza ghalhekk ma gietx elevata personalment minn dawn l-ufficjali tax-xena tar-reat li jixhdu dwarha.

Illi madankollu jispetta lix-xhud Cmarec sabiex jikkonferma dawn ir-ritratti fl-imsemmija *evidence bags* u dan fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri fejn ikun jista' jaghti d-dettalji dwar dawn ir-ritratti u x'jirrapprezentaw. F'dan l-istadju ghalhekk il-Qorti hija prekluza milli tordna l-isfilz ta' din l-evidenza gjaldarba r-rilevanza taghha o meno trid tigi stabbilita unikament waqt il-guri u dan meta jixhed l-espert Mario Cmarec. Jinghad biss illi fir-rapport imhejji minnu, l-espert Cmarec, hdejn xi ezebieti li jidhru bhala frammenti mahruqa minn xi komponent akbar, jindika dak li, fil-fehma tieghu, seta' kien l-oggett li minnu kien gej dak il-framment u jezebixxi ritratti biex jaghti ezempju vizwali tad-dehra tal-oggett shih u mhux iddanneggjat[65]. Jispjega fil-fatt fil-kors tax-xiehda tieghu li dawn huma l-oggetti li sab ghal bejgh fuq is-suq li setghu jixbhu dak uzat mill-malviventi fil-kostruzzjoni tal-bomba u l-materjal li intuza ghall-istess. Fuq l-imsemmi rapport hemm indikat fil-*footnote* minn liema sit elettroniku tnizzel dan ir-ritratt u li mieghu huwa abbina mal-framment formanti parti mill-ezebiet partikolari. Ovvjament din hija il-fehma tal-espert li l-akkuzati ser ikollhom kull opportunita' fil-kors tal-guri li jippruvaw jiskreditaw, jekk jidhirlhom.

---

[64] Vol 8. a fol.4003 tal-atti kumpilatorji
[65] Vol 4 a.fols. 3141 u 3142 tal-atti kumpilatorji

Dan maghdud, allura, jekk jirrizulta mix-xiehda ta' Cmarec li dawn ir-ritratti ma ghandhom ebda rilevanza ghal *facts in issue*, kwindi jkun id-dmir tal-Imhallef togat li jaghti direzzjoni lil gurati sabiex jiskartaw din l-evidenza. Illi allura l-oggezzjoni ventilata mill-akkuzati f'din l-eccezzjoni aktar milli timpingi fuq l-ammissibbilita' o meno ta' din il-prova, tolqot ir-rilevanza taghha billi jista' jaghti l-kaz li l-imsemmiija ritratti ma ghandhom xejn x'jaqsmu mal-ezebieti elevati minn fuq ix-xena tar-reat, fatt madanakollu, kif inghad, li jrid jigi determinat fil-guri u mhux qabel.

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni (numru 69) qed tigi michuda.

**29. L-isfilz tar-relazzjoni tal-espert Dr. Daniel Vella immarkata bhala document DV1 billi huwa gie mahtur bhala espert tal-kimika u mhux kif minnu indikat fl-imsemmija relazzjoni. (Eccezzjoni numru 73).**

Illi b'digriet tal-Magistrat Inkwirenti tas-17 ta' Ottubru 2017, l-espert Dr. Daniel Vella gie mahtur b'inkarigu wiesgha bhala "espert tal-kimika". Illi minn ezami tar-rapport tal-espert jidher illi x-xoghol minnu maghmul kien jikkonsisti f'analizi ta' kampjuni migbura minn partijiet tal-vettura bin-numru QQZ-668 li kienet misjuqa mill-vittma u involuta fl-ispluzjoni, kif ukoll kampjuni ohra migbura mill-area tal-madwar l-imsemmija vettura. Dawn l-espert janalizzhom ghal *post blast residue* u minn fuq dawn il-kampjuni huwa sab il-kompost TNT. Illi fir-rapport l-espert jispjega fid-dettall ix-xoghol kollu minnu maghmul fil-kapacita' tieghu bhala espert tal-kimika. Ma jidhirx illi dan ix-xoghol kien jaqa' 'il barra mis-sengha u l-hila tieghu jew inkella li ma kienx awtorizzat jaghmlu mill-Inkwirenti.

Illi a skans ta' repetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghal konsiderazzjonijiet diga maghmula *in subiecta materia* u tiddikjara li ma ghandha xejn x'izzid ma' dawn il-konsiderazzjonijiet. (ara punt numru 9 u 12).

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni (numru 73) qed tigi michuda.

**30. L-isfilz tad-dokument esebiet matul ix-xiehda tal-Ispettur Keith Arnaud Dokument KA10 li jirrigwarda informazzjoni fuq in-numri MSISDN 99683752 u 99684366 u x-xhieda li tirreferi ghal dan id-dokument, kif ukoll tal-allegazzjonijiet li hemm fl-atti illi n-numru MSISDN 99623741 jappartjeni lil George Degiorgio b'kuntratt maghmul mal-kumpanija Vodafone, u ukoll l-isfilz tad-Dokument KA35, ezebit ukoll mill-Ispettur Keith Arnaud li jirrigwarda informazzjoni fuq in-numri MSISDN 79087219, 99328493 u 99623741. (Eccezzjonijiet numri 75,76 u 77)**

Illi l-akkuzati jsibu oggezzjoni ghal dawn il-provi li jirrigwardaw informazzjoni li nkisbet minn ghand l-investigaturi u l-esperti mahtura fl-*in genere* fuq in-numri tac-cellulari indikati f'dawn l-eccezzjonijiet u dan ghar raguni illi din l-informazzjoni ma gietx ikkonfermata bil-gurament mill-provdituri tas-servizz minn fejn emaniet u ukoll li hemm ksur fil-katina tal-evidenza. Fir-rigward tan-numru MSISDN 99623741 allegatament irregistrat f'isem l-akkuzat George Degiorgio, jilmentaw illi lanqas gie esebiet il-kuntratt ta' servizz mahrug f'isem l-imsemmi akkuzat Degiorgio mill-provditur tas-servizz, is-socjeta Vodafone.

Illi l-ghan tal-Istuttorja huwa sabiex tigi migbura l-evidenza pertinenti ghal kaz sabiex wara li l-provi jkunu gew ikkumpilati, l-Avukat Generali jkun f'posizzjoni jixli lil persuni akkuzati bil-hrug ta'l-Att ta'l-Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali bir-reati hemmhekk lilhom addebitati. Illi

allura l-apprezzament tal-provi hekk ikkumpilati imbaghad irid isir, kif inghad, quddiem il-Qorti Kriminali meta jsir il-guri. Illi allura jekk l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex illi taghmel permezz ta' *data* migbura mill-provdituri tas-servizz u mghoddija lil investigaturi u lill-esperti tal-Qorti fil-kors tal-*in genere* hijiex wahda b'sahhitha u determinanti ghal sejbien ta' htija hija kwistjoni ta' apprezzament ta' fatti li jridu jigu determinati mill-gurati. Jerga' jigi ribadit ghalhekk illi l-kwistjoni dwar jekk l-informazzjoni li hemm ikkumpilata fid-Dokumenti KA10 u KA35 hijiex wahda ibbazata fuq dik l-informazzjoni li ghaddiet ghand ix-xhud minn ghand il-provdituri tas-servizz ghandha tigi kkonfermata fil-kors tal-guri minn fejn trid tigi stabbilita l-katina tal-evidenza.

Illi jinghad biss illi l-informazzjoni fir-rigward tan-numri MSISDN indikati f'dawn l-eccezzjonijiet giet moghtija fil-kors tax-xiehda ta' Jason Pavia u l-Inginier Mario Cordina[66] li xehdu fid-dettall u estensivament u anke spjegaw kif saret l-estrazzjoni tad-*data* minnhom mitluba. Din l-informazzjoni hija kontenuta f' *compact disc* esebieta bhala Dokument JP1.

Ghal dawn il-motivi dawn it-tlett eccezzjonijiet (numri 75,76 u 77) qed jigu michuda.

31. **<u>L-isfilz tat-traduzzjoni maghmula minn Dr. Yanika Bugeja tax-xiehda ta' Marcel van Beest, Martin Roos, Johannes Martinus Jacobus Verzijilbergh u Hinderikus Woortmeijer moghtiija minnhom fl-udjenza tal-04 ta'' Lulju 2018 billi hija ma kenitx nominata sabiex taghmel din it-traduzzjoni, izda kienet giet mahtura Dr. Yanika Camilleri mill-Qorti Istruttorja. Kwindi gjaldarba din it-traduzzjoni hija inammissibbli ghandu jkun hemm l-isfilz tax-xiehda</u>**

[66] Ara xiehda Pavia u Cordina Vol.11 fols. 5603 sa 5687

**<u>moghtija minn dawn l-esperti billi din hija bil-lingwa Ingliza u mhux fil-lingwa tal-proceduri u cioe' bil-Malti. (Eccezzjonijiet numri 78 u 79)</u>**

Illi mil-verbal tal-udjenza tal-04 ta' Lulju 2018 jidher illi dak in-nhar xehdu l-esperti mahtura mill-*Europol* kif ukoll dawk adetti man-*Netherlands Forensic Institute*. Ghal dik is-seduta kien hemm prezenti kemm Dr. Yanika Camilleri kif ukoll Dr. Yanika Bugeja li gew mahtura bhala interpreti biex b'hekk kontestwalment mas-smigh ta' dawn ix-xhieda kienet qed issir traduzzjoni minnhom ghal Malti. Jirrizulta ukoll illi f'dik is-seduta billi x-xiehda giet irregistrata bil-lingwa Ingliza, l-Qorti Istruttorja kienet hatret lil Dr. Yanika Bugeja sabiex taghmel traduzzjoni tat-traskrizzjonijiet tax-xiehda tal-esperti Kostantinos Petrou, Sami Harmoinen u Israel Gordillo Torres mill-lingwa Ingliza ghal Malti u lil Dr. Yanika Camilleri sabiex taghmel traduzzjoni tax-xiehda ta' Marcel van Beest, Martin Roos, Johannes Martinus Jacobus Verzijilbergh u Hinderikus Woortmeijer. Gara izda illi meta xehdet Dr. Yanika Bugeja fis-seduta tal-05 ta' Dicembru 2018 hija pprezentat traduzzjoni tax-xiehda kollha moghtija kemm mill-esperti tal-*Europol* kif ukoll dawk mill-Istitut Forensiku tal-Olanda u dan meta spjegat fix-xiehda taghha illi hija kienet hejjiet it-traduzzjonijiet kollha billi Dr. Yanika Camilleri ma lahhqitx espletat l-inkarigu lilha moghti minhabba pressjoni ta' xoghol. Il-Qorti Istuttorja kienet semghet dina l-ispjegazzjoni u accettat illi x-xhud tipprezenta t-traduzzjonijiet kollha u b'hekk fil-verbal ta' dik is-seduta tal-05 ta' Dicembru 2018, irrevokat l-inkarigu ta' Dr. Yanika Camilleri.

Issa ghalkemm kien ikun deziderabbli li kieku il-Qorti Istruttorja estendiet l-inkarigu ta' Dr. Yanika Bugeja billi dan jigi rregistrat fil-verbal, madanakollu billi mill-istess verbal il-Qorti kienet accettat it-traduzzjonijiet maghmula mix-xhud li gew ipprezentati minnha u

immarkati bhala Dokumenti YB1 u YB2 u wara dan l-inkwarigu ta' Dr. Yanika Camilleri gie rrevokat, dan ifisser allura illi t-traduttrici kienet qed tigi awtorizzat tipprezenta it-traduzzjonijiet kollha minnha maghmula. Tant hu hekk illi ma jidhirx illi l-akkuzati sabu xi oggezzjoni ghal dan il-fatt tant illi x-xhud intrabtet fix-xiehda taghha li tghaddi kopja lid-difiza.

Dan ifisser allura illi l-akkuzati mhux biss kienu f'posizzjoni jifhmu dak li kienu qed jixhdu ix-xhieda barranin dak in-nhar matul is-seduta tal-04 ta' Lulju 2018 billi huma kienu debitament assistiti minn diversi interpreti, izda ukoll saret it-traduzzjoni tat-traskrizzjoni ta' dawn id-deposizzjonijiet u dan bl-accettazzjoni ta'l-istess akkuzati.

Illi jerga' jigi ribadit illi l-ghan tal-kumpilazzjoni hija unikment sabiex jigu migbura il-provi, kkumpilati u ppreservati u dan billi l-process gudizzjarju veru proprju fil-konfront ta'l-akkuzati jinbeda mal-hrug tal-Att tal-Akkuza meta imbaghad jixhdu ix-xhieda kollha *viva voce* quddiem il-gurija li f'idejhom huwa fdat il-gudizzju finali. L-akkuzati ghalhekk, anke ghal motivi diga' migjuba f'din is-sentenza (numru 10) ma jistghux jitolbu l-isfilz ta' dokument li lanqas biss ser jigi ipprezentat lil gurati fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri. Jinghad biss li l-akkuzati mhux biss kienu abbilment assistiti fil-kors tal-kumpilazzjoni mid-difensuri taghhom, izda kienu moghnija bl-assistenza ta' intepreti biex ghalhekk kienu f'posizzjoni jifhmu dak li kienu qed ighidu dawn ix-xhieda.

Ghal dawn il-motivi dawn l-eccezzjonijiet (eccezzjonijiet numri 78 u 79) qed jigu michuda.

### 32. L-isfilz tar-rapport u compact disc ipprezentati mill-esperti Keith Cutajar u l-Kaptan Reuben Lanfranco esebieti bhala

**<u>Dokumenti KCAB u RL1 rispettivament u x-xiehda relattiva ta' dawn l-esperti marbuta ma' dawn ir-rapporti. (Eccezzjonijiet numri 80 u 81)</u>**

Illi l-akkuzati jsibu oggezzjoni ghar-rapporti ipprezentati minn dawn iz-zewg esperti fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2019[67] ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok jishqu illi dawn iz-zewg esperti gew mahtura mill-Qorti Istruttorja sabiex ihejju rapport kongunt u dan skont digriet tat-03 ta' Settembru 2018[68], izda gew ipprezentati zewg rapporti separati sabiex b'hekk ma ottemperawx ruhhom mal-ordni tal-Qorti.

Illi fl-imsemmija seduta gie hekk verbalizzat:

> **"Il-Prosekuzzjoni qed titlob li ssir komparazzjoni bejn iz-zewg filmati prezentati wiehed mill-espert Keith Cutajar bhala Dok KC2 u l-iehor mis-surgent Emanuel Saliba fix-xiehda tieghu a folio 564 bhala Dok. MS3 folio 579 u senjatament sabiex issir komparazzoni bejn id-dghajsa li tidher fuq id-dokument MS3 bl-isem 'Maya', mal-filmat li ttiehed minn Transport Malta fid-data tal-allegat reat u dan wara li gie irtirat mill-istess espert Keith Cutajar.**
>
> **Il-Qorti tilqa t-talba u tinnomina lill-espert Keith Cutajar biex flimkien mal-espert il-Kaptan Ruben Lanfranco jaghmel dak mitlub f'dan il-verbal, b'dan illi ghandhom jigu identifikati wkoll id-dghajjes kollha li hargu u dahlu u dan fil-hinijiet ta' bejn is-2:30p.m. u it-3:30p.m. tal-gurnata tas-16 ta' Ottubru 2017."**

Illi mix-xiehda tal-espert Keith Cutajar jirrizulta illi x-xoghol li sar in segwitu ghal inkarigu moghti mill-Qorti Istruttorja gie ezegwit bil-kollaborazzjoni tal-Kaptan Reuben Lanfranco, b'kull wiehed ikun responsabbli ghal parti tal-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport skont is-sengha u l-hila tieghu. Illi ghalhekk l-espert Keith Cutajar fil-kapacita' tieghu bhala tekniku fl-informatika hareg l-i*stills* mill-filmati, li ngibdu kemm minn Transport Malta kif ukoll mis-surgent Emanuel Saliba, tal-

---

[67] Vol.13 minn fol. 6416 tal-atti kumpilatorji

attivita' fil-Port il-Kbir fil-jum meta sehh l-omicidju kif ukoll zmien wara meta komplew l-investigazzjonijiet u fejn id-dghjasa "Maya" kienet qed tinzamm taht osservazzjoni mill-pulizija. Minn dawn l-immagini imbaghad l-esperti ghamlu l-ezami komparattivi bejniethom bil-ghan li tigi identifikata d-dghajsa "Maya" fil-jum tas-16 ta' Ottubru 2017.

Illi l-espert Cutajar fix-xiehda tieghu ghalkemm jiddikjara li huwa mhuwiex espert tad-dghajjes, madanakollu mill-i*stills* li hareg minn dawn il-filmati jghid illi f'uhud tidher l-isem "Maya" fuq din l-opra tal-bahar u xi karattersitici ohra sabiex b'hekk tista' tigi identifikata u ukoll ighid illi vizwalment id-dghajsa tidher li hi l-istess.

Dan fil-fatt jigi kkonfermat mill-Kaptan Reuben Lanfranco, espert tekniku marittimu, li wara li ghadda biex jidentifika d-dghajjes kollha li hargu u dahlu mill-Port il-Kbir u dan fil-hinijiet ta' bejn is-2:30pm u it-3:30pm tal-jum tas-16 ta' Ottubru 2017, ghamel ezami komparattiv bejn dawn l-opri tal-bahar u dik bl-isem "Maya" u dan bl-assistenza tal-espert Keith Cutajar li hareg l-i*stills* mill-filmati kollha tal-granet tas-16 ta' Ottubru 2017, it-23 ta'Novembru 2017 u il-11 ta' Jannar 2018. Illi dan l-espert ezamina ukoll fizikament l-opra tal-bahar "Maya" gewwa il-*hangar* tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili fejn qed tigi mizmuma. Dan bil-ghan illi jqies jekk din id-dghajsa fihiex xi marki partikolari li jistghu jiddistingwuha minn opri tal-bahar ohra. Bl-*expertise* tieghu huwa jasal biex jistabbilixxi l-ghamla ta' din l-opra tal-bahar, fejn giet immanifatturata u meta, il-qisien taghha u it-taghmir ta'l-istess. Jindika ukoll liema huma dawk il-marki distinttivi li osserva fuq din il-qoxra tal-bahar li jiddistingwuha minn opri ohra. Wara li jaghmel dawn l-

---

[68] Verbal a fol. 3802, Vol.7 tal-atti kumpilatorji

osservazzjonijiet l-espert imbaghad ighaddi biex iqabbilha mal-opri tal-bahar li jidhru fuq l-i*stills* mahruga minn Cutajar mill-filmati esebieti.

Illi maghmula din l-esposizzjoni tax-xoghol espletat minn kull wiehed minn dawn l-esperti, jidher illi huma assistew lil xulxin sabiex b'hekk setghet tigi identifikata l-opra tal-bahar bl-isem "Maya". Illi ghalkemm saru zewg rapporti separati u mhux wiehed konguntiv, b'daqshekk dan ma jfissirx illi dawn l-esperti ma ottemperawx rwiehhom mal-inkarigu lilhom moghti mill-Qorti Istuttorja. Illi dak mitlub minnhom gie esegwiet b'dan illi l-espert Lanfranco necessarjament kellu jistrieh fuq l-i*stills* li hareg Cutajar mill-filmati esebieti u ndikati lilu fid-digriet tal-Qorti biex imbaghad l-espert Lanfranco seta' jasal biex iqabbel l-opra tal-bahar li tidher f'dawn l-i*stills* u li ezamina fizikament gewwa il-*hangar* tal-Protezzjoni Civili. Sabiex jaghmel dan certament ma kellux bzonn il-presenza fizika mieghu tal-espert Cutajar billi dan il-qasam tax-xoghol imbaghad jaqa' fl-*expertise* tieghu, u mhux ta' Cutajar, bhala espert tekniku marittimu.

Dan ifisser ghalhekk illi kull espert espleta dik il-parti tal-inkarigu li jaqa' fil-kapacitajiet tieghu u tal-branka ta' specjalizazzjoni ta' kull wiehed minnhom. Lanqas ma jidher illi l-Kaptan Lanfranco ezorbita l-inkarigu lilu moghti meta huwa ezamina fizikament id-dghajsa "Maya" u dan sabiex ikun f'posizzjoni ahjar jidentifikaha fl-i*stills* mahruga mill-filmati relattivi u jaghmel dak mitlub minnu fid-digriet tan-nomina. Bhala espert nominat fil-branka tas-sengha u hila specjali tieghu, huwa ghandu is-setgha jaghmel dak kollu li din is-sengha titlob minnu sabiex jasal biex jespleta l-inkarigu lilu moghti.

Finalment jerga' jigi ribadit illi min hu msejjah biex jiggudika ma huwiex marbut mal-fehma milhuqa mill-espert u jista' joqghod fuqha, izda bl-istess qies jista' jiskartha jekk ikun tal-fehma illi l-konkluzjonijiet raggunti mill-espert ma jilhqux dak il-livell ta' prova mehtieg fil-kamp kriminali u ihallu dak il-*lurking doubt* dwar dik l-fehma espressa mill-espert. (artikolu 656 Kodici Kriminali).

Ghal dawn il-motivi dawn l-eccezzjonijiet (numri 80 u 81) certament ma jisthoqqilhomx akkoljiment u qed jigu michuda.

33. **Eccezzjonijiet numri 82, 83, 84, 85, 86, 87 u 88 jitrattaw talba ghall-isfilz ta' *submission forms*ipprezentati minn diversi ufficjali tax-xena tar-reat billi dawn huma redatti bil-lingwa Ingliza u ma saritx traduzzjoni taghhom u ukoll mhux ikkonfermati mill-persuni li ffirmawhom u f'uhud minnhom il-firem huma neqsin. Jitolbu l-isfilz ukoll tar-rapport Dok.ESX ipprezentat minn PS1152 Emanuel Saliba ukoll ghax redatt bil-lingwa Ingliza.**

Illi a skans ta' repetizzjoni, l-Qorti taghmel referenza ghal konsiderazzjonijiet maghmula aktar kmieni fis-sentenza (numru 10 u 27 supra) u tiddikjara li ma ghandha xejn aktar x'izzid ma'l-istess.

Ghaldaqstant dawn is-sett identici ta' eccezzjonijiet (numri 82 sa 88) qed jigu michuda.

34. **L-ifilz tar-relazzjoni, inkluza l-*external hard drive,* ezebiti mill-espert Dr. Martin Bajada u x-xiehda relattiva moghtija minnu fl-udjenza tas-07 ta' Marzu 2019 (Dokument MB1) (Eccezzjonijiet numri 89 – 95)**

L-akkuzati jqanqlu diversi ilmenti marbuta max-xiehda moghtija mill-espert Martin Bajada u r-relazzjoni minnu imhejjija fejn l-informazzjoni

miksuba minn dan l-espert meta kien qed jespleta l-inkarigu lilu moghti giet migbura f'*external hard* drive li giet esebieta mar-relazzjoni tieghu.

Illi l-espert Dr. Martin Bajada gie mahtur mill-Magistrat Inkwirenti b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2017 bhala "**espert tekniku fuq IT u gbir ta' kull data digitali**". Illi fil-kors tal-*in genere* l-Inkwirenti kien meghjun ukoll minn esperti ohra barranin fil-qasam tal-informatika Richard Fennern u William Schute mill-*FBI*, kif ukoll minn dawk l-esperti adetti mal-*Europol.* Illi fil-fatt minn ezami tal-atti tal-*proces verbal* jirrizultaw ghadd gmielu ta' digrieti moghtija mill-Inkwirenti fejn kien qed jawtorizza lill-esperti u lill-Ufficjal Investigattiv jiksbu certu informazzjoni minn ghand il-provdituri tas-servizz u li kienu essenzjali hekk kif beda miexi 'il quddiem l-istharrig minn naha ta' dawn l-esperti involuti fil-qasam tal-informatika, inkluz allura l-espert Bajada. Minn ezami tal-*proces verbal* l-espert Dr. Martin Bajada jigi awtorizzat jikseb informazzjoni minn ghand il-provdituri tas-servizz, fost ohrajn, b'zewg digrieti tal-20 ta' Ottubru 2017, digriet tat-02 ta' Novembru 2017, tlett digrieti datati 06 ta' Novembru 2017, tlett digrieti ohra tas-07 ta' Novembru 2017, zewg digrieti datati 15 ta' Novembru 2017 u iehor tat-23 ta' Novembru 2017 fejn f'dan tal-ahhar Dr. Martin Bajada jigi awtorizzat jikkomunika mal-*Europol* f'*The Hague* u ighaddi lilhom il-*cloned mobile phone* tal-vittma kif ukoll il-*virtual machine* kontenenti ir-*Running commentary* tal-istess vittma. Illi l-inkarigu tal-espert gie imbaghad estiz permezz ta' digriet iehor tas-07 ta' Marzu 2018.

Illi l-Qorti qed telenka dawn id-digrieti billi minnhom jirrizulta illi l-espert Bajada kien gie awtorizzat jaghmel dak kollu indikat minnu fit-tielet pagna tar-relazzjoni tieghu, li hija riprodotta mill-akkuzati f'din l-eccezzjoni. Illi anke jekk *gratia argomenti* l-Magistrat Inkwirenti ma

ghaddiex istruzzjonijiet ulterjuri u specifici lill-espert, kif gie specifikat fid-digrieti surriferiti, xortawahda l-espert kellu is-setgha jaghmel dak kollu li l-hila u s-sengha tieghu kienet titlob sabiex jaqdi l-inkarigu wiesgha lilu moghti bhala espert tekniku fuq t-teknologija u l-informatika u l-gbir ta' kull *data* digitali. Dan id-digriet wahdu kien jawtorizza lill-espert jaghmel dak kollu indikat minnu fir-relazzjoni tieghu esebita fl-udjenza tas-07 ta' Marzu 2019. Illi *di piu* il-provdituri tas-servizz huma kollha indikati bhala xhieda mill-Prosekuzzjoni fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuza u jistghu jikkonfermaw id-deposizzjoni tal-espert Bajada u l-informazzjoni minnu miksuba. Dawn ix-xhieda fil-fatt kollha iddeponew waqt l-Istruttorja u pprezentaw *compact discs* b'informazzjoni kopjuza dwar dak li gie mitlub minnhom mill-investigaturi u mill-Inkwirenti sabiex b'hekk tista' tigi vverifikata il-katina tal-evidenza u l-informazzjoni li tirrizulta mir-relazzjoni tal-esperti kollha kombaccjata ma' dik imressqa 'il quddiem mill-provdituri tas-servizz sabiex b'hekk id-difiza ser ikollha l-opportunita waqt il-guri tikkonfronta lill-espert b'dik l-informazzjoni li fil-fehma taghha hija difettuza jew kontaminata.

Illi ukoll fil-kors tax-xiehda tieghu l-espert Bajada jispjega kif l-investigaturi wasslu sabiex identifikaw l-apparat li attiva l-ispluzjoni tal-bomba li kienet tinsab fil-vettura tal-vittma. L-akkuzati joggezzjonaw ghal parti minn din ix-xiehda u specifikatament fejn l-espert jispjega illi l-apparat li ntuza ma setax kien apparat cellulari u fejn ighid li dan irrizultalu minn ricerka minnu maghmula fuq l-*Internet* fost ohrajn, informazzjoni li fil-fehma tal-akkuzati tikkostitwixxi evidenza "*hearsay*" billi s-sors ta'l-istess ma giex identifikat u kkonfermat.

Issa kif diga' gie imfisser f'konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti aktar kmieni f'din is-sentenza, l-opinjoni ta' espert nominat mill-Qorti tista' tigi attakkata mid-difiza, izda dan jista' jsir biss fl-istadju tac-celebrazzjoni tal-guri. Illi l-Qorti f'dan l-istadju ma ghandhiex is-setgha tiskarta provi marbuta mal-*facts in issue* li huma rilevanti ghal mertu tal-kaz. Issa jekk dik il-prova hijiex wahda b'sahhitha jew inkella jekk l-istess hijiex dubbjuza, dan il-gudizzju ghandu jithalla f'idejn il-gurati u ma tistax din il-Qorti *a priori* tiskarta tali prova. Illi allura dak li jrid jigi evalwat fil-kors tal-guri huwa jekk din l-evidenza hijiex wahda korroborata minn evidenza ohra u jekk allura dil-fehma espressa mill-espert tistax tittiehed bhala fehma b'sahhitha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Illi ghandu jinghad ukoll illi l-espert Bajada mhuwiex l-uniku espert li jixhed dwar l-apparat li seta' intuza sabiex tigi attivata l-bomba izda hemm ix-xiehda tal-esperti barranin tal-*Europol* u anke tal-*FBI* li lilhom kien gie assenjat ukoll dan l-inkarigu.

L-akkuzati jilmentaw ukoll illi l-espert Bajada gie dikjarat bhala espert mhux idonju u dan b'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell (sede civili) nhar id-29 ta' April 2016 fl-ismijiet *Joseph Chetcuti Bonavia et vs Av. Beppe Fenech Adami et.noe.*

> **"Issa din il-Qorti tosserva illi l-fattispecje tal-kaz in dizamina quddiem il-Qorti ta'l-Appell Civili kienu kemmxejn differenti minn dak in dizamina bl-*expertise* imfittxija f'dak il-kaz mill-espert tekniku kien idur madwar opinjoni fuq kalligrafija fejn kien hemm allegazzjoni ta' falsifikazzjoni.**
>
> **.... illi ir-rapporti ta'l-espert Martin Bajada f'dawn il-proceduri jikkostitwixxu kostatazzjoni ta' fatt u ma jirrapprezentawx xi opinjoni esperta li l-Qorti necessarjament trid tistrieh fuqha b'ghajnejha maghluqa u li allura l-imputat ma ghandux mezz biex jivverifikaha.**

**..... Kwindi ma jezisti l-ebda perikolu f'dawn ic-cirkostanzi illi l-gustizzja ma tidhirx li qed issir ghaliex l-informazzjoni tidher car u tond minn ezami semplici tal-atti u verifiki li jistghu isiru tal-informazzjoni mghoddija lill-Qorti mill-espert.**

**Maghdud dan allura din il-Qorti hija tal-fehma illi l-fatti personali marbuta ma'l-imghoddi ta'l-espert Dr. Martin Bajjada f'dan il-kaz ma jistghux jinfluwixxu fuq x-xoghol maghmul minnu, xoghol konsistenti, kif inghad f'estrapolazzjoni ta' informazzjoni u data minn dokumenti esebieti in atti li jistghu jigu ivverfikati mill-partijiet. Kif jinghad mill-Blackstone:**
***"a judge, as part of his inherent power and overriding duty in every case to ensure that the accused receives a fair trial, always has a discretion to exclude otherwise admissible prosecution evidence if, in his opinion, its prejudicial effect on the minds of the jury outweighs its true probative value."*** **(enfazi tal-Qorti).**

**Illi f'dan il-kaz allura dak li ghandha thares din il-Qorti huwa li l-persuna akkuzata ma tkunx giet ippregudikata mid-dritt taghha ghal smiegh xieraq b'dik l-evidenza, altrimenti ammissibli, li tkun qed tigi mfittxija li tigi skartata.[69]"**

Illi l-Qorti ma ghandha xejn x'izzid ma' dak mistqarr f'din id-decizjoni, dan ukoll ghaliex, kif inghad l-informazzjoni miksuba mill-espert Bajada hija korroborata mix-xiehda tal-provdituri tas-servizz, tal-provdituri tal-filmati li gew estrapolati minn *footage* tas-CCTV u wkoll minn esperti ohra li ser jixhdu fuq l-istess materja.

Illi ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni (numru 89) qed tigi michuda.

Kif il-Qorti qed tichad ukoll l-eccezzjoni li issegwi (numru 90) meta l-akkuzati jilmentaw illi l-kontenut tal-*external hard drive* esebiet mill-espert huwa redatt bil-lingwa Ingliza u dan ghar-ragunijiet diga' migjuba aktar kmieni f'din is-sentenza (numru 10).

[69] App.Inf 26/01/2017 – Il-Pulizija vs Franklin Gauci; ara ukoll App.Sup The Republic of Malta vs Janis Boruss – deciza 23/02/2017

Fit-tlett eccezzjonijiet (numri 91, 92 u 93) li jsegwu l-akkuzati jilmentaw illi l-ittri li permezz taghhom l-espert talab certu informazzjoni minn ghand il-provdituri tas-servizz ma jirrispekkjawx fedelment id-digriet tal-Inkwirenti li awtorizzah jikseb din l-informazzjoni u f'certu cirkostanzi isostnu illi dawn id-digrieti lanqas jezistu. Illi jerga' jigi ribadit illi permezz ta' digriet datat 17 ta' Ottubru 2017, Dr.Martin Bajada gie mahtur b'digriet wiesgha hafna biex fost affarijiet ohra jigbor *data* digitali. Dan immaterjalment mid-digrieti li jsegwu u fejn tintalab informazzjoni specifika. Bis-sahha ta' din in-nomina allura, l-espert Bajada kien awtorizzat jigbor kwalunkwe *data* digitali li kienet pertinenti fil-kors tal-*in genere*. Il-Qorti terga' taghmel referenza ghal gurisprudenza diga iccitata in materja meta gie deciz illi:

> **".... l-Qorti (jew il-maġistrat fil-kors ta' l-inkjesta dwar l-in genere) li tinnomina espert fi branka ta' ħila jew sengħa speċjali m'għandhiex għalfejn tispeċifika bid-dettalji kollha dak kollu li dak l-espert għandu jagħmel. Infatti l-Qorti tagħti d-direttivi meħtieġa lill-esperti kull meta jkun hemm bżonn ("… whenever it is expedient …" fit-test Ingliż)(artikolu 650(5), Kap. 9). L-esperti hekk nominati, proprju minħabba l-expertise tagħhom, jibqagħlhom ukoll marġini ta' diskrezzjoni sabiex jagħmlu "ix-xogħol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengħa tagħhom (artikolu 653(1), Kap. 9).[70]"**

Illi allura dawn it-tlett eccezzjonijiet ma jisthoqqilehomx akkoljiment.

Illi l-istess konsiderazzjoni tapplika ghall-eccezzjoni li ssegwi (numru 94), u dan meta l-akkuzati jilmentaw illi l-espert ma giex moghti l-awtorizazzjoni sabiex jaghti l-fehma tieghu dwar it-tip ta' apparat li attiva l-bomba u l-mod kif dan sehh permezz tal-*sms* "#REL1=ON". Illi ukoll l-Qorti diga' esprimiet il-fehma taghha rigward l-legalita' o meno

[70] Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech mogħtija fit-28 ta' Frar 2012 – App.Sup

tad-*decoding* li sar ta' dan il-messagg u dan aktar kmieni f'din is-sentenza (numru 2 iii u iv), u a skans ta' repetizzjoni tiddikjara li ma ghandha xejn aktar x'izzid mal-istess.

Finalment l-akkuzati jitolbu l-isfilz tar-relazzjoni u kull dokument tiehor esebiet mill-espert inkluza l-*external hard drive* (Dok.MB1)[71] flimkien max-xiehda relattiva moghtija minnu billi din mhijiex kompluta ghaliex hemm nieqsa ezebit (il-*clone* tal-*mobile* ta' Daphne Caruana Galizia) jew partijiet minnu (*whatsapp chats* u *e-mails*) u allura d-dokument ma jistax jitqies li huwa wiehed shih u komplut u ma jikkostitwixxi ebda prova tal-kontenut tieghu.

Illi l-Qorti diga' esprimiet il-fehma taghha ghar-rigward ta' kull prova li l-Prosekuzzjoni tressaq li ma tkunx wahda b'sahhitha jew kif jallegaw l-akkuzati tkun inkompluta. Dan il-fatt wahdu ma jirrendihiex inammissibbli. Illi l-process penali jirrikjedi illi titressaq l-ahjar prova li jaghti l-kaz, izda jekk l-prova ma tkunx l-ahjar wahda ma jfissirx illi dik l-evidenza sekondarja hija inammissibbli *a priori*. Lord Denning qal hekk dwar din ir-regola:

> ***'The old rule, that a party must produce the best evidence that the nature of the case will allow, and that any less good evidence is to be excluded, has gone by the board long ago. The only remaining instance of it is that, if an original document is available on one's hands, one must produce it; that one cannot give secondary evidence by producing a copy. Nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to weight, and not to admissibility.'***

---

[71] Vol.17 a fols. 8416 sa 8425 tal-atti kumpilatorji

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi dawn l-eccezzjonijiet marbuta mar-rapport u xiehda tal-espert Dr. Martin Bajada qed jigu michuda. (Eccezzjonijiet numri 89 sa 95).

**35. <u>L-isfilz tad-dokumentiipprezentati mix-xhud Sandro Muscat u x-xiehda relattiva tieghu moghtija fl-udjenza tas-06 ta' Gunju 2019, Dokumenti SM1 sa SM4. (Eccezzjoni nurmu 96)</u>**

Illi l-akkuzati jsibu oggezzjoni ghad-deposizzjoni tax-xiehda ta' Sandro Muscat, Rapprezentant *LESA*, u d-dokumenti minnu esebieti bhala Dokument SM1 sa SM4[72], billi l-informazzjoni migbura f'dawn id-dokumenti mhijiex ikkonfermata mill-gwardjani lokali illi harrgu l-avvizi ta' kontravvenzjonijiet indikati fl-imsemmi dokument.

Illi Sandro Muscat, *Regional Enforcement Officer* addett mal-*Local Enforcement System Agency* maghrufa ahjar bhala l-*LESA*, gie mitlub mill-Prosekuzzjoni jixhed dwar kontravvenzjonijiet li harrgu fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BQZ509. Muscat jispjega fix-xiehda tieghu illi l-kontravvenzjonijiet jinhargu mhux biss minn gwardjani lokali, izda ukoll jigu maqbuda minn fuq filmati tac-CCTV u *speed cameras*. Illi ghalhekk l-informazzjoni li nkisbet minn ghand ix-xhud tohrog mid-*database* tal-Agenzija li tahzen fiha l-kontravvenzjonijiet kollha tat-traffiku li jinhargu kemm b'dan il-mod kif ukoll dawk li jinhargu mill-ufficjali tal-pulizija u ta' Transport Malta. Ikompli jispjega illi fuq din il-vettura partikolari, minn ricerka li ghamel minn din id-*database*, jirrizulta li inhargu zewg avvizi ta' kontravvenzonijiet minn ufficjali tal-komunita' cioe' minn gwardjani lokali bl-isem ta' Alex Fava u Marius Bugeja u dan fil-perijodu li dwarha gie mitlub jaghmel din ir-ricerka u cioe' bejn Gunju 2017 u Novembru

2017. Minn dawn l-avvizi ta’ kontravvenzjonijiet jirrizulta illi l-vettura BQZ509 hija registrata fuq certu Raymond Schembri sid il-garaxx bl-isem *Paradise Garage*, maghruf ukoll bhala *Lion Heart*. Dan ix-xhud, u cioe’ Raymond Schembri, jikkonferma imbaghad fil-kors tax-xiehda tieghu quddiem l-Qorti Istruttorja illil din il-vettura kienet mikrija lill-akkuzat Alfred Degiorgio fil-perijodu li jipprecedi d-data tat-22 ta’ Ottubru 2017 peress illi mir-*records* li ghad ghandu x-xhud fil-pussess tieghu jirrizulta illi f’din il-gurnata l-vettura in kwistjoni regghet inkriet lil terzi. Jikkonferma ukoll illi fil-perijodu li l-vettura kienet mikrija lill-akkuzat Alfred Degiorgio huwa kien ikkometta kontravvenzjoni tat-traffiku meta l-vettura kienet qieghda San Pawl il-Bahar[73], liema citazzjoni imbaghad thallset mill-istess Degiorgio.

Esposti dawn il-fatti li jemergu mill-atti kumpilatorji, l-Qorti tosserva, kif diga’ inghad, illi ma tistax *a priori* tqies din ix-xiehda ta’ Muscat bhala wahda inammissibbli u dan qabel ma jinstemghu l-provi kollha fil-kors tal-guri, ghaliex huwa mill-assjem tal-provi illi l-gurija tista’ tasal sabiex tiddetermina l-veracita’ o meno tal-fatti migjuba quddiemha. Dan jista’ isir, kif inghad, kemm minn provi diretti kif ukoll dawk indiretti jew sekondarji. Ghandu piz ukoll fuq id-determinazzjoni tal-fatti l-korroborazzjoni tal-evidenza fost affarijiet ohra, liema regoli tal-procedura penali kollha ser jigu spjegati mill-Imhallef togat lil gurati qabel huma jasslu ghal verdett finali. Illi allura jista’ jaghti l-kaz illi bil-fatt illi l-gwardjan lokali li hareg l-avviz ta’ kontravvenzjoni ma jitressaqx biex jixhed mill-Prosekuzzjoni, jirrendi tali prova bhala wahda fjakka, izda minn naha l-ohra jekk dik il-prova tikkorrobora evidenza ohra allura, ix-xiehda tkun wahda li ma tistax tigi skartata, izda ghandha tittiehed bhala

[72] Vol.19 a fol.8632 et seq tal-atti kumpilatorji
[73] Xiehda ta’ Raymond Schembri Vol.18 a fol.8587 tal-Istruttorja.

prova indiretta li tikorrobora evidenza ohra diretta ghalkemm fiha innifisha ma tkunx tikkostitwixxi prova diretta illi l-fatt imsemmi f'dik l-evidenza sehh. Illi l-Professur Mamo ighid hekk dwar l-evidenza li tista' tingieb 'il quddiem fil-process penali:

> ***" ... the facts which may be given in evidence are confined to the facts in issue, facts relevant to the issue, and any facts, whether relevant to the issue or not, which affect the weight or importance of the evidence offered, or its admissibility.[74]"***

Illi allura din l-eccezzjoni ma jisthoqqilhiex akkoljiment billi f'dan l-istadju preliminari ta' dan il-process penali l-Qorti ma tistax tiskarta evidenza li tista' tkun rilevanti ghal *facts in issue*, u dan ghalkemm wahedha ma tkunx bizzejjed b'sahhitha biex tistabbilixxi, kif inghad, illi l-fatt hemmhekk riportat sehh.

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni (numru 96) qed tigi michuda.

**36. <u>It-tnehhija mill-provi ta' kull referenza li ssir ghal kondotta precedenti tal-akkuzati. (Eccezzjoni numru 97)</u>**

Illi l-akkuzati, permezz ta' dina l-eccezzjoni minnhom ventilata ma jindikawx fejn fil-provi jew fl-atti ssir referenza ghal precedenti penali taghhom, u din il-Qorti certament mhijiex ser toqghod tispigola Hi mill-atti piuttost voluminuzi x'kellhom f'mohhom l-akkuzati meta qanqlu din l-oggezzjoni. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm l-akkuzati ghandhom ragun f'din l-eccezzjoni minnhom ventilata, u ghalkemm l-Qorti tista' taghti direzzjoni lil Prosekuzzjoni sabiex fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri ma ssirx referenza ghal kondotta tal-ebda wiehed mill-akkuzati quddiem il-gurati, madanakollu mhijiex f'posizzjoni taghti ebda ordni sabiex

[74] Notes on Criminal Procedure

jithassru jew jigu mnehhija tali referenzi minn xi evidenza billi l-akkuzati kif inghad jonqsu milli jindikaw fejn fl-atti saret tali referenza. Inoltre kif diga inghad t-traskrizzjonijiet tax-xhieda ma tigix murija lil gurati hlief fejn hekk jintalab minn xi wiehed mill-partijiet u dan ai fini ta' kontroll. Jinghad biss kif gie deciz minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fid-digriet fil-kawza 'r-Repubblika ta' Malta Vs. Domenic Briffa' tat-28 ta' Mejju, 1999:

> **"hadet in konsiderazzjoni l-principju fondamentali tal-prezunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, mill-liema principju johrog il-principju, daqstant fondamentali ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, li waqt il-process, specjalment meta l-prosekuzzjoni tkun ghadha ghaddejja bil-provi taghha, ma jista' jsir xejn li b'xi mod tista' tinfluwenza lill-gurati fil-konfront tal-akkuzat ghal dak li hu l-karattru tieghu jew xi antecedenti tieghu, b'mod li jista' b'hekk jigi negattivament influwenzat l-eventwali verdett taghhom"**

B'dan ghalhekk illi l-partijiet ghandhom iharsu dan il-principju sagrosant f'kull waqt tal-proceduri, hlief jekk jikkonkorru ic-cirkostanzi ravvizati fl-artikolu 459A u 489 tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant ghal dan il-mottiv il-Qorti, ghalkemm mhijiex ser tilqa' din l-eccezzjoni (eccezzjoni numru 97) billi kif inghad ma tistax tordna ebda tnehhija jew kancellament *in vacuum,* madanakollu tordna lil Prosekuzzjoni, sabiex fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri, ma ssir ebda referenza ghal precedenti penali ta' ebda wiehed mill-akkuzati.

## 37. <u>DIFETTI FL-ATT TA'L-AKKUZA</u>

Illi fis-sitt eccezzjonijiet li jsegwu (numri 98 sa 103), l-akkuzati jistriehu fuq dak li jipprovdi l-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali sabiex jattakkaw

l-validita' ta'l-Att ta'l-Akkuza u dan meta jilmentaw illi ghalkemm saru diversi talbiet minnhom sabiex il-Qorti Istruttorja tisma' xi xhieda jew inkella tahtar xi esperti, dan gie minnHa rifjutat minghajr raguni valida sabiex b'hekk jirrikorru c-cirkostanzi ravvizati fl-ahhar parti ta' din id-disposizzjoni tal-ligi meta jinghad:

> **"L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li, minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il-kawża ma tgħaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża, ħlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas għal kollox tar-rapport tal-uffiċjal tal-Pulizija jew tal-eżami tal-imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara lil-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat; bla ħsara dejjem tal-jedd tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali li jopponi li jinġieb fil-kawża xi att li ma jkunx magħmul skont il-liġi, u li jkun irid jinġieb sabiex bih issir xi prova."**

Illi l-parti opertattiva ta' din id-disposizzjoni tal-ligi li tifforma l-mertu ta' din l-eccezzjoni tikkonsisti fir-rifjut minn naha tal-Qorti Istruttorja, u dan minghajr raguni tajba (*without a just cause*, fit-test Ingliz), li tisma' l-provi migjubin mill-imputat.

Dan ifisser allura illi l-ewwel u qabel kollox l-imputat irid jitlob lil Qorti Istruttorja sabiex iressaq il-provi tieghu. Wara li ssir din it-talba irid ikun hemm ic-cahda ta'l-istess mill-Qorti Istruttorja, liema cahda izda trid necessarjament issir minghajr ebda raguni valida bl-implikazzjoni ghalhekk illi dik ic-cahda trid tkun wahda frivola jew minghajr ebda mottiv.

Issa l-akkuzati jilmentaw illi ghamlu diversi talbiet lil Qorti Istruttorja u dawn it-talbiet gew michuda minghajr raguni valida u cioe':

a. **ir-rifjut tal-Qorti Istruttorja li tisma' lill-espert minnha nominat l-Imhallef Emeritus Michael Malllia jew xi espert iehor minfloku u dan wara l-inkarigu lilu moghti permezz ta' digriet datat 03 ta' Mejju 2019, liema inkarigu gie estiz permezz ta' digriet iehor tat-23 ta' Mejju 2019, liema inkarigu baqa' ma giex espletat. (Eccezzjonijiet numri 98 u 99)**

Illi minn ezami tal-atti kumpilatorji jirrizulta illi fis-seduta tat-03 ta' Mejju 2019 il-Qorti Istruttorja, bi qbil bejn il-partijiet, kienet hatret lill-Imhallef Emeritus Michael Mallia sabiex wara li jkun mghoddi lilu d-*data* mill-espert Dr. Martin Bajada dwar il-kontenut tal-*whats app chats* u *emails* fic-cellulari tal-vittma li gie *cloned* mill-espert Bajada, liema informazzjoni ma setatx tigi moghtija minn dan l-espert sabiex ma jigux zvelati is-sorsi ta'l-istess, jidentifika u jnizzel dawk il-kliem li jikkostitwixxxu theddid skont il-ligi penali u li kienu kontenuti f'dan ic-cellulari b'dan illi is-sorsi tal-imsemmija messaggi jkunu protetti[75]. Dan l-inkarigu gie estiz permezz ta' digriet datat 23 ta' Mejju 2019[76], fuq talba tal-akkuzati, fejn l-espert gie ordnat jezamina ukoll l-*laptop* tal-vittma esebiet in atti ghall-istess skop, izda giet michuda it-talba sabiex dan ll-esercizzju isir fuq il-blog *Running Commentary* billi fil-fehma tal-Qorti Istruttorja kienet tonqos il-htiega sabiex isir dan l-esercizzju mill-espert gjaldarba "*dan hu esebiet fl-atti u huwa pubbliku*", b'dan l-ezercizzju ta' tiftix ghal kliem ta' theddid jista' jsir mill-partijiet infushom.

Illi gara izda li permezz ta' rikors datat 12 ta' Gunju 2019, l-espert nominat l-Imhallef Michael Mallia talab li jigi ezentat mill-inkarigu lilu moghti fir-rigward tal-ezami tal-*laptop* tal-vittma ghaliex hass li ma kienx

[75] Ara verbal Vol. 18 a fol.8499 tal-atti kumpilatorji
[76] Vol. 18 a fol.8624

kompetenti fil-qasam tal-informatika[77]. B'digriet ta'l-istess jum[78], imbaghad, il-Qorti Istruttorja ordnat lill-partijiet jindikaw permezz ta' nota l-isem ta' persuna jew persuni li tista' tahtar minflok l-imsemmi espert sabiex jespleta dan l-inkarigu. Permezz ta' notaipprezentata mill-parte civile, gie indikat l-Imhallef Emeritus Joseph Galea Debono u l-Imhallef Emeritus Silvio Meli sabiex xi wiehed minnhom jissostitwixxi l-espert Mallia[79]. Illi b'digriet tas-26 ta' Gunju 2019[80] l-Qorti Istruttorja wara li rat illi fiz-zmien jumejn koncess lil partijiet, wiegbu biss il-*parte civile*, ghaddiet biex tahtar lill-Imhallef Silvio Meli li bl-assistenza tal-espert Keith Cutajar kellu jezegwixxi dan l-inkarigu. Ziedet hekk il-Qorti f'dan id-digriet:

> **"B'dan illi jekk fi zmien hamest ijiem utli ma jkunx hemm opposizzjoni bil-miktub mill-partijiet kollha ser jitqies li kulhadd japprova din in-nomina u tali nomina tkun resa applikabbli wara it-terminu ta' hamest ijiem."**

Illi permezz ta' risposta pprezentata fl-1 ta' Gunju 2019, l-akkuzat Alfred Degiorgio biss oggezzjona ghal hatra kemm tal-Imhallef Michael Mallia kif ukoll ghal dik tal-Imhallfin Silvio Meli u Galea Debono ghal motivi migjuba minnu fl-imsemmija risposta[81] biex b'hekk in-nomina li saret tal-Imhallef Silvio Meli baqghet mhux ikkonfermata.

Gara li l-Avukat Generali ghogbu johrog l-Att ta'l-Akkuza fil-konfront tal-akkuzati ftit taz-zmien wara biex b'hekk il-Qorti Istruttorja ma baqghetx kompetenti titratta din it-talba li kienet saret mill-partijiet. Dan ifisser allura illi minn dawn ir-risultanzi processwali ma jirrizultax illi avverat ruhha xi wahda mic-cirkostanzi ravvizati fl-artikolu 597(4) tal-Kodici

[77] Vol.19 a fol. 8671
[78] Vol.19 a fol. 8672
[79] Vol.19 a fols. 8680 u 8681
[80] Vol.19 a fol. 8682
[81] Vol. 19 a fol.8684 u 8685

Kriminali hawn fuq iccitat, u dan billi ma jidhirx illi l-Qorti Istruttorja kienet qed tirrifjuta taghmel dak mitlub mill-akkuzati jew xi wiehed minnhom biex iressqu l-provi taghhom, tali li jista' iwassal ghan-nullita' ta'l-Att ta'l-Akkuza. Kif ighid il-Professur Mamo:

> ***"The indictment may also be annulled, not for any defect contained in itself, but for certain defects in the inquiry on the principle that an act done in pursuance of another act which is null, is itself null."***

Illi fuq kollox jinghad illi ebda pregudizzju mhu ser jinholoq ghall-akkuzati u dan ghaliex il-ligi stess fl-artikolu 440(5) tal-Kodici Kriminali taghti sahansitra s-setgha lil Qorti sabiex *ex officio* tara li jitressaq xhud jew jigi pprezentat dokument li jitqies li huwa materjali ghal kaz taht il-lenti taghha u dan sahansitra meta l-istess xhud jew dokument ma jkunx gie indikat fil-Lista tax-Xhieda jew inkella fil-Lista tad-Dokumenti.

Kwindi dawn iz-zewg eccezzjonijiet marbuta mal-hatra tal-Imhallef Emeritus Michael Mallia (eccezzjonijiet numri 98 u 99) qed jigu michuda.

**b. ir-rifjut tal-Qorti Istruttorja milli tisma' ix-xiehda tal-Pulizija Federali Germaniza maghrufa bhala il-*Bundeskriminalamt* sabiex jezebixxu u jixhdu dwar zewg *laptops* u tlett *hard drives* appartenenti lil vittma u dan kif ordnat b'digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Lulju 2019. (Eccezzjoni numru 100)**

Illi l-Qorti, a skans ta' repetizzjoni, qabel xejn taghmel referenza ghal konsiderazzjonijiet legali maghmula in konnessjoni ma' dak dispost fl-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali li abbazi ta'l-istess l-akkuzati qeghdin jitolbu n-nullita' ta'l-Att ta'l-Akkuza stante dan id-difett fl-atti kumpilatorji.

Issa minn ezami tal-atti tal-Istruttorja jirrizulta illi permezz ta' rikors ipprezentat quddiem din il-Qorti (fit-terminu tar-rinviju) fid-09 ta' Lulju 2019[82], l-akkuzat Alfred Degiorgio talab illi l-pulizija federali germaniza tezebixxi *laptop* u *hard drives* appartenenti lil vittma u li jinsabu fil-pussess taghhom meta dawn gew mghoddija lilhom mill-familjari tal-vittma. Jirrizulta fil-fatt illi tali talba kienet diga' saret quddiem il-Magistrat Inkwirenti mill-Ufficjali Investigattivi ghalkemm ma jirrizultax x'kien l-ezitu ta' din il-parti tal-investigazzjoni bil-Prosekuzzjoni ma tressaqx allura dina l-prova fil-kumpilazzjoni. L-akkuzat Alfred Degiorgio, madanakollu, sentejn wara l-akkadut iressaq din it-talba, liema talba giet milqugha b'digriet ta' din il-Qorti (kif diversament ippresjeduta) tal-11 ta' Lulju 2019[83]. Illi fil-verbal irregistrat fl-udjenza quddiem il-Qorti Istruttorja tal-15 ta' Lulju 2019, liema seduta giet appuntata ghall-ghan li jinstemghu dawn ix-xhieda u xi xhieda ohra mitluba mill-akkuzati, il-Prosekuzzjoni tirrileva illi l-akkuzat Degiorgio ma segwiex il-procedura idonja sabiex jigu ngunti xhieda barranin permezz tal-procedura tar-rogatorji[84] u wara dan Dr. William Cuschieri ghall-akkuzat informa lil Qorti illi huwa kien ser jirregola ruhu dwar ix-xhieda minnu mitluba. Mill-verbali li jsegwu jidher illi dan baqa' ma sarx biex b'hekk billi l-Prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi taghha, l-atti gew rinvijati mill-gdid lill-Avukat Generali li mbaghad hareg l-Att ta'l-Akkuza.

Ezaminati ghalhekk ir-risultanzi processwali marbuta ma' din it-talba tad-difiza ghal produzzjoni ta' dawn ix-xhieda, ma jidhirx illi hemm ravvizat xi difett fl-atti tal-kumpilazzjoni kif imfassal fl-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali gjaldarba ma jirrizultax ir-rifjut minn naha tal-Qorti Istruttorja li

---

[82] Vol. 19 a fol. 8713 et seq
[83] Vol.19 a fol. 8718
[84] Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali

tisma’ xi xhieda in difeza kif hemm dispost fil-ligi. Il-Qorti tosserva finalment, kif tajjeb jissottometti l-Avukat Generali, illi l-akkuzat Degiorgio ma jindikax tali xhieda tal-pulizija federali germaniza fil-Lista tax-Xhieda ipprezentata minnu flimkien man-nota ta’l-eccezzjonijiet sabiex il-Qorti tista’ tasal biex tifhem in-nuqqas tal-htiega minn naha tieghu li ssir din il-prova. Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni (numru 100) ukoll qed tigi michuda.

c. **Ir-rifjut tal-Qorti Istruttorja li tisma lix-xhud Mario Cmarec in kontro-ezami kif mitlub mid-difiza ta’ Alfred Degiorgio u dan kif ordnat b’digriet ta’ din il-Qorti tal-11 ta’ Lulju 2019.( Eccezzjoni numru 101)**

Illi din l-eccezzjoni hija simili hafna ghal dik marbuta mas-smiegh tax-xhieda tal-pulizija federali germaniza, bl-akkuzat Alfred Degiorgio jipprezenta rikors similment fid-09 ta’ Lulju 2019 quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta sabiex isir il-kontro-ezami tal-espert tal-*Europol* Mario Cmarec liema xhud kien xehed fis-seduta tat-22 ta’ Mejju 2018 quddiem il-Qorti Istruttorja. Illi din it-talba imbaghad giet milqugha ukoll b’digriet ta’ din il-Qorti tal-11 ta’ Lulju 2019 u l-atti gew rinvijati lura quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghal dan il-ghan. Illi fl-istess verbal, iccitat iktar ‘il fuq, il-Prosekuzzjoni irrilevat illi l-akkuzat Degiorgio ma kienx segwa il-procedura idonja marbuta mas-smigh ta’ xhud barrani u dan billi jitlob li l-istess issir bil-procedura tar-rogatorji. Fl-istess verbal tal-udjenza tal-15 ta’ Lulju 2019, Dr. William Cuschieri talab sabiex jirregola ruhu dwar is-smiegh ta’ dan ix-xhud in kontro-ezami, wara liema seduta l-atti gew rinvijati lil Avukat Generali u nharrget l-Att ta’l-Akkuza sabiex il-Qorti Istruttorja ma baqghetx aktar kompetenti tisma’ lil dan ix-xhud.

Illi l-Qorti terga' ttenni illi ebda difett allura ma jirrizulta fl-atti kumpilatorji kif mahsub fl-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali billi ma kien hemm ebda rifjut minn naha tal-Qorti Istruttorja li tisma' lil dan ix-xhud, bl-akkuzati kollha ser ikollhom kull opportunita' illi fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri jaghmlu l-kontro-ezami mehtieg lill-espert Mario Cmarec. Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni (numru 101) ma jisthoqqiliex akkoljiment.

**d. Ir-rifjut tal-Qorti Istruttorja li tisma lix-xhud rapprezentant tal-Vodafone kif mitlub mill-akkuzat Alfred Degiorgio, kif ukoll in-nuqqas mill-Qorti Istruttorja li tipprovdi ghal nomina ta' espert kif mitlub mill-prosekuzzjoni u l-parte civile fl-udjenza tal-05 ta' Dicembru 2018.**

Illi huwa pacifiku illi matul il-kumpilazzjoni xehdu fid-dettall rapprezentanti tal-Vodafone[85] u ezebew d-*data* kollha li kienet giet minnhom mitluba kemm mill-Inkwirenti fil-kors tal-*in genere* kif ukoll mill-ufficjali investigattivi u l-esperti fl-istadji inizjali tal-istharrig. Illi fil-kors tax-xiehda ta' Jason Pavia in kontro-ezami, id-difiza talbitu jindika n-numru ta' utenti li qabbdu mac-*cell towers* li kienu ta' interess fl-investigazzjoni[86] fil-hinijiet u d-dati li dwarhom saret din ir-ricerka. Jidher izda illi Pavia ma setax jaghti din l-informazzjoni ghaliex stqarr illi l-ipprocessar ta' din id-*data* ta' eluf ta' nies mhux marbuta mal-kaz ma setatx issir minn naha tal-kumpanija. Illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni stqarret mal-Qorti Istruttorja illi kellu jitqabbad espert sabiex isir dan l-ezercizzju, jidher madanakollu illi d-difiza baqghet toggezzjona illi issir

---

[85] Ara xiehda ta' Jason Pavia u l-Inginier Mario Cordina u dokumenti minnhom esebieti Vol. 11 a fols. 5603 et.seq. u vol.12 Jason Pavis riprodott a fol. 5708 et seq.
[86] Ara xiehda ta' Jason Pavia in kontro-ezami Vol.11 a fol.5682 fejns aret din id-domanda minn Dr. William Cuschieri

din in-nomina u baqghet tinsisti illi l-informazzjoni kellu jaghtiha ix-xhud Pavia[87].

Dan ifisser illi l-akkuzati ma jistghux issa jghidu, permezz ta' din l-eccezzjoni minnhom ventilata, li hemm difett fl-atti kumpilatorji ghaliex il-Qorti Istruttorja rrifjutat tahtar espert u tisma' l-prova li riedu jaghmlu l-akkuzati permezz ta' dan ix-xhud, u dan peress illi x-xhud rega ha l-pedana tax-xhieda fejn spjega r-raguni 'l ghala huwa ma setax jaghti l-informazzjoni mitluba mid-difiza, u meta allura l-Qorti rat illi tali twegiba setghet tinghata bil-hatra ta' espert sabiex jipprocessa d-*data* mitluba mill-akkuzati, id-difiza stess oggezzjonat ghal tali nomina.

Illi l-Qorti Istruttorja tallbet ghalhekk lil Prosekuzzjoni tindika d-dokument ipprezentat mis-socjeta Vodafone li twiegeb ghad-domanda tad-difiza, fejn il-Prosekuzzjoni spjegat illi din l-informazzjoni tinsab *inter alia* fuq *hard drive* ipprezentat mill-espert Dr. Martin Bajada. Wara dan (meta kienet ghaddiet 'il fuq minn sena minn meta kien xehed Pavia u meta l-Prosekuzzjoni kienet wasslet fl-eghluq tal-ikkumpilar tal-provi), l-akkuzat Alfred Degiorgio pprezenta rikors iehor fejn  talab in-nomina mill-gdid ta' Dr.Martin Bajada sabiex jidentifika n-numru ta' utenti li qabbdu mac-*cell towers* rilevanti ghal fini ta' dan il-kaz. Gara izda li wara li dahhlet ir-risposta ta'l-Avukat Generali, inharrget l-Att ta'l-Akkuza, sabiex b'hekk il-Qorti Istruttorja ma kellhiex aktar kompetenza titratta din it-talba tal-akkuzat kif hemm imfisser fid-digriet taghHa tat-18 ta' Lulju 2019. Fil-fatt dan ir-rikors jifforma l-mertu tal-eccezzjoni li ssewgi.

[87] Ara verbal u xhied ata' Jason Pavia, rapprezentant Vodafone Vol.12 a fols. 5765 tal-kumpilazzjoni

Dan ifisser ghalhekk illi c-cirkostanzi ravvizati fl-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali lanqas hawn ma jikkonkorru u l-eccezzjoni (numru 102) qed tigi michuda.

e. **Ir-rifjut tal-Qorti Istruttorja li jinstemghu x-xhieda mitluba mill-akkuzat Alfred Degiorgio u dan permezz ta' tlett rikorsiipprezentati fit-12 ta' Lulju 2019.**

Illi lejn l-eghluq tal-kumpilazzjoni l-akkuzat Alfred Degiorgio ipprezenta tlett rikorsi u dan fit-12 ta' Lulju 2019 quddiem il-Qorti Istruttorja fejn fl-ewwel wiehed talab sabiex isir access mill-gdid fuq ix-xena tar-reat bl-assistenza tal-esperti il-Perit Richard Aquilina u l-espert Keith Cutajar[88], fit-tieni wiehed talab li jerga' jigi mahtur mill-gdid l-espert Dr. Martin Bajada sabiex jidentifika n-numru ta' utenti li qabbdu mac-*cell towers* rilevanti ghal fini ta' dan il-kaz[89], u fit-tielet wiehed imbaghad talab li ssir simulazzjoni sabiex jigi kkonfermat illi l-messagg li ntbaghat minn cellulari ghall-apparat iehor setax jiskatta bomba, kif allegat mill-esperti[90].

Illi l-Avukat Generali pprezenta r-risposta tieghu ghal dawn ir-rikorsi fil-15 ta' Lulju 2019 quddiem il-Qorti Istruttorja, f'liema gurnata l-atti gew rinvijati lil Avukat Generali u l-kawza differita ghas-26 ta' Awwissu 2019[91]. B'dan izda li l-ghada is-16 ta' Lulju 2019 giet ipprezentata l-Att ta'l-Akkuza quddiem din il-Qorti sabiex b'hekk fit-18 ta' Lulju 2019, l-Qorti Istruttorja fid-digrieti taghha ddikjarat li ma kenitx aktar kompetenti tittratta l-mertu ta' dawn ir-rikorsi.

[88] Vol.19 a fol.8915
[89] A fol.8920
[90] A fol. 8924
[91] Ara verbal tas-seduta tal-15 ta' Lulju 2019 Vol.19 a fol. 8730 u r-rinviju bl-istess data a fol. 8913

Illi huwa minnu dak li jikkontendu l-akkuzati illi fil-verbal tal-15 ta' Lulju 2019 ghalkemm hemm imnizzel illi kienet qed tigi iffissata seduta ohra ghat-02 ta' Awwissu 2019, imbaghad immedjatament fl-imsemmi verbal hemm l-ordni tar-rinviju u differiment iehor ghas-26 ta' Awwissu 2019 fid-9:30a.m., izda minn ezami tal-atti jidher illi fil-fatt dawn gew rinvijati dak in-nhar stess lil Avukat Generali li mbaghad ircieva l-atti l-ghada fis-16 ta' Lulju 2019[92] u wara dan giet intavolata minnu l-Att ta'l-Akkuza. Dan ifisser allura illi lanqas hawn m'ghandhom ragun l-akkuzati meta jghidu illi hemm difett fl-atti kumpilatorji ghaliex l-Qorti Istruttorja rrifjutat minghajr raguni taghmel dak mitlub minnhom.

Jinghad biss illi fir-rigward tat-talba sabiex isir access mill-gdid, u dan bil-ghan li jigi vverifikat dak li stqarr ix-xhud Carmel Wallace Sammut fir-rigward tal-post fejn huwa jghid li ra persuna suspettuza hdejn "barriera" u mhux, skont l-akkuzati, fil-post fejn giet misjuba il-loqma tas-sigaretti li fuqha instab il-profil genetiku tal-akkuzat Alfred Degiorgio, dan il-fattur jista' jigi vverifikat meta jsir l-access fil-presenza tal-gurati u dan fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri. Fil-fatt l-Avukat Generali stess fis-sottomissjonijiet tieghu jikkonferma li ser issir talba lil din il-Qorti f'dan is-sens.

Fir-rigward tat-talba sabiex l-espert Bajada jidentifika n-numru ta' utenti tac-*cell towers* rilevanti ghal dan il-kaz, din il-mistoqsija tista' ukoll ssir in kontro-ezami mid-difiza lill-espert fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri, bl-espert jekk ihoss il-htiega jinghata ftit zmien mill-Qorti sabiex jaghmel din il-verifika.

---

92 Rinviju *in calce* bil-firma mill-ufficcju tal-Avukat Generali u id-data tas-16 ta' Lulu 2019

Finalment fir-rigward tat-talba sabiex issir simulazzjoni tal-process tal-iskattar tal-bomba permezz ta' *sms* minn fuq cellulari ghal fuq apparat iehor bhal dak li allegatament kien jinsab fil-vettura tal-vittma, il-Qorti tirrileva illi l-akkuzati ser ikollhom kull opportunita' fil-kors tal-guri illi jikkontestaw il-konkluzjonijiet milhuqa mill-esperti li kienu tal-fehma illi l-process utilizzat sabiex tigi skattata l-bomba li kienet fil-vettura tal-vittma saret remotament permezz ta' uzu ta' cellulari li minn fuqu ntbaghat messagg lejn l-apparat kontenenti l-isplussiv imqieghed fil-vettura ta' Caruana Galizia.

Illi allura billi kif inghad c-cirkostanzi elenkati fl-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali ma jirrikorrux lanqas f'dan il-kaz, din l-eccezzjoni (numru 103) ma tista' tigi milqugha .

**38. <u>L-isfilz ta' kull opinjoni illi giet espressa minn membri tal-*Federal Bureau of Investigation* (*FBI), Europol* u *Netherlands Forensic Institute* (*NFI)* kull fejn jirrikorru billi tali membri tal-pulizija ma jistghux jaghtu opinjonijiet izda semmai jaghmlu kostatazzjonijiet fattwali. (Eccezzjoni numru 107)</u>**

Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra marbuta ma' din l-eccezzjoni, il-Qorti tirrileva illi l-membri tal-*Federal Bureau of Investigation*, dawk adetti mal-*Europol* u man-*Netherlands Forensic Institute* (*NFI*) kollha gew mahtura bhala esperti fl-*in genere* sabiex jassistu lill-Magistrat Inkwirenti fit-tiftix ghal verita'. Fil-kompetenza taghhom bhala esperti hekk nominati, ghalhekk, dawn in-nies, li l-akkuzati jirreferu ghalihom bhala membri tal-pulizija, setghu jaghtu opinjonijiet, fehmiet u dan abbazi tal-kostatazzjonijiet fattwali minnhom maghmula. Illi l-Qorti tinnota ukoll illi

l-akkuzati fl-ebda stadju tal-Istruttorja ma ressqu din l-oggezzjoni ghall-esperti hekk nominati.

Dan maghdud madanakollu, jidher illi l-oggezzjoni ventilata mill-akkuzati hija fis-sens illi dawn in-nies, billi huma membri tal-pulizija, ma ghandhomx is-sengha u l-hila specjali li trid il-ligi u wkoll jistghu ma jkunux indipendenti billi huma pulizija.

Illi jibda' biex jinghad illi l-Qorti aktar kmieni f'din is-sentenza diga' esprimiet il-fehma taghha rigward l-ilment ventilat mill-akkuzati rigward in-nuqqas ta' hila jew sengha specjali tal-esperti nominati mill-Inkwirenti jew fl-Istruttorja u allura tistqarr li m'ghandha xejn iktar x'izzid mal-konsiderazzjonijiet diga' maghmula fir-rigward. Jinghad biss illi l-membri tal-*FBI*, *NFI* u *Europol* fil-bidu tax-xiehda taghhom quddiem l-Istruttorja jispjegaw il-kwalifici u l-ispecjalizzazzjoni rispettivi taghhom. U l-akkuzati ser ikollhom l-opportunita' ghal darb'ohra fil-kors tal-guri jitolbu lill-esperti mill-gdid jispjegaw x'inhuma dawn il-kwalifici u ukoll, jekk jidhirlhom, li jiskreditaw il-konkluzjonijiet u l-fehmiet minnhom espressi fir-rapporti taghhom.

Illi lanqas ma tirrizulta l-biza' ravvizata mill-akkuzati illi dawn l-esperti jistghu ma jkunux indipendenti mill-Prosekuzzjoni ghar-raguni illi huma xi membri tal-pulizija. Illi l-gurisprudenza tal-qrati taghna kemm dawk penali kif ukoll kostituzzjonali hija mizghuda b'pronunzjamenti maghmula fir-rigward fejn l-esperti mahtura kienu membri tal-korp tal-pulizija maltija.

Illi l-artikolu 651 tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi l-esperti jistghu jigu rikuzati ghall-istess ragunijiet li jista' jigi rikuzat imhallef u allura ghal dawk il-motivi fejn l-indipendenza u l-imparzjalita' taghhom tkun b'xi mod giet skossa ghal motivi indikati fil-ligi[93]. L-esperti huma l-id il-leminija tal-Qorti u allura ma jistghux jidhru li ghandhom xi konnessjoni ma' xi parti fil-kawza. Issa l-Pulizija Ezekuttiva mhux biss tmexxi l-investigazzjonijiet wara il-kummissjoni ta' xi reat, izda hija dik li fil-qrati inferjuri tmexxi l-Prosekuzzjoni tal-kaz u allura kien f'dan is-sens illi mal-medda tas-snin kienet issir oggezzoni ghan-nomina ta' xi membri taghha bhala esperti tal-Qorti.

Illi dan il-kwezit ta' dritt penali gie studjat *funditus* minn din il-Qorti kif allura komposta fis-sentenza taghha tal-31 ta' Awissu 1998 fil-kawza fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmelo Spiteri*, posizzjoni li giet konfermata *in toto* mill-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza fl-istess ismijiet tad-19 ta' April 2001:

> **"Kif inhu risaput, fil-Kodici Kriminali persuna tigi mahtura espert meta l-Qorti tkun tal-fehma li ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun mehtiega hila jew sengha specjali (Art. 650 (1)). Dak li jikkaratterizza u jiddistingwi x-xhud espert minn xhud li ma jkunx gie nominat espert hu li dak ta' l-ewwel jista' jesprimi l-opinjoni ossia l-fehma tieghu (Art. 656) a rigward ta' l-ezami li jkun ikkonduca, mentri x-xhud li ma jkunx gie hekk nominat irrid bhala regola (u ghalhekk salv certi eccezzjonijiet, bhal, per ezempju, fil-kaz tal-identifikazzjoni ta' oggett jew ta' persuna, il-velocita` li jkun ra vettura ghaddejja biha) jillimita ruhhu ghall-dawk l-affarijiet li jkunu gew a konjizzjoni tieghu permezz ta' wiehed mill-hames sensi.**
>
> ***""The general rule is that witnesses may only give evidence of facts personally percieved and not evidence of opinion, i.e., evidence of inferences drawn from such facts"* (Blackstone's Criminal Practice, 1991, p. 1840, para. F10.1).**

---

[93] Ara artikolu 734 tal-Kodici tal-Organizazzoni u Procedura Civili

**"Fil-Kodici Kriminali taghna propjament ma hemm xejn li jimpedixxi lil Qorti milli tinnomina bhala espert membru tal-Korp tal-Pulizija. Fl-intendiment tal-legislatur penali l-indipendenza tal-persuna hekk nominata u l-ekwidistanza tieghu mill-partijiet fil-kawza tigi garantita propju bil-fatt li tkun giet nominata mill-Qorti u ma tkunx ingiebet bhala xhud *ex parte*. Izda f'dawn l-ahhar snin kemm il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali, stabbilew certi principji intizi biex filwaqt li jassiguraw il-protezzjoni shiha tad-drittijiet fondamentali tal-akkuzat jigi assigurat ukoll li l-Qrati ma jinfatmux mir-realtajiet tas-socjeta` li fiha joperaw, b'mod li "jinholoq bilanc gust bejn l-interess suprem tal-Gustizzja u l-interess tas-Socjeta` li tipprotegi ruhha kontra reati ta' certa gravita`" (Nicholas Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija, Q.Kost., 22/5/91, Vol. LXXV.i.240, 263). Il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-segwenti sentenzi: Nicholas Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija, supra; Il-Pulizija v. Longinu Aquilina, Q.Kost., 23/1/92; Il-Pulizija v. Carmel Camilleri u Therese sive Tessie Agius, Q.Kost., 30/4/93; u Il-Pulizija v. Joseph Harrington u Thomas sive Tommy Baldacchino, Q.Kost., 31/7/96. Minn qari akkurat ta' dawn is-sentenzi johorgu zewg principji li fil-prattika gew segwiti kostantement mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna f'dawn l-ahhar snin, u cioe`:**

**"(i) li membri tal-Korp tal-Pulizija (i.e. kuntistabblijiet, surgenti u fizzjali) m'ghandhomx jinhatru periti fis-sens ta' l-Art. 650 tal-Kap. 9, u li jekk dawn xorta' wahda hekk jinhatru, huma jkunu ammissibbli biss bhala xhieda ordinarji, cioe' biex jiddeponu biss fuq il-konstatazzjonijiet ta' fatt minnhom maghmula izda mhux biex jesprimu opinjonijiet qua esperti; u**

**"(ii) li Dott. Anthony Abela Medici u, *semble*, pajzana ohra (li ma humiex membri tal-Korp tal-Korp tal-Pulijiza), ghalkemm jahdmu fil-*Forensic Science Laboratory* li jinsab fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, kif ukoll membri tal-Forzi Armati ta' Malta, jistghu jigu nominati bhala periti u jiddeponu bhala tali kemm-il darba ma jkunx jirrisulta fil-kaz konkret li huma jkunu, qabel in-nomina taghhom, jew esprimew ruhhom dwar il-htija tal-imputat jew akkuzat li jkun, jew altrimenti, fil-kors ta' xi xoghol li jkunu gew imqabbda jaghmlu minn awtorita' mhux gudizzjarja in konnessjoni mal-*in genere*, ikunu iffurmaw "pre-gudizzju" kontra l-insemmi imputat jew akkuzat.**

Illi allura ghalkemm l-esperti tal-*FBI*, *NFI* u tal-*Europol* huma fil-maggior parti taghhom addetti ma' agenzija polizjeska fil-pajjiz minn fejn joriginaw dawn l-agenziji, madanakollu dawn ma ghandhom ebda konnessjoni mal-Korp tal-Pulizija maltija u allura ma jistghu qatt ikunu dipendenti minn dan il-Korp jew inkella jkollhom xi konnessjoni mal-Prosekuturi ta' dan il-kaz. B'analogija, ghalkemm l-ufficjali tax-xena tar-reat li jassistu lill-Inkwirenti u lil Qorti huma parti mill-korp tal-pulizija ghalkemm addetti mal-Dipartiment tal-Forensika, madanakollu xortawahda huma dejjem jigu nominati bhala esperti u jitqiesu indipendenti u imparzjali mill-partijiet fil-kawza, u b'mod specjali mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni (numru 107) qed tigi michuda.

**39. <u>L-ifilz ta' kliem u siltiet mill-parti narrattiva ta'l-Att ta'l-Akkuza, billi dawn gew dramattizzati sabiex jinholoq sensazzjonalizmu biex jinxehet dell ikrah fuq l-akkuzati u b'hekk jigu influwenzati l-gurati, u ukoll billi fi bnadi ohra il-fatti kif narrati f'dawn is-siltiet ma johorgux mill-provi kkumpilati. (Eccezzjonijiet numri 108 u 109)</u>**

Jinghad qabel kull konsiderazzjoni ohra illi l-ligi thalli fid-diskrezzjoni ta'l-Avukat Generali li jfassal l-att ta' l-akkuza u l-kapi rispettivi kontenenti l-akkuzi imressqa fil-konfront tal-persuna akkuzata. L-Avukat Generali huwa marbut biss bil-ligi b'dak li jinghad fl-artikolu 589 tal-Kap.9 li jiddisponi hekk:

**"L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –**
**(a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;**
**(b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;**

**(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u**
**(d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."**

Issa l-fatti esposti mill-Avukat Generali fil-parti espozittiva ta' l-Att ta' l-Akkuza huma fatti li johorgu mill-provi migbura fil-kumpilazzjoni u ghalkemm id-dicitura adoperata tixbah rakkont madanakollu ma jirrizultax xi dramattizazzjoni kif allegat mill-appellant jew inkella xi fatti li l-Avukat Generali ivvinta jew zejjen biex joholqu xi impressjoni fuq il-gurija popolari. Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kumpilazzjoni u senjatament ix-xhieda tal-Ufficjali Prosekuturi u Investigattivi, l-Ispetturi Keith Arnaud u Kurt Zahra, u ssib li l-fatti kif esposti mill-Avukat Generali, inkluz l-brani iccitati mill-akkuzati f'dawn iz-zewg eccezzjonijiet, kollha irrizultaw mill-investigazzjonijiet illi saru mill-pulizija, ghalkemm, kif inghad, id-dicitura adoperata tixbah dik ta' kliem uzat f'xi novella.

Issa jekk dawk il-fatti humiex ippruvati o meno, jew jekk il-prova li fuqha huma bbazati dawk il-fatti ghandhiex valur probatorju o meno, hija kwistjoni li trid tigi determinata biss mill-gurati fil-kors tal-guri. Fuq kollox dawk il-fatti li l-Avukat Generali jislet mill-atti kumpilatorji sabiex fuqhom jibni l-parti narrattiva ta' l-att ta' l-akkuza bl-ebda mod ma jorbtu lil min hu imsejjah biex jiggudika u l-gurija popolari dejjem tigi imwissija f'dan is-sens mill-imhallef togat, kif hekk ghandu jsir ukoll f'dan l-kaz. Lanqas ma jistghu l-akkuzati jallegaw illi b'tali esposizzjoni tal-fatti mill-Avukat Generali jista' jigi ippregudikat il-jedd taghhom ghal smigh

xieraq gjaldarba huma sejrin ighaddu process gudizzjarju fejn il-Prosekuzzjoni ghandha tressaq il-provi in sostenn ta' l-akkuzi minnha ipprospettati fl-Att ta' l-Akkuza, bid-dritt ta'l-akkuzati li jressqu difiza xierqa u adegwata u jressqu l-provi kollha li jhossu li huma mehtiega sabiex isahhu din id-difiza u allura fejn ser ikollhom kull opportunita` jipprovaw ixejjnu l-provi tal-Prosekuzzjoni.

> **"'Illi skont l-artikolu 588 tal-Kodici Kriminali 'l-att tal-akkuza ghandu jigi maghmul bil-miktub u ghandu jigi iffirmat mill-Avukat Generali' u skont l-artikolu 589 tal-istess Kodici 'L-att tal-akkuza jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta'. Ghalhekk, meta fl-artikolu 589 tal-istess Kodici jinghad li l-att tal-akkuza ghandu jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat u l-partikolaritajiet l-ohra msemmija fl-istess artikolu dan ma jistax ifisser hlief li l-att tal-akkuza ghandu jfisser il-fatt u partikolaritajiet l-ohra msemmija skont kif jifhimhom li graw l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta. Il-provi in sostenn tal-fatt li jikkostitwixxi r-reat u tal-partikolaritajiet l-ohra skont l-att tal-akkuza, imbaghad, jingiebu mill-Avukat Generali fil-kors tal-process fl-istadju opportun.[94]"** (sottolinjar tal-Qorti)

Dan ghaliex:

> **"'l-Avukat Generali jista' jibbaza l-att ta' l-akkuza fuq provi li ma ngibux fil-kumpilazzjoni. Dan ma jgibx ghan-nullita` ta' l-att ta' l-akkuza (jew kap ta' l-att ta' l-akkuza) stante ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 435 tal-Kodici Kriminali. Fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet preliminari l-Qorti Kriminali ma taghmilx apprezzament tal-provi kollha migjuba fil-kors tal-kumpilazzjoni biex tara jekk prova partikolari tirrizultax sodisfacentement jew le; din hija haga merament ta' prova messa ultimament f'idejn min irid jiddeciedi dwar il-provi.[95]"**

Ghal dawn il-motivi l-ilmenti ventilati mill-akkuzati f'dawn iz-zewg eccezzjonijiet (numri 108 u 109) qed jigu michuda billi ma jirrizutax illi l-Avukat Generali mar kontra id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 589 tal-

[94] App. Krim Sup – 09/01/2014 Ir-Repubblika ta' Malta vs Stiano Agius u Eleonor Tracy Agius
[95] App.Krim Sup – 13/05/1998 Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Steven Muscat

Kodici Kriminali f'liema cirkostanza biss allura setghet tirrizulta in-nullita` ta' l-Att ta' l-Akkuza, b'dan illi l-Imhallef togat ghandu iwissi lil gurati illi l-fatti esposti fil-parti narrattiva ta'l-Att ta'l-Akkuza ma jikkostitwixxu ebda prova skont il-ligi.

40. **<u>L-isfilz ta' kull referenza kontenuta fl-att ta'l-akkuza ghal "terzi persuni mhux maghrufa" jew kliem iehor simili u/jew fl-istess sens billi dan il-fatt ma johrogx mill-provi kkumpilati, b'tali fatt jikkostitwixxi tejorija ta'l-Avukat Generali li tista' tohloq pregudizzju lill-akkuzati. (Eccezzjoni numru 110)</u>**

Illi l-Qorti minnufih tistqarr illi l-akkuzati ma ghandhomx ragun f'din l-eccezzjoni. Illi fl-ewwel lok l-akkuzati jinsabu mixlija fir-raba, hames u sitt kapi ta'l-att ta'l-akkuza bir-reat tal-assocjazzjoni u tal-promozzjoni ta' u partecipazzjoni f'ghaqda kriminali. Dan ifisser illi l-fatti esposti fil-parti narrattiva ta'l-att ta'l-akkuza kif mifhuma mill-Avukat Generali meta huwa jsemmi dawn it-terzi persuni mhux maghrufa li setghu ghenu jew assistew lill-akkuzati fil-kummissjoni tar-reat, iwasslu ghax-xilja ta' dawn ir-reati. Illi kif diga' inghad dawn il-fatti kif esposti ma jorbtux lil min hu imsejjah biex jiggudika u allura mhux necessarjament ikunu jirriflettu dak li verament sehh.

Jinghad, izda, fit-tieni lok, illi llum il-gurnata billi hemm terza persuna mixlija bil-kummissjoni tar-reati addebitati lill-akkuzati u wkoll persuna ohra li kienet allegatament kompartecipi fil-kummissjoni tar-reat tal-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia u li giet moghtija l-mahfra presidenzjali sabiex taghti ix-xiehda taghha f'dan il-kaz u l-kaz l-iehor li ukoll ghadu pendenti fil-konfront tat-terz, allura din l-eccezzjoni illum ma tistax tinghad li ghadha valida.

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni (numru 110) qed tigi michuda.

41. **In-nullita' tat-tielet kap tal-att ta'l-akkuza billi mhuwiex ibbazat fuq fatti, provi jew xhieda migjuba quddiem il-Qorti Istruttorja. (Eccezzjoni numru 111).**

Illi fit-tielet kap ta'l-Att ta'l-Akkuza, l-Avukat Generali jixli lill-akkuzati bir-reat imfassal fl-artikolu 313 tal-Kodici Kriminali dwar min jaghmel jew izzomm esplossiv kontra l-ligi, bl-Avukat Generali jindika li tista' tinstab htija mill-gurija kif mahsub fl-artikolu 467(2) tal-Kodici Kriminali fejn hemm hekk dispost:

> **"Meta ma jiġix ippruvat li l-akkużat, jew xi wieħed mill-akkużati, kien l-awtur jew wieħed mill-awturi tar-reat miġjub fl-att tal-akkuża, iżda jiġi ippruvat li kien kompliċi jew li jkun ħati ta'kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat, il-ġuri jista' jiddikjara l-akkużat ħati bħala kompliċi f'dak ir-reat jew ħati ta' kospirazzjonigħall-għemil ta' dak ir-reat; reċiprokament, meta persuna tkun akkużata, fl-att tal-akkuża, b'kompliċità f'reat il-ġuri jista'jiddikjara lil dik il-persuna ħatja ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat jew ħatja bħala l-awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat u jekk hija tkun akkużata b'kospirazzjoni għall-għemil ta'reat hija tista' tigi ddikjarata ħatja bħala kompliċi f'dak ir-reat jew bħala awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat, ikkunsmat jew ittentat, jekk ikun hemm provi ta' dan**
>
> **Iżda meta persuna akkużata, fl-att tal-akkuża, b'kospirazzjoni għall-għemil ta' reat tiġi ddikjarata ħatja kif imsemmi qabel bħala awtur, jew wieħed mill-awturi, tar-reat, ikkunsmat jew ittentat, il-piena ma għandhiex tkun aktar gravi mill-piena mitluba fl-att tal-akkużat.**

Illi l-Avukat Generali jilqa' ghal dina l-eccezzjoni billi jaghmel referenza ghax-xiehda u relazzjoni ipprezentati mill-esperti tal-*Europol* li rrelataw dwar it-tip u l-kwantita' ta' splussiv li gie utilizzat, il-mod kif kienet mahduma l-bomba, u l-post fejn kienet imqieghda l-bomba fil-vettura

tal-vittma. Jaghmel referenza wkoll ghax-xhieda moghtija mill-esperti tal-*FBI* li ddecifraw dak li kien jaqra l-messagg li allegatament skatta l-bomba, u jikkontendi allura illi r-reat addebitat lill-akkuzati fit-tielet kap ta'l-Att ta'l-Akkuza jirrifletti dawn il-fatti kkumpilati.

Illi l-Qorti f'dan il-kaz ukoll, a skans ta' repetizzjoni, taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula in konnessjoni mal-eccezzjonijiet precedenti u tirribadixxi ghal darb'ohra illi kwistjonijiet dwar fatti ghandhom jithallew interament f'idejn il-gurija minghajr ebda intervent mill-Qorti hlief sabiex tinghata direzzjoni opportuna kif inghad. Ma jistax jinghad illi bil-fatti kif esposti mill-Avukat Generali f'dan il-Kap ma johrogx ir-reat fis-sustanza tieghu, billi minn tali fatti gustament l-Avukat Generali silet ir-reat kif mahsub fl-artikolu suiccitat u l-ebda reat iehor. Kwindi fis-sustanza l-fatti kif deskritti iwasslu ghar-reat tal-produzzjoni jew pussess ta' materjal splussiv. Issa jekk tali reat huwiex ippruvat o meno u jekk il-htija tistax tirrizulta alternattivament kif imfisser fl-artikolu 467(2) tal-Kodici Kriminali, hawn fuq iccitat, jista' jigi imholli biss f'idejn l-imhallfin tal-fatt u hadd izjed.

Ghal dawn il-motivi anke din l-eccezzjoni (numru 111) qed tigi michuda.

### 42. <u>L-inkompatibbilita' tal-hames kap ta'l-att tal-akkuza mas-sitt kap billi ir-reati ikkontemplati f'dawn iz-zewg kapi jeskludu wahda lill-ohra, b'wiehed minn dawn il-kapi ghalhekk ghandu jigi sfilzat. (Eccezzjoni numru 112)</u>

Illi fIl-hames kap ta'l-Att ta'l-Akkuza, l-Avukat Generali jixli lill-akkuzati bir-reat tal-promozzjoni, kostituzzjoni, organizzazzjoni u finanzjar ta' ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reat kriminali kif

mahsub fl-artikolu 83A(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Issa ghalkemm din id-disposizzjoni tal-ligi li tikkontempla dan ir-reat terga' tigi ccitata fil-parti akkuzatorja tas-sitt kap ta'l-att ta'l-akkuza, madanakollu f'dak il-kap imbaghad l-Avukat Generali jixli lill-akkuzati bir-reat tal-partecipazzjoni f'ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali kif imfassal fl-artiklu 83A(1)(b) tal-Kodici Kriminali, sabiex b'hekk tezisti distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg akkuzi, distinzjoni bejn il-peruna li qed tmexxi, torganizza u tiffinanzja l-organizazzjoni kriminali u dak li jippartecipa biss b'mod attiv fiha, kif imfisser fl-istess disposizzjoni tal-ligi liema reati gew ippromulgati fil-Ligi penali taghna permezz tal-Att numru III ta' l-2002.

Illi jibda biex jinghad illi kull kap ghandu jinqara separatament daqslikieku kien att ta'l-akkuza ghalih. Tant hu hekk illi l-artikolu 481 tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi l-gurija ghandha taghti verdett ghal kull reat separatament u dan meta l-att ta'l-akkuza tinqasam f'diversi kapi, b'kull kap ihaddan fih x-xilja ghal reat separat 'il wiehed mill-iehor u dan kif ipprospettat fl-artikolu 593 tal-Kodici Kriminali:

> **"14. Illi l-artikolu 593 tal-Kodici Kriminali jipprospetta din is-sitwazzjoni fejn l-akkuzat jigi mixli b'iktar mir-reat wiehed li jistghu jkunu konnessi u jistghu ma jkunux, fejn hemmhekk allura l-Avukat Generali ghandu jifred dawn ir-reati f'kapijiet separati li ghandhom jitqiesu b'mod indipendenti minn xulxin, sakemm fil-kors tal-guri ma jkunx jirrizulta illi 'l wiehed ghandu jkun alternattiv ghall-iehor jew inkella kompriz u involut f'kap iehor, fejn allura l-Imhallef togat ghandu jaghti id-direttivi opportuni lill-gurati meta jigu biex jaghtu d-decizjoni taghhom fuq kull kap separatament fil-verdett finali.**
> ***"An indictment may contain counts in which the allegations made in one count are inconsistent with the allegations made in another count. In such a case, both counts may properly be pursued and left to the jury as alternatives if there is a case to***

***answer made out on each. It is then for the jury to decide which, if either, of the counts is made out: R. v. Bellam [1989] A.C. 836, HL (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 2001, para. 1-113a, p. 54)***

**"Meta l-Kodici jitkellem dwar x'ghandu jkun fih l-Att ta' Akkuza – Artikolu 589 – hu evidenti li hawn il-legislatur qed jikkontempla Att ta' Akkuza li jkun fih akkuza ta' reat wiehed biss. In fatti l-paragrafu (c) tal-imsemmi Artikolu 589 jitkellem dwar "il-fatt li jikkostitwixxi r-reat", u l-paragrafu (d) juza l-kliem "…l-imputat jigi akkuzat tar-reat kif migjub jew imfisser fil-ligi". Hija prassi inveterata fil-Qorti Kriminali li jekk fl-Att ta' Akkuza l-Avukat Generali jrid jakkuza lil persuna b'aktar minn reat wiehed, huwa jaqsam l-Att ta' Akkuza f'daqstant kapi daqs kemm ikun hemm reati li bihom ikun qed jakkuza, u dan irrispettivament minn jekk l-akkuzi jkunux konnessi o meno ma' xulxin fis-sens tal-Artikolu 592. Wiehed jista' jghid, u din il-Qorti qieghda f'dan is-sens tafferma, li kemm il-prassi kif ukoll il-gurisprudenza stabbilew li dik il-parti tal-Artikolu 593(1) tal-Kodici Kriminali li tghid li …l-att ta' l-akkuza ghandu jinqasam f'diversi kapi, u f'kull wiehed minnhom ghandha tithares id-disposizzjoni ta' l-artikolu 589 tapplika mhux biss meta r-reati ma jkunux konnessi izda anke meta jkunu hekk konnessi. Kieku ma kienx hekk, u kieku l-Avukat Generali jista' jakkuza lil persuna b'aktar minn reat wiehed minghajr ma jaqsam l-Att ta' Akkuza f'diversi kapi, mhux biss jista' l-akkuzat jigi pregudikat fid-difiza tieghu, izda jkun kwazi impossibbli li wiehed japplika sew l-Artikolu 467 tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar kif il-gurati ghandhom jaghtu l-verdett taghhom. ... Minn dan kollu jitnissel li kull kap hu indipendenti minn kull kap iehor, tant li jista' jkollok addirittura kapi li jikkontradicu lil xulxin." (sottolinjar tal-Qorti) Din il-Qorti taghmilha cara li f'dana l-istadju ma hi b'ebda mod qed torbot idejn il-Qorti Kriminali dwar kif dik il-Qorti ghandha tittratta maz-zewg kapi in ezami – it-tieni u t-tielet kap – u cioe` jekk dawn ghandhomx jitqiesu bhala alternattivi o meno. Jekk dawn ghandhomx hekk jitqiesu hija kwistjoni li ghadha miftuha, u li din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddecidiha f'dana l-istadju. " Ir-Repubblika ta' Malta vs Laurence Gatt omissis – 22/05/2003 App.Sup**

**15. Afferrati dawn il-principji legali u dottrinali, allura dina l-Qorti ma tistax tirriavviza l-ebda nullita` fit-tieni u it-tielet Kapi ta'l-Att ta'l-Akkuza, kif ipprospettat mid-difiza, ghas-semplici**

**raguni li dawn jistghu jidhru kontradittorji ghal xulxin billi kif inghad dawn ma humiex marbuta flimkien, izda ghandhom jinqraw indipendentement minn xulxin b'dan ghalhekk illi jispetta lill-gurati jistabbilixxu liema min dawn ir-reati, fil-fehma taghhom, jinsab ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni mill-fatti esposti waqt il-guri, u dan wara li jinghataw id-debita direzzjoni fil-ligi applikabbli ghalihom mill-Imhallef li jippresjedi l-guri.[96]"**

Dan ifisser illi l-akkuzati ma ghandhomx ragun f'din l-eccezzjoni minnhom ventilata u ghal motivi hawn fuq iskritti din qed tigi michuda. (Eccezzjoni numru 112).

**43. In-nullita' tal-hames kap u tas-sitt kap ta'l-att ta'l-akkuza u dan peress illi l-fatti imfissra fil-parti narrattiva ma jikkostitwux l-elementi tar-reat addebitat lill-akkuzati fil-parti akkuzatorja. (Eccezzjoni numru 113 u 114)**

Illi kif inghad fil-hames u is-sitt Kapi ta'l-Att ta'l-Akkuza l-akkuzati jinsabu mixlija bir-reat mahsub fl-artikolu 83A tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar ir-reat tal-organizazzjoni, iffinanzjar ta' jew partecipazzjoni f' ghaqda kriminali.

Issa jkun hemm nullita` jew difett kif ravvizat fl-Artikolu 449(5)(b) tal-Kodici Kriminali meta l-fatti kif deskritti ma jkunux jammontaw fis-sustanza ghar-reat li bih l-akkuzat ikun qed jigi akkuzat. Bil-kelma "reat" wiehed ghandu necessarjament jifhem ir-reat bl-aggravji kollha li jkunu qed jigu dedotti skond il-ligi. F'dan il-kaz, ghalhekk, wiehed irid jara jekk, fil-parti espozittiva tat-tieni Kap, hemmx fis-sustanza l-elementi tal-kongura kriminali kif ipprospettat f'dawn iz-zewg kapi.

[96] App.Sup. ir-Repubblika ta' Malta vs Erin Tanti deciza 09/04/2018

Issa kif rilevat aktar kmieni fis-sentenza, l-Avukat Generali fil-parti narrattiva ta' dawn iz-zewg kapi jaghmel referenza ghax-xiehda u relazzjoni ipprezentati mill-esperti tal-*Europol* li rrelataw dwar it-tip u l-kwantita' ta' splussiv li gie utilizzat, il-mod kif kienet mahduma l-bomba, u l-post fejn kienet imqieghda l-bomba fil-vettura tal-vittma. Jaghmel referenza wkoll ghax-xhieda moghtija mill-esperti tal-*FBI* li ddecifraw dak li kien jaqra l-messagg li allegatament skatta l-bomba. Jikkontendi inoltre illi din l-operazzjoni kriminuza ma gietx immexxija minn persuna wahda wahedha, izda minn ghaqda ta' persuni fejn allura jfisser illi kien hemm il-kopartecipazzjoni ta' zewg persuni jew aktar mifthiema biex iwettqu delitt. Illi l-Avukat Generali fis-sottomissjoniiet tieghu jirreferi ukoll ghax-xiehda, moghtija quddiem il-Qorti Istruttorja wara l-prezentata ta'l-Att ta'l-Akkuza, tal-komplici Melvin Theuma li jiddeskrivi il-modalita' kif giet imwaqqfa, iffinanzjata u organizzata din l-ghaqda kriminali u min kien kompartecipi fl-istess. Illi minn dawn il-fatti kif imfissra mill-Avukat Generali u li hu silet mill-atti kumpilatorji u minn fatti ohra kif imfissra mix-xhud Theuma jemergi indubbjament ir-reat mahsub fl-artikolu 83A tal-Kodici Kriminali u l-elementi kostituttivi tieghu tal-kompartecipazzjoni u organizazzjoni ta' ghaqda kriminali bit-tir li jsir delitt u cioe' dak omicida. Issa jerga' jigi ribadit illi jekk dawn l-elementi jigux ppruvati hija kwistjoni li trid tithalla f'idejn il-gurati u din il-Qorti ma ghandhiex is-setgha la f'dan l-istadju u lanqas fl-istadju tac-celebrazzjoni tal-guri li tusurpa l-poteri decizjonali fuq il-fatti li ghandha il-gurija popolari.

Illi allura l-Qorti ma tista' tirriavviza ebda nullita' f'dawn iz-zewg kapi tal-att ta'l-akkuza ghal motiv migjub 'il quddiem mill-akkuzati biex b'hekk

dawn iz-zewg eccezzjonijiet qed jigu michuda. (Eccezzjonijiet numri 113 u 114).

44. **<u>L-isfilz ta' xiehda u dokumenti kollha esebieti minn fornituri tas-servizzi forensici u dan ghaliex ma ingiebet ebda prova dwar l-akkreditazzjoni mehtiega skont il-ligi lokali u dawk tal-Unjoni Ewropeja. (Eccezzjoni numru 115)</u>**

Illi ghalkemm l-akkuzati iressqu din l-eccezzjoni b'mod generiku, madankollu l-Qorti tifhem illi din l-oggezzjoni hekk ventilata hija arginata fil-parametri ta'l-ligi komunitarja kif imfassla fid-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill tal-Ewropa 2009/905 tat-30 ta' Novembru 2009 kif tramandata fid-dritt nazzjonali permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31 intestat "*l-Ordni dwar l-Akkreditament ta' Provdituri ta' Servizzi Forensiċi li Jwettqu Attivitajiet tal-Laboratorji*." L-osservanza ta' din il-ligi tigi zgurata billi l-fornituri ta' servizzi forensici li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jigu akkreditati minn korp ta' akkreditament nazzjonali bhala li jikkonformaw mal-ENISO/IEC 17025. Dan bil-ghan illi r-rizultati miksuba minn dawn il-laboratorji jigi rikonoxxut bhala xoghol kredibbli u attendibbli skond *standards* internazzjonali.

Illi jibda' biex jinghad illi l-akkuzati fl-ebda stadju tal-kumpilazzjoni ma tallbu lil ebda wiehed mill-esperti forensici prova dwar l-akkreditazzjoni tal-laboratorji fejn saru l-analizijiet rispettivi minnhom u qed iqanqlu din l-oggezzjoni issa f'dan l-istadju tal-proceduri. Din il-prova madanakollu, fil-fehma tal-Qorti, hija wahda li tista' ssir fl-istadju tac-celebrazzjoni tal-guri bl-attendibbilita' o meno tar-risultanzi forensici tigi determinata minn min ikun imsejjah biex jiggudika fuq il-fatti u dan wara li jingiebu l-provi fir-rigward.

Jinghad inoltre illi din il-ligi tapplika esklussivament ghall-attivitajiet tal-laboratorji li jirrizultaw fi (a)profil ta' DNA u (b)data dattiloskopika u dan kif imfisser fir-regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31, biex b'hekk allura huwa biss ix-xoghol maghmul mill-espert Dr. Marisa Cassar li jaqa' taht il-lenti ta' din il-ligi, billi ma jirrizultax illi kien hemm xi provi dwar impronti digitali. Mhux biss izda ir-regolament 6 jiddisponi illi dan **"l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza,"** biex b'hekk l-kwistjoni tal-akkreditazzjoni ta' laboratorji forensici ma timpingiex fuq l-ammissibbilita' o meno tal-prova li trid issir permezz tar-rizultanzi forsenici.

Illi allura jerga jinghad, din il-prova tista' ssir mill-akkuzati fl-istadju tac-celebrazzjoni tal-guri u dan meta titqieghed il-mistoqsija opportuna lill-esperti dwar l-akkreditazzjoni tal-labortaorju fejn saru l-ezamijiet forensici rispettivi taghhom, u dan fil-limitazzjonijiet imposti fil-ligi hawn fuq iccitata, meta imbaghad il-gurati jkunu jistghu jaghmlu evalwazzjoni shiha, kif inghad, dwar l-attendibilita' o meno tal-fehmiet milhuqa mill-esperti relattivi.

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni (numru 115) qed tigi michuda.

### 45. L-isfilz tax-xiehda kollha moghtija quddiem il-Qorti Istruttorja u dan billi ma giex segwit dak li jipprovdi l-artikolu 391 tal-Kodici Kriminali (Eccezzjoni numru 116)

L-akkuzati, f'din l-eccezzjoni jilmentaw illi ma gewx osservati r-rekwiziti stabbilit fl-artikolu 391 tal-Kodici Kriminali u dan meta fit-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija quddiem il-Qorti Istruttorja ma gewx indikati il-partikolaritajiet ta' kull xhud, bl-inosservanza ta' dawn ir-rekwiziti

iwassal ghan-nullita ta'l-istess. Dan minghajr ma jindika fejn dawn ir-rekwiziti ma gewx osservati u f'liema sens u cioe' liema mill-partikolaritajiet huma neqsin.

Illi l-artikolu 391 tal-Kodici Kriminali ighid hekk:

> **"Ix-xhieda jiġu eżaminati mill-qorti. L-isem u l-kunjom tax-xhud, isem u kunjom tal-ġenituri u, meta x-xhud ikun persuna li għaliha japplikaw l-artikoli 4, 9 u 13 tal-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità, in-numru, jekk ix-xhud ikun jafu, ta' d-dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tiegħu maħruġ taħt l-imsemmi Att, kif ukoll il-lok tat-twelidu ta' fejn joqgħod ix-xhud u l-ilsien li bih jagħti x-xiehda tiegħu, għandhom jitniżżlu fil-bidu nett ta' kull xiehda."**

Illi r-*raison d'etre* wara din id-disposizzjoni tal-ligi hija sabiex il-Qorti tkun tista' tivverifika l-identita' tax-xhud li jkun qed jiddeponi quddiemha. Issa minn ezami li ghamlet il-Qorti ta' diversi xhieda li xehdu quddiem l-Istruttorja jidher illi l-qorti, (hlief ghal dawk ix-xhieda li gew riprodotti) kienet qed tirregistra is-segwenti partikolaritajiet u cioe' l-isem u il-kunjom tax-xhud, isem missieru, il-post tat-twelid u l-post fejn jirrisjedi x-xhud, u l-ilsien li bih ikun ser jaghti x-xiehda tieghu, bl-uniku rekwizit li ma jigiex irregistrat ikun in-numru tal-karta ta'l-identifikazzjoni, b'dan in-numru madanakollu jigi mnizzel biss jekk ix-xhud ikun jafu. Dan ifisser illi in-numru tal-karta ta'l-identifikazzjoni mhux mehtiega f'kull kaz billi jekk ix-xhud ma jkunx jaf in-numru dan jista' jithalla barra. B'dawn ir-rekwiziti li l-Qorti Istruttorja irregistrat fil-bidu ta' kull xiehda moghtija quddiemha ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi r-rekwiziti mfassla fl-artikolu 391 gew sodisfatti biex b'hekk hija ghal kollox infondata il-pretensjoni ta' nullita' sollevata mill-akkuzati f'din l-eccezzjoni.

Jinghad fi kwlaunkwe kaz illi dawn ix-xhieda kollha ser jerrghu jiddeponu fil-kors tal-guri sabiex din il-Qorti ser tkun f'posizzjoni tivverifika ghal darb'ohra l-identita' taghhom.

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni (Eccezzjoni numru 116) qed tigi michuda.

**46. <u>L-ifilz, b'mod generali, tax-xiehda, relazzjonijiet u dokumenti ezebiti minn kull espert nominat li mar oltre l-inkarigu lilu moghti mill-Inkwirenti inkluzi, izda mhux biss Alvin Cardona, John Gera, PC Clinton Vella u Mario Cmarec. (Eccezzjoni numru 117)</u>**

Illi l-Qorti tqies illi eccezzjoni generali bhal din imressqa mill-akkuzati lanqas ghandha tigi ikkunsidrata minnHa u dan meta fl-ahhar wara mija u sittax-il eccezzjoni jitfghu din l-ahhar oggezzjoni taghhom bhala "*blanket provision*" biex b'hekk wara li gew ezaminati l-eccezzjonijiet kollha imressqa mill-akkuzati donnu jridu jassiguraw rwiehhom li ntlaqat kull att, dokument, xiehda u relazzjoni biex kwazi kwazi ma jibqa' xejn aktar fuq saqjah fl-atti kumpilatorji. Illi l-Qorti mhijiex mistennija toqghod iddur kull relazzjoni, xiehda u dokument li gie ipprezentat minn kull espert sabiex tistharreg jekk xi wiehed minnhom ghamilx xi xoghol li ma kienx minnu mistenni kif qed jallegaw l-akkuzati. Illi diga' gew sollevati diversi eccezzjonijiet simili li l-Qorti skartat ghal motivi hemmhekk migjuba u a skans ta' repetizzjoni terga' taghmel referenza ghal konsiderazzjonijiet maghmula. Pero' lanqas ghandu jkun mistenni mill-Qorti toqghod timmagina x'kellhom f'mohhom l-akkuzati meta fil-fehma taghhom dawn l-esperti ezorbitaw l-inkarigu lilhom moghti. Kwindi gjaldarba hemm nuqqas ta' indikazzjoni minn naha ta'l-akkuzati illi jindikaw l-mertu tal-lanjanza taghhom il-Qorti tqies illi din l-eccezzjoni

kif postulata b'mod generali la tista' tigi kkunsidrata u wisq anqas milqugha.

Jinghad biss illi fir-rigward tal-esperti indikati f'din l-eccezzjoni, (u billi din l-eccezzjoni giet ukoll ventilata mill-akkuzat Vincent Muscat), b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2017, il-Magistrat Inkwirenti hatar lil Alvin Cardona bhala espert tekniku u lil PC Clinton Vella bhala ufficjal tax-xena tar-reat. B'digriet imbaghad tas-17 ta' Ottubru 2017 John Gera gie mahtur bhala 'espert fis-*safety and security* tal-membri tal-iskwadra investigattiva kollha fuq ix-xena tad-delitt, waqt iz-zamma u l-ezami tal-provi kollha migbura u ppreservati f'kull stadju iehor hekk ordnat mill-Inkwirenti' u Mario Cmarec bhala "*post blast explosives expert*" b'digriet tat-13 ta' Novembru 2017. Illi fir-rigward tal-esperti PC813 u Mario Cmarec l-Qorti diga' ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-inkarigi lilhom moghtija u x-xoghol minnhom espletat. Fir-rigward tal-esperti Cardona[97] u Gera[98], l-Qorti ezaminat ir-rapporti taghhom u x-xhieda minnhom moghtija fl-Istruttorja u ma tarax illi huma ezorbitaw l-inkarigu lilhom moghti kif hawn fuq imfisser fir-rapporti taghhom.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda. (Eccezzjoni numru 117)

Sorvolati l-eccezzjonijiet preliminari imqanqla mill-akkuzati ahwa Degiorgio, il-Qorti sejra tghaddi biex titratta l-eccezzjonijiet sollevati mill-akkuzat Vincent Muscat li fil-maggior parti taghhom huma simili ghal uhud minn dawk intentati mill-ko-akkuzati Degiorgio.

---

[97] Ara rapport Dokument AC1 u xhieda Vol. 3 a fols. 2343 tal-atti kumpilatorji.
[98] Ara rapport Dokument JG1 u xiehda Vol.4 a fols. 2752 u 2763 tal-kumpilazzjoni

**ECCEZZJONIJIET TA'L-AKKUZAT VINCENT MUSCAT.**

i. **Dwar in-nullita tal-proceduri:**

Illi fl-ewwel eccezzjoni minnu ntentata l-akkuzat Vincent Muscat jecepixxi n-nullita tal-proceduri ghal tlett motivi minnu elenkati u spjegati fin-nota pprezentata minnu.

a. L-akkuzat Muscat jattakka l-validita ta'l-atti kumpilatorji fuq il-premessa illi l-Qorti Istruttorja naqqset milli tosserva id-dettami stabbiliti fl-artikolu 391 tal-Kodici Kriminali matul is-smiegh tax-xhieda. Illi din l-eccezzjoni diga' giet trattata aktar kmieni f'din is-sentenza u hija identika ghall-eccezzjoni numru 116 imqanqla mill-akkuzati Degiorgio. Il-Qorti taghmel referenza ghal konsiderazzjoniiet hemmhekk maghmula u tiddikjara li m'ghandha xejn x'izzid ma'l-istess. Kwindi din l-eccezzjoni qed tigi michuda.
b. Jilmenta wkoll l-akkuzat, similment ghall-akkuzati Degiorgio, illi l-Qorti Istruttorja naqqset milli tisma' evidenza mitluba minn wiehed mill-akkuzati u dan minghajr raguni tajba sabiex b'hekk avverat ruhha ic-cirkostanza mahsuba fl-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali tali li tirrendi difettuzi l-atti kumpilatorji. Illi l-Qorti ukoll diga trattat dan l-ilment *funditus* meta kkunsidrat l-ecccezzjonijiet 98 u 99 imressqa mill-akkuzati Degiorgio u m'ghandha xejn iktar x'izzid mal-konsiderazzjonijiet hemmhekk maghmula. Din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda.
c. Similment ghal-ko-akkuzati Degiorgio, l-akkuzat Muscat jirriavviza difett fl-atti kumpilatorji u dan meta l-Qorti Istruttorja, fil-fehma tieghu, rrifjutat minghajr raguni tajba li tisma' xhieda mitluba mill-

ko-akkuzat Degiorgio liema xiehda kienet essenzjali ghalih ukoll. Din l-eccezzjoni ukoll giet imqanqla mill-akkuzati Degiorgio u trattata mill-Qorti meta qieset l-eccezzjoni numru 101 aktar kmieni f'din is-sentenza. Ghall-istess motivi hemmhekk migjuba din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**ii. Dwar id-dritt kostituzzjonali**

L-isfilz tar-rapporti u xiehda ta'l-esperti barranin nominati mill-Magistrat Inkwirenti u cioe' William Schute u Richard Fennern mill-*Federal Bureau of Investigations*, Mario Cmarec, Kostantinos Petrou, Sami Harmoinen, Marco Tolli u Isreal Gordillo Torres mill-*Europol*, u Marcel, Van Beest, Martin Roos, Yohannes Martinus Verzijilberg u Hinderikus Woortmeijer minn *Netherlands Forensic Institute* billi dawn huma membri ta' korp ta' pulizija varji u kwindi ix-xoghol minnhom maghmul, l-opinjonijiet espressi fir-rapporti taghhom u ix-xiehda konsegwenzjali ghall-istess huma inammissibbli.

Illi din l-eccezzjoni ukoll giet trattata *funditus* meta din il-Qorti qieset l-eccezzjoni bin-numru 107 tal-akkuzati Degiorgio u m'ghandha xejn aktar x'izzid mal-konsiderazzjonijiet hemmhekk maghmula. Din l-eccezzjoni ghall-istess motivi qed tigi michuda.

**iii. Dwar il-hatra ta' espert wara l-bidu tal-Istruttorja izda moghija fl-*in genere*.**

Illi minn ezami tal-atti kumpilatorji, inkluzi dawk tal-*proces verbal* jirrizulta, kif diga inghad fl-eccezzjoni numru 89 imressqa mill-akkuzati Degiorgio, illi l-espert Dr. Martin Bajada kien gie mahtur bhala espert

mill-Magistrat Inkwirenti b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2017 bhala "**espert tekniku fuq IT u gbir ta' kull data digitali**". Illi minn ezami tal-atti tal-*proces verbal* jirrizultaw ghadd gmielu ta' digrieti ohra b'inkarigi specifici u dan bejn l-20 ta' Ottubru 2017 u t-23 ta' Novembru 2017 fejn f'dan tal-ahhar Dr. Martin Bajada jigi awtorizzat jikkomunika mal-*Europol* f'*The Hague* u ighaddi lilhom il-*cloned mobile phone* tal-vittma kif ukoll il-*virtual machine* kontenenti ir-*Running commentary* tal-istess vittma. Illi ghalkemm fir-rapport minnu redatt u esebiet bhala dokument MB1[99], l-espert Bajada jindika illi l-inkarigu tieghu gie estiz permezz ta' digriet iehor tas-07 ta' Marzu 2018 tal-Magistrat Claire Stafrace Zammit, madanakollu jidher mir-rapport tal-espert Spettur Charlot Casha[100], dan id-digriet kien inhareg mill-Magistrat Inkwirenti, il-Magistrat Anthony Vella u mhux mill-Qorti Istruttorja. Illi huwa minnu dak li jikkontendi l-akkuzat f'din l-eccezzjoni illi dan l-inkarigu hekk estiz qatt ma gie kkonfermat mill-Qorti Istruttorja billi l-atti tal-*proces verbal* kienu gew esebieti quddiem il-Qorti fis-seduta tas-07 ta' Frar 2018 meta hemmhekk saret il-konferma tal-hatra tal-esperti nominati fl-*in genere.* F'dak il-verbal, izda, il-Qorti Istruttorja, fuq talba tal-Prosekuzzjoni kienet awtorizzat lill-ispettur Charlot Casha sabiex jittrasporta xi esebieti lejn the Hague, kif sussegwentment awtorizzat ukoll mill-Inkwirenti bid-digriet tat-08 ta' Marzu, u mieghu kien hemm jakkompanjah l-espert Bajada.

Dan maghdud, madanakollu, jidher illi dak li kien qed jigi ordnat jaghmel l-espert Bajada, (li *del resto* kien diga gie mahtur u l-hatra tieghu ikkonfermata kif inghad, bhala espert tal-IT, telefonija u ghal gbir ta' kull *data* digitali), kien illi jikkomunika mal-esperti tal-Europol, sabiex jikseb:

---

[99] Ara Vol.17 a fol. 8416 tal-kumpilazzjoni
[100] Ara digriet esebiet a fol. 3867 Vol.7 tal-atti kumpilatorji

1. kull informazzjoni relevanti minn fuq apparat u oggetti relatati ma' mezzi ta' telefonija.
2. jinghata kopja digitali ta' kull informazzjoni estratta u li sejra tigi estratta mill-istess esperti tal-Europol fuq apparat elettroniku ezaminati minnhom.
3. jinghata kopja ta' kull informazzjoni estratta mill-esperti tal-Europol minn fuq *cloned mobile phone* u l-*running commentary* tal-vittma.

Dan ifisser illi l-iskop wara l-inkarigu tal-espert kien unikament ghal gbir ta' *data* digitali kif awtorizzat li jaghmel bid-digriet originali tan-nomina tieghu  b'dan illi dan id-digriet huwa wiehed aktar specifiku. Fuq kollox ix-xoghol li kien awtorizzat jaghmel dan l-espert ma kienx jikkonsisti f'xi kostatazzjoni marbuta mal-*expertise* tieghu, jew li jaghti xi opinjoni, izda limitat unikament ghal gbir ta'*data* u rappurtar dwar l-istess u cioe' dwar kostatazzjoni ta' fatt. Illi din id-*data* li nkisbet mill-espert Bajada,  fuq kollox, tista' tigi kkonfermata mill-esperti tal-*Europol* li minn ghandhom giet migbura din l-informazzjoni, liema esperti xehdu fl-Istruttorja fis-seduta tal-04 ta' Lulju 2018 u ghalhekk wara li kien acceda fl-ufficji taghhom l-espert Bajada. Il-Qorti ukoll taghmel referenza ghal digriet iehor moghti mill-Magistrat Inkwirenti tat-23 ta' Novembru 2017 fejn l-espert Bajada gie awtorizzat "jikkomunika mal-*Europol* f'*The Hague* u jghaddi lilhom il-*cloned mobile phone* tal-vittma, kif ukoll il-*virtual machine* kontenenti r-*running commentary* tal-istess vittma." Dan l-apparat gie mghoddi lill-esperti tal-*Europol* minn Bajada sussegwentement fis-27 ta' Novembru 2017. (Dokument MB4). Illi l-informazzjoni estratta minn dawn id-dokumenti li gew mghoddija lil esperti tal-*Europol* nghatat lill-espert Bajada kif inghad in forza tad-

digriet tas-07 ta' Marzu 2018. Illi l-Qorti tqies illi l-informazzjoni dwar din l-estrazzjoni allura hija estensjoni tal-inkarigu originali lilu moghti u ma tista' tirriavviza ebda nullita' f'dan id-dokument hekk esebiet billi ma jistax jinghad illi huwa ghamel xi xoghol li ma kienx awtorizzat illi jaghmel.

Illi finalment il-Qorti tirrileva illi fir-rigward tal-informazzjoni mill-*cloned mobile phone* tal-vittma u l-istess *running commentary*, kienu l-akkuzati stess li qabblu mal-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-03 ta' Mejju 2019 illi l-Qorti Istruttorja tahtar lill-Imhallef Emeritus Michael Mallia sabiex wara li jkun mghoddi lilu d-*data* mill-espert Dr. Martin Bajada dwar il-kontenut tal-*whats app chats* u *emails* fic-cellulari tal-vittma li gie *cloned* mill-espert Bajada, liema informazzjoni ma setatx tigi moghtija minn dan l-espert sabiex ma jigux zvelati is-sorsi ta'l-istess, jidentifika u jnizzel dawk il-kliem li jikkostitwixxu theddid skont il-ligi penali u li kienu kontenuti f'dan ic-cellulari b'dan illi is-sorsi tal-imsemmija messaggi jkunu protetti[101]. Dan ifisser illi ma kien qed issir ebda oggezzjoni ghal informazzjoni li kien kiseb l-espert Bajda fir-rigward ta' dawn l-esebieti li gew mghoddija lil Europol mill-akkuzati izda tallbu biex tigi estratta informazzjoni mill-istess.

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

### iv. **Dwar agir *ultra vires* in-nomina ta' xi esperti u ix-xhud Mario Cmarec.**

[101] Ara verbal Vol. 18 a fol.8499 tal-atti kumpilatorji

Illi l-akkuzat f'dawn iz-zewg eccezzjonijiet minnu ntentati jilmenta illi l-esperti PL Mario Buttigieg, Alvin Cardona, Spettur Charlot Casha, Dr. Marisa Cassar, John Gera u PC813 Clinton Vella ma espletawx l-inkarigu lilhom moghti skond id-digriet tal-hatra taghhom, kif ukoll jilmenta illi l-espert Mario Cmarec mar *ultra vires* il-permess lilu moghti u hadem ma' persuni li ma kenux mahtura bhala esperti.

Illi fir-rigward ta' dawn l-ilmenti ventilati mill-akkuzat Muscat il-Qorti ukoll diga' ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha u dan meta kienu qed jigu trattati l-eccezzjonijiet numri 43, 44, 51, 59, 64, 65, 66 u 117 u tiddikjara li ma ghandha xejn aktar x'izzid ma' dak diga' mistqarr aktar kmieni f'din is-sentenza.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**v. <u>Dwar il-*hearsay evidence* rule</u>**

Din l-eccezzjoni ventilata mill-akkuzat Vincent Muscat hija marbuta mat-testimonjanza ta'l-Ispettur Keith Arnaud u l-Ispettur Kurt Zahra u dan fl-ewwel lok referribilment ghall-informazzjoni minnhom miksuba minn ghand is-servizzi tas-sigurta' li kienu qed jaghmlu xoghol ta' *phone tapping*. Jishqu illi gjaldarba ma gie pprezentat ebda mandat tal-Ministru responsabbli ghall-Intern li awtorizza l-imsemmi *tapping* ta' telefonati u ukoll stante illi ir-registrazzjoni tal-konversazzjonijiet hekk miksuba qatt ma giet esebieta kwindi dak mistqarr minn dawn l-ufficjali investigattivi ma jista' qatt jigi kkonfermat minn xiehda diretta u kwindi inammissibbli billi tapplika r-regola tal-*hearsay evidence* ghalihom.

Jerga jigi ribadit illi mhux kull relazzjoni ta' x'qal haddiehor tikkostitwixxi *hearsay evidence* izda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-uzu li wiehed jippretendi li jsir minn dak rakkontat u allura l-Qorti ma tistax aprioristikament tqies din il-prova bhala inammissibbli. Illi l-Qorti diga' rreferiet ampjament ghad-dritt in materja ta' evidenza fuq kliem haddiehor u dak mistqarr f'din l-evidenza ghalkemm ma jista' qatt jittiehed bhala prova illi l-fatti hemmhekk riportati tassew sehhew madanakollu jistghu jikkostitwixxu prova indiretta u sekondarja u cioe' f'dan il-kaz prova dwar l-*iter* li hadet l-investigazzjoni tal-pulizija. Ovvjament jekk din il-prova diretta ma tingiebx allura il-gurati ghandhom jigu ggwidati mill-Imhallef togat dwar il-piz li ghandha tinghata din l-evidenza. Dan sahansitra kien ukoll il-hsieb wara d-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet George Degiorgio vs Avukat Generali et.

> **"33. Wieħed irid jiftakar ukoll li f'proċeduri ġudizzjarji għandhom isiru l-aħjar provi (Artikolu 559 tal-Kodiċi Ċivili). Il-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` diġa żvela li inħareġ mandat. Pero` dak li xehed ma joħloq l-ebda presunzjoni li l-mandat inħareġ skont il-liġi.**
> **34. Hu fatt li l-intimat qiegħed isostni li l-mandat hu dokument privileġġat u l-liġi ma tippermettilux li jippreżentah. Bil-mod li qegħdin jirraġunaw l-intimati jagħtu wieħed x'jifhem li d-dikjarazzjoni tal-Kap tasServizz tas-Sigurta` li qal li inħareġ mandat mill-Ministru kompetenti, hi prova biżżejjed. Dik hi l-għażla tal-intimati u l-Qorti ma tarax li għandha toqgħod tgħidilhom xi prova għandhom iressqu sabiex tingħata prova li linterċettazzjonijiet telefoniċi saru skont il-liġi. ....**
>
> **36. Dan ifisser li ġie żvelat mill-intimat innifsu li kien inħareġ mandat. Kif diga` osservat, skont il-liġi f'proċess ġudizzjarju għandha titressaq l-aħjar prova. Alternattivament niġu f'sitwazzjoni fejn persuna tista' tgħid li trid mingħajr l-obbligu li tissostanzja dak li tgħid. Il-mandat hu l-aħjar prova li bih ix-xhud Joseph Bugeja jissostanzja dak li xehed. Dan wara li kien hu stess li xehed li inħareġ mandat kontra r-rikorrent. Fiċ-ċirkostanzi ma**

**jistax issa l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` wara li xehed li l-interċettazzjonijiet saru wara li nħareġ mandat, jinqeda bid-dispożizzjonijiet tal-liġi sabiex jevita milli jressaq l-aħjar prova li dak li sar hu skont il-liġi.**
**37. Ovvjament jekk l-intimat jonqos milli jippreżenta l-mandat relattiv bir-rekwiżiti kollha li trid il-liġi, ikun ifisser li ma ġabx il-prova li l-interċettazzjoni saret skont il-liġi, bil-konsegwenzi kollha li tali nuqqas jista' jġib miegħu."**

Illi allura ghalkemm f'dan l-istadju l-Qorti ma tistax tiddikjara din il-prova bhala wahda nammissibbli ghaliex fiha dawn iz-zewg xiehda jaghtu rendikont, kif *del resto* obbligati li jaghmlu, tal-investigazzjonijiet minnhom kondotti, madanakollu fin-nuqqas illi ssir l-ahjar prova, allura il-gurati ghandhom ikunu ndirizzati sabiex dak mistqarr minn dawn l-ufficjali investigattivi u mhux sostanzjata jew korroborat minn provi ohra diretti jew sekondarji ma ghandu jkollu ebda valur probatorju. L-istess jista' jinghad ghal kwalunkwe informazzjoni li dawn l-ufficjali investigattivi fil-kors tax-xiehda taghhom ighidu li ghandhom dwar l-akkuzat Muscat (huwa jaghmel referenza ghal informazzjoni indikata fols. 188, 205 u 2030), liema informazzjoni trid tigi sostanzjata bi provi adegwati li jilhqu il-grad tal-prova mistenni mill-Prosekuzzjoni.

Illi finalment fir-rigward tal-mistoqsijiet li saru fil-kors tal-interrogatorju tal-akkuzat wara l-arrest tieghu[102], il-Qorti ukoll diga' esprimiet ruhha fir-rigward meta kienet qed tqies l-eccezzjonijiet sollevati mill-akkuzati Degiorgio fejn gie sottolinjat illi l-mistoqsijiet maghmula f'interrogazzjoni minn ufficjal investigattiv ma jikkostitwixxu ebda prova fil-kaz u di piu' tali mistoqsijiet huma perfettament legittimi u huwa permissibbli illi jintuzaw stratagemmi mill-interrogatur billi anke jitqieghdu mistoqsijiet li jistghu ma jkollhom ebda bazi fil-verita'.

[102] Ara eccezzjonijiet tal-akkuzati Degiorgio numri 33 sa 39 *supra*

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

vi. **<u>Dwar il-Vodafone Limited, Go plc u Melita plc</u>**.

L-akkuzat jecepixxi n-nullita' tal-evidenza imressqa permezz ta'l-informazzjoni moghtija minn dawn il-provdituri tas-servizz u dan meta skont id-dritt ewropew in materja u l-gurisprudenza tal-qrati taghna din l-informazzjoni ma setatx tinghata lil pulizija jew lill-esperti mahtura fl-*in genere* jew quddiem il-Qorti Istruttorja billi tikser l-privatezza tad-*data*.

Illi l-Qorti hawnhekk ukoll diga' esprimiet ruhha in materja u dan fil-konsiderazzonijiet marbuta mal-eccezzjoni numri 105 u 106 imressqa mill-akkuzati ahwa Degiorgio fost ohrajn u tiddikjara li ma ghandha xejn aktar x'izzid fir-rigward.

Ghaldaqstant anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**vii. <u>Dwar l-istqarrija tal-akkuzat Vincent Muscat.</u>**

Illi f'din l-eccezzjoni l-akkuzat jecepixxi n-nullita ta'l-istqarrija minnu rilaxxjata u dan billi ghalkemm skont il-ligi kif mahsub fl-artikolu 366E(3) Kap.9, huwa d-dritt tieghu li jaghzel li ma jwegibx ghal mistqosijiet li jkunu qed isirulu waqt l-interrogatorrju, madanakollu l-ufficjali investigattivi bdew ighaddu kummenti dwar dan in-nuqqas minn naha ta'l-akkuzat li jwiegeb ghad-domandi taghhom. Iqies ghalhekk illi dawn il-kummenti ghandhom jigu mnehhija mill-istqarrija tieghu billi huma vjolattivi ta' dak dispost fl-artikolu 634(1) tal-Kodici Kriminali.

Illi jibda biex jinghad illi l-artikolu 634(1) indikat mid-difiza jirreferi ghad-dritt ghas-silenzju li ghandu persuna li huwa mixli quddiem qorti tal-gustizzja penali, li jista' jaghzel li ma jiehux il-pedana tax-xhieda, u li s-silenzju tieghu ma jistax jittiehed bhala xi ammissjoni ta' htija.

Dak li qed jirreferi ghalih l-akkuzat izda huwa il-jedd tieghu ghas-silenzju fl-istadju hekk ismejjah "*pre-trial*" u cioe' fil-mument meta huwa ghadu mhux mixli b'reat kriminali. Illi huwa l-artikolu 366E tal-Kodici Kriminali li jaghti l-jedd lil persuna suspettata (u ukoll akkuzata) li tibqa' siekta fir-rigward tar-reat kriminali li dik l-persuna tkun issusspettata li wettqet, u dan meta l-istqarrija minnha rilaxxjata tista' tingieb bhala prova fil-proceduri penali li jigu sussegwentement istitwiti kontra taghha. Illi madanakollu is-salvagwardja mahsuba fis-sub-inicz (3) hija tali illi thares lil persuna suspettata li tibqa' siekta u b'hekk tezercita d-dritt li ma tinkriminax ruħha, milli tali silenzju jintuża kontriha u jitqies bħala evidenza li hija wettqet r-reat kriminali kkonċernat. Din hija it-twissija li ghandha tinghata (<u>u dejjem tinghata sa mill-istadju inizjali tal-guri</u>) lil gurija popolari u dan b'referenza ghall-istqarrija tal-persuna akkuzata li taghzel li tezercita d-dritt sagrosant li ma tinkriminax ruhha anke fi stadju qabel ma jigu istitwiti l-proceduri penali kontra taghha, silenzju li bl-ebda mod ma jista jittiehed bhala xi ammissjoni ta' htija. Dan ifisser illi kwalunkwe kumment li setghu ghaddew l-ufficjali investigattivi filwaqt li kienu qed jinterrogaw lill-akkuzat Muscat, u dan referibbilment ghal fatt illi huwa ghazel li jezercita dan id-dritt tieghu, certament ma ghandha qatt tikkostitwixxi ebda prova ta' ammissjoni ta' htija. Dan ma jfissirx illi dawn l-ufficjali ma setghux juzaw dawn l-istratagemmi investigattivi, kif

diga inghad, u dan meta fl-interrogatorrju huma jkunu qed jippruvaw jasslu ghal verita'.

Illi allura lanqas din l-eccezzjoni ma jisthoqqilha akkoljiment, fl-ewwel lok billi kif diga' inghad f'din is-sentenza, l-ufficjali investigattivi jistghu juzaw stratagemmi investigattivi fil-kors tal-interrogatorju, illi dawn il-mistqosijiet li jitqieghdu lil persuna suspettata ma jikkostitwixxu ebda prova fil-kaz, billi huma it-twegibiet li jintuzaw bhala prova u finalment il-Qorti dejjem twissi lil gurati dwar id-dritt sagrosant tal-persuna suspettata/akkuzata kontra l-awto-inkriminazzjoni u li tali silenzju qatt ma jista' minnhom jinftiehem bhala xi ammissjoni ta' htija.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**viii. <u>Dwar ir-recediva.</u>**

L-akkuzat jilmenta illi s-sentenza esebieta mill-Prosekuzzjoni fil-kors tal-kumpilazzjoni bhala prova tar-recediva fit-termini ta'l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali (Dokument VM1 – fol.3256) ma tista' qatt tikkostitwixxi prova ta' dan l-addebitu billi ma hemm ebda prova li din is-sentenza ghaddiet in gudikat u li l-multa hemmhekk inflitta thallset mill-akkuzat u ghalhekk li l-piena giet minnu skontata. Dan apparti l-fatt illi t-terminu ta' hames snin imfassal fl-artikolu 50 lahaq iddekorra.

Illi l-Qorti ttrattat din il-kwistjoni dwar ir-recediva u l-prova li trid tingieb dwar l-istess meta ikkunsidrat l-eccezzjoni numru 57 imressqa mill-akkuzati ahwa Degiorgio u tiddikjara li ma ghandha xejn aktar x'izzid mal-konsiderazzjonijiet hemmhekk maghmula.

Ghal dawn il-motivi anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**ECCEZZJONIJIET TA'L-AVUKAT GENERALI GHALL-AMMISSIBBILITA' TA' PROVI MITLUBA MILL-AKKUZATI FIT-TERMINI TA'L-ARTIKOLU 438(3) TAL-KODICI KRIMINALI.**

Trattati l-eccezzjonijiet kollha tat-tlett akkuzati, jifdal biex jigu kkunsidrati l-eccezzjonijiet imqanqla mill-Avukat Generali dwar ix-xhieda mitluba mill-akkuzati fil-Lista tax-Xhieda annessa man-noti ta'l-eccezzjonijiet.

Illi qabel kull konsiderazzjoni fil-mertu ta' dan l-avviz moghti mill-Avukat Generali dwar l-inammissibilita ta' xhieda indikati mill-akkuzati u dokumenti minnhom esebieti flimkien man-nota ta'l-eccezzjonijiet, jinghad illi kif gie diversi drabi deciz 'fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali għandha tiddeċiedi fit-termini ta' l-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali hija l-ammissibilita` ta' prova bħala kontrapposta għar-rilevanza ta' l-istess, b'dan li, indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tiġi regolata jew addirittura eskluża bħala rrilevanti fl-istadju tas-smiegħ tal-provi, l-istess m'għandhiex tiġi preventivament u aprioristikament eskluża jekk tista' tirriżulta rilevanti ghal '*facts in issue*'.[103]'

Illi fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2012, gie hekk deciz:

[103] App.Sup. Ir-Repubblika ta' Malta vs Christopher Philip Agius deciza 02/05/2013

**28. L-akkuzat appellant, izda, ghandu ragun isostni li x-xhieda minnu indikati u enumerati (1)(2)(4)(5)(6)(7) ma setghux jigu dikjarati inammissibbli mill-ewwel Qorti fin-nuqqas ta' xi regola legali li teskludi l-produzzjoni taghhom. Dan ormai huwa ben assodat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma hix bi hsiebha hawnhekk tirripeti. L-oggezzjoni tal-Avukat Generali fl-eccezzjoni tieghu rigwardanti dawn ix-xhieda hi merament kwistjoni ta' relevanza u mhux ta' ammissibilita`, u materja ta' relevanza hi rimessa biex tigi regolata mill-Imhallef togat fil-kors tal-guri. Jekk l-Avukat Generali xtaq aktar informazzjoni minn dik provduta mill-akkuzat fil-lista tax-xhieda tieghu sabiex jiddetermina r-relevanza tax-xhieda msemmija l-istess Avukat Generali kellu l-ghazla li, kif previst fil-proviso tas-subartikolu (4) tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali, b'rikors jitlob li dak li jrid jiġi ippruvat bix-xhieda jiġi iddikjarat. L-Avukat Generali, izda, naqas milli jirrikorri ghal dan ir-rimedju."**

Illi allura dak li hi imsejjha l-Qorti biex taghmel f'dan l-istadju huwa sabiex tqies jekk l-oggezzjoni ta'l-Avukat Generali hijiex arginata sew fin-nuqqas ta' ammissibbilta' ta' dik il-prova li l-akkuzat qed ifittex illi jaghmel u dan ghaliex il-ligi stess tipprekludi dik il-prova milli tingieb 'il quddiem. Fin-nuqqas jekk din hija kwistjoni ta' rilevanza allura dan il-fatt ghandu jigi rimess ghal gudizzju tal-gurija fil-kors tat-trattazzjoni tal-kaz matul il-guri:

**"altro e' ricercare se un mezzo di prova offerto dall'accusa o dalla difesa abbia le condizioni richieste dall legge per essere ricevuto in gudizio, ed altro ricercare se un mezzo di prova permesso dalla legge abbia le condizioni di ragione per essere considerato concludente rispetto a qualunque degli elementi del fatto giuridico in controversia.[104]"**

1. **Fir-rigward ta'l-akkuzat Vincent Muscat.**

[104] Rex vs Savona – 05/03/1904

L-Avukat Generali joggezzjona ghas-smiegh tax-xiehda ta' Dr. Peter Grech u wkoll ghall-esebizzjoni tad-dokument VMY anness man-nota ta'l-eccezzjonijiet ta' Vincent Muscat u dan fit-termini ta'l-artikolu 438(3) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-akkuzat jitlob li jressaq bhala xhud lil Dr. Peter Grech x'aktarx fil-vesti li kien jokkupa dak iz-zmien bhala l-Avukat Generali. Il-Prosekuzzjoni tqies illi dan mhuwiex xhud ammissibbli u fil-fatt jitlob lil Qorti tordna lill-akkuzat Muscat jindika l-oggett tal-prova li jixtieq li ssir permezz tal-produzzjoni ta' dan ix-xhud. Iqies illi dan ix-xhud ma ghandu ebda konnessjoni mal-fattispecje tal-mertu ta' dan il-kaz. Jishaq inoltre illi l-imsemmi xhud ma jistax jissejjah biex jiddeponi fir-rigward tal-funzjonijiet tal-Ufficju tieghu, apparti li huwa l-Prosekutur fil-kaz.

Illi fin-nota ipprezentata minnu fil-21 ta' Ottubru 2019, ighid hekk l-akkuzat rigward l-oggett tal-prova li jrid jaghmel permezz tax-xhud Dr. Peter Grech minnu ndikat:

> **"L-esponenti, tramite s-sottoffirmat diga' kellu l-opportunita' jispjega r-raguni ghat-tahrika ta' dawn ix-xhieda lir-rikorrenti, l-iskop tal-prova, l-istadju meta tali prova ser tkun mehtiega jekk ikun il-kaz, u l-portata ta' tali xhieda."**

Illi l-Qorti ftit li xejn tista' tasal biex tifhem ir-raguni, jew ahjar in-nuqqas taghha, moghtija mill-akkuzat Muscat u mhijiex lanqas mistennija toqghod tispekula x'tista' tkun din ir-raguni. Jinghad biss illi l-artikolu 91(3) tal-Kostituzzjoni jirrendi insindikabbli s-setghat moghtija lil Avukat Generali fid-decizjonijiet mehuda minnu meta huwa jistitwixxi proceduri penali kontra xi individwu meta hemm hekk dispost:

**“Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu biex jistitwixxi, jagħmel u jwaqqaf proċeduri kriminali u ta’ kull setgħat oħra mogħtija lilu b’xi liġi f’termini li jawtorizzawh li jeżerċita dik is-setgħa fil-ġudizzju individwali tiegħu l-Avukat Ġenerali ma jkunx suġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta’ ebda persuna jew awtorità oħra.”**

Illi allura jekk l-iskop ghal produzzjoni ta’ dan ix-xhud ser tkun arginata f’dawn il-funzjonijiet li huwa kien jaqdi meta kien jokkupa l-kariga ta’ Avukat Generali u cioe’ jekk x-xiehda minnu mitluba hija marbuta mal-prosekuzzjoni ta’ dan il-kaz, allura tali prova hija nammissibbli. Madanakollu l-Qorti ma tistax *a priori* tqies illi dan ix-xhud huwa inammissibbli jekk l-akkuzat ifittex biex jaghmel xi prova mod iehor u mhux fil-parametri mfassla fil-Kostituzzjoni u kwindi ghalkemm din l-eccezzjoni f’dan l-istadju ma tistax tintlaqa’, madanakollu tidderigi lill-akkuzat sabiex jekk iressaq bhala xhud lil Dr. Peter Grech jara li l-iskop tax-xiehda tieghu ma tkunx marbuta mal-funzjonijiet tieghu bhala Avukat Generali kif imfisser fl-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni hawn fuq iccitat.

Illi fir-rigward tad-dokument VMY li huwa dokument redatt minn certu Dr. Sean Mizzi, l-Avukat Generali ukoll ghandu ragun fl-ilment minnu ventilat u dan ghaliex dan id-dokument huwa biss fotokopja mhux awtentikata u ghalkemm il-Qorti mhijiex ser tghaddi biex tordna l-isfilz tieghu, madanakollu l-persuna li rredigiet dan id-dokument ghandha tixhed fil-kors tal-guri sabiex tikkonferma l-kontenut tieghu, ghalkemm din il-persuna mhijiex indikata fil-Lista tax-Xhieda tal-akkuzat Muscat. Illi anke hawnhekk l-akkuzat lanqas jindika l-oggett tal-prova li sejjer jaghmel bl-esebizzjoni ta’ dan id-dokument mediku.

2. <u>Fir-rigward tal-akkuzati Alfred Degiorio u George Degiorgio.</u>

Illi fil-lista tax-xhieda annessa mal-att ta'l-akkuza l-akkuzati Degiorgio jindikaw bhala xhieda terzi persuni li ghamlu traduzzjonijiet tad-deposizzjoni tax-xiehda tal-Ispettur Keith Arnaud, ta' Dr. Daniel Vella u ukoll ta' Jason Pavia u l-Inginier Mario Cordina, dawn l-ahhar tnejn rapprezentanti tas-socjeta Vodafone. Dawn it-traduzzjonijiet huma annessi fil-Lista tad-Dokumenti bhala ITA1 sa ITA3. Jindikaw ukoll certu Inginier Paolo Reale, l-Inginier Daniele Peroni, kif ukoll rapprezentanti mid-ditta Cherry Biometrics fosthom Michael Cherry u Manfred Schenk.

L-Avukat Generali joggezzjona ghal produzzjoni ta' dawn ix-xhieda u l-esebizzjoni tat-traduzzjonijiet redatti mill-International Translation Agency Limited u tax-xhud Rachid Titouah ghal konferma ta'l-istess. Jishaq mhux biss illi dawn huma provi inammissibbli, izda ukoll juru car u tond li kien hemm vjolazzjoni minn naha ta'l-akkuzati ta' dak li jiddisponi l-artikolu 518 tal-Kodici Kriminali billi huwa evidenti illi huma ghaddew kopji tal-atti processwali lil terzi meta ma kenux gew debitament awtorizzati jaghmlu dan preventivament mill-Qorti.

Illi fuq din l-ahhar oggezzjoni, jibda biex jinghad illi r-regola minn dejjem mharsa mill-qrati ta' gustizzja penali hija li l-proceduri huma pubblici u ghandhom isiru bil-miftuh, hlief f'dawk ic-cirkostanzi specjali u straordinarji fejn il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tidderoga minn dan il-principju:

> ***"The requirement of publicity of all criminal proceedings is one of the most fundamental guarantees of an efficient and proper administration of criminal justice. 'Truth and Justice' – as***

***Lucchini rightly observes – 'cannot and must not have any secrets or mysteries. It is an error and a prejudice to believe that the publicity of proceedings may, in ordinary cases, adversely affect their genuiness and efficiency.' ….***

***Such publicity sanctions and re-affirms the collective interest of the whole community in the criminal action. ….. this principle of publicity is an essential and characteristice feature of the Accusatorial system. It postulates that from the beginning criminal proceedings should take place in public and may be fully reported.[105]"***

Illi l-uniku cirkostanza fejn l-proceduri ta' natura penali mhumiex pubblici huwa biss fejn il-qorti tordna, ghal xi raguni, illi l-proceduri ghandhom isiru bil-maghluq. Dan madanakollu ma ghandu qatt jimpingi fuq id-drittijiet tal-persuna akkuzata li tkun prezenti ghal kull seduta quddiem il-Qorti u li jkollha access ghad-dokumenti u materjal li jinsab fl-atti processwali.

Issa huwa minnu li l-artikolu 518 jahseb ghal deroga ghal pubblicita ta'l-atti meta hemm dispost illi "**l-atti u d-dokumenti tal-qorti ta' ġustizzja kriminali ma jistgħu jintwerew lil ħadd, lanqas ma jistgħu jingħataw kopji tagħhom, mingħajr permess speċjali tal-qorti, ħlief lill-Avukat Ġenerali, lill-partijiet fil-kawża jew lill-avukat jew prokuratur legali li jkun awtorizzat mill-istess partijiet; imma dawk l-atti kollha li jkunu nqraw fil-qorti bil-miftuħ, jista' jarahom kull min irid u jistgħu jingħataw kopji tagħhom, bil-ħlas tad-dritt soltu**." Madanakollu kif jidher mill-kliem adoperat mill-legislatur kull parti ghandha ikollha access ghall-atti u d-dokumenti kollha flimkien mal-avukati awtorizzati mill-istess partijiet.

[105] Notes on Criminal Procedure – Prof. Sir A. J. Mamo

Issa l-Avukat Generali qieghed joggezzjona ghal fatt illi l-akkuzati ghaddew kopji mill-atti tal-kumpilazzjoni lil terzi persuni minnhom inkarigati, li uhud minnhom gew awtorizzati minnhom jaghmlu traduzzjoni ta' deposizzjoni ta' xhieda mill-ilsien Malti ghal dik Ingliza, imbaghad ghal ohrajn li fil-fehma ta'l-Avukat Generali gew inkarigati mill-akkuzati bhala esperti "*ex parte*" biex jaghtu l-fehma taghhom rigward il-fatti esposti fl-Istruttorja marbuta mal-informatika, telefonija u it-thaddim ta' torrijiet cellulari fost ohrajn.

Illi fil-fatt huwa wiehed mill-iskopijiet ghaliex issir l-kumpilazzjoni u dan sabiex il-persuna akkuzata tkun taf minn qabel liema hija dik l-evidenza li ser tingieb fil-konfront taghhom matul il-guri. B'hekk ikollha l-opportunita kollha li thejji d-difiza taghha ghall-akkuzi lilha addebitati mill-Avukat Generali fl-Att ta'l-Akkuza. Huwa ghalhekk illi l-persuna akkuzata ghandha l-jedd tawtorizza lill-avukat jew prokuratur legali taghha ikollu access ghad-dokumenti u xiehda imressqa fl-istadju kumpilatorju. Dan huwa jedd sagrosant tal-persuna akkuzata li jinghata smiegh xieraq kif imhaddan fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem billi jkollu difiza adegwata. Dan ifisser allura illi meta l-avukat difensur ihoss il-htiega li jfittex l-assistenza ta' xi persuna b'xi sengha u hila specjali sabiex jassistieh ihejji din id-difiza tal-persuna akkuzata, ma hemm xejn x'josta milli bl-awtorizazzjoni tal-klijent tieghu huwa jikkomunika ma' dawk in-nies li, fil-fehma tieghu, jkunu jistghu joffrulu dik l-assistenza shiha u adegwata.  Fil-fatt anke il-Qorti stess ghandha taghti lil avukat tal-persuna akkuzata access ghall-inkartament dejjem jekk din tkun giet awtorizzata mill-akkuzat stess. Dan id-dritt gie hekk imfisser:

***49. The Court reiterates that the key principle governing the application of Article 6 is fairness. The right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting the guarantees of Article 6 § 1 of the Convention restrictively (see Moreira de Azevedo v. Portugal, 23 October 1990, § 66, Series A no. 189, and A.B. v. Slovakia, no. 41784/98, § 54, 4 March 2003).***

***50. The concept of a fair hearing implies, inter alia, the right to adversarial proceedings, according to which the parties must have the opportunity not only to make known any evidence needed for their claims to succeed, but also to have knowledge of, and comment on, all evidence adduced or observations filed, with a view to influencing the court's decision (see Nideröst-Huber v. Switzerland, 18 February 1997, § 24, Reports of Judgments and Decisions 1997-I, and Mantovanelli v. France, 18 March 1997, § 33, Reports 1997-II). In this respect, the Court notes that it is possible that a procedural situation which does not place a party at any disadvantage vis-à-vis his or her opponent still represents a violation of the right to adversarial proceedings if the party concerned did not have an opportunity to have knowledge of, and comment on, all evidence adduced or observations filed, with a view to influencing the court's decision (see Krčmář and Others v. the Czech Republic, no. 35376/97, §§ 38-46, 3 March 2000).*** (sottolinjar tal-Qorti)

***51. The Court further reiterates that Article 6 § 3 (b) guarantees the accused "adequate time and facilities for the preparation of his defence" and therefore implies that the substantive defence activity on his behalf may comprise everything which is "necessary" to prepare the main trial. The accused must have the opportunity to organise his defence in an appropriate way and without restriction as to the ability to put all relevant defence arguments before the trial court and thus to influence the outcome of the proceedings (see Mayzit v. Russia, no. 63378/00, § 78, 20 January 2005; Connolly v. the United Kingdom (dec.), no. 27245/95, 26 June 1996; Can v. Austria, no.9300/81, Commission's report of 12 July 1984, Series A no. 96, § 53; and Moiseyev v. Russia, no. 62936/00, § 220, 9 October 2008). When assessing whether the accused had adequate time for the preparation of his defence, particular regard has to be had to the nature of the proceedings, as well as the complexity of the case and stage of the proceedings (see X. v. Belgium, no. 7628/76, Commission decision of 9 May 1977, Decisions and Reports (DR) 9, p. 172, and Albert and Le Compte v. Belgium, 10 February 1983, § 41, Series A no. 58).[106]"***

Spjanati dawn id-drittijiet fondamentali tal-akkuzati, il-Qorti ghalhekk ma tistax tilqa' l-oggezzjoni ta'l-Avukat Generali illi l-akkuzati ghaddew

[106] Gregacevic vs Poland – application number 58331/09 First section deciza 10/07/2012, final 10/10/2012.

kopji tal-atti lil terzi minghajr l-awtorizazzjoni tal-Qorti jekk dan l-ezercizzju sar minnhom sabiex ikunu f'posizzjoni ihejju d-difiza taghhom ahjar, ghalkemm kien ikun desiderabbli kieku ottjenew il-permess tal-Qorti preventivament.

Dan maghdud, madanakollu, ghalkemm l-akkuzati ghandhom il-jedd jiksbu l-assistenza ta' nies professjonali specjalment f'dan il-kaz fejn l-evidenza hija wahda ta' natura teknika u piuttost komplessa, dan jistghu jaghmluh unikament sabiex ikunu f'posizzjoni ahjar, tramite d-difensur taghhom illi jippruvaw jiskreditaw l-esperti mahtura mill-qorti u l-konkluzjonijiet minnhom raggunti fir-rapporti taghhom, izda mhux biex itellghu lil dawn il-professjonisti minnhom inkarigati sabiex jixhdu *ex parte* u jaghtu xi fehma jew opinjoni billi huma biss l-esperti nominati mill-Qorti li huma kompetenti sabiex jaghtu dawn il-fehmiet u opinjonijiet u l-ebda xhud iehor pajzan ma jista' jithalla jaghmel dan. Kwindi ghalkemm il-Qorti ma tistax *a priori* tiddikjara xi xhieda li l-akkuzati bi hisebhom iressqu bhala inammissibbli f'dan l-istadju, madanakollu huma ghandhom jidderigu ruhhom f'dan is-sens meta iressqu ix-xhieda taghhom in difeza, liema xhieda jistghu jixhdu biss fuq fatti u xejn izjed. Dan qed jinghad fid-dawl ta'l-iskop dikjarat mid-difiza ghal produzzjoni tax-xhieda tal-Inginier Paolo Reale u Daniele Peroni, Michael Cherry u Manfred Schenk fin-nota taghhom tal-15 ta' Ottubru 2019, b'dan ghalhekk li dawn ix-xhieda ordinarji ma jistghux jittellghu jixhdu unikament biex jiskreditaw ir-rapport ta'l-esperti tal-Qorti b'xi fehma jew opinjoni taghhom, izda jistghu jixhdu fuq fatti biss. Illi l-Qorti tal-Appell fil-kawza il-Pulizija vs Renard Cassar, deciza fl-24 ta' Settembru, 2009 irritjeniet illi:

> **"Hija prattika sancita mill-ligi, li xhieda ordinarja u cioe mhux persuni mahtura bhala espert mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew**

**jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss fuq dak illi huma kkonstataw bis-sensi taghhom. Meta jkun mehtieg xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja (artikolu 650(1) talKap 9). Il-periti skond il-kodici kriminali, ma jistghux ikunu esperti ex parte imma jridu jkunu gew maghzulin mill-Qorti (artikolu 650(1) tal-Kap 9) jew mill-Magistrat Inkwerenti li jkun qed jikkonduci l-ingenere (art. 548 u 549 tal-Kap9)"**

L-istess jista' jinghad ghax xhieda l-ohra indikati mill-akkuzati u li dwarhom l-Avukat Generali sab oggezzjoni ghal produzzjoni ta'l-istess. Illi allura jekk l-akkuzati ser itellghu lil dawn ix-xhieda unikament biex jaghtu xi fehma jew opinjoni, l-Qorti minn issa tiddikjara illi hija ser tidderigi lil gurati sabiex jiskartaw din ix-xiehda hekk moghtija.

Finalment rigward it-traduzzjoni ta' deposizzjoni ta' xiehda mill-ilsien Malti ghall-Ingliz, dawn ma jistghu qatt jikkostitwixxu ebda prova in atti billi mhux tradotti b'mod ufficjali u kwindi ma ghandhom ebda valur probatorju. Issa jekk l-akkuztai ordnaw li ssir din it-traduzzjoni bil-ghan li jkunu jistghu jikkonsultaw rwiehhom ahjar ma' xi professjonisti sabiex dawn jkunu jistghu jiggwidawhom fejn din ix-xiehda hija ta' natura teknika, dik hija kwistjoni purament privata bejn l-akkuzati u d-difensur taghhom intiza sabiex ihejju d-difiza taghhom u ma ghandha ikollha ebda valur probatorju fil-qorti. Illi ghal dawn il-motivi ghalkemm il-provi f'dan l-istadju ma jistghux jitqiesu illi huma inammissibbli billi ghad irid jigi determinat fl-istadju tac-celebrazzjoni tal-guri l-oggett tal-prova li jridu jaghmlu l-akkuzati permezz ta' din l-evidenza, madanakollu tidderigi lil-akkuzati sabiex jekk l-ghan ta' din il-prova hija unikament sabiex tinghata xi fehma jew opinjoni minn xhieda li huma *ex parte*, din mhijiex ser tithalla tingieb 'il quddiem ghal konsiderazzjoni tal-gurati ghal motivi hawn fuq spjegat. Kif lanqas jistghu jigu mghoddija lil gurati xi

traduzzjonijiet ta' dokumenti u/jew xiehda mhux maghmula ufficjalment mill-Qorti.

Illi finalment dwar ix-xiehda tal-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' u l-oggezzjoni maghmula mill-Avukat Generali fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 391 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghmel referenza ghal konsiderazzjonijiet maghmula u l-gurisprudenza ccitata in materja aktar kmieni f'din is-sentenza u tqies illi gjaldarba l-Prosekuzzjoni taghmel referenza ghal xi *tapping* ta' telefonati li saru mis-Servizzi tas-Sigurta', l-akkuzati ghandhom il-jedd skont il-ligi li jezercitaw kontroll fuq din it-testimonjanza jekk jidhrilhom opportun.

Illi l-Qorti b'hekk iddisponiet mill-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-akkuzati u mill-Avukat Generali sal-lum.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet kollha imressqa mill-akkuzati, tichad ukoll l-eccezzjonijiet imqanqla mill-Avukat Generali rigward l-amissibbilita' tal-evidenza indikata mill-akkuzati, b'dan madanakollu illi fi stadju opportun il-Qorti ser tindirizza lil gurati u twissiehom fuq il-valur probatorju tal-evidenza u l-piz li ghandha tinghata lill-istess fid-deliberazzjoni finali qabel ma jasslu ghal verdett taghhom. Illi l-Qorti ghalhekk tidderigi lill-partijiet jikkonformaw rwiehhom ma' din is-sentenza fil-produzzjoni tal-evidenza, b'dan illi fl-ebda mument matul ic-celebrazzjoni tal-guri ma ghandha issir referenza ghal precedenti penali tal-akkuzati hlief jekk jikkonkorru c-cirkostanzi ravvizati fl-artikoli 459A u 489 tal-Kodici Kriminali.

Tiddifferixxi l-kawza *"sine die",* sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' xi appell eventwali, u jekk ma jkunx hemm tali appell, sakemm il-kawza jmissha t-turn taghha biex tinstema' minn din il-Qorti bil-gurati.

B'riserva ta' kull jedd spettanti lill-akkuzati li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri fir-rigward tal-provi godda li tressqu quddiem l-Istruttorja wara l-prezentata tal-Att tal-Akkuza.

Edwina Grima

Imhallef